# Manwal Prattiku għall-Awtoritajiet Kompetenti: il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal, il-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar il-Liġi Applikabbli (il-Manteniment) u r-Regolament tal-Unjoni Ewropea tal-2009 dwar il-Manteniment

## Ottubru 2013

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda tar-responsabbiltà:** Dan il-Manwal Prattiku ġie żviluppat fil-qafas ta' Proġett immexxi mill-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Rumanija "It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji relatati mal-obbligi ta' manteniment" – ftehim ta' għotja numru JUST/2010/JCIV/AG/0026 u twettaq bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea, taħt il-Programm "Ġustizzja Ċivili". Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni huma r-responsabbiltà waħdanija tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Rumanija u b'ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala li jirriflettu l-opinjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.

**<u>Awturi</u>**

**Philippe Lortie, l-Ewwel Segretarju, l-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja**
**Maja Groff, Uffiċjal Legali Anzjana, l-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja**

**<u>Esperti kkonsultati</u>**

**Ian Curry-Sumner, Konsulent, *Voorts Juridische Diensten*, il-Pajjiżi l-Baxxi**
**Michael Grabow, Imħallef tal-Qorti tal-Familja, Berlin, il-Ġermanja**
**Hannah Roots, Direttriċi Maniġerjali tal-Programm ta' Infurzar tal-Manteniment, British Columbia, il-Kanada**

**Noti f'qiegħ il-paġni u test dwar il-liġi Rumena:**
**Viviana Onaca, Direttriċi, il-Ministeru tal-Ġustizzja, ir-Rumanija**
**Ioana Burduf, Konsulenta, il-Ministeru tal-Ġustizzja, ir-Rumanija**

## Il-Werrej

**Paġna**


**INTRODUZZJONI: IL-KONVENZJONI TAL-AJA TAL-2007 DWAR IL-MANTENIMENT GĦAT-TFAL U R-REGOLAMENT TAL-UE TAL-2009 DWAR IL-MANTENIMENT ..... XI**

A. Xi jkopri dan il-Manwal (u x'ma jkoprix) ..... xi
B. Kif inhu strutturat il-Manwal ..... xii
C. Kif għandu jintuża l-Manwal ..... xiii
D. Sorsi oħrajn ta' informazzjoni ..... xiii
E. Xi pariri finali ..... xiv

**KAPITOLU 1 -INTRODUZZJONI GĦAT-TIPI TA' APPLIKAZZJONIJIET U TALBIET SKONT IL-KON**

**I. Is-Sistema ta' Kooperazzjoni tal-Awtorità Ċentrali ..... 16**

A. Introduzzjoni għas-Sistema ta' Kooperazzjoni tal-Awtorità Ċentrali ..... 16
B. Funzjonijiet speċifiċi tal-Awtorità Ċentrali ..... 16

**II. Kapitolu 1 Ħarsa Ġenerali ..... 17**

**III. Deskrizzjoni tal-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ..... 18**

A. Ħarsa ġenerali tal-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament ..... 18
1. Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni eżistenti ..... 19
2. Applikazzjoni għall-Infurzar ta' Deċiżjoni Meħuda jew Rikonoxxuta fl-Istat rikjest ..... 20
3. Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni ..... 22
4. Applikazzjoni għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti ..... 23

B. Talba għal Miżuri Speċifiċi ..... 24
C. Ħarsa ġenerali lejn it-talbiet diretti lill-awtoritajiet kompetenti skont il-Konvenzjoni u r-Regolament ..... 25

**KAPITOLU 2 SPJEGAZZJONI TAT-TERMINI: IL-KONVENZJONI TAL-2007 ..... 26**

A. L-iskop ta' dan il-Kapitolu ..... 26
B. Termini użati f'dan il-Manwal ..... 26

**KAPITOLU 3 -MATERJI TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI: IL-KONVENZJONI TAL-2007 U R-REGO**

**I. L-iskop ta' dan il-Kapitolu ..... 39**

**PARTI I – IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI TAL-2007 U TAR-REGOLAMENT TAL-2009 ..... 40**

**I. Materji b'kamp ta' applikazzjoni ġenerali li huma komuni għall-Konvenzjoni tal-2007 u għar-Regolament tal-2009 ..... 40**

A. Il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009: ebda effett fuq ir-relazzjonijiet familjari ..... 40
B. Strumenti jew ftehimiet internazzjonali oħrajn li jikkonċernaw il-manteniment ..... 40

**II. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-2007 ..... 41**

A. Ħarsa ġenerali: Il-Kamp ta' Applikazzjoni Sostantiv tal-Konvenzjoni ..... 41
B. L-applikabbiltà sostantiva ewlenija – l-obbligi ta' manteniment ..... 42
1. Manteniment tat-tfal ..... 42
2. Manteniment tal-miżżewġin ..... 42
3. Riżervi u dikjarazzjonijiet ..... 43

4. L-effett tar-riżervi għal-limitazzjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ..... 43
5. L-effett tad-dikjarazzjonijiet għall-estensjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ..... 44
6. Eżempji ta' kawżi ..... 44
C. Dikjarazzjonijiet u riżervi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni ..... 47
1. Manteniment tat-tfal – l-età tal-persuna minorenni ..... 47
2. Manteniment tal-miżżewġin ..... 47
3. Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja ..... 47
4. L-arranġamenti għal manteniment ..... 47
D. Il-Kamp ta' Applikazzjoni Ġeografiku u Temporali tal-Konvenzjoni 47
1. Dispożizzjonijiet dwar il-bidu u dispożizzjonijiet ġenerali ..... 47
2. Regoli tranżitorji u l-koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn ..... 48

**III. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT TAL-2009 ..... 48**

A. Il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tar-Regolament ..... 48
B. Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-Regolament ..... 49
C. Il-kamp ta' applikazzjoni temporali tar-Regolament ..... 49
1. Dispożizzjonijiet dwar il-bidu u dispożizzjonijiet tranżitorji ..... 49
2. Il-koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn ..... 50

**IV. FATTURI OĦRAJN LI JIRREGOLAW L-APPLIKABBILTÀ TAL-KONVENZJONI U TAR-REGOLAMENT 51**

1. Il-partijiet jirrisjedu fi Stati Kontraenti jew fi Stati Membri? ..... 51
2. L-applikant huwa debitur jew kreditur? ..... 51
3. L-applikant għandu deċiżjoni dwar manteniment? ..... 52
4. Fejn ittieħdet id-deċiżjoni tal-manteniment? ..... 53
5. Fejn huwa abitwalment residenti l-kreditur? ..... 53

**PARTI II — MATERJI KOMUNI GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET U T-TALBIET SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 U R-REGOLAMENT TAL-2009 ..... 54**

**I. Il-lingwa skont il-Konvenzjoni tal-2007 ..... 54**

A. Il-lingwa tal-applikazzjoni u tad-dokumenti ..... 54
B. Eċċezzjonijiet għat-traduzzjoni ..... 54

**II. Il-lingwa skont ir-Regolament tal-2009 ..... 55**

A. Ir-rekwiżiti ġenerali tar-Regolament għal-lingwa tal-applikazzjonijiet u tad-dokumenti (l-Artikoli 59 u 55) ..... 55
B. Rekwiżiti ta' traduzzjoni skont ir-Regolament fir-rigward ta' ċerti talbiet u applikazzjonijiet ..... 55

**III. Il-legalizzazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ..... 56**

**IV. Prokura skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ..... 56**

**V. Firem u kopji ċċertifikati ta' dokumenti skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ..... 56**

A. Il-Konvenzjoni ..... 56
B. Ir-Regolament ..... 56

**VI. Il-protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ..... 57**

A. Il-Konvenzjoni (l-Artikoli 38-40) ..... 57
B. Ir-Regolament (l-Artikoli 61-63 u l-Artikolu 57(3)) ..... 58

**VII. Aċċess effettiv għall-proċeduri u l-assistenza legali skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ..... 59**

A. Ħarsa ġenerali 59

1. Aċċess effettiv għall-proċeduri / aċċess għall-ġustizzja skont il-Konvenzjoni u r-Regolament ........ 59

2. Assistenza legali / għajnuna legali ........ 59

B. Rekwiżit li tiġi pprovduta assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas 61

1. Applikazzjonijiet minn kreditur ........ 62

2. Applikazzjonijiet minn debitur ........ 65

3. L-ittestjar tal-parentela jew l-ittestjar ġenetiku ........ 66

C. Aċċess effettiv għall-Proċeduri u għall-Assistenza Legali fi [Isem l-Istat] 67

**VIII. Miżuri Provviżorji u Protettivi skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009 ........ 67**

A. L-assistenza tal-Awtorità Ċentrali fir-rigward tal-miżuri provviżorji skont il-Konvenzjoni u r-Regolament ........ 67

B. Miżuri provviżorji u protettivi li huma uniċi għar-Regolament 68

1. Miżuri provviżorji meħuda fl-Istat tal-oriġini ........ 68

2. Miżuri provviżorji jew protettivi fi Stati oħrajn għajr l-Istat tal-oriġini ta' deċiżjoni ........ 68

3. Miżuri provviżorji li għadhom qegħdin jistennew rikonoxximent, rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà/infurzar ta' deċiżjoni fi Stat Membru ieħor taħt it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV ........ 68

**IX. Konvenzjonijiet u Regolamenti oħrajn dwar in-notifika tad-dokumenti u l-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż ........ 69**

A. Ħarsa ġenerali ........ 69

B. Il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika ta' Proċess Barra l-Pajjiż ........ 70

C. Il-Konvenzjoni tal-1970 dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda Barra l-Pajjiż ........ 70

D. Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali ........ 71

E. Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika tad-dokumenti) ........ 71

**X. Il-valutazzjoni tal-Parità tal-Kapaċità tal-Akkwist: l-aġġustament transkonfinali tal-ammonti ta' manteniment ........ 72**

**KAPITOLU 4 –REGOLAMENT TAL-2009: REGOLI DIRETTI DWAR IL-ĠURIŻDIZZJONI ........ 73**

A. Introduzzjoni ........ 73

B. L-Artikolu 3 tar-Regolament: dispożizzjonijiet ġenerali ........ 74

C. L-Artikolu 4 tar-Regolament: għażla tal-qorti ........ 74

D. L-Artikolu 5 tar-Regolament: ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut ........ 75

E. L-Artikolu 6 tar-Regolament: ġuriżdizzjoni sussidjarja ........ 75

F. L-Artikolu 7 tar-Regolament: forum necessitatis ........ 75

G. L-Artikolu 8 tar-Regolament: limiti fuq il-proċeduri ........ 76

H. L-Artikolu 9 tar-Regolament: il-qorti vestita ........ 76

I. L-Artikolu 10 tar-Regolament: eżami fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni ........ 77

J. L-Artikolu 11 tar-Regolament: eżami fir-rigward tal-ammissibilità ........ 77

K. L-Artikolu 12 tar-Regolament: lis pendens u l-Artikolu 13: azzjonijiet relatati ........ 77

L. L-Artikolu 14 tar-Regolament: miżuri provviżorji, inkluż dawk protettivi ........ 77

**KAPITOLU 5 -IL-LIĠI APPLIKABBLI SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 U R-REGOLAMENT TA**

A. Il-Konvenzjoni tal-2007 u l-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar il-Liġi Applikabbli ........ 79

B. Ir-Regolament tal-2009 u l-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar il-Liġi Applikabbli 79
C. L-applikazzjoni tal-Protokoll u sommarju tad-dispożizzjonijiet 80
1. Applikazzjoni universali 80
2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll 80
3. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli 81
4. Regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli 81
5. Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri 81
6. Regola speċjali fir-rigward tal-konjuġi u tal-ex-konjuġi 82
7. L-għażla tal-liġi applikabbli mill-partijiet 82
8. Korpi pubbliċi 83
9. Id-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment 83

**KAPITOLU 6 - IT-TIFTIX U L-AĊĊERTAZZJONI TAL-LIĠI BARRANIJA 84**

A. Introduzzjoni 84
B. It-tiftix tal-liġi barranija fuq livell globali u fl-Unjoni Ewropea 84
1. Il-Profil tal-Pajjiż skont il-Konvenzjoni tal-2007 84
2. Informazzjoni dwar il-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali skont ir-Regolament tal-2009. 84
3. Riżorsi Ewropej u globali oħrajn fuq l-internet għat-tiftix u l-aċċertazzjoni tal-liġi barranija 84
4. L-AĊĊESS GĦAL U L-AĊĊERTAZZJONI TAL-LIĠI BARRANIJA PERMEZZ TA' TRATTATI JEW MEKKANIŻMI TA' KOOPERAZZJONI LEGALI **86**

**KAPITOLU 7 -IL-KONVENZJONI TAL-2007: L-IPPROĊESSAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET LI JIDĦ**

**PARTI I — APPLIKAZZJONIJIET PERMEZZ TAL-AWTORITAJIET ĊENTRALI GĦAR-RIKONOXXIMENT JEW GĦAR-RIKONOXXIMENT U L-INFURZAR 88**

**I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali 88**

A. Prinċipji ġenerali 88
B. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri 88
C. Meta tintuża din l-applikazzjoni 90
D. Eżempju ta' każ 90
E. Min jista' japplika 91

**II. Il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar spjegat fil-qosor 91**

**III. Proċeduri 93**

A. Verifika preliminari tad-dokumenti li jidħlu u materji preliminari oħrajn 93
1. Reviżjoni inizjali tad-dokumenti 93
2. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar hija l-applikazzjoni xierqa? 93
3. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ġew issodisfati? 93
4. Check the documents for completeness 94
5. Ivverifika d-dokumenti għall-kompletezza 96
6. Jekk id-dokumentazzjoni tkun inkompleta 96
7. Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa 96
B. Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni mill-awtorità kompetenti 97
1. Dikjarazzjoni tad-deċiżjoni bħala infurzabbli jew reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għall-infurzar 98
2. Rifjut għad-dikjarazzjoni tad-deċiżjoni bħala infurzabbli jew għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni għall-infurzar 98
3. Inforza d-deċiżjoni 99
4. Notifika lill-applikant u lill-konvenut 99
5. Oġġezzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar minn konvenut jew applikant 99
C. Ir-rikonoxximent u l-infurzar – eżiti tal-applikazzjoni 101
1. Ir-rikonoxximent u l-infurzar 101

2. Eżiti oħrajn ..... 101
D. Il-komunikazzjoni mal-Istat rikjedenti 102
**IV. Aspetti oħrajn: l-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar ..... 103**
A. Applikazzjonijiet għal rikonoxximent imressqa minn debitur ..... 103
1. Ġenerali ..... 103
2. Meta tista' tintuża din l-applikazzjoni minn debitur ..... 103
3. Il-proċeduri ..... 104
4. Ir-restrizzjonijiet fuq ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet immodifikati ..... 104
B. L-arranġamenti għal manteniment ..... 104
1. Differenzi ewlenin ..... 104
2. Il-proċeduri ..... 105
3. It-tlestija tal-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar ..... 105
**V. Ir-rikonoxximent u l-infurzar – kwistjonijiet oħrajn ..... 105**
A. Assistenza legali ..... 105
B. Kwistjonijiet ta' infurzar ..... 106
Il-konverżjoni tal-valuta ..... 106
C. Eċċezzjonijiet u riżervi rilevanti ..... 106
**VI. Materjali addizzjonali ..... 107**
A. Parir prattiku ..... 107
B. Formoli relatati ..... 107
C. Artikoli tal-Konvenzjoni ..... 107
D. Kapitoli relatati tal-Manwal ..... 108
**VII. Lista ta' kontroll – L-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar ..... 108**
**VIII. Mistoqsijiet Frekwenti ..... 108**
**PARTI II — TALBIET DIRETTI GĦAL RIKONOXXIMENT JEW GĦAL RIKONOXXIMENT U INFURZAR ..... 110**
**I. Ħarsa ġenerali ..... 110**
Dokumenti li għandhom jiġu inklużi fit-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ..... 110
A. Tipi ta' talbiet diretti li jidħlu għal rikonoxximent u infurzar ..... 112
**II. MATERJALI ADDIZZJONALI ..... 114**
A. Parir prattiku ..... 114
B. Formoli relatati ..... 114
C. Artikoli Rilevanti ..... 114
**III. Mistoqsijiet Frekwenti ..... 114**
**KAPITOLU 8 –REGOLAMENT TAL-2009: L-IPPROĊESSAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET LI JIDĦLU PERMEZZ TAL-AWTORITAJIET ĊENTRALI U TAT-TALBIET DIRETTI GĦAR-RIKONOXXIMENT JEW GĦAR-RIKONOXXIMENT U D-DIKJARAZZJONI TAL-INFURZABBILTÀ ..... 116**
**PARTI I — APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-RIKONOXXIMENT JEW GĦAR-RIKONOXXIMENT U D-DIKJARAZZJONI TAL-INFURZABBILTÀ ..... 116**
**I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali ..... 116**
A. Prinċipji ġenerali ..... 116
B. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri ..... 117
C. Meta tintuża din l-applikazzjoni ..... 119
D. Eżempju ta' każ ..... 119

E. Min jista' japplika 119

**II. Proċeduri: Materji preliminari komuni għall-applikazzjonijiet taħt it-Taqsima 1 u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament 120**

A. Verifika preliminari tad-dokumenti li jidħlu 120

1. Reviżjoni inizjali tad-dokumenti 120
2. L-applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà hija l-applikazzjoni xierqa? 120
3. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tar-Regolament ma ġewx issodisfati? 121
4. Ivverifika d-dokumenti għall-kompletezza 121
5. Informazzjoni u dokumenti ta' sostenn meħtieġa 121
6. Itlob dokumenti addizzjonali 123
7. Fittex il-post fejn jinsab il-konvenut 123

**III. Proċeduri: Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tad-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti 124**

A. Dispożizzjonijiet komuni għat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (deċiżjonijiet meħuda minn Stati Membri marbuta u minn dawk li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) 124

1. Infurzabbiltà provviżorja (Art. 39) 124
2. L-invokazzjoni ta' deċiżjoni rikonoxxuta (Art. 40) 124
3. Il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-infurzar (Art. 41) 124
4. Ebda reviżjoni rigward is-sustanza (Art. 42) 125
5. Ebda preċedenza għall-irkupru tal-ispejjeż (Art. 43) 125

B. Il-proċeduri skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament: Stati Membri marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 125

1. Irrikonoxxi d-deċiżjoni 125
2. Ħu l-miżuri protettivi neċessarji 125
3. Inforza d-deċiżjoni 125
4. Innotifika lill-konvenut u lill-applikant 125
5. Id-dritt tal-konvenut li japplika għal reviżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini (Art. 19) 125
6. Applikazzjonijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-infurzar 126
7. Nuqqas ta' effett fuq l-eżistenza ta' relazzjonijiet familjari 126

C. Il-proċeduri skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament: Stati Membri marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007. 127

1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri stipulati fit-Taqsima 2 127
2. Rikonoxximent (Art. 23) 127
3. Dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (l-Artikoli 26-30) 127
4. Give notice of the decision on the application for a declaration (Art. 31) 128
5. Appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għad-dikjarazzjoni (l-Artikoli 32-34) 128
6. Raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent (Art. 24) 129
7. Sospensjoni tal-proċeduri ta' rikonoxximent (Art. 25) 129
8. Sospensjoni tal-proċeduri (Art. 35) 129
9. Miżuri provviżorji, inkluż dawk protettivi (Art. 36) 129
10. Infurzabbiltà parzjali (Art. 37) 130
11. Ebda ħlas, dazju jew imposta (Art. 38) 130
12. Infurzar 130

D. Il-komunikazzjoni mal-Istat rikjedenti 130

**IV. Aspetti oħrajn: Applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà 130**

A. Applikazzjonijiet għal rikonoxximent imressqa minn debitur 130

1. Ġenerali 130
2. Meta tista' tintuża din l-applikazzjoni minn debitur 131
3. Proċeduri 131
4. Ir-restrizzjonijiet fuq ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet immodifikati 131

B. Is-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi 132
**V. Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà – Kwistjonijiet oħrajn 132**
A. Assistenza legali 132
B. Kwistjonijiet ta’ infurzar 132
Il-konverżjoni tal-valuta 132
**VI. Materjali addizzjonali 133**
A. Parir prattiku 133
B. Formoli relatati 133
C. Artikoli tar-Regolament 133
D. Kapitoli relatati tal-Manwal 133
**VII. Lista ta’ kontroll – L-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar 134**
**VIII. Mistoqsijiet Frekwenti 134**
**IX. Talbiet diretti: Ħarsa ġenerali 135**
**KAPITOLU 9 -L-IPPROĊESSAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET LI JIDĦLU GĦALL-INFURZAR TAD-DE**
**I. Ħarsa ġenerali – Applikazzjonijiet għall-infurzar ta’ deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009 136**
A. Meta tintuża din l-applikazzjoni 136
B. Eżempji ta’ kawżi 137
C. Differenza importanti – applikazzjonijiet għall-infurzar ta’ deċiżjoni tal-Istat stess 137
**II. L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-infurzar 138**
1. Kun żgur li d-dokumenti huma kompleti 138
2. Huwa “evidenti” li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati? 142
3. Fittex il-post fejn jinsab il-konvenut 142
4. Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa 143
5. Ibda l-proċess tal-infurzar 143
**III. Materjali addizzjonali 143**
A. Parir prattiku 143
B. Formoli relatati 143
C. Artikoli Rilevanti 143
D. Kapitoli relatati tal-Manwal 144
**IV. Lista ta’ kontroll – it-talbiet li jidħlu għall-infurzar 144**
**V. Mistoqsijiet Frekwenti 144**
**VI. Talbiet diretti għall-infurzar ta’ deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fi [Name of State] 144**
**KAPITOLU 10 -L-IPPROĊESSAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET LI JIDĦLU GĦALL-ISTABBILIMENT T**
**I. Ħarsa ġenerali 145**
A. Meta tintuża din l-applikazzjoni 145
B. Eżempju ta’ każ 145
C. Min jista’ japplika għall-istabbiliment ta’ deċiżjoni dwar manteniment? 146
D. L-istabbiliment ta’ deċiżjoni dwar manteniment fejn deċiżjoni eżistenti ma tistax tiġi rikonoxxuta 146
1. Skont il-Konvenzjoni 146

2. Skont ir-Regolament ... 147

**II. L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009 ... 147**

A. Ġenerali ... 147

B. Flowchart ... 148

C. Il-passi fil-proċess tal-istabbiliment ... 149

1. Kunsiderazzjoni inizjali mill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] ... 149
2. L-istabbiliment tad-deċiżjoni dwar il-manteniment - l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti ... 150

**III. MATERJALI ADDIZZJONALI ... 153**

A. Parir prattiku ... 153

B. Formoli relatati ... 153

C. Artikoli Rilevanti ... 153

D. Kapitoli relatati tal-Manwal ... 154

**IV. Lista ta' Kontroll – L-applikazzjonijiet li jidħlu għall-istabbiliment ... 154**

**V. Mistoqsijiet Frekwenti ... 154**

**VI. TALBIET DIRETTI GĦALL-ISTABBILIMENT TAD-DEĊIŻJONIJIET ... 156**

**KAPITOLU 11 – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-MODIFIKAZZJONI TA' DEĊIŻJONI: L-ARTIKOLU 10(1) E) U F) U 10(2) B) U Ċ) TAL-KONVENZJONI TAL-2007; U L-ARTIKOLU 56(1) E) U F) U 56(2) B) U Ċ) TAR-REGOLAMENT TAL-2009 ... 157**

**PARTI I – INTRODUZZJONI ... 157**

**I. ĦARSA ĠENERALI – IL-MODIFIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONIJIET DWAR MANTENIMENT SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 U R-REGOLAMENT TAL-2009 ... 157**

A. Ġenerali ... 157

B. Fejn tista' titressaq talba diretta jew applikazzjoni għal modifikazzjoni u applikazzjoni li ssir skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament hija possibbli? ... 159

**PARTI II – L-IPPROĊESSAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET LI JIDĦLU GĦAL MODIFIKAZZJONI ... 160**

**I. Proċeduri — l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti ... 160**

1. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati? ... 160
2. Id-dokumenti u l-informazzjoni huma kompleti? ... 161
3. Dokumenti inkompleti? ... 161
4. Hemm xi kunsiderazzjonijiet preliminari? ... 162
5. Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa ... 162
6. L-ipproċessar tal-applikazzjoni għal modifikazzjoni ... 162
7. Wara li tittieħed id-deċiżjoni ... 164

**II. LISTA TA' KONTROLL – L-APPLIKAZZJONIJIET LI JIDĦLU GĦAL MODIFIKAZZJONI ... 164**

**III. MATERJALI ADDIZZJONALI ... 165**

A. Pariri prattiċi għall-applikazzjonijiet jew għat-talbiet kollha għal modifikazzjoni 165

B. Formoli relatati ... 165

C. Artikoli Rilevanti ... 165

D. Kapitoli relatati tal-Manwal ... 166

**IV. Mistoqsijiet Frekwenti ... 166**

**V. Talbiet diretti għall-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet 167**

**KAPITOLU 12 - L-INFURZAR TAD-DEĊIŻJONIJIET DWAR MANTENIMENT SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 U R-REGOLAMENT TAL-2009 169**

**I. ĦARSA ĠENERALI 169**

A. Introduzzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament 169

**II. INFURZAR SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 170**

A. Proċessi ta' infurzar ġenerali 170

B. Infurzar mingħajr dewmien 171

C. Miżuri ta' infurzar 171

**III. INFURZAR SKONT IR-REGOLAMENT TAL-2009 (Art. 41) 173**

**IV. INFORMAZZJONI ULTERJURI DWAR IL-PROĊEDURI TA' INFURZAR FI [Isem l-Istat] 174**

**V. PAGAMENTI SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 U R-REGOLAMENT TAL-2009 174**

**VI. KWISTJONIJIET TA' INFURZAR OĦRAJN 175**

1. Sfidi għall-infurzar 175
2. Il-Konvenzjoni (u r-Regolament): limitazzjoni fuq il-ġbir tal-arretrati 175
3. Il-Konvenzjoni tal-2007: id-durata tal-obbligu għal manteniment 176
4. Tilwimiet dwar l-arretrati skont il-Konvenzjoni u r-Regolament 177
5. Ir-rikonċiljazzjoni tal-kontijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament – kwistjonijiet relatati mal-konverżjoni tal-valuta 178

**VII. MATERJALI ADDIZZJONALI 179**

A. Parir prattiku 179

B. Artikoli Rilevanti 179

C. Kapitoli relatati tal-Manwal 179

**VIII. MISTOQSIJIET FREKWENTI 180**

# Introduzzjoni: Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal u r-Regolament tal-UE tal-2009 dwar il-Manteniment

1. *Il-Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja* (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-2007") hija pass importanti 'l quddiem fil-ħolqien ta' sistema kost-effettiva, aċċessibbli u ssimplifikata għall-irkupru internazzjonali tal-manteniment.

2. *Ir-Regolament tal-KE Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati mal-obbligi tal-manteniment* (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-2009") ġie konkluż wara l-Konvenzjoni, u ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu jirriflettu dawk tal-aħħar strument, madankollu b'xi differenzi importanti.[1] Ir-Regolament huwa applikabbli fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mit-18 ta' Ġunju 2011.[2]

3. Barra minn hekk, il-*Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi tal-Manteniment* (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll tal-2007") ġie konkluż fl-istess żmien tal-Konvenzjoni u huwa applikabbli madwar l-Unjoni Ewropea kollha (minbarra fid-Danimarka u fir-Renju Unit) mit-18 ta' Ġunju 2011 (ara l-Kapitolu 5 għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll tal-2007).

4. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, kemm jekk imħallfin li jaġixxu fil-qrati jew inkella awtoritajiet amministrattivi, u awtoritajiet kompetenti oħrajn,[3] li jiġġestixxu l-kawżi, jirċievu l-applikazzjonijiet u li jaħdmu fl-Istat tagħhom stess sabiex jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' manteniment b'mod effettiv, huma fil-qalba tat-twaqqif u l-infurzar tal-manteniment internazzjonali. Id-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom sabiex jgħinu lit-tfal u lill-familji jiżguraw l-operat b'suċċess tal-Konvenzjoni u tar-Regolament.

5. Dan il-Manwal huwa intiż biex ikun gwida prattika għall-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn u sabiex jassisti fil-ġestjoni tal-kawżi minnhom taħt l-istrumenti msemmija fuq. Huwa nkiteb sabiex jassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn fit-tipi kollha ta' sistemi legali, kemm jekk ikunu jaħdmu fi Stati kbar b'sistemi kompjuterizzati kumplessi tat-teknoloġija tal-informatika, illi jiġġestixxu mijiet ta' kawżi, kif ukoll fi Stati b'inqas kawżi. Il-manwal jindirizza l-kwistjonijiet u l-proċessi li jiġu ffaċċjati fl-indirizzar ta' firxa ta' kawżi internazzjonali dwar il-manteniment.

## A. Xi jkopri dan il-Manwal (u x'ma jkoprix)

6. Dan il-Manwal huwa maħsub biex jassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn fil-ġestjoni prattika tal-kawżi skont il-Konvenzjoni u skont ir-Regolament. Huwa importanti li wieħed jiftakar li **dan mhuwiex gwida legali għall-Konvenzjoni jew għar-Regolament u ma jipprovdix pariri legali**. Minħabba li dan il-manwal iservi bħala gwida primarjament tal-elementi internazzjonali ta' kawżi skont il-Konvenzjoni u r-Regolament, huwa ma jkoprix kull aspett tal-ġestjoni ta' kawżi

[1] Id-differenzi ewlenin ikunu l-inklużjoni ta' regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni fir-Regolament (ara l-Kapitolu 4), l-applikabbiltà tal-*Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* (il-"Protokoll") fil-biċċa l-kbira tal-Istati tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament (ara l-Kapitolu 5) u ż-żewġ binarji proċedurali għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li huma marbuta jew mhux marbuta bil-Protokoll (ara l-Kapitolu 8). Dawn u xi differenzi żgħar oħrajn bejn iż-żewġ strumenti jissemmew matul dan il-Manwal.

[2] Madankollu, ir-Regolament mhuwiex applikabbli b'mod sħiħ fid-Danimarka. Ir-Regolament japplika għad-Danimarka safejn jimmodifika r-Regolament Brussell I, *infra*, in-nota 8. L-Art. 76 tar-Regolament jistipula li l-Artikoli 2(2), 47(3), 71, 72 u 73 tiegħu japplikaw mit-18 ta' Settembru 2010. Għal diskussjoni ulterjuri dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, ara l-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima III 0ta' dan il-Manwal.

[3] L-awtoritajiet kompetenti implikati fil-funzjonament tar-Regolament u tal-Konvenzjoni għandhom jinkludu l-awtoritajiet tal-infurzar kompetenti ta' Stat partikolari, meta jiġi mfittex l-infurzar ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. L-Art. 20 tar-Regolament jirreferi speċifikament għall-awtoritajiet tal-infurzar kompetenti.

internazzjonali. Il-kawżi internazzjonali xorta huma soġġetti għal proċessi domestiċi bħall-proċeduri għall-infurzar. F'dan il-Manwal hija inkluża xi informazzjoni dwar il-liġi domestika rilevanti (ħafna drabi fin-noti f'qiegħ il-paġni), iżda din l-informazzjoni ma għandhiex titqies bħala eżawrjenti.

7. Il-Konvenzjoni kienet ir-riżultat ta' negozjati mifruxa fuq erba' snin u li kienu jinvolvu aktar minn 70 Stat, filwaqt li r-Regolament kien ir-riżultat ta' negozjati addizzjonali fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Ħafna kwistjonijiet ġew diskussi matul in-negozjati, l-għoti ta' informazzjoni u t-tiswir tat-testi tal-Konvenzjoni u tar-Regolament, li fl-aħħar mill-aħħar intlaħaq qbil fuqhom. Fir-Rapport komprensiv ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni huma pprovduti spjegazzjonijiet iddettaljati ħafna tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u l-istorja tan-negozjati.[4] Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jipprovdi l-bażi legali u interpretazzjoni xierqa ta' kull dispożizzjoni tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, huwa disponibbli wkoll Rapport ta' Spjegazzjoni awtorevoli u ddettaljat simili dwar il-Protokoll.[5] Fil-mument li kien qiegħed jitfassal dan il-Manwal, ma kien disponibbli ebda dokument ta' spjegazzjoni bħal dan għar-Regolament.

8. B'kuntrast ma' Rapport ta' Spjegazzjoni, dan il-Manwal jipprovdi spjegazzjoni prattika u operattiva tal-proċessi tal-Konvenzjoni u tar-Regolament u jiddiskuti l-mod kif effettivament jaħdmu fil-prattika l-kawżi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Għal interpretazzjoni legali tal-Konvenzjoni, tar-Regolament jew tal-Protokoll, jeħtieġ li wieħed jikkonsulta r-Rapport ta' Spjegazzjoni jew dokumenti awtorevoli simili u, matul iż-żmien, il-każistika li tiżviluppa fir-rigward tal-interpretazzjoni tat-tliet strumenti.

9. B'hekk, il-Manwal ma jipprovdix tweġibiet jew gwida għall-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw f'kawżi internazzjonali. Il-prattika domestika u l-liġi domestika f'kull Stat jiddeterminaw, pereżempju, id-dokumenti li għandhom jintużaw sabiex jipprovdu notifika tal-applikazzjonijiet tal-Konvenzjoni u tar-Regolament lill-partijiet, jew inkella l-forma li għandha tieħu deċiżjoni dwar il-manteniment. Għalhekk, filwaqt li l-Manwal jista' jkun sors ta' informazzjoni għall-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn rigward l-operat prattiku tal-Konvenzjoni u tar-Regolament, huwa dejjem għandu jiġi ssupplimentat minn kunsiderazzjoni sħiħa tal-prattika u tal-liġi domestika f'kull Stat.

## B. Kif inhu strutturat il-Manwal

10. Dan il-Manwal mhuwiex maħsub biex jinqara minn qoxra sa qoxra jew mill-bidu sal-aħħar.

11. Minflok, huwa maqsum f'partijiet differenti, li primarjament ikopru kull tip ta' applikazzjoni jew talba li tista' ssir skont il-Konvenzjoni jew skont ir-Regolament (il-Kapitoli 7 sa 12). Kull applikazzjoni jew talba tinvolvi żewġ Stati – Stat mittenti, imsejjaħ Stat rikjedenti, u Stat riċeventi, imsejjaħ Stat rikjest.

12. Kull Kapitolu jinkludi kemm diskussjoni tal-applikazzjoni nnifisha, meta din tista' tintuża u eżempji ta' kawżi, kif ukoll numru ta' flowcharts, flimkien ma' proċeduri pass b'pass għall-ġestjoni tal-applikazzjoni jew tat-talba. Fl-aħħar ta' kull kapitolu, ta' spiss isiru referenzi għal materjal addizzjonali, kif ukoll Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs).

13. Hemm għadd ta' materji li huma komuni għall-applikazzjonijiet u t-talbiet kollha, u minflok jiġu ripetuti f'kull kapitolu, huma stipulati fl-ewwel Parti tal-Manwal, fil-Kapitoli 1 u 3. Dawn il-kapitoli jinkludu spjegazzjoni qasira ta' kull wieħed mit-tipi ta' applikazzjonijiet jew talbiet possibbli u mbagħad jirreferu lill-qarrej għall-Kapitolu xieraq tal-Manwal għall-ispjegazzjoni ddettaljata.

---

[4] A. Borrás u J. Degeling, Rapport ta' Spjegazzjoni — *Il-Konvenzjoni dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja,* disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

[5] A. Bonomi, Rapport ta' Spjegazzjoni — *Il-Protokoll tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi għal Manteniment*, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

14. Il-Kapitolu 3 jinkludi wkoll analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni u tar-Regolament – liema tipi ta' obbligi ta' manteniment huma koperti mill-Konvenzjoni jew mir-Regolament u liema mhumiex – u spjegazzjonijiet dwar l-estensjonijiet jew il-limitazzjonijiet possibbli għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ma hija permessa ebda riserva skont ir-Regolament). Il-Kapitolu 3 jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u temporali tal-Konvenzjoni u tar-Regolament. Fl-aħħar nett, hemm diskussjoni ta' kwistjonijiet ġenerali bħal rekwiżiti lingwistiċi, l-importanza tal-protezzjoni ta' informazzjoni personali u l-għoti ta' aċċess effettiv għal proċeduri, assistenza legali u għajnuna legali f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament.

15. Il-Kapitolu 2 jinkludi spjegazzjonijiet għat-termini użati l-aktar komuni fil-Manwal fir-rigward tal-Konvenzjoni.[6] Dawn mhumiex definizzjonijiet legali. Il-Konvenzjoni u r-Regolament infushom jiddefinixxu wħud mit-termini użati. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi li "fl-interpretazzjoni tagħha, għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-karattru internazzjonali tagħha u lill-ħtieġa ta' promozzjoni tal-uniformità fl-applikazzjoni tagħha".[7]

16. L-ispjegazzjonijiet fil-Kapitolu 2 huma inklużi sabiex jassistu fil-fehim tal-lingwa u tal-intenzjoni tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari f'dawk l-oqsma fejn il-kunċetti jew il-kelmiet li jintużaw ikunu pjuttost differenti minn dawk li jistgħu jintużaw fil-liġi jew fil-prattika domestika.

17. Il-Kapitolu 4 jipprovdi informazzjoni dwar ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni unifikati għall-materji li jirrigwardjaw il-manteniment li jkunu applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

18. Il-Kapitolu 5 jipprovdi sommarju tal-Protokoll tal-2007, li jiddetermina r-regoli tal-liġi applikabbli għall-materji ta' manteniment fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament, kif ukoll fl-Istati mhux Ewropej li huma Stati Kontraenti għall-Protokoll. Il-Kapitolu 6 jipprovdi informazzjoni u riżorsi dwar kif tinstab u tiġi aċċertata l-liġi barranija, meta din tista' tirriżulta f'waħda meħtieġa matul it-trattament ta' kawżi internazzjonali dwar il-manteniment.

## C. Kif għandu jintuża l-Manwal

19. Jekk m'intix familjari mal-każijiet skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, inti għandek l-ewwel tirrevedi l-Kapitolu 1 – Introduzzjoni għat-tipi ta' applikazzjonijiet u talbiet skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009. Dan għandu jagħtik spjegazzjoni tal-applikazzjonijiet jew tat-talbiet differenti li huma disponibbli skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, kif ukoll indikazzjoni għal-liema Parti ta' dan il-Manwal għandek tirreferi.

20. Imbagħad għaddi għall-Parti I tal-Kapitolu 3 u kun ċert li l-materja li tirrigwardja l-manteniment taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament. Jekk le, dan il-Manwal u l-proċessi tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma japplikawx. Jekk il-materja taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament, mela allura rreferi għall-Kapitolu li jittratta l-applikazzjoni partikolari – u segwi l-proċeduri.

## D. Sorsi oħrajn ta' informazzjoni

21. Lil hinn mit-testi taż-żewġ strumenti, l-aktar sors ta' informazzjoni supplimentari komprensiv u awtorevoli li jikkonċerna t-test tal-Konvenzjoni tal-2007 u tal-Protokoll tal-2007 huma r-Rapporti ta' Spjegazzjoni tagħhom, li saret referenza għalihom aktar 'il fuq. Ħafna mistoqsijiet tekniċi li mhumiex indirizzati f'dan il-Manwal huma mwieġba fir-Rapporti ta' Spjegazzjoni. Minbarra r-Rapporti ta' Spjegazzjoni, hemm għadd sinjifikanti ta' dokumenti u rapporti preliminari li fihom informazzjoni ta' sfond u informazzjoni teknika, li saret referenza għalihom u li ġew aditi matul in-negozjati li wasslu għall-

[6] Fiż-żmien li kien qiegħed jiġi abbozzat dan il-Manwal, ma kien disponibbli ebda glossarju għar-Regolament. Madankollu, iż-żewġ strumenti jistgħu jużaw vokabularju simili jew identiku.
[7] L-Art. 53 tal-Konvenzjoni.

Konvenzjoni u għall-Protokoll. L-aċċess għal dawn ir-rapporti kollha jista' jinkiseb minn fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

22. Ir-Regolament tal-2009 issokta proċess kontinwu ta' unifikazzjoni tar-regoli tal-liġi internazzjonali privata fl-Ewropa. Ħafna mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament huma fil-fatt ibbażati fuq strumenti Ewropej oħrajn li huma diġà fis-seħħ. Tul dan il-Manwal issir referenza għad-dispożizzjonijiet ekwivalenti rilevanti fi strumenti oħrajn (pereżempju r-"Regolament Brussell I",[8] ir-"Regolament Brussell II a"[9] u r-"Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar"[10]). Dawn id-dispożizzjonijiet, flimkien mal-każistika li tikkonċerna dawn id-dispożizzjonijiet, jistgħu jkunu ta' użu fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ġdid dwar il-manteniment.

23. F'termini ġenerali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-ġuriżdizzjoni ekwivalenti tar-Regolament Brussell I. Fil-prinċipju, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV huma bbażati fuq ir-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar, filwaqt li d-dispożizzjonijiet fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV huma bbażati fuq is-sistema ta' rikonoxximent mir-Regolament Brussell I.

24. Il-mistoqsijiet relatati mal-liġijiet u l-prattiki interni ta' Stat f'materji li jikkonċernaw il-manteniment fir-rigward tal-Konvenzjoni jistgħu ta' spiss jiġu mwieġba billi ssir referenza għall-Profil tal-Pajjiż li jkun issottometta Stat Kontraenti mal-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja. Il-Profil tal-Pajjiż jinkludi informazzjoni dwar il-miżuri ta' infurzar, li abbażi tagħhom ġew stabbiliti d-deċiżjonijiet dwar il-manteniment, limitazzjonijiet fuq il-modifikazzjoni u jekk il-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji jintużawx b'mod ġenerali għall-applikazzjonijiet. Il-Profil tal-Pajjiż jinkludi wkoll informazzjoni ta' kuntatt u kwalunkwe rekwiżiti speċjali minn dak l-Istat għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni. Fil-Profil tal-Pajjiż wieħed jista' jsib ukoll links għal siti elettroniċi jew sorsi ta' informazzjoni simili tal-Istat. Il-Profil tal-Pajjiż jista' jinstab fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata.[11]

25. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni simili fir-rigward tar-Regolament mill-Istati tal-Unjoni Ewropea lin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, li għandha tinżamm aġġornata b'mod permanenti.[12] In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali għandu taqsima ddedikata għall-manteniment fuq is-sit elettroniku tiegħu b'links għal informazzjoni speċifika dwar kull pajjiż.[13] L-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn fl-Ewropa ser ikollhom ukoll għad-dispożizzjoni tagħhom il-maġistrat ta' kollegament nazzjonali tagħhom u l-punt(i) ta' kuntatt nazzjonali f'pajjiżi Ewropej oħrajn taħt in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali sabiex jassistu fl-"applikazzjoni effettiva u prattika tal-istrumenti jew il-konvenzjonijiet Komunitarji fis-seħħ bejn żewġ Stati Membri jew aktar".[14]

---

[8] *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali.*

[9] *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru. 1347/2000.*

[10] *Ir-Regolament (KE) Nru. 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati.*

[11] Xi Stati jistgħu jagħżlu li ma jużawx il-formola tal-Profil tal-Pajjiż irrakkomandata, madankollu, l-Art. 57 jitlob lil kull Stat Kontraenti sabiex jipprovdi l-istess tip ta' informazzjoni lill-Uffiċċju Permanenti. Din l-informazzjoni sejra tkun disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

[12] *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.* Dawn id-doveri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni huma skont l-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament. Ara: < http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_en.htm >.

[13] Ara: < http://ec.europa.eu/civiljustice/maintenance_claim/maintenance_claim_gen_en.htm >. Ta' min jinnota li huwa antiċipat li tali informazzjoni sejra tiġi rilokata fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li jinstab fil-link elettronika li ġejja: < https://e-justice.europa.eu/home.do >.

[14] L-Art. 3(2) *b), id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2001/470/KE, supra*, in-nota 12.

26. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn għandhom, ovvjament, jikkonsultaw il-prattiki, il-proċeduri u l-manwali legali domestiċi tagħhom stess, fejn ikun meħtieġ. Billi ħafna Stati diġà għandhom esperjenza sinjifikanti fil-ġestjoni ta' kawżi internazzjonali dwar il-manteniment, f'ħafna Stati hemm minjiera ta' għarfien espert sabiex l-awtoritajiet kompetenti jingħataw assistenza fl-ipproċessar ta' kawżi internazzjonali.

## E. Xi pariri finali

27. Hekk kif tipproċessa l-applikazzjonijiet u tidderieġi t-talbiet skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, inti ser tara enfasi ċara fil-proċeduri fuq il-ħtieġa li l-proċess jinżamm sempliċi kemm jista' jkun, li l-applikazzjonijiet u t-talbiet jitħaffu, li jiġu utilizzati miżuri ta' infurzar effettivi u li tinżamm komunikazzjoni regolari mal-Awtoritajiet Ċentrali, skont kif meħtieġ. Dawn huma tabilħaqq l-aktar objettivi importanti tal-Konvenzjoni u tar-Regolament, kif rifless fl-Art. 1 tal-Konvenzjoni u fil-Premessi 9 u 10 tar-Regolament. Jekk dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti, ikun hemm benefiċċju ċar u dejjiemi għat-tfal u għall-familji madwar id-dinja. Dan kollu jista' jinkiseb permezz tal-ħidma sfiqa u l-isforzi ta' dawk kollha li jiġġestixxu u jipproċessaw il-kawżi, inklużi mħallfin u awtoritajiet kompetenti oħrajn, u huwa ttamat li dan il-Manwal iservi bħala għodda utli sabiex dan ikun jista' jsir realtà.

# Kapitolu 1 – Introduzzjoni għat-tipi ta' applikazzjonijiet u talbiet skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009: applikazzjonijiet mill-Awtoritajiet Ċentrali u talbiet diretti

## I. Is-Sistema ta' Kooperazzjoni tal-Awtorità Ċentrali

### A. Introduzzjoni għas-Sistema ta' Kooperazzjoni tal-Awtorità Ċentrali

28. Elementi kruċjali kemm tal-Konvenzjoni kif ukoll tar-Regolament huma s-sistemi ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti minnhom, bil-għan li jiġi ffaċilitat aħjar l-irkupru transkonfinali effettiv tal-manteniment. Dawn is-sistemi ta' kooperazzjoni amministrattiva, stabbiliti mill-"Awtoritajiet Ċentrali" maħtura fuq livell nazzjonali ma kinux disponibbli taħt il-Konvenzjonijiet tal-Aja l-antiki li jikkonċernaw il-manteniment jew taħt strumenti Ewropej li kienu jkopru dan il-qasam. L-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn ta' spiss jaħdmu mill-qrib mal-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom. Il-funzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu appoġġjati u msaħħa mir-rwol ewlieni li għandu n-netwerk internazzjonali tal-Awtoritajiet Ċentrali u mid-doveri assenjati lilu taħt iż-żewġ strumenti.

### B. Funzjonijiet speċifiċi tal-Awtorità Ċentrali

29. Il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni jistabbilixxi l-funzjonijiet ġenerali u speċifiċi tal-Awtoritajiet Ċentrali, filwaqt li l-Kapitolu III jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-applikazzjonijiet li jsiru mill-Awtoritajiet Ċentrali. Ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet paralleli, b'xi differenzi żgħar, fil-Kapitolu VII tiegħu.

30. Il-Konvenzjoni (l-Art. 6(1)) u r-Regolament (l-Art. 51(1)) jitolbu lill-Awtoritajiet Ċentrali sabiex jipprovdu assistenza fir-rigward tal-applikazzjonijiet imressqa mill-Awtoritajiet Ċentrali skont il-Kapitolu III (l-Art. 10) tal-Konvenzjoni jew il-Kapitolu VII (l-Art. 56) tar-Regolament. B'mod partikolari, huma għandhom:

- jibagħtu u jirċievu l-applikazzjonijiet,
- jibdew jew jiffaċilitaw it-twaqqif tal-proċeduri fir-rigward ta' tali applikazzjonijiet.

> *L-**Awtorità Ċentrali*** hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat kontraenti sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Fi [Isem l-Istat], l-Awtorità Ċentrali [għaż-żewġ strumenti] hija [...].
>
> ***Awtorità kompetenti*** hija l-entità pubblika jew il-persuna fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew tiġi permessa, skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, aġenzija għall-infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni jew mar-Regolament. Fi [Isem l-Istat], l-awtoritajiet kompetenti huma [...].

31. Skont l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 51(2) tar-Regolament, fir-rigward ta' tali applikazzjonijiet, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jieħdu wkoll il-miżuri xierqa kollha:

- fejn mitlub miċ-ċirkostanzi, sabiex jipprovdu jew jiffaċilitaw l-għoti ta' assistenza legali (il-Konvenzjoni) jew għajnuna legali (ir-Regolament) (a),

- sabiex jgħinu fil-lokalizzazzjoni tal-kreditur jew tad-debitur (b),[15]
- sabiex jgħinu ħalli tinkiseb informazzjoni rilevanti dwar id-dħul u, jekk tkun meħtieġa, informazzjoni dwar ċirkostanzi finanzjarji oħrajn tad-debitur jew tal-kreditur, inkluża l-lokalizzazzjoni tal-assi (ċ),[16]
- sabiex jinkoraġġixxu soluzzjonijiet amikevoli bil-għan li jiksbu pagament volontarju ta' manteniment, fejn xieraq, bl-użu ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew proċessi simili (d),
- sabiex jiffaċilitaw l-infurzar kontinwu tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment, inklużi kwalunkwe arretrati (e),
- sabiex jiffaċilitaw il-ġbir u t-trasferiment effiċjenti tal-pagamenti tal-manteniment (f),
- sabiex jiffaċilitaw il-kisba ta' evidenza dokumentarja jew evidenza oħra (g),[17]
- sabiex jipprovdu assistenza fl-istabbiliment tal-parentela, fejn meħtieġ għall-irkupru tal-manteniment (h),
- sabiex jibdew jew jiffaċilitaw it-twaqqif tal-proċeduri bil-għan li jiksbu kwalunkwe miżuri provviżorji meħtieġa li huma territorjali fin-natura tagħhom u li l-iskop tagħhom huwa li jiżguraw l-eżitu ta' applikazzjoni pendenti għal manteniment (i),
- sabiex jiffaċilitaw in-notifika tad-dokumenti (j).[18]

32. Kull Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni, u kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Kooperazzjoni tal-Awtorità Ċentrali,[19] għandhom jaħtru Awtorità Ċentrali (l-Istati b'bosta unitajiet jistgħu jaħtru aktar minn waħda). Kull Stat għandu jispeċifika wkoll liema mit-tipi ta' assistenza msemmija fuq għandhom jitwettqu mill-Awtorità Ċentrali jew minn awtorità kompetenti jew korp pubbliku jew inkella korpi oħrajn f'dak l-Istat Kontraenti jew Stat Membru partikolari taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Ċentrali.[20]

# II. Kapitolu 1 Ħarsa Ġenerali

33. Dan il-Kapitolu jispjega t-tipi ta' applikazzjonijiet u talbiet li jistgħu jsiru permezz ta' Awtorità Ċentrali jew mingħajr l-assistenza ta' Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Huwa antiċipat li l-maġġoranza tal-kawżi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament li sejrin jiġu ttrattati mill-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn ikunu fil-forma ta' applikazzjonijiet li jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u, għalhekk, huwa importanti għall-imħallfin u għal awtoritajiet kompetenti oħrajn li jifhmu l-applikazzjonijiet disponibbli li jistgħu jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, kif ukoll il-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali. L-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn sejrin jittrattaw ukoll kawżi skont il-Konvenzjoni u r-Regolament mibdija permezz ta' talbiet diretti, illi ma jagħmlux użu mis-sistemi tal-Awtorità Ċentrali (ara t-taqsima III.C, *infra*). Il-Kapitolu attwali għandu jinqara flimkien mal-Parti I tal-Kapitolu 3, li tipprovdi informazzjoni essenzjali rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u tar-Regolament u l-applikazzjoni ta' wieħed minn dawn l-istrumenti għal kwalunkwe kawża partikolari.

34. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li dan il-Kapitolu huwa intiż biss biex jipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-tipi differenti ta' applikazzjonijiet u talbiet; aktar informazzjoni ddettaljata

---

[15] Ir-Regolament jispeċifika li tali azzjonijiet imwettqa għandhom ikunu "skont l-Artikoli 61, 62 u 63" tar-Regolament li jittrattaw l-aċċess tal-Awtoritajiet Ċentrali għall-informazzjoni, it-trasmissjoni u l-użu tal-informazzjoni u n-notifika tas-suġġett tad-dejta.

[16] *Ibid*.

[17] Ir-Regolament iżid li l-iffaċilitar tal-kisba ta' evidenza dokumentarja għandu jkun "bla preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru. 1206/2001" (*Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali*). Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX, għal aktar informazzjoni dwar dan ir-Regolament.

[18] Ir-Regolament iżid li l-iffaċilitar tan-notifika tad-dokumenti għandu jkun "bla preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru. 1393/2007" (*Ir-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri tad-dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (in-notifika tad-dokumenti)*). Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX, għal aktar informazzjoni dwar dan ir-Regolament.

[19] Jiġifieri, fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea minbarra fid-Danimarka. Ara l-Kapitolu 3, il-Parti I, *infra*, għal aktar informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-Regolament.

[20] Fi [Isem l-Istat] […].

dwar kull tip ta' applikazzjoni jew talba hija pprovduta fil-kapitoli individwali. Għalhekk, l-eżempji f'dan il-Kapitolu huma neċessarjament limitati għall-aktar użijiet komuni tal-applikazzjonijiet jew tat-talbiet u ma jidħlux fil-livell ta' dettall ipprovdut fil-kapitoli individwali tal-Manwal.

35. Ladarba tiddetermina jekk l-applikazzjoni jew it-talba taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament (ara l-Parti I tal-Kapitolu 3) u tidentifika t-tip ta' applikazzjoni jew talba li tkun qiegħda ssir billi tuża t-taqsimiet ta' hawn taħt, inti mbagħad tkun tista' tipproċedi għall-Kapitolu speċifiku tal-Manwal li jittratta t-tip partikolari ta' applikazzjoni jew talba li tkun qiegħda ssir. Il-Kapitolu 2 fih spjegazzjonijiet tat-termini ewlenin użati fil-Manwal (primarjament orjentati lejn il-Konvenzjoni).

# III. Deskrizzjoni tal-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

36. Din il-Parti tipprovdi ħarsa ġenerali bażika lejn it-tipi differenti ta' **applikazzjonijiet** (rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, infurzar, stabbiliment u modifikazzjoni) u **talbiet** mill-Awtoritajiet Ċentrali (**Talba għal Miżuri Speċifiċi**) li huma disponibbli skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, kif ukoll tagħrif dwar meta jistgħu jintużaw. Hija tiddeskrivi t-tipi ta' fatturi li jħallu impatt fuq jekk applikazzjoni jew talba tistax issir jew le.

> **Suġġeriment:** Tul il-paġni ta' dan il-Manwal sejjer tinnota distinzjoni bejn ***talbiet diretti*** u ***applikazzjonijiet***. Applikazzjoni hija azzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament li tgħaddi minn taħt idejn Awtorità Ċentrali, bħal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Talba diretta hija azzjoni li tgħaddi direttament għand awtorità kompetenti, bħal talba diretta għall-istabbiliment ta' appoġġ għall-konjugi skont il-Konvenzjoni, fejn l-Istat rikjest ma jkunx estenda l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tali tip ta' applikazzjoni.
>
> Madankollu, żomm f'moħħok li ***Talba għal Miżuri Speċifiċi*** skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 53 tar-Regolament hija eċċezzjoni għal din ir-regola. Dawk it-Talbiet jiġu evalwati minn Awtorità Ċentrali. Ara t-taqsima B, *infra*.

37. Filwaqt li ż-żewġ strumenti jipprovdu għal tipi komuni ta' applikazzjonijiet, l-imħallfin u awtoritajiet kompetenti oħrajn ovvjament ikollhom japplikaw *jew* il-Konvenzjoni *jew inkella* r-Regolament fi kwalunkwe kawża partikolari. Il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ strumenti, flimkien ma' analiżi ta' meta għandhom jiġu applikati l-Konvenzjoni jew ir-Regolament huma spjegati fid-dettall fil-Parti I tal-Kapitolu 3. L-eżempji mogħtija f'din it-taqsima jiddeskrivu d-diversi applikazzjonijiet f'termini ġenerali, mingħajr ma jagħtu informazzjoni ddettaljata dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ambitu jew l-applikazzjoni taż-żewġ strumenti.

## *A. Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament*

38. It-tipi ta' applikazzjonijiet li jistgħu jinbdew skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali huma stipulati fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 56 tar-Regolament. Dawn l-applikazzjonijiet huma disponibbli għall-persuni (jew għal korp pubbliku f'xi każijiet) fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

| *Sitwazzjoni* | *Tip ta' applikazzjoni disponibbli skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament* |
|---|---|
| Applikant li għandu deċiżjoni dwar manteniment mill-Istat rikjest u li jrid jinfurzaha f'dak l-Istat | Applikazzjoni għall-infurzar |
| Applikant li għandu deċiżjoni minn Stat fejn hija/huwa fis-seħħ jew applikabbli l-Konvenzjoni jew ir-Regolament u li jridha tkun rikonoxxuta jew infurzata fl-Istat l-ieħor | Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà |

| | |
|---|---|
| Applikant li għad ma għandu ebda deċiżjoni dwar manteniment meta l-konvenut ikun jirrisjedi fi Stat ieħor fejn hija/huwa fis-seħħ jew applikabbli l-Konvenzjoni jew ir-Regolament | Applikazzjoni sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment |
| Applikant li għandu deċiżjoni dwar manteniment iżda jeħtieġ deċiżjoni ġdida minħabba li hemm diffikultajiet sabiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata d-deċiżjoni eżistenti fi Stat ieħor fejn hija/huwa fis-seħħ jew applikabbli l-Konvenzjoni jew ir-Regolament | Applikazzjoni sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment |
| Applikant li għandu deċiżjoni dwar manteniment fi Stat ieħor fejn hija/huwa fis-seħħ jew applikabbli l-Konvenzjoni jew ir-Regolament, iżda li jrid jimmodifikaha, u l-konvenut (il-Parti l-oħra) ikun jirrisjedi fi Stat ieħor fejn hija/huwa fis-seħħ jew applikabbli l-Konvenzjoni jew ir-Regolament | Applikazzjoni għal modifikazzjoni |

**Figura 1: Tabella ta' applikazzjonijiet**

39. Kif muri fil-Figura 1 ta' hawn fuq, hemm erba' tipi ġenerali ta' applikazzjonijiet li jistgħu jsiru skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Fi ħdan dawn il-kategoriji wesgħin, hemm bosta riżultati differenti li jistgħu jiġu mfittxija. L-erba' tipi ġenerali huma:

- applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment magħmula jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest,
- applikazzjoni għar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment,
- applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, inkluż l-istabbiliment ta' parentela, jekk ikun hemm bżonn,
- applikazzjoni għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment.

40. Dawn l-applikazzjonijiet kollha jistgħu jsiru minn kreditur, filwaqt li hemm oħrajn li jistgħu jsiru wkoll minn debitur, kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 56(2) tar-Regolament.

# 1. Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni eżistenti

41. Din l-applikazzjoni sejra tintuża meta l-applikant diġà jkollu **deċiżjoni dwar il-manteniment** u jkun jixtieq li Stat ieħor għajr dak fejn jirrisjedi jirrikonoxxi jew jirrikonoxxi u jinforza dik id-deċiżjoni. Il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar jelimina l-ħtieġa li l-applikant ikollu japplika fl-Istat rikjest għal deċiżjoni ġdida sabiex jikseb il-manteniment. Minflok, il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar jippermetti li d-deċiżjoni eżistenti tiġi infurzata fuq l-istess bażi daqslikieku kienet saret f'dak l-Istat. Iż-żewġ Stati għandhom ikunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni, jew Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament, filwaqt li d-deċiżjoni għandha tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti jew Stat Membru.

> **Deċiżjoni dwar manteniment** tistabbilixxi l-obbligu tad-debitur li jħallas il-manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li jitħallsu l-arretrati tal-manteniment, il-manteniment retroattiv jew l-imgħax u determinazzjoni tal-ispejjeż jew l-infiq.

### a) Meta sejra tintuża din l-applikazzjoni

42. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, applikant ikun irid li deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata sabiex ikun jista' jiġbor il-pagamenti tal-manteniment u jkunu jistgħu jinbdew il-proċeduri tal-infurzar, fejn ikunu meħtieġa. F'xi każijiet, applikant jitlob biss ir-rikonoxximent. Pereżempju, debitur jista' jitlob biss ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni barranija sabiex jillimita jew jissospendi l-infurzar tal-pagamenti taħt deċiżjoni differenti, filwaqt li kreditur jista' jitlob għar-rikonoxximent biss, meta huwa ma jkunx qiegħed jitlob l-assistenza tal-Istat l-ieħor sabiex jinforza d-deċiżjoni.

**Awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew li hija permessa skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar ta' manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni jew mar-Regolament.

### b) Eżempju

43. D qiegħda tirrisjedi fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni mill-Pajjiż A li qiegħda titlob lill-eks raġel tagħha sabiex iħallas il-manteniment għat-tlett itfal tagħha. L-eks raġel tagħha jgħix fil-Pajjiż B. D tixtieq li d-deċiżjoni tagħha dwar il-manteniment tiġi infurzata. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati li bejniethom hija fis-seħħ il-Konvenzjoni jew inkella huwa applikabbli r-Regolament.

44. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A għandha tibgħat applikazzjoni għar-***rikonoxximent u l-infurzar*** (skont il-Konvenzjoni) / ***rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà*** (skont ir-Regolament) tad-deċiżjoni lill-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tibgħat id-deċiżjoni lil **awtorità kompetenti**, li għandha tiġi rreġistrata għall-infurzar jew tiġi ddikjarata bħala infurzabbli. L-eks raġel għandu jiġi nnotifikat dwar ir-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjoni u jista' jkollu opportunità li jikkontesta d-deċiżjoni skont il-proċeduri speċifikati skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Jekk l-eks raġel ma jħallasx il-manteniment volontarjament, awtorità kompetenti fil-Pajjiż B tieħu l-passi meħtieġa sabiex tinforza d-deċiżjoni u tibgħat il-pagamenti lill-Pajjiż A.[21]

*L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – l-Artikolu 10(1)* a) *u 10(2)* a)

*L-Artikolu applikabbli tar-Regolament – l-Artikolu 56(1)* a) *u 56(2)* a)

*Ara l-Kapitolu 7 – il-Konvenzjoni tal-2007: L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u tat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar*

*Ara l-Kapitolu 8 – ir-Regolament tal-2009: L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u tat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà*

## 2. Applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest

45. Din hija l-aktar waħda sempliċi mill-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. L-applikazzjoni titlob li l-Istat rikjest jinforza d-deċiżjoni tiegħu stess jew inkella deċiżjoni li jkun diġà rrikonoxxa u jassisti fit-trażmissjoni tal-pagamenti lil kreditur.

46. Id-differenza bejn din l-applikazzjoni u l-applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar, li hija deskritta hawn fuq, hija li d-deċiżjoni li għandha tiġi infurzata ttieħdet / ingħatat jew diġà kienet rikonoxxuta fl-Istat li ser ikun qiegħed jinforza d-deċiżjoni (l-

[21] L-Awtorità kompetenti jew Ċentrali hija mitluba skont il-Konvenzjoni u r-Regolament sabiex "tiffaċilita" l-infurzar u l-ġbir u t-trasferiment tal-pagamenti. Il-passi li jittieħdu f'kull Stat għat-twettiq ta' dan sejrin ikunu differenti. Ara l-Kapitolu 12 dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment.

Istat rikjest). Għalhekk, id-deċiżjoni ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta qabel tkun tista' tiġi infurzata.[22]

**a) Meta sejra tintuża din l-applikazzjoni**

47. Din l-applikazzjoni ssir meta l-applikant ikollu deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat fejn jirrisjedi l-konvenut jew fejn għandu l-assi jew id-dħul tiegħu. L-applikant jista' jitlob lill-Istat sabiex jinforza d-deċiżjoni li jkun ħa jew irrikonoxxa. L-applikant ma għandux bżonn imur fl-Istat li ħa d-deċiżjoni sabiex jagħmel dik it-talba. Minflok, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jirrisjedi l-applikant għandha tibgħat l-applikazzjoni għall-infurzar tad-deċiżjoni lill-Istat rikjest. Iż-żewġ Stati għandhom ikunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament.

L-**Istat rikjedenti** huwa l-Istat fejn jirrisjedi l-applikant u fejn tiġi mnedija l-applikazzjoni jew it-talba skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament.

L-**Istat rikjest** huwa l-Istat li jirċievi l-applikazzjoni jew it-talba u li qiegħed jintalab sabiex jipproċessa l-applikazzjoni jew it-talba. Ġeneralment, dan ikun l-Istat fejn jirrisjedi l-konvenut.

**b) Eżempju**

48. F tirrisjedi fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni dwar il-manteniment mill-Pajjiż B fejn jirrisjedi l-missier tal-wild tagħha. Hija tixtieq li l-Pajjiż B jinforza d-deċiżjoni dwar il-manteniment. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati li bejniethom hija/huwa fis-seħħ jew applikabbli l-Konvenzjoni jew ir-Regolament.

49. Skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, F tista' titlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A sabiex tibgħat applikazzjoni għall-infurzar f'isimha lill-Pajjiż B. F ma jkollhiex bżonn tapplika għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni, minħabba li din ġejja mill-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tipproċessa l-applikazzjoni u tibgħatha lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B għall-infurzar. Jekk id-debitur ma jħallasx il-manteniment volontarjament, l-awtorità kompetenti tuża l-miżuri li għandha għad-disponibbiltà tagħha skont il-liġi domestika sabiex tinforza d-deċiżjoni.

*L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – l-Artikolu 10(1)* b)

*L-Artikolu applikabbli tar-Regolament – l-Artikolu 56(1)* b)

*Ara l-Kapitolu 9 – L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-infurzar tad-deċiżjonijiet meħuda jew rikonoxxuti fl-Istat rikjest skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009*

## 3. Applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni

50. Din l-applikazzjoni sejra tintuża sabiex tinkiseb deċiżjoni li tipprovdi għall-manteniment għall-applikant(a), għat-tfal tiegħu jew tagħha jew għal persuni oħrajn.[23] L-applikant għandu jitlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jirrisjedi sabiex tibgħat applikazzjoni f'ismu lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat fejn jirrisjedi d-debitur għad-deċiżjoni li trid tittieħed, inkluż sabiex tiġi ddeterminata l-parentela, jekk ikun hemm bżonn.[24] Iż-

[22] Kif ġie diskuss fil-Kapitoli 7 u 8, sabiex deċiżjoni tkun rikonoxxuta u tiġi infurzata fl-Istat rikjest, hija għandha tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni (ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 240) jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament. Jekk id-deċiżjoni tkun ittieħdet fi Stat fejn il-Konvenzjoni jew ir-Regolament ma jkunux fis-seħħ jew applikabbli, tista' ssir applikazzjoni għall-infurzar jekk l-Istat rikjest ikun diġà rrikonoxxa d-deċiżjoni, permezz ta' trattat ieħor jew permezz tal-liġi domestika. Inkella tkun trid issir applikazzjoni sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.

[23] Applikazzjoni għal stabbiliment skont il-Konvenzjoni tista' ssir biss għal "persuni oħrajn" jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jkun ġie estiż għal dawk il-persuni l-oħrajn. Ara d-diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni fil-Parti I tal-Kapitolu 3.

[24] L-Art. 10(3) tal-Konvenzjoni u l-Art. 56(4) tar-Regolament jistabbilixxu li l-applikazzjoni għandha tiġi deċiża skont il-liġijiet tal-Istat rikjest u tkun soġġetta għar-regoli ġurisdizzjonali applikabbli f'dak l-Istat (ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 248.) Fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandhom jintużaw ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni stabbiliti fir-Regolament sabiex jiġu ddeterminati l-applikazzjonijiet għall-

żewġ Stati għandhom ikunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament.

### a) Meta sejra tintuża din l-applikazzjoni

51. L-applikazzjoni sejra tintuża fejn ma tkun teżisti ebda deċiżjoni dwar manteniment jew meta l-applikant ikollu deċiżjoni dwar manteniment, iżda għal xi raġuni din ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur jew fejn għandu jseħħ l-infurzar.

### b) Eżempju

52. G tirrisjedi fil-Pajjiż A u għandha wild ta' erba' snin. Hija qatt ma żżewġet lill-missier ta' dan il-wild u l-parentela għall-wild baqgħet ma ġietx stabbilita. Il-missier issa telaq jgħix fil-Pajjiż B. G tixtieq li l-missier jibda jħallas il-manteniment għall-persuna minorenni. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament.

53. Skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A għandha tibgħat applikazzjoni għall-***istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment*** għall-persuna minorenni lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex tniedi l-applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni, ġeneralment billi tirreferi l-applikazzjoni lil awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B għandha tiffaċilita d-determinazzjoni tal-parentela. Dan jista' jsir permezz ta' testijiet tal-paternità u billi jsir kuntatt mal-omm direttament jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu ttestjati l-omm u l-persuna minorenni. B'mod alternattiv, f'xi Stati, il-parentela tista' tiġi stabbilita permezz ta' determinazzjoni ġudizzjarja jew inkella billi l-ġenitur jirrikonoxxi l-parentela huwa stess. Ladarba tiġi stabbilita d-deċiżjoni dwar il-manteniment fil-Pajjiż B, l-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B għandha tiżgura li din tiġi infurzata, jekk ikun hemm bżonn, u li jintbagħtu l-pagamenti lill-omm fil-Pajjiż A mingħajr il-ħtieġa ta' applikazzjoni ulterjuri mill-omm.[25]

*L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – l-Artikolu 10(1)* ċ) *u* d)

*L-Artikolu applikabbli tar-Regolament – l-Artikolu 56(1)* ċ) *u* d)

*Ara l-Kapitolu 10 – L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-istabbiliment ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009*

## 4. Applikazzjoni għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti

54. Din l-applikazzjoni sejra tintuża fejn teżisti deċiżjoni dwar manteniment, iżda waħda mill-partijiet tkun trid timmodifikaha.

### a) Meta sejra tintuża din l-applikazzjoni

55. Applikazzjoni għal modifikazzjoni tista' ssir minħabba li l-ħtiġijiet tal-kreditur jew tat-tfal ikunu nbidlu, jew minħabba li tkun inbidlet l-abbiltà tad-debitur li jħallas il-manteniment. L-applikant (il-kreditur jew id-debitur) jitlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jirrisjedi sabiex tibgħat applikazzjoni għal modifikazzjoni lill-Istat fejn tirrisjedi l-Parti l-oħra (jew fejn għandha ssir il-modifikazzjoni). Jekk ikun permess skont il-liġi tal-Istat rikjest, id-deċiżjoni tiġi mmodifikata jew inkella tittieħed deċiżjoni ġdida.[26] Jista' jkun meħtieġ li d-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta jekk hija tittieħed fi Stat ieħor differenti mill-Istat fejn għandha tiġi infurzata.

istabbiliment, l-istess bħar-regoli dwar il-liġi applikabbli stipulati mir-Regolament, kif applikabbli f'diversi Stati Membri (ara l-Kapitoli 4 u 5 ta' dan il-Manwal).

[25] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 108, rigward l-użu tat-terminu "jiffaċilita".

[26] Ara l-Art. 10(3) tal-Konvenzjoni u l-Art. 56(4) tar-Regolament. L-applikazzjoni tiġi deċiża skont il-liġijiet tal-Istat rikjest, inklużi r-regoli ġurisdizzjonali applikabbli f'dak l-Istat. Fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandhom jintużaw ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni stabbiliti fir-Regolament sabiex jiġu ddeterminati l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni, l-istess bħar-regoli dwar il-liġi applikabbli stipulati mir-Regolament, kif applikabbli f'diversi Stati Membri (ara l-Kapitoli 4 u 5 ta' dan il-Manwal).

56. Il-Konvenzjoni u r-Regolament ma jkoprux is-sitwazzjonijiet kollha fejn persuna f'kawża internazzjonali dwar manteniment tkun tixtieq timmodifika deċiżjoni eżistenti. F'ħafna sitwazzjonijiet, ma titressaq ebda applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew skont l-Artikolu 56 tar-Regolament u l-applikant jagħmel talba diretta għal modifikazzjoni lil awtorità kompetenti fl-Istat tal-oriġini tiegħu, jew inkella fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. Madankollu, il-Konvenzjoni u r-Regolament jipprovdu mekkaniżmi għat-trażmissjoni tal-applikazzjonijiet fejn tagħżel persuna, jew inkella jkun meħtieġ illi hija tniedi u tressaq applikazzjoni fi Stat wieħed u mbagħad ikollha l-proċeduri qegħdin isiru fi Stat ieħor.[27]

### b) Eżempju

57. H għandha deċiżjoni ta' manteniment mill-Pajjiż A li titlob lill-eks raġel tagħha sabiex iħallas il-manteniment għaż-żewġt itfal tiegħu. L-eks raġel tagħha telaq jgħix fil-Pajjiż B. Id-deċiżjoni qiegħda tiġi infurzata fil-Pajjiż B. H tixtieq żieda fil-manteniment minħabba li d-dħul tal-eks raġel tagħha żdied minn mindu ttieħdet id-deċiżjoni.

58. Jekk H tagħżel li tressaq applikazzjoni għal modifikazzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tkun trid tibgħat applikazzjoni għal ***modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti*** f'isem H lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-eks raġel tagħha jiġi nnotifikat u l-materja tinstema' fil-Pajjiż B. Id-deċiżjoni mmodifikata tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż B ladarba tittieħed.

*L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – l-Artikolu 10(1)* e) *u* f)*, 10(2)* b) *u* ċ)

*L-Artikolu applikabbli tar-Regolament – l-Artikolu 56(1)* e) *u* f)*, 56(2)* b) *u* ċ)

*Ara l-Kapitolu 11 – Applikazzjonijiet għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni: l-Artikolu 10(1)* e) *u* f) *u 10(2)* b) *u* ċ) *tal-Konvenzjoni tal-2007; u l-Artikolu 56(1)* e) *u* f) *u 56(2)* b) *u* ċ) *tar-Regolament tal-2009*

## B. Talba għal Miżuri Speċifiċi

59. Minbarra l-erba' tipi ta' applikazzjonijiet disponibbli taħt iż-żewġ strumenti, il-Konvenzjoni u r-Regolament jipprovdu wkoll għal ċerti talbiet addizzjonali li jridu jsiru lil Awtorità Ċentrali fejn applikant ikun għadu ma ressaq ebda applikazzjoni. Dawn huma magħrufa bħala "Talbiet għal Miżuri Speċifiċi." L-għoti ta' assistenza b'reazzjoni għal talba bħal din huwa diskrezzjonarju u huwa l-Istat rikjest li jrid jiddetermina x'miżuri għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward.

60. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 53 tar-Regolament jistipulaw sitt talbiet possibbli li jistgħu jsiru permezz ta' Awtorità Ċentrali lil Awtorità Ċentrali oħra. Skont it-tip ta' miżura u skont is-sistema legali nazzjonali, l-awtoritajiet amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn jistgħu jintalbu mill-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom sabiex jassistu fit-twettiq ta' dawn il-miżuri speċifiċi. It-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi jistgħu jsiru sabiex:

1 jgħinu fil-lokalizzazzjoni ta' debitur jew kreditur,
2 jgħinu sabiex tinkiseb informazzjoni dwar id-dħul u ċ-ċirkostanzi finanzjarji tad-debitur jew tal-kreditur, inkluża informazzjoni dwar l-assi,
3 jiffaċilitaw il-kisba ta' evidenza dokumentarja jew evidenza oħra,
4 jipprovdu assistenza fl-istabbiliment tal-parentela,
5 iniedu jew jiffaċilitaw il-kisba ta' miżuri provviżorji sakemm titlesta l-applikazzjoni għall-manteniment,
6 jiffaċilitaw in-notifika tad-dokumenti.

[27] Ara l-Kapitoli 4 u 11. Fil-Konvenzjoni u fir-Regolament hemm restrizzjonijiet li jistgħu jħallu impatt fuq l-abbiltà ta' debitur li jimmodifika deċiżjoni eżistenti b'suċċess, b'mod partikolari meta l-kreditur ikun jirrisjedi fl-Istat fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

#### a) Meta ssir Talba għal Miżuri Speċifiċi

61. Talba għal Miżuri Speċifiċi ssir meta applikant ikun jeħtieġ tip ta' assistenza limitata sabiex iressaq applikazzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, infurzar, stabbiliment jew modifikazzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. L-assistenza tista' tintalab ukoll sabiex tiddetermina jekk għandhiex tinbeda applikazzjoni, jew inkella l-assistenza tista' tintalab matul il-kors ta' proċedura domestika dwar manteniment, meta dik il-materja li tirrigwardja l-manteniment ikollha element internazzjonali.

62. F'ċerti Stati, jistgħu jkunu applikabbli wkoll xi Konvenzjonijiet jew Regolamenti internazzjonali oħrajn f'materji li jikkonċernaw in-notifika tad-dokumenti jew il-kisba tal-evidenza (ara l-Art. 50 tal-Konvenzjoni u l-Art. 51(2) tar-Regolament). Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX, ta' dan il-Manwal.

#### b) Eżempju

63. J tgħix fil-Pajjiż A u għandha żewġt itfal. Hija ddivorzjata minn ma' missier it-tfal u għandha deċiżjoni ta' manteniment li titolbu jħallas il-manteniment. J temmen li l-missier jista' jkun qiegħed jgħix jew fil-Pajjiż B jew inkella fil-Pajjiż Ċ, minħabba li huwa għandu xi qraba fiż-żewġ pajjiżi. Hija trid li d-deċiżjoni tagħha tiġi infurzata, iżda ma tafx lil liema Stat għandha tibgħatha.

64. Skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tista' tagħmel talba lill-Awtoritajiet Ċentrali fil-Pajjiż B jew fil-Pajjiż Ċ sabiex tgħin ħalli jinstab il-missier. Għal dan il-għan, għandha ssir Talba għal Miżuri Speċifiċi, li tindika li J tixtieq tissottometti applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tad-deċiżjoni, ladarba jinstab il-missier/konvenut. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B jew fil-Pajjiż Ċ għandha tikkonferma jekk il-konvenut jistax jiġi lokalizzat fl-Istat sabiex imbagħad il-Pajjiż A jkun jista' jibgħat il-pakkett lill-Awtorità Ċentrali xierqa.

*L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – l-Artikolu 7*

*L-Artikolu applikabbli tar-Regolament – l-Artikolu 53*

*Ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII – Miżuri provviżorji u protettivi skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009*

## C. Ħarsa ġenerali lejn it-talbiet diretti lill-awtoritajiet kompetenti skont il-Konvenzjoni u r-Regolament

65. L-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u awtoritajiet kompetenti oħrajn jistgħu jirċievu wkoll "talbiet diretti," jiġifieri, talbiet mill-applikanti direttament lill-awtoritajiet kompetenti aktar milli applikazzjonijiet permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament.

66. Skont il-Konvenzjoni, it-talbiet diretti huma speċifikament previsti (l-Art. 37) u ġeneralment ikunu rregolati mil-liġi interna tal-Istat rikjest. Il-liġijiet interni li huma applikabbli fil-livell domestiku jiddeterminaw jekk it-talba tistax tabilħaqq issir u x'forom jew proċessi għandhom jintużaw. Madankollu, ta' min jinnota li l-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi xi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li għandhom jibqgħu japplikaw għal talbiet diretti f'ċerti każijiet (jiġifieri, numru ta' dispożizzjonijiet li jappartjenu għal aċċess effettiv għall-proċeduri / assistenza legali, limiti fuq il-proċeduri (l-Art. 18), ir-rikonoxximent u l-infurzar, l-infurzar u l-korpi pubbliċi bħala applikanti).

67. Skont ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament sejrin japplikaw għat-talbiet diretti, jekk it-talbiet diretti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, ħlief id-dispożizzjonijiet l-aktar favorevoli dwar l-għajnuna legali tal-Kapitolu V (L-Aċċess għall-Ġustizzja)[28] u ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII (Il-Kooperazzjoni bejn l-

---

[28] Li d-dispożizzjonijiet l-aktar favorevoli dwar l-għajnuna legali tal-Kapitolu V tar-Regolament minquxa fl-Art. 46 mhumiex sejrin japplikaw għat-talbiet diretti mill-kredituri tal-manteniment taħt l-età ta' 21 sena (iżda biss

Awtoritajiet Ċentrali). Jekk jogħġbok ara wkoll il-Kapitoli li jkopru t-tipi ta' applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament għal informazzjoni fil-qosor dwar diversi tipi ta' talbiet diretti taħt iż-żewġ strumenti (għat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni, ara l-Kapitolu 7, għat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà skont ir-Regolament, ara l-Kapitolu 8, għat-talbiet diretti għall-infurzar tad-deċiżjonijiet meħuda jew rikonoxxuti fl-Istat rikjest, ara l-Kapitolu 9, u għat-talbiet diretti għal stabbiliment jew modifikazzjoni, ara l-Kapitolu 10 u 11, rispettivament).

---

għall-applikazzjonijiet magħmula permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali) jista' jiġi dedott minn qari tal-Artikoli 46(1), 55 u 56(1) tar-Regolament u tal-Premessa 36 tar-Regolament. Madankollu, l-Art. 47 tar-Regolament, li jinstab fil-Kapitolu V, jirreferi għal regoli aktar limitati dwar l-għajnuna legali, li għandhom japplikaw ukoll għat-talbiet diretti.

# Kapitolu 2 – Spjegazzjoni tat-termini: il-Konvenzjoni tal-2007

## A. L-iskop ta' dan il-Kapitolu

68. It-termini speċifiċi użati fil-Konvenzjoni huma r-riżultat ta' erba' snin ta' negozjati u diskussjoni, u wħud minn dawn it-termini ntużaw ukoll fir-Regolament, hekk kif in-negozjati fuq dan l-istrument imsemmi l-aħħar segwew in-negozjati li saru fuq il-Konvenzjoni. Fiż-żmien li kien qiegħed jitħejja dan il-Manwal ma kien jeżisti ebda glossarju uffiċjali għar-Regolament u, b'hekk, dan il-Kapitolu jinkludi biss definizzjonijiet ta' termini li huma inklużi fil-Konvenzjoni. Madankollu, deskrizzjoni tat-termini utilizzati fil-Konvenzjoni tista' tkun utli sabiex tinftiehem it-terminoloġija użata wkoll fir-Regolament.

69. Ftit mit-termini użati fil-Konvenzjoni huma definiti fil-Konvenzjoni nnifisha. Madankollu, ħafna oħrajn mhumiex definiti u t-tifsira tat-terminu tista' tiddependi fuq il-liġi interna tal-Istat fejn qiegħed isseħħ il-proċedura dwar il-manteniment. Pereżempju, ma teżisti ebda definizzjoni tat-terminu "infurzar". Dak it-terminu jintuża matul il-Konvenzjoni, iżda inħass li l-Konvenzjoni ma kellhiex bżonn tipprovdi definizzjoni minħabba li t-tifsira tat-terminu hija ġeneralment miftiehma sewwa fl-Istati li jittrattaw l-obbligi tal-manteniment, kif ukoll minħabba li wieħed mill-prinċipji sottostanti importanti tal-Konvenzjoni huwa li l-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' u liberali.[29]

70. Għalhekk, fil-prattika, jekk azzjoni partikolari tikkostitwix infurzar sejjer jiġi ddeterminat mill-awtorità kompetenti responsabbli mill-infurzar tad-deċiżjoni. Madankollu, innota li l-Konvenzjoni tissuġġerixxi li jistgħu jittieħdu ċerti miżuri sabiex tiġi infurzata deċiżjoni u, b'hekk, tipprovdi gwida dwar liema azzjonijiet ġeneralment jitqiesu bħala infurzar. Bl-istess mod, it-tifsira tat-terminu "konjuġi", bl-iskop li jiġi stabbilit jekk il-manteniment huwiex manteniment tal-miżżewġin, sejra tiġi deċiża mill-awtorità kompetenti li tieħu d-deċiżjoni (fil-każ ta' stabbiliment ta' deċiżjoni) jew mill-awtorità kompetenti li tittratta t-talba għar-rikonoxximent (jekk jintalbu r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni).

71. Dan il-Kapitolu mhuwiex maħsub biex jipprovdi definizzjonijiet legali jew definittivi għat-termini użati fil-Konvenzjoni. Minflok, huwa jipprovdi glossarju jew spjegazzjoni tat-termini użati fil-Manwal u jispjega t-tifsira tagħhom ***fil-kuntest tal-proċessi operattivi*** użati għall-kawżi taħt il-Konvenzjoni, sabiex b'hekk dawk li mhumiex familjari mal-kawżi internazzjonali dwar il-manteniment ikunu jistgħu jsegwu l-proċeduri aħjar. Fil-każijiet kollha, fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsira legali korretta ta' kelma jew terminu partikolari użati fil-Konvenzjoni, għandhom jiġu kkonsultati r-Rapport ta' Spjegazzjoni u s-sorsi tal-liġi domestika jew internazzjonali.

## B. Termini użati f'dan il-Manwal

### Adeżjoni

72. L-adeżjoni hija wieħed mill-proċessi li jistgħu jintużaw minn Stat sabiex isir Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni.[30] L-Artikolu 60 jistabbilixxi meta tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni (tliet xhur wara d-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni) u meta tidħol fis-seħħ fi Stat Kontraenti speċifiku. Is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja juri liema Stati saru Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

*Ara l-Artikoli 58 u 60 tal-Konvenzjoni*

### Awtorità amministrattiva

73. F'xi Stati, il-materji li jikkonċernaw il-manteniment jiġu deċiżi minn awtorità amministrattiva (li xi drabi tissejjaħ Aġenzija ta' Appoġġ għat-Tfal), imwaqqfa mill-gvern

---

[29] Ara d-diskussjoni fir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 60-65.
[30] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 690.

speċifikament sabiex tassisti fil-kisba, fl-infurzar u fil-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment.[31]

74. L-Artikolu 19(3) jiddefinixxi awtorità amministrattiva bħala korp pubbliku li d-deċiżjonijiet tiegħu jissodisfaw iż-żewġ kriterji stabbiliti f'dak l-Artikolu. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu jistgħu jiġu appellati jew riveduti minn awtorità ġudizzjarja f'dak l-Istat u d-deċiżjonijiet għandu jkollhom effett simili bħal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja dwar l-istess materja.

*Ara l-Artikolu 19(1) u 19(3) tal-Konvenzjoni*

**Dehra**

75. Dan it-terminu jintuża sabiex jirreferi għall-attendenza jew preżenza ta' persuna waqt xi tip ta' seduta ta' smigħ. Skont il-liġijiet u l-proċeduri ta' Stat, dehra minn persuna jew Parti tista' tinkludi l-attendenza għas-seduta ta' smigħ fiżikament jew il-parteċipazzjoni fis-seduta ta' smigħ permezz tat-telefon jew b'xi mezz elettroniku ieħor. Persuna tista' wkoll "tidher fi proċedura" billi jkollha avukat jew rappreżentant ieħor li jattendi jew jagħmel rappreżentazzjonijiet f'isimha. Jekk Parti dehritx jew le fi proċedura sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni huwa rilevanti skont il-Konvenzjoni bil-għan li jiġi ddeterminat jekk hemmx bżonn li tiġi inkluża Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa flimkien ma' applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni.

*Ara l-Artikoli 25 u 29 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 7*

**Applikant**

76. Fil-Manwal, l-applikant huwa l-persuna jew l-awtorità governattiva ("korp pubbliku") li tagħmel it-talba lil Awtorità Ċentrali, għal waħda mill-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 10 (rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifikazzjoni).

77. F'xi postijiet fil-Konvenzjoni, applikant jista' jkun ukoll il-persuna jew il-Parti fi proċedura ġudizzjarja li tkun nediet appell. Pereżempju, fl-Artikolu 23(6), l-applikant huwa l-persuna li qiegħda tappella għad-deċiżjoni li tiġi rreġistrata deċiżjoni għall-infurzar jew li tiddikjara deċiżjoni bħala infurzabbli.

78. Applikant jista' jkun kreditur, debitur jew ir-rappreżentant legali ta' persuna minorenni. Għall-finijiet ta' xi applikazzjonijiet, kreditur jinkludi korp pubbliku.

*Ara l-Artikoli 7, 10, 36 u 37 tal-Konvenzjoni*

**Applikazzjonijiet u talbiet**

79. Matul dan il-Manwal u l-Konvenzjoni, issir distinzjoni bejn "*applikazzjonijiet*" u "*talbiet*". It-terminu applikazzjoni jirreferi għall-applikazzjonijiet imressqa quddiem Awtorità Ċentrali skont l-Artikolu 10. Skont dak l-Artikolu, tista' ssir applikazzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifikazzjoni.

80. Talba diretta ma ssirx permezz ta' Awtorità Ċentrali. Talba diretta hija talba li tiġi rċevuta minn awtorità kompetenti, bħal qorti jew awtorità amministrattiva, direttament mingħand individwu. Hija ssir barra mill-Artikolu 10. Pereżempju, talba ssir direttament lil awtorità kompetenti għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni għal manteniment tal-miżżewġin biss.

81. L-Artikolu 7, li jippermetti li jsiru Talbiet għal Miżuri Speċifiċi, huwa eċċezzjoni għal din id-distinzjoni ġenerali. Għalkemm il-Miżuri Speċifiċi jaqgħu barra mill-Artikolu 10, it-talba xorta waħda ssir minn Awtorità Ċentrali lil Awtorità Ċentrali oħra.

[31] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 432.

*Ara l-Artikoli 7, 10 u 37 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 1*

**Strument awtentiku**

*Ara arranġament għal manteniment*

**Awtorità Ċentrali**

82. L-Awtorità Ċentrali hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat Kontraenti sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni. Dawn id-doveri huma stipulati fil-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni.[32]

83. Fil-każ ta' Stati federali, jew Stati b'unitajiet awtonomi, jista' jkun hemm aktar minn Awtorità Ċentrali waħda.[33] L-Awtorità Ċentrali għandha tibgħat l-applikazzjonijiet lil Stati oħrajn u ġeneralment tittratta l-fluss u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. Ħafna mir-responsabbiltajiet tal-Awtorità Ċentrali jistgħu, sakemm ikun permess skont il-liġi tal-Istat tagħha, jitwettqu minn korpi pubbliċi fi Stat, pereżempju, Aġenzija ta' Appoġġ għat-Tfal, taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Ċentrali.

*Ara l-Artikoli 4, 5, 6, 7 u 8 tal-Konvenzjoni*

**Awtorità kompetenti**

84. Awtorità kompetenti hija l-entità pubblika jew il-persuna fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew tiġi permessa, skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, aġenzija għall-infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni. F'xi Stati, l-Awtorità Ċentrali tista' tkun ukoll l-awtorità kompetenti għal ċerti doveri jew għad-doveri kollha skont il-Konvenzjoni.

*Ara l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

**Stat Kontraenti**

85. Stat Kontraenti huwa Stat li huwa marbut mill-Konvenzjoni minħabba li lesta l-proċess ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni stabbilit fl-Artikolu 58.

86. It-terminu Stat jintuża ta' spiss f'dan il-Manwal. Huwa ġeneralment jirreferi għal Stat sovran, jew pajjiż, u mhux għal sub-unità tal-Istat jew għal unità territorjali, bħal provinċja, jew stat ġewwa l-Istati Uniti tal-Amerika. Madankollu, hemm sitwazzjonijiet fejn it-terminu Stat jinkludi wkoll l-unità territorjali. Dan huwa previst fl-Artikolu 46. Pereżempju, referenza għall-awtorità kompetenti fi Stat fejn ittieħdet deċiżjoni tista' titqies jew tiġi interpretata bħala li tirreferi għal awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva fl-unità territorjali partikolari.[34]

*Ara l-Artikoli 46 u 58 tal-Konvenzjoni*

**Konvenzjoni**

87. It-terminu Konvenzjoni jintuża fil-Manwal sabiex jirreferi għall-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja*.

**Profil ta' Pajjiż**

88. Skont l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni, kull Stat Kontraenti għandu jissottometti lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja, ċerta informazzjoni dwar il-liġijiet tiegħu, il-proċeduri u l-miżuri li sejjer jieħu sabiex jimplimenta l-Konvenzjoni, inkluża deskrizzjoni

[32] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 85.
[33] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 89.
[34] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 637.

tal-mod kif l-Istat jittratta t-talbiet sabiex jiġu stabbiliti, rikonoxxuti u infurzati d-deċiżjonijiet dwar il-manteniment.[35]

89. Il-Profil tal-Pajjiż irrakkomandat u ppubblikat mill-Konferenza tal-Aja jista' jintuża minn Stat Kontraenti bħala mezz kif jipprovdi din l-informazzjoni. Il-Profil tal-Pajjiż jindika kwalunkwe dokumenti speċifiċi għall-Istat jew rekwiżiti għall-applikazzjonijiet.

90. L-użu tal-Profil tal-Pajjiż mhuwiex obbligatorju. Madankollu, Stat li ma jużax il-Profil ta' Pajjiż xorta waħda għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 57 lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja.

91. Kemm il-Profil tal-Pajjiż kif ukoll kwalunkwe informazzjoni fornuta minn Stat Kontraenti skont l-Artikolu 57 huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

*Ara l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni*

**Kreditur**

92. Kreditur huwa definit fl-Artikolu 3 bħala l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, persuna minorenni, ġenituri li jiffosterjaw it-tfal jew qraba jew persuni oħrajn li jieħdu ħsieb persuna minorenni. F'xi Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ benefiċjarju tal-manteniment, persuna b'obbligu dovut lilha, jew ġenitur jew persuna oħra bil-kura u l-kustodja ta' minorenni. Kreditur jista' jkun jew il-persuna li qiegħda tfittex il-manteniment għall-ewwel darba (pereżempju f'applikazzjoni għal stabbiliment) jew inkella l-persuna li sejra tibbenifika minn manteniment skont deċiżjoni eżistenti.[36]

93. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jiġi estiż minn Stat Kontraenti għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, inkluż għal persuni vulnerabbli, kreditur jista' jkun kwalunkwe persuna oħra intitolata għal dak it-tip ta' manteniment tal-familja.

94. L-Artikolu 36 jistabbilixxi li għal xi taqsimiet tal-Konvenzjoni, it-terminu kreditur jinkludi korp pubbliku. Korp pubbliku jista' jkun biss kreditur għall-iskop ta' applikazzjoni għar-rikonoxximent, għar-rikonoxximent u l-infurzar, jew għall-istabbiliment ta' deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment, fejn ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni eżistenti jkun ġie rrifjutat għar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 20(4).

*Ara l-Artikoli 3, 10 u 36 tal-Konvenzjoni*

**Debitur**

95. Debitur huwa definit fl-Artikolu 3 bħala l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, konjuġi jew xi ħadd ieħor li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment. F'xi Stati, din il-persuna tissejjaħ kontribwent tal-manteniment, obbligant jew ġenitur mhux residenti jew mingħajr kustodja. Korp pubbliku, bħal aġenzija tas-servizzi soċjali, ma jistax ikun debitur.

96. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jiġi estiż minn Stat Kontraenti għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, debitur jista' jkun ukoll kwalunkwe persuna li għandha tħallas jew li allegatament għandha tħallas dik il-forma ta' manteniment tal-familja.

*Ara l-Artikoli 3 u 10 tal-Konvenzjoni*

---

[35] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 683.
[36] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 66.

**Deċiżjoni**

97. It-terminu deċiżjoni huwa definit fil-Konvenzjoni għall-iskop ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar, għall-infurzar u għal xi tipi ta' talbiet lill-awtoritajiet kompetenti.

98. Deċiżjoni tistabbilixxi l-obbligu tad-debitur li jħallas il-manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li d-debitur ikollu jħallas l-arretrati tal-manteniment, manteniment retroattiv jew l-imgħax, kif ukoll determinazzjoni tal-ispejjeż u l-infiq.[37]

99. Pereżempju, it-terminu jinkludi t-tip ta' deċiżjoni li tittieħed b'mod komuni minn awtorità ġudizzjarja u li hija inkluża f'sentenza jew ordni tal-qorti. Id-deċiżjonijiet ta' awtorità amministrattiva huma wkoll speċifikament inklużi, diment li huma jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3). Għalhekk, il-valutazzjonijiet magħmula minn Aġenzija ta' Appoġġ għat-Tfal f'sistema amministrattiva jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, diment li jissodisfaw dawn il-kriterji.

*Ara l-Artikoli 3 u 19 tal-Konvenzjoni*

**Dikjarazzjoni**

100. Dikjarazzjoni hija stqarrija formali magħmula minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni. Id-dikjarazzjonijiet huma previsti fl-Artikolu 63. Pereżempju, Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni li l-Konvenzjoni kollha sejra tapplika għall-appoġġ għall-ġenituri, kif stabbilit fl-Artikolu 2(3). Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jsiru fil-mument li Stat jidħol fil-Konvenzjoni, jew fi kwalunkwe ħin wara. Id-dikjarazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu mmodifikati jew mibdula. Il-Profil tal-Pajjiż għal Stat jistabbilixxi d-dikjarazzjonijiet magħmula minn dak l-Istat u d-dikjarazzjonijiet magħmula minn Stat huma stipulati wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

*Ara l-Artikolu 63 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 3*

**Dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà**

101. Dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà hija mekkaniżmu li jista' jintuża f'xi Stati sabiex jistabbilixxi li deċiżjoni barranija għandha l-istess effett (fil-limiti stabbiliti fil-liġi domestika) bħal deċiżjoni meħuda f'dak l-Istat. Dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà hija differenti minn stqarrija tal-infurzabbiltà, li hija dokument li jiddikjara li deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat tal-oriġini, u li għandha tiġi inkluża fil-pakkett ta' dokumenti għal applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar.

*Ara l-Artikoli 23(2) u 25(1)* b) *tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitoli 7 u 8*

**Stabbiliment ta' deċiżjoni**

102. Dan it-terminu jintuża sabiex jirreferi għall-proċess tal-kisba ta' deċiżjoni dwar manteniment, fejn jew ma teżisti ebda deċiżjoni dwar il-manteniment jew inkella, għal xi raġuni jew oħra, id-deċiżjoni dwar il-manteniment li teżisti ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata. L-istabbiliment jista' jinkludi determinazzjoni tal-parentela, jekk din tkun meħtieġa sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

*Ara l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 10*

---

[37] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 434—437.

**Stabbiliment tal-parentela**

103. Stabbiliment ta' parentela jinvolvi s-sejba tal-parentela bijoloġika jew legali ta' persuna minorenni għall-finijiet tal-manteniment. Skont il-Konvenzjoni, id-determinazzjoni tal-parentela ta' spiss tintalab b'rabta ma' applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment, għalkemm hija tista' tkun ukoll is-suġġett ta' Talba għal Miżuri Speċifiċi skont l-Artikolu 7.[38] Għalkemm il-parentela tista' tiġi stabbilita permezz ta' testijiet ġenetiċi, hija tista' tiġi ddeterminata wkoll bħala materja tal-liġi permezz ta' preżunzjonijiet bħaż-żwieġ jew il-koabitazzjoni tal-partijiet qabel it-twelid tat-tarbija, jew permezz ta' ammissjoni jew rikonoxximent tal-parentela mill-ġenitur.

*Ara l-Artikoli 7 u 10 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitoli 1 u 10*

**Reviżjoni *ex-officio***

104. Reviżjoni *ex-officio* hija forma ta' reviżjoni li tista' titwettaq minn awtorità kompetenti fuq inizjattiva tagħha stess fi proċeduri għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar. Ir-reviżjoni hija prevista fl-Artikolu 23(4) u fl-Artikolu 24(4).[39] Ebda waħda mill-partijiet ma hija intitolata li tagħmel sottomissjonijiet fuq ir-reviżjoni.

105. Sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel dikjarazzjoni sabiex jintuża l-proċess stabbilit fl-Artikolu 24, ir-reviżjoni *ex-officio* skont l-Artikolu 23 tista' tikkunsidra jekk ir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għall-infurzar jew l-għoti ta' dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà humiex evidentement inkompatibbli mal-ordni pubbliku.

106. Jekk jintuża l-proċess alternattiv skont l-Artikolu 24, ir-reviżjoni *ex-officio* tkun kemmxejn differenti minħabba li jkun hemm raġunijiet addizzjonali li tkun trid tikkunsidra l-awtorità kompetenti.

*Ara l-Kapitolu 5 għal diskussjoni sħiħa dwar dan il-proċess*

*Ara l-Artikoli 12(8), 23(4) u 24(4) tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 7*

**Sekwestru**

107. Sekwestru huwa l-interċezzjoni mill-awtorità tal-infurzar tal-fondi li altrimenti jkunu pagabbli lil debitur. Avviż jew ordni ta' sekwestru jitolbu li l-persuna jew l-organizzazzjoni li kellha tħallas dawk il-fondi lid-debitur minflok tħallashom lill-awtorità tal-infurzar għall-benefiċċju tal-kreditur tal-manteniment. F'xi Stati, dan jissejjaħ ukoll 'attachment' (sekwestru) jew interċettazzjoni tal-fondi.

*Ara l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 12*

**Residenza abitwali**

108. It-terminu residenza abitwali mhuwiex definit fil-Konvenzjoni.[40] Huwa jintuża f'għadd ta' Artikoli tal-Konvenzjoni b'rabta ma' jekk deċiżjoni tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata. Il-fatti individwali f'kull kawża jiddeterminaw jekk persuna hijiex abitwalment residenti fi Stat. Determinazzjoni tar-residenza abitwali tista' tkun ibbażata fuq fatti bħal fejn tirrisjedi l-persuna, fejn il-persuna għandha r-residenza primarja (ewlenija) tagħha, fejn taħdem jew fejn tmur skola. Il-preżenza fi Stat weħidha mhijiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita r-residenza abitwali.

---

[38] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 174.
[39] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 500.
[40] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 63 u 444.

*Ara l-Artikolu 20(1) a) tal-Konvenzjoni*

**Ġuriżdizzjoni**

109. F'kontestazzjoni jew appell tad-deċiżjoni li tiġi rikonoxxuta jew li tiġi rikonoxxuta u infurzata deċiżjoni, konvenut jista' jissuġġerixxi li l-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar stabbiliti fl-Artikolu 20 ma ġewx issodisfati. Dawk il-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar, kif ukoll ir-referenza għall-ġuriżdizzjoni f'dak il-kuntest, jikkonċernaw il-konnessjonijiet li huma meħtieġa bejn il-partijiet u l-Istat fejn tkun tinsab il-persuna li tieħu d-deċiżjoni. Pereżempju, qorti jista' jkollha l-ġuriżdizzjoni li tieħu deċiżjoni dwar il-manteniment jekk iż-żewġ ġenituri jkunu jirrisjedu f'dak l-Istat. Għaldaqstant, deċiżjoni meħuda fuq dik il-bażi tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata.

*Ara l-Artikoli 20 u 21 tal-Konvenzjoni*

**Legalizzazzjoni**

110. Legalizzazzjoni hija t-terminu li jintuża sabiex jiddeskrivi ċerti proċessi legali formali. L-effett ta' legalizzazzjoni huwa li tiċċertifika l-awtentiċità tal-firma, il-kapaċità li tkun aġixxiet fiha l-persuna li tiffirma d-dokument u, fejn xieraq, l-identità tas-siġill jew tat-timbru li jġorr id-dokument. Il-legalizzazzjoni mhijiex relatata mal-kontenut tad-dokument sottostanti nnifsu (jiġifieri, id-dokument legalizzat). Skont l-Artikolu 41, tista' ma tkun meħtieġa ebda legalizzazzjoni jew formalità analoga, inkluż l-użu ta' Apostille, għall-proċeduri skont il-Konvenzjoni.[41]

*Ara l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni*

**Rahan**

111. Rahan huwa pretensjoni jew awtorità legali li tista' tiġi ppreżentata kontra l-proprjetà ta' persuna. F'xi Stati, rahan jista' jiġi ppreżentat kontra l-proprjetà ta' debitur, inklużi art u vetturi, li għandu jħallas manteniment. Jekk il-proprjetà tinbiegħ, l-arretrati tal-manteniment jistgħu jiġu rkuprati mid-dħul li jkun hemm mill-bejgħ.

*Ara l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 12*

**Manteniment**

112. Manteniment jinkludi l-appoġġ għat-tfal, għal konjuġi jew sieħeb/sieħba, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-kura tat-tfal jew tal-konjuġi / tas-sieħeb jew sieħba. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jestendi wkoll il-manteniment għall-obbligi ta' appoġġ li jirriżultaw minn forom oħrajn ta' relazzjonijiet familjari.

113. Il-manteniment jitħallas mid-debitur lill-kreditur. Il-manteniment jista' jinkludi kemm pagamenti perjodiċi kif ukoll pagamenti ta' somom f'daqqa jew trasferimenti ta' proprjetà, skont il-liġi tal-Istat fejn tittieħed id-deċiżjoni.[42]

*Ara l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni*

**Arranġament għal manteniment**

114. Skont l-Artikolu 30, arranġament għal manteniment jista' jiġi rikonoxxut u infurzat jekk ikun infurzabbli bħala deċiżjoni fl-Istat fejn tkun ittieħdet u, għall-finijiet tal-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 10 għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar, it-terminu deċiżjoni jinkludi arranġament għal manteniment.[43]

---

[41] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 614.
[42] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 65.
[43] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 554.

115. Arranġament għal manteniment huwa definit fl-Artikolu 3 bħala ftehim bil-miktub relatat mal-ħlas ta' manteniment li jista' jkun soġġett għal reviżjoni u modifikazzjoni minn awtorità kompetenti u li jkun,

- tħejja jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew
- ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew sottomess quddiem awtorità kompetenti.

116. Għalhekk, id-definizzjoni tinkludi kemm l-istrumenti awtentiċi li jintużaw f'xi Stati, kif ukoll il-ftehimiet privati li jintużaw fi Stati oħrajn. Pereżempju, ftehim dwar manteniment konkluż mill-ġenituri matul il-proċeduri ta' divorzju, jew deċiżjoni li tirriżulta minn proċess ta' medjazzjoni bejn il-ġenituri, jistgħu jitqiesu bħala arranġament għal manteniment, li jkun infurzabbli skont il-Konvenzjoni jekk jissodisfa dawn il-kriterji.

117. Stat jista' jagħmel riżerva li tindika li huwa mhux sejjer jirrikonoxxi l-arranġamenti għal manteniment.

*Ara l-Artikoli 3 u 30 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 7*

**Deċiżjoni dwar manteniment**

*Ara deċiżjoni*

**Test tal-mezzi**

118. F'xi sitwazzjonijiet, il-Konvenzjoni tippermetti lil Stat li juża test tal-mezzi sabiex jiddetermina jekk applikant huwiex intitolat għal assistenza legali għall-iskop ta' proċedura skont il-Konvenzjoni u jekk dik l-assistenza hijiex ser tiġi pprovduta lil applikant jew Parti mingħajr ħlas. Ġeneralment, test tal-mezzi jħares lejn id-dħul u l-assi tal-applikant jew lejn ċirkostanzi finanzjarji oħrajn li jħallu impatt fuq l-abbiltà tal-applikant li jħallas għall-assistenza legali.

119. Test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal huwa permess mill-Artikolu 16 għal ċerti applikazzjonijiet u dan jikkunsidra l-mezzi jew iċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-persuna minorenni, minflok tal-ġenitur, u jista' jintuża minn xi Stati sabiex jiddetermina jekk għandhiex tiġi pprovduta assistenza legali bla ħlas.

*Ara l-Artikoli 16 u 17 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 3*

**Test tal-merti**

120. F'xi sitwazzjonijiet, il-Konvenzjoni tippermetti li jintuża test tal-merti mill-Istat sabiex jiddetermina jekk għandux jipprovdi assistenza legali bla ħlas lil applikant fi proċedura skont il-Konvenzjoni. Ġeneralment, test tal-merti janalizza l-merti jew il-probabbiltà ta' suċċess tal-applikazzjoni, billi jqis tali materji bħala l-bażi legali għall-applikazzjoni u jekk huwiex probabbli li l-fatti ppreżentati fil-kawża jirriżultaw f'eżitu ta' suċċess. It-tip ta' kwistjonijiet ikkunsidrati f'test tal-merti jiddependi fuq l-Istat li juża t-test.

*Ara l-Artikoli 15(2) u 17* a) *tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 3*

**Modifikazzjoni ta' deċiżjoni**

121. Modifikazzjoni tirreferi għall-proċess tat-tibdil ta' deċiżjoni dwar manteniment wara li tkun ittieħdet. F'xi Stati, din hija magħrufa bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni għal bidla f'deċiżjoni. Il-modifikazzjoni tista' tkun relatata mal-ammont tal-manteniment, mal-frekwenza tiegħu jew xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment. Skont il-Konvenzjoni, it-terminu modifikazzjoni jkopri wkoll it-teħid ta' deċiżjoni ġdida, fejn il-liġijiet interni tal-Istat rikjest ma jkollhomx proċedura għat-tibdil ta' deċiżjoni barranija u jippermettu biss it-teħid ta' deċiżjoni ġdida.[44] Applikazzjoni għal modifikazzjoni tista' titressaq minn kreditur skont l-Artikolu 10(1) *e)* jew *f)* jew minn debitur skont l-Artikolu 10(2) *b)* jew *ċ)*.

*Ara l-Artikoli 10 u 18 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 11*

**Uffiċċju Permanenti / Il-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata**

122. Il-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata (il-"Konferenza tal-Aja") hija organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali li tiżviluppa strumenti legali multilaterali u tippromwovi l-kooperazzjoni amministrattiva u ġudizzjarja internazzjonali fil-qasam tal-liġi privata, speċjalment fl-oqsma tal-protezzjoni tal-familja u t-tfal, tal-proċedura ċivili u tal-liġi kummerċjali.

123. L-Uffiċċju Permanenti huwa s-Segretarjat tal-Konferenza tal-Aja responsabbli mill-operat ta' kuljum tal-organizzazzjoni.

124. Skont il-Konvenzjoni, l-Istati Kontraenti għandhom jipprovdu lill-Uffiċċju Permanenti bl-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 57, li tindika kif għandhom jitwettqu r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat. L-Uffiċċju Permanenti għandu jiġbor ukoll informazzjoni, inklużi statistika u każistika, rigward l-operat tal-Konvenzjoni.

*Ara l-Artikoli 54 u 57 tal-Konvenzjoni*

**Dejta personali / informazzjoni personali**

125. Dejta personali hija informazzjoni personali dwar persuna, li tinġabar, tintuża jew tiġi żvelata matul il-kors tal-proċeduri skont il-Konvenzjoni. Hija tinkludi l-identifikazzjoni ta' informazzjoni bħad-data tat-twelid, l-indirizz ta' persuna, id-dħul u informazzjoni dwar l-impjieg fir-rigward tal-individwu, kif ukoll identifikaturi nazzjonali jew Statali bħal numri tal-assigurazzjoni soċjali, numri tas-sigurtà soċjali, numri tas-saħħa personali u numri simili li huma uniċi għal individwu.[45]

126. Skont il-Konvenzjoni, id-dejta personali tista' tintuża biss għall-iskop li għalih tkun inġabret jew ġiet trasmessa u l-kunfidenzjalità tad-dejta għandha tinżamm b'konformità mal-liġi tal-Istat li jittratta l-informazzjoni. L-iżvelar ta' dejta personali jew informazzjoni personali mhuwiex permess meta dak l-iżvelar jipperikola s-saħħa, is-sigurtà jew il-libertà ta' individwu.[46]

*Ara l-Artikoli 38, 39 u 40 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 3*

**Protokoll dwar il-Liġi applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment**

127. Il-*Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* huwa strument internazzjonali li jinkludi regoli ġenerali dwar il-liġi applikabbli u li jissupplimenta l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-*

---

[44] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 264.
[45] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 605.
[46] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 608.

*Familja.* Xi Stati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni jistgħu jkunu wkoll firmatarji għall-Protokoll u japplikaw il-Protokoll f'materji li jikkonċernaw il-manteniment.

*Referenza għall-manwal – il-Kapitoli 5, 10 u 11*

**Miżuri provviżorji**

128. Il-miżuri provviżorji huma previsti taħt l-Artikoli 6(2) *i)* u 7 tal-Konvenzjoni. Dawn huma proċeduri li jinbdew fi Stat sabiex jiżguraw l-eżitu ta' applikazzjoni għal manteniment. Pereżempju, jistgħu jiġu mfittxija miżuri provviżorji sabiex jipprevjenu d-disponiment tal-assi jew sabiex iwaqqfu lid-debitur milli jħalli l-Istat bil-għan li jevita l-proċeduri relatati mal-manteniment.[47]

*Ara l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitoli 1 u 3*

**Korp pubbliku**

129. It-terminu korp pubbliku jintuża f'żewġ kuntesti differenti fil-Konvenzjoni.

130. Skont l-Artikolu 36, korp pubbliku huwa awtorità governattiva li tista' tagħmel applikazzjoni għal manteniment, bħala kreditur, f'ċirkostanzi limitati. Korp pubbliku jista' jniedi applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar jew għall-infurzar ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 10(1) *a)* u *b).* Huwa jista' jniedi wkoll applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni fiċ-ċirkostanzi fejn deċiżjoni eżistenti ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta għar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 20(4).[48]

131. Sabiex ikun intitolat li jressaq l-applikazzjoni, il-korp pubbliku għandu jew ikun qiegħed jaġixxi minflok il-kreditur, jew inkella jkun qiegħed ifittex rimborżi ta' benefiċċji pprovduti minflok manteniment.

132. L-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni jirreferi wkoll għal korpi pubbliċi li, f'dak il-kuntest, huma dawk l-entitajiet permessi mil-liġijiet ta' Stat sabiex iwettqu l-funzjonijiet ta' Awtorità Ċentrali. Korp pubbliku li huwa responsabbli għal dawn il-funzjonijiet għandu jkun soġġett għas-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat u l-firxa tal-involviment tagħhom fil-kawżi skont il-Konvenzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja.

*Ara l-Artikoli 6(3) u 36 tal-Konvenzjoni*

**Ratifika**

133. Ratifika hija wieħed mill-mezzi li jista' juża Stat sabiex isir Parti għall-Konvenzjoni. L-Artikolu 60 jistabbilixxi meta tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni (tliet xhur wara d-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni) u meta tibda titħaddem fi Stat Kontraenti speċifiku. Is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata juri liema Stati saru Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

*Ara l-Artikoli 58 u 60 tal-Konvenzjoni*

**Rikonoxximent**

134. **Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar manteniment huwa l-proċedura użata minn awtorità kompetenti ta' Stat** sabiex taċċetta d-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi li jikkonċernaw il-manteniment magħmul mill-awtorità fl-Istat tal-oriġini, fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u jagħti l-forza tal-liġi lil dik id-deċiżjoni.[49] Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, applikant japplika wkoll sabiex ikollu d-deċiżjoni infurzata, biex b'hekk l-applikazzjoni tkun kemm għal rikonoxximent kif ukoll għal infurzar. Madankollu, applikant jista' japplika għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni biss. Għalkemm, skont l-Artikolu 26,

[47] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 176.
[48] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 590.
[49] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 429.

applikazzjoni għal rikonoxximent tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti bħal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar, ma hemm ebda rekwiżit li d-deċiżjoni tkun infurzabbli fl-Istat tal-oriġini, iżda huwa meħtieġ biss li hija "jkollha effett" f'dak l-Istat.

*Ara l-Artikoli 19 sa 28 tal-Konvenzjoni*

**Rikonoxximent u infurzar**

135. Ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet eżistenti dwar il-manteniment huwa wieħed mill-proċessi ewlenin skont il-Konvenzjoni. L-iskop tar-rikonoxximent u l-infurzar huwa li jippermetti li deċiżjoni meħuda fi Stat wieħed tkun effettiva jew tkun tista' tiġi infurzata fi Stat Kontraenti ieħor.[50] Il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar ineħħi l-ħtieġa li kreditur jistabbilixxi deċiżjoni ġdida fl-Istat fejn għandha tiġi infurzata d-deċiżjoni u jippermetti lill-Istat rikjest jinforza d-deċiżjoni eżistenti.

*Ara l-Artikoli 19 sa 28 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 7*

**Awtorità Ċentrali rikjedenti u Awtorità Ċentrali rikjesta**

136. L-Awtorità Ċentrali rikjedenti hija l-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn tkun qiegħda tinbeda l-applikazzjoni jew it-talba. Dik l-Awtorità Ċentrali tibgħat l-applikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali rikjesta, li min-naħa tagħha tipproċessa l-applikazzjoni u tibgħatha lil awtorità kompetenti sabiex timtela. Id-doveri ta' Awtorità Ċentrali huma stipulati fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

*Ara l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni*

**Stat rikjedenti u Stat rikjest**

137. L-***Istat rikjedenti*** huwa l-Istat fejn jirrisjedi l-applikant u fejn tinbeda applikazzjoni jew talba skont il-Konvenzjoni. L-***Istat rikjest*** huwa l-Istat li qiegħed jintalab sabiex jipproċessa l-applikazzjoni jew it-talba. Ġeneralment, dan ikun l-Istat fejn jirrisjedi l-konvenut.[51]

*Ara l-Artikoli 10 u 12 tal-Konvenzjoni*

**Riżerva**

138. Riżerva hija stqarrija formali minn Stat Kontraenti, permessa f'ċerti ċirkostanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat sejra tkun b'xi mod limitata. Pereżempju, Stat jista' jagħmel riżerva li huwa mhux ser jirrikonoxxi jew jinforza l-arranġamenti għal manteniment. Il-proċess għar-riżervi huwa stabbilit fl-Artikolu 62. Il-Profil ta' Pajjiż għal Stat għandu jistabbilixxi r-riżervi magħmula minn dak l-Istat. It-test sħiħ tar-riżervi kollha magħmula minn Stat jistgħu jinstabu wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

*Ara l-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 3*

**Konvenut**

139. Il-Konvenut huwa l-persuna li ser tkun qiegħda twieġeb jew tirrispondi għal applikazzjoni jew appell skont il-Konvenzjoni. Konvenut jista' jkun kreditur jew debitur.

---

[50] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 490.

[51] It-termini "Stat rikjest" u "Stat rikjedenti" mhumiex definiti fil-Konvenzjoni jew fir-Rapport ta' Spjegazzjoni. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, il-para. 64. L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni fih definizzjoni ta' residenza għall-finijiet ta' dak l-Artikolu biss. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, il-para. 228.

*Ara l-Artikoli 11, 23 u 24 tal-Konvenzjoni*

**Miżuri Speċifiċi**

140. Miżuri Speċifiċi huma ċerti doveri tal-kooperazzjoni amministrattiva li huma elenkati taħt l-Artikolu 7 u li jistgħu jkunu s-suġġett ta' talba minn Awtorità Ċentrali lil Awtorità Ċentrali oħra. It-talba ssir separatament minn applikazzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, stabbiliment, infurzar jew modifikazzjoni. Il-Miżuri Speċifiċi li jistgħu jintalbu jinkludu assistenza fir-rigward ta':

- id-determinazzjoni tal-post fejn jinsab id-debitur jew il-kreditur
- il-kisba ta' informazzjoni dwar id-dħul u ċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' kreditur jew debitur, inkluż il-post fejn jinsabu l-assi
- id-determinazzjoni tal-parentela ta' persuna minorenni
- il-kisba ta' dokumenti jew evidenza
- in-notifika tad-dokumenti
- il-kisba ta' miżuri interim jew provviżorji.

*Ara l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitoli 1 u 3*

**Stat**

*Ara Stat Kontraenti*

**Stat tal-oriġini**

141. Dan it-terminu jintuża sabiex jirreferi għall-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment. L-Istat tal-oriġini jista' jkun differenti mill-Istat fejn issa jirrisjedi l-applikant jew il-konvenut, għalkemm jista' wkoll ikun l-istess. Huwa importanti li tkun taf liema Stat huwa l-Istat tal-oriġini sabiex tiddetermina, pereżempju, liema awtorità kompetenti għandha timla l-Istqarrija tal-Infurzabbiltà f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar. L-Istat tal-oriġini jista' jissejjaħ ukoll l-Istat emittenti.

142. Fil-każ ta' arranġament għal manteniment, l-Istat tal-oriġini x'aktarx li jkun l-Istat fejn kien konkluż jew formalizzat il-ftehim.

*Ara l-Artikoli 11, 20, 25 u 30 tal-Konvenzjoni*

**Stqarrija tal-Infurzabbiltà**

143. Din hija meħtieġa f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni sabiex tistabbilixxi li d-deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat fejn ittieħdet (l-Istat tal-oriġini). F'xi Stati, l-Istqarrija tal-Infurzabbiltà tkun fil-forma ta' dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti li jgħid li d-deċiżjoni għandha l-"forza tal-liġi", li tfisser li hija tista' tiġi infurzata f'dak l-Istat. Stqarrija tal-Infurzabbiltà hija differenti minn dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, li hija wieħed mill-mekkaniżmi li jistgħu jintużaw f'xi Stati sabiex jirrikonoxxu jew jirrikonoxxu u jinfurzaw deċiżjoni.[52]

*Ara l-Artikoli 23(2) u 25(1)* b) *tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 7*

---

[52] F'xi Stati tista' tintuża l-frażi "*attestation de la force de chose jugée*", li tistabbilixxi li d-deċiżjoni għandha l-forza tal-liġi f'dak l-Istat.

**Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa**

144. Din hija meħtieġa f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni, fejn il-konvenut (ħafna drabi d-debitur) ma jkunx deher u ma kienx irrappreżentat fil-proċeduri fl-Istat tal-oriġini. Hija tikkonferma li l-konvenut kien ipprovdut b'notifika tal-proċeduri li rriżultaw fid-deċiżjoni dwar il-manteniment u kien ingħata opportunità li jinstema', jew li l-konvenut kien ġie nnotifikat bid-deċiżjoni u ngħata opportunità sabiex jikkontesta jew jappella d-deċiżjoni kemm fuq bażi fattwali kif ukoll fuq bażi legali ("fuq il-fatti u skont il-liġi").

*Ara l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 7*

**Persuna vulnerabbli**

145. Persuna vulnerabbli hija definita fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni bħala persuna li mhijiex kapaċi ssostni lilha nnifisha, minħabba xi indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħha. Il-Konvenzjoni tkopri l-persuni vulnerabbli biss jekk tkun saret dikjarazzjoni skont l-Artikolu 2(3) kemm mill-Istat rikjedenti kif ukoll mill-Istat rikjest sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha.

*Ara l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni*

*Referenza għall-manwal – il-Kapitolu 3*

# Kapitolu 3 - Materji ta' applikazzjoni ġenerali: il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## I. L-iskop ta' dan il-Kapitolu

146. Hemm għadd ta' kunsiderazzjonijiet komuni u kompiti rikorrenti li għandhom isiru ma' kull applikazzjoni li tidħol, talba diretta jew kwalunkwe Talba għal Miżuri Speċifiċi skont il-Konvenzjoni u r-Regolament. L-ewwel u l-aktar kunsiderazzjoni importanti hija jekk l-applikazzjoni jew it-talba taqax taħt il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, u b'hekk għandhom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni – sostantiv, ġeografiku u temporali – ta' kull wieħed miż-żewġ strumenti. Għalkemm il-Konvenzjoni u r-Regolament għandhom ħafna similaritajiet, huma sistemi leġiżlattivi separati u awtonomi u jiġu applikati separatament għall-kawżi rilevanti, b'konformità mad-dispożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-kamp ta' applikazzjoni, deskritti fil-Parti I ta' dan il-Kapitolu.

147. B'mod ġenerali, ir-Regolament japplika għall-kawżi ta' manteniment transkonfinali fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-Konvenzjoni tapplika għall-kawżi internazzjonali li jinvolvu Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u Stat barra mill-Unjoni Ewropea li huwa Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni. Madankollu, il-Konvenzjoni sejra tapplika biss bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u Stati mhux membri fl-Unjoni Ewropea li huma Kontraenti għall-Konvenzjoni wara li l-Unjoni Ewropea ssir Parti għall-Konvenzjoni u l-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ għall-Unjoni Ewropea.[53] Huwa antiċipat li l-Unjoni Ewropea ssir Parti għall-Konvenzjoni fl-2014 (ara wkoll it-taqsima II.C., *infra*). Barra mill-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni sejra tapplika bejn l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

148. Ta' min jinnota li fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament u r-regoli tal-liġi applikabbli (f'dawk l-Istati Membri li huma marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) sejrin jiġu applikati b'mod universali għall-kawżi kollha li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni temporali u s-suġġett tar-Regolament, jiġifieri, inklużi l-kawżi mill-Istati non-Ewropej kollha. Għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament u dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007 (li kien inkorporat permezz ta' referenza fir-Regolament fl-Art. 15), jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 4 u l-Kapitolu 5, rispettivament.

149. Jekk l-applikazzjoni jew it-talba ma taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament, mela allura l-proċeduri stabbiliti f'dan il-Manwal ma japplikawx. Madankollu, xorta waħda jistgħu japplikaw strumenti internazzjonali oħrajn li jittrattaw l-irkupru internazzjonali tal-manteniment (ara l-Parti I, it-taqsima I.B., *infra*). Il-Parti I tal-Kapitolu 3 tistabbilixxi l-fatturi li għandhom jintużaw sabiex jiddeterminaw jekk applikazzjoni jew talba diretta taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament.

150. Il-Parti II tal-Kapitolu 3 tkopri materji li huma komuni għall-proċeduri kollha taħt il-Konvenzjoni u r-Regolament – ir-regoli sabiex tiġi rrispettata l-lingwa użata fil-komunikazzjoni, il-ħtieġa tat-traduzzjoni tad-dokumenti u tad-deċiżjonijiet, il-protezzjoni tal-informazzjoni personali, ir-rekwiżit għal aċċess effettiv għall-proċeduri, il-miżuri provviżorji u protettivi u n-notifika u l-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż.

---

[53] Id-Danimarka mhijiex qiegħda tipparteċipa fil-konklużjoni tal-Konvenzjoni mill-Unjoni Ewropea (ara *infra*, in-nota 59).

# Parti I – Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-2007 u tar-Regolament tal-2009

## I. Materji b'kamp ta' applikazzjoni ġenerali li huma komuni għall-Konvenzjoni tal-2007 u għar-Regolament tal-2009

### *A. Il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009: ebda effett fuq ir-relazzjonijiet familjari*

151. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-Konvenzjoni, ir-Regolament u l-Protokoll (ara l-Kapitolu 5 għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007) la jirregolaw u lanqas jaffettwaw ir-relazzjoni sottostanti tal-familja, ta' parentela jew kwalunkwe relazzjoni oħra li tista' twassal għall-obbligi ta' manteniment. L-eżistenza u n-natura tar-relazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal obbligi ta' manteniment sejrin jiġu ddeterminati mil-liġi applikabbli skont il-liġi domestika (inklużi, fejn rilevanti, ir-regoli domestiċi tal-liġi internazzjonali privata) fi proċeduri li jiddeterminaw tali relazzjonijiet, jew mil-liġi applikabbli fejn tali relazzjoni tkun stabbilita mill-operat tal-liġi.[54]

152. L-Artikolu 22 tar-Regolament jgħid dan li ġej:

> "Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment skont dan ir-Regolament ma għandhom bl-ebda mod jimplikaw ir-rikonoxximent tar-relazzjoni tal-familja, ta' parentela, ta' żwieġ jew ta' affinità li huma sottostanti għall-obbligu ta' manteniment li wassal għad-deċiżjoni".

153. Filwaqt li fil-Konvenzjoni ma jeżisti ebda Artikolu li huwa parallel għall-Artikolu 22 tar-Regolament, fil-Konvenzjoni ma hemm xejn li jindika approċċ kuntrarju. Madankollu, l-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni jistipula li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni japplikaw għat-tfal "irrispettivament mill-istat ċivili tal-ġenituri".

154. Madankollu, kemm il-Konvenzjoni kif ukoll ir-Regolament jipprovdu l-applikazzjonijiet għall-istabbiliment tal-manteniment, li jistgħu jinkludu l-istabbiliment tal-parentela (l-Art. 10 *ċ)* tal-Konvenzjoni u l-Art. 56 *ċ)* tar-Regolament) u jpoġġu obbligi fuq l-Awtoritajiet Ċentrali sabiex jipprovdu assistenza fl-istabbiliment tal-parentela, fejn tkun meħtieġa (l-Art. 6 *h)* tal-Konvenzjoni u l-Art. 51 *h)* tar-Regolament (ara *supra*, il-Kapitolu 1, it-taqsimiet I.B u III.B)).

### *B. Strumenti jew ftehimiet internazzjonali oħrajn li jikkonċernaw il-manteniment*

155. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu konxji li jekk ir-Regolament u l-Konvenzjoni ma jkunux applikabbli, minflok jistgħu japplikaw strumenti jew ftehimiet internazzjonali oħrajn li jikkonċernaw l-irkupru transkonfinali tal-manteniment. Pereżempju, l-istrumenti internazzjonali li ġejjin, illi jindirizzaw l-irkupru transkonfinali tal-manteniment, kienu konklużi preċedentement:

- *Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Irkupru tal-Manteniment Barra mill-Pajjiż, New York, l-20 ta' Ġunju 1956* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1956")[55]

---

[54] Madankollu, ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Protokoll, *supra*, in-nota 5 fil-paġna 10, fir-rigward tal-okkażjonijiet fejn ċerti Stati jistgħu jagħżlu li japplikaw il-Protokoll għall-kwistjoni tal-eżistenza tar-relazzjonijiet familjari, li tinqala' bħala materja preliminari matul il-kors tal-proċeduri li għandhom l-għan ewlieni li jiddeterminaw talba għal manteniment.

[55] [Isem l-Istat] [huwa] [mhuwiex] Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1956.

- *Il-Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet Relatati mal-Obbligi ta' Manteniment* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni tal-1973")[56]

- *Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' April 1958 dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet relatati mal-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni tal-1958")[57]

156. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonsultaw id-database tat-trattat tan-Nazzjonijiet Uniti (disponibbli fuq < http://treaties.un.org >) għal informazzjoni dwar l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1956, kif ukoll is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja għal informazzjoni dwar il-Konvenzjonijiet tal-1958 u tal-1973 (< www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad il-"Konvenzjoni Nru. 23" u l-"Konvenzjoni Nru. 9," rispettivament). Il-lista tal-Aġenziji Mittenti u Riċeventi maħtura mill-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1956 issa qiegħda tinżamm aġġornata biss fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja, < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad il-"Konvenzjoni Nru. 38" u mbagħad il-"Konvenzjoni ta' New York tal-1956".

157. L-Istati jistgħu jkunu kkonkludew ukoll trattati bilaterali, reġjonali jew internazzjonali oħrajn li jindirizzaw l-irkupru internazzjonali tal-manteniment, filwaqt li l-awtoritajiet tal-manteniment nazzjonali għandhom jiġu kkonsultati sabiex jaċċertaw l-eżistenza ta' tali ftehimiet.

## II. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-2007

### A. Ħarsa ġenerali: Il-Kamp ta' Applikazzjoni Sostantiv tal-Konvenzjoni

158. Għarfien tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u tas-suġġett tal-Konvenzjoni huwa importanti ħafna sabiex tiġi ddeterminata l-firxa safejn tapplika l-Konvenzjoni f'applikazzjoni jew talba għal manteniment (applikazzjoni jew talba għal rikonoxximent, jew għal rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifikazzjoni). Il-Konvenzjoni mhijiex intiża biex tkopri kull tip ta' applikazzjoni jew talba għal manteniment meta l-partijiet ikunu jirrisjedu fi Stati differenti, u lanqas ma huwa l-każ li kull dispożizzjoni tal-Konvenzjoni tapplika awtomatikament għal kwalunkwe applikazzjoni jew talba li ssir skont il-Konvenzjoni.

159. Il-Konvenzjoni, kuntrarju għar-Regolament, tippermetti lill-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni, permezz ta' dikjarazzjoni jew riżerva (l-Art. 2(2) u 2(3) tal-Konvenzjoni), sabiex jespandu jew jillimitaw id-dispożizzjonijiet ewlenin dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

160. Jekk il-Kapitoli tal-Konvenzjoni li jittrattaw id-doveri tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali, inkluż l-għoti ta' assistenza legali, u r-regoli li jirrispettaw il-kontenut u t-trażmissjoni tal-applikazzjonijiet, japplikawx f'sitwazzjoni partikolari hija għalhekk kunsiderazzjoni inizjali importanti. Dawn id-doveri huma stipulati fil-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni.

161. L-Artikolu 2 huwa l-punt tat-tluq għad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni u jekk il-Kapitoli II u III japplikawx għal applikazzjoni partikolari. L-Artikolu 2 jistabbilixxi t-tipi ta' manteniment li huma koperti mill-Konvenzjoni u l-firxa sakemm jista' jiġi estiż jew ristrett il-kamp ta' applikazzjoni permezz ta' dikjarazzjoni jew inkella permezz ta' riżerva minn Stat Kontraenti.

162. Id-dikjarazzjonijiet u r-riżervi li huma antiċipati li jsiru mill-Unjoni Ewropea meta hija ssir Parti għall-Konvenzjoni huma indirizzati fit-taqsima II.C., *infra*.

---

[56] [Isem l-Istat] [huwa] [mhuwiex] Parti għall-Konvenzjoni tal-1973.
[57] [Isem l-Istat] [huwa] [mhuwiex] Parti għall-Konvenzjoni tal-1958.

## B. L-applikabbiltà sostantiva ewlenija – l-obbligi ta' manteniment

163. Fil-qalba tagħha, il-Konvenzjoni tkopri l-obbligi tal-manteniment tat-tfal u tal-miżżewġin kif deskritti hawn taħt.

### 1. Manteniment tat-tfal

164. L-aktar applikazzjoni wiesgħa tal-Konvenzjoni hija għall-manteniment tat-tfal. Bħala punt tat-tluq, il-Kapitoli kollha tal-Konvenzjoni japplikaw għall-obbligi kollha ta' **manteniment** għat-tfal, diment li:

- l-obbligu tal-manteniment irriżulta minn relazzjoni bejn ġenitur u wild,
- il-wild ikollu inqas minn 21 sena.

**Manteniment** jinkludi l-appoġġ għat-tfal, għal konjugi jew sieħeb/sieħba, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-kura tat-tfal jew tal-konjugi / tas-sieħeb jew sieħba. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jestendi wkoll il-manteniment għal appoġġ li jirriżulta minn forom oħrajn ta' relazzjonijiet familjari.

165. L-Istati Kontraenti jistgħu jestendu jew jillimitaw dan il-kamp ta' applikazzjoni inizjali permezz tal-użu ta' dikjarazzjonijiet jew riżervi, kif diskuss fit-taqsima 3 ta' hawn taħt.

### 2. Manteniment tal-miżżewġin

166. L-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-manteniment tal-miżżewġin mhijiex wiesgħa daqskemm hija għall-manteniment tat-tfal.

167. Il-Konvenzjoni sħiħa, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III, dejjem tapplika f'applikazzjoni għal rikonoxximent, għal rikonoxximent u infurzar jew għal infurzar, jekk it-talba għal manteniment tal-miżżewġin issir flimkien ma', jew bħala Parti minn talba għal manteniment tat-tfal fil-kuntest deskritt hawn fuq.[58] Għalhekk, dawn l-applikazzjonijiet jgħaddu minn taħt idejn l-Awtoritajiet Ċentrali fiż-żewġ Stati u, għaldaqstant, japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni relatati mal-Awtoritajiet Ċentrali, bħall-obbligi li jiġu pprovduti aġġornamenti u li d-deċiżjonijiet jintbagħtu lill-awtorità kompetenti fi ħdan l-Istat.

168. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tinvolvi biss il-manteniment tal-miżżewġin, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III ma japplikawx għall-applikazzjoni, sakemm l-Istat, permezz ta' dikjarazzjoni, ma jkunx estenda l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni kollha, permezz ta' dikjarazzjoni, għall-manteniment tal-miżżewġin. Dan ifisser li t-talba jew l-applikazzjoni ma tgħaddix minn taħt idejn l-Awtorità Ċentrali, iżda minflok tmur direttament għand l-awtorità kompetenti fl-Istat l-ieħor. Dawn jissejħu talbiet diretti lil awtorità kompetenti (ara *supra*, il-Kapitolu 1, it-taqsima III.C.). Minħabba li l-Awtoritajiet Ċentrali mhumiex involuti, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jirrispettaw l-attivitajiet tagħhom mhumiex applikabbli, iżda hemm dispożizzjonijiet oħrajn li japplikaw għat-talbiet diretti lill-awtoritajiet kompetenti. L-Artikoli kollha fil-Konvenzjoni, għajr dawk fil-Kapitoli II u III, dejjem japplikaw biss għad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment tal-miżżewġin.

169. Stat Kontraenti jista' jestendi l-involviment tal-Awtorità Ċentrali tiegħu għall-materji kollha li jikkonċernaw il-manteniment tal-miżżewġin, kif diskuss fit-taqsima li ġejja.

[58] Il-Konvenzjoni tuża l-kliem "magħmula flimkien ma' talba" għal manteniment tat-tfal. Dan mhux bilfors ifisser li t-talba għal manteniment tal-miżżewġin għandha tkun fl-istess deċiżjoni, iżda għandha tkun marbuta jew relatata mat-talba għal manteniment tat-tfal. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 47.

# 3. Riżervi u dikjarazzjonijiet

170. Il-kapaċità tal-Istati Kontraenti li jillimitaw jew jestendu l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni hija inkluża fl-Artikolu 2.

### a) Manteniment tat-tfal – l-età tal-ulied

171. Stat Kontraenti jista' jagħmel riżerva skont il-Konvenzjoni li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tfal ta' taħt it-18-il sena. Stat Kontraenti jista' jestendi wkoll l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni (jew kwalunkwe Parti minnha) għal persuni ta' 'l fuq minn 21 sena.

**Riżerva** hija stqarrija formali minn Stat Kontraenti, permessa f'ċerti ċirkostanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat sejra tkun b'xi mod limitata. Ir-riżervi huma previsti fl-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni.

### b) Manteniment tal-miżżewġin

172. Stat Kontraenti jista' jagħmel dikjarazzjoni sabiex jestendi l-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għal uħud mill-applikazzjonijiet, jew għall-applikazzjonijiet kollha, li jinvolvu l-manteniment tal-miżżewġin. Effettivament, dan ifisser li d-doveri tal-Awtorità Ċentrali, inklużi t-tħejjija ta' jew l-għoti ta' tweġiba għat-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi, kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw uħud mill-applikazzjonijiet jew l-applikazzjonijiet kollha sejrin japplikaw għall-obbligi u t-talbiet kollha relatati mal-manteniment tal-miżżewġin.

### c) Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja

173. Il-Konvenzjoni tippermetti lill-Istati Kontraenti jagħmlu **dikjarazzjoni** li testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni (jew ta' xi Parti mill-Konvenzjoni) għal tipi oħrajn ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjari. Għalhekk, Stat Kontraenti jista' jestendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal manteniment li jirriżulta f'sitwazzjonijiet ta' affinità jew ta' relazzjoni familjari oħra. Stat Kontraenti jista' jestendi wkoll il-Konvenzjoni sabiex tkopri l-manteniment għal persuni vulnerabbli, kif definit fil-Konvenzjoni.

**Dikjarazzjoni** hija stqarrija formali magħmula minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni. Id-dikjarazzjonijiet huma previsti fl-Artikolu 63 tal-Konvenzjoni.

### d) Arranġamenti għal manteniment

174. Stat Kontraenti jista' jagħmel riżerva skont il-Konvenzjoni li tindika li huwa mhux ser jirrikonoxxi u jinforza l-**arranġamenti għal manteniment**. Jekk issir din ir-riżerva, f'dak l-Istat ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati biss id-deċiżjonijiet dwar manteniment kif definiti skont il-Konvenzjoni. Stat jista' jagħmel ukoll dikjarazzjoni li l-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar tal-arranġamenti għal manteniment għandhom isiru biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu. Ara l-Artikoli 19(4) u 30(7) tal-Konvenzjoni.

**Arranġament għal manteniment** huwa definit fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni bħala ftehim bil-miktub relatat mal-ħlas ta' manteniment, li jew tħejja jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew inkella ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew sottomess quddiem awtorità kompetenti u li jista' jkun soġġett għal reviżjoni u modifikazzjoni minn awtorità kompetenti.

# 4. L-effett tar-riżervi għal-limitazzjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni

175. Kif ġie diskuss aktar 'il fuq, Stat Kontraenti jista' jagħmel riżerva skont il-Konvenzjoni, li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 2(2), Stat Kontraenti jista' jillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-manteniment għal tfal ta' taħt it-18-il sena. Dan ifisser li, f'dak l-Istat, il-Konvenzjoni ma tkoprix applikazzjonijiet li huma relatati mal-manteniment għal persuni li għandhom 18-il sena jew aktar.

176. Jekk Stat Kontraenti jkun għamel riżerva li tillimita l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni fl-Istat tiegħu għal persuni iżgħar minn 18-il sena, huwa ma jistax jitlob lil Stati oħrajn sabiex jittrattaw applikazzjonijiet għal persuni ta' 18-il sena jew aktar (l-Artikoli 2(2) u 62(4)).

177. Fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net >, tista' ssib informazzjoni, taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal", li tindika jekk sarux xi riżervi li jillimitaw l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni minn Stat Kontraenti.

## 5. L-effett tad-dikjarazzjonijiet għall-estensjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni

178. Huwa importanti li l-estensjonijiet tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għandhom "jikkoinċidu" kemm fl-Istat rikjest kif ukoll fl-Istat rikjedenti sabiex il-Konvenzjoni tkun tista' tapplika fiż-żewġ Stati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni estiż. Dan ma jfissirx li l-estensjoni kollha għandha tkun l-istess fiż-żewġ Stati – iżda li jkun hemm imqar Parti minnha li tkun l-istess.

> **Dikjarazzjoni** hija stqarrija formali magħmula minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni.

179. Pereżempju, jekk l-Istat Kontraenti A (l-Istat rikjedenti) ikun estenda l-applikazzjoni tal-Artikoli kollha tal-Konvenzjoni, inklużi l-Kapitoli II u III, sabiex ikopru materji relatati mal-manteniment ta' persuni vulnerabbli, dan ma jimponi ebda obbligu fuq l-Istat Kontraenti B (l-Istat rikjest) sabiex jaċċetta applikazzjoni għall-istabbiliment ta' manteniment għal persuna vulnerabbli, sakemm id-**dikjarazzjoni** mill-Pajjiż B ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-manteniment għal persuni vulnerabbli u sakemm ma testendix il-Kapitoli II u III għall-applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' manteniment għal persuni vulnerabbli. F'dan l-eżempju, id-dikjarazzjonijiet mill-Pajjiż A u mill-Pajjiż B jistgħu ma jkunux identiċi, iżda "jikkoinċidu" fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' manteniment għal persuni vulnerabbli, minħabba li ż-żewġ Stati jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-applikazzjonijiet għal stabbiliment.

180. Fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net >, tista' ssib informazzjoni, taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal", dwar jekk sarux xi dikjarazzjonijiet li jestendu l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni minn Stat Kontraenti.

## 6. Eżempji ta' kawżi

### Eżempju 1

181. K tirrisjedi fil-Pajjiż A. Hija għandha deċiżjoni dwar manteniment li ttieħdet fil-Pajjiż A li titlob lil L sabiex iħallas il-manteniment għaż-żewġt itfal tagħhom, li għandhom 10 snin u 12-il sena, kif ukoll sabiex iħallas il-manteniment tal-miżżewġin. L huwa missier it-tfal u jgħix fil-Pajjiż B. K tixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi rikonoxxuta u infurzata fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

### Il-Konvenzjoni tapplika?

182. Il-Konvenzjoni tapplika għal din il-materja. L-ulied huma taħt il-21 sena u l-materja tikkonċerna l-manteniment għat-tfal li jirriżulta minn relazzjoni bejn ġenitur u persuna minorenni. Billi t-talba għar-rikonoxximent u l-infurzar tal-manteniment tal-miżżewġin hija inkluża mat-talba għall-manteniment tat-tfal, id-dispożizzjonijiet sħaħ tal-Konvenzjoni japplikaw ukoll għal din it-talba.

### Eżempju 2

183. M tirrisjedi fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni dwar manteniment li ttieħdet fil-Pajjiż A li tipprovdi għal manteniment tat-tfal għal wild wieħed, li llum il-ġurnata għandu 20 sena. M tixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi infurzata kontra l-missier, li issa qiegħed

jirrisjedi fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

**Il-Konvenzjoni tapplika?**

184. Billi l-materja tikkonċerna l-manteniment għat-tfal minn relazzjoni bejn ġenitur / persuna minorenni, il-Konvenzjoni tapplika, sakemm il-Pajjiż A jew il-Pajjiż B ma jkunx għamel riżerva li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal każijiet fejn il-persuna minorenni jkollha inqas minn 18-il sena. Il-Konvenzjoni ma tapplikax f'dan il-każ jekk tkun saret tali riżerva mill-Pajjiż A jew mill-Pajjiż B.

**Eżempju 3**

185. N tirrisjedi fil-Pajjiż A u qiegħda tfittex l-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment tat-tfal għat-tarbija tagħha, li għandha 6 xhur, kif ukoll manteniment tal-miżżewġin għaliha stess. Missier it-tarbija, li huwa wkoll l-eks raġel tagħha, jgħix fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

**Il-Konvenzjoni tapplika?**

186. Il-Konvenzjoni sejra tapplika għall-applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni għall-manteniment tat-tfal. Madankollu, N ma tistax tuża s-servizzi tal-Awtorità Ċentrali, jew id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni sabiex *tistabbilixxi* deċiżjoni għal manteniment tal-miżżewġin, sakemm il-Pajjiż A u l-Pajjiż B ma jkunux estendew l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għall-obbligi ta' manteniment tal-miżżewġin jew, b'mod aktar speċifiku, għall-istabbiliment tal-obbligi ta' manteniment tal-miżżewġin.

187. Id-dijagramma fil-paġna li jmiss (il-Figura 2) turi kif għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk il-Konvenzjoni, jew kwalunkwe Parti minnha, tapplikax għal obbligu ta' manteniment partikolari.




**Figura 2: Il-proċess li jiddetermina jekk applikazzjoni taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni**

## C. *Dikjarazzjonijiet u riżervi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni*

188. Skont l-Artikolu 59 tal-Konvenzjoni, l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ("REIOs"), bħall-Unjoni Ewropea, jistgħu jsiru Parti għall-Konvenzjoni. Huwa antiċipat li l-Unjoni Ewropea sejra ssir Parti għall-Konvenzjoni fl-2014 (l-Unjoni Ewropea ffirmat il-Konvenzjoni fis-6 ta' April 2011).

189. L-informazzjoni rigward l-istatus tal-Unjoni Ewropea u tal-Konvenzjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad taħt il-"Konvenzjoni Nru. 38" u mbagħad taħt "Tabella tal-istatus" jew taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal". Hawn taħt qiegħda tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet u r-riżervi għall-Konvenzjoni mill-Unjoni Ewropea, li sejrin japplikaw ladarba l-Konvenzjoni tkun applikabbli fl-Unjoni Ewropea.[59]

### 1. Manteniment tat-tfal – l-età tal-persuna minorenni

190. L-Unjoni Ewropea ma hija ser tagħmel ebda riżerva skont il-Konvenzjoni li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tfal ta' taħt it-18-il sena, u lanqas ma hija ser testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal persuni li għandhom 'il fuq minn 21 sena (l-Art. 2(2)). Għaldaqstant, sejjer japplika l-kamp ta' applikazzjoni ewlieni tal-Konvenzjoni, li jkopri l-manteniment għal persuni sal-età ta' 21 sena.

### 2. Manteniment tal-miżżewġin

191. L-Unjoni Ewropea sejra tagħmel dikjarazzjoni li testendi l-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għal applikazzjonijiet li jinvolvu manteniment tal-miżżewġin (skont l-Art. 2(3)). Effettivament, dan ifisser li d-doveri tal-Awtorità Ċentrali, inklużi t-tħejjija ta' jew l-għoti ta' tweġiba għat-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi, kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet sejrin japplikaw għall-obbligi u t-talbiet kollha relatati mal-manteniment tal-miżżewġin.

### 3. Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja

192. L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel dikjarazzjoni unilaterali li hija sejra tikkunsidra, fi żmien numru ta' snin, illi testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tipi oħrajn ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjari (l-Art. 2(3)). Għalhekk, fil-ġejjieni, l-Unjoni Ewropea tista' testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal manteniment li jirriżulta f'sitwazzjonijiet ta' affinità jew ta' relazzjoni familjari oħra, iżda ma għandhiex tagħmel din id-dikjarazzjoni fil-mument tal-approvazzjoni tal-Konvenzjoni.

### 4. Arranġamenti għal manteniment

193. L-Unjoni Ewropea ma hija ser tagħmel ebda riżerva skont il-Konvenzjoni li tindika li hija mhijiex ser tirrikonoxxi u tinforza l-arranġamenti għal manteniment (l-Art. 30(8)). L-Unjoni Ewropea lanqas ma hija ser tagħmel xi dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li tindika li l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar tal-arranġamenti għal manteniment għandhom isiru biss permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali (l-Art. 30(7)).

---

[59] Ara *d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja* (ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali L 192, 22/07/2011, pp. 39-50).

# D. Il-Kamp ta' Applikazzjoni Ġeografiku u Temporali tal-Konvenzjoni

## 1. Dispożizzjonijiet dwar il-bidu u dispożizzjonijiet ġenerali

194. Il-Konvenzjoni sejra tapplika biss fost l-Istati li saru Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni, mill-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-depożitu tal-istrument tal-Istat għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni (l-Art. 60(2) *a)*). Tabella tal-Istatus, li telenka l-Istati Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni, flimkien mad-dati tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għal dawk l-Istati, tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad taħt il-"Konvenzjoni Nru. 38" jew taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

## 2. Regoli tranżitorji u l-koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn

195. Huwa importanti, skont l-Artikolu 56(3) tal-Konvenzjoni, li deċiżjoni jew arranġament għal manteniment fir-rigward tal-pagamenti ta' manteniment għat-tfal dovuti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni bejn żewġ Stati Kontraenti, għandhom jiġu infurzati jekk ikunu jikkonċernaw obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u wild lejn persuna taħt l-età ta' 21 sena. Madankollu, l-Istati Kontraenti mhumiex marbuta li jinfurzaw tipi oħrajn ta' obbligi ta' manteniment li għalihom ikun hemm pagamenti dovuti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni (iżda xorta waħda jistgħu jagħmlu dan,[60] pereżempju, skont il-liġi interna tagħhom jew skont strumenti jew ftehimiet oħrajn).

196. L-Artikolu 56(1) tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li l-Konvenzjoni għandha tapplika għall-applikazzjonijiet irċevuti mill-Awtoritajiet Ċentrali (inklużi t-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi skont l-Art. 7) u għat-talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar irċevuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat indirizzati wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni bejn l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest.

197. L-Artikoli 48 u 49 tal-Konvenzjoni jipprovdu għall-koordinazzjoni bejn strumenti internazzjonali preċedenti li jindirizzaw l-irkupru transkonfinali tal-manteniment. Il-Konvenzjoni tieħu post il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1956, il-Konvenzjoni tal-1973 u l-Konvenzjoni tal-1958 fost l-Istati Kontraenti, safejn il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom bejn l-Istati ko-Kontraenti jikkoinċidi mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Madankollu, l-Artikolu 56(2) tal-Konvenzjoni jipprovdi eċċezzjoni għal din ir-regola prinċipali. Jiġifieri, jekk deċiżjoni mogħtija fl-Istat tal-oriġini qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni, iżda kienet tkun rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni tal-1973 jew skont il-Konvenzjoni tal-1958, waħda minn dawn l-aħħar Konvenzjonijiet japplikaw għal dak il-każ (minħabba li ż-żewġ Stati huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni rilevanti u din kienet fis-seħħ fiż-żmien li ngħatat id-deċiżjoni).

198. Il-Konvenzjoni ma taffettwax lil strumenti internazzjonali oħrajn li ġew konklużi preċedentement u li jinkludu dispożizzjonijiet dwar materji rregolati mill-Konvenzjoni (l-Art. 51(1)), ma taffettwax l-applikazzjoni tal-istrumenti ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika bħall-Unjoni Ewropea (l-Art. 51(4)), tippermetti lill-Istati Kontraenti jikkonkludu ftehimiet fuq materji koperti mill-Konvenzjoni sabiex jittejjeb l-operat tagħha (l-Art. 51(2)) u ma tipprevjenix l-applikazzjoni ta' ftehim, arranġament, strument internazzjonali jew arranġament ta' reċiproċità fis-seħħ li jipprovdi dispożizzjonijiet aktar effettivi, usa' jew ta' benefiċċju akbar minn dawk stipulati fil-Konvenzjoni (skont it-termini tal-Art. 52).

---

[60] Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni *sensu stricto* tal-obbligu Konvenzjonali jista' jkun soluzzjoni effiċjenti f'xi każijiet, pereżempju, meta deċiżjoni barranija għal manteniment, jekk ma tiġix rikonoxxuta, ikollha tiġi riferuta lil qorti nazzjonali sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.

# III. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-2009

## A. Il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tar-Regolament

199. Ir-Regolament japplika għall-obbligi kollha ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjari, parentela, żwieġ jew affinità (l-Art. 1). Huwa nnotat fil-Premessa 11 tar-Regolament li t-terminu "obbligu ta' manteniment" għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu għall-finijiet tar-Regolament.[61] Billi t-termini "obbligu ta' manteniment" u "relazzjoni familjari" mhumiex definiti fir-Regolament, ir-responsabbiltà aħħarija għall-interpretazzjoni ta' dawn it-termini hija tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

200. Fil-Premessa 21 tar-Regolament huwa ċċarat ukoll li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma jiddeterminawx il-liġi applikabbli għall-istabbiliment tar-relazzjonijiet familjari li fuqhom huma bbażati l-obbligi tal-manteniment, li tkompli tkun koperta mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi, fejn rilevanti, ir-regoli tagħhom tal-liġi internazzjonali privata[62] (ara wkoll il-Parti 1, it-taqsima I.A., *supra*).

201. Għandu jiġi nnotat li r-Regolament jinkludi taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu "soluzzjonijiet bil-qorti u strumenti awtentiċi", li għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet meħuda għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar (ara l-Art. 48).

202. Ma hija possibbli ebda riżerva jew dikjarazzjoni mill-Istati Membri fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tar-Regolament.

## B. Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-Regolament

203. Ir-Regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri parteċipanti. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea qegħdin jipparteċipaw fir-Regolament.[63] Madankollu, id-Danimarka sejra tipparteċipa fir-Regolament biss sakemm id-dispożizzjonijiet tagħha jemendaw ir-Regolament Brussell I. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu applikati għar-relazzjonijiet bejn Stati Membri oħrajn u d-Danimarka, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Kapitoli III (il-Liġi Applikabbli) u VII (il-Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali).[64]

204. Ta' min jinnota li fir-rigward tas-sistema tal-liġi applikabbli skont ir-Regolament (il-Kapitolu III), ir-Renju Unit, flimkien mad-Danimarka, mhuwiex ser ikun marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll, ara l-Kapitolu 5). Bħala konsegwenza, id-deċiżjonijiet mogħtija f'dawn iż-żewġ pajjiżi sejrin jiġu ttrattati b'mod differenti għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar (ara l-Kapitolu 8).

205. Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li r-regoli ta' ġurisdizzjoni tal-Kapitolu II (applikabbli fl-Istati Membri kollha minbarra fir-Renju Unit u fid-Danimarka) għandhom karattru ta' *erga omnes* u, b'hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn ir-regoli b'mod universali għall-kawżi internazzjonali *kollha* li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, mhux biss għall-kawżi konnessi ma' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

---

[61] Madankollu, minħabba li r-Regolament jimmodifika r-Regolament Brussell I billi jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament applikabbli għall-materji relatati mal-obbligi għal manteniment, x'aktarx li tkun trid tingħata attenzjoni għall-każistika li indirizzat dak li sostanzjalment jista' jitqies bħala "obbligu għal manteniment" skont ir-Regolament Brussell I. Pereżempju, ara l-QtĠ-UE, *Van den Boogaard vs Laumen*, is-27 ta' Frar 1997, il-Kawża C-220/95, Ġabra *I-01147*.

[62] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[63] Ir-Renju Unit ma pparteċipax fl-adozzjoni tar-Regolament, iżda sussegwentement esprima l-intenzjoni tiegħu li jaċċetta r-Regolament permezz ta' ittra tal-15 ta' Jannar 2009 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni aċċettat il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fir-Regolament fit-8 ta' Ġunju 2009 (ara l-ĠU L 149/73, 12.6.2009). Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Jannar 2009, id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament b'mod limitat (ara l-ĠU L 149/80, 12.6.2009).

[64] *Ibid*. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Art. 2 u l-Kapitolu IX tar-Regolament sejrin ikunu applikabbli fid-Danimarka biss sakemm ikunu jirrigwardjaw il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent, l-infurzabbiltà u l-infurzar tas-sentenzi, kif ukoll l-aċċess għall-ġustizzja.

## C. Il-kamp ta' applikazzjoni temporali tar-Regolament

### 1. Dispożizzjonijiet dwar il-bidu u dispożizzjonijiet tranżitorji

206. Ir-Regolament huwa applikabbli fl-Unjoni Ewropea mit-18 ta' Ġunju 2011.[65]

207. L-Artikolu 75(1) tar-Regolament jispeċifika li r-Regolament għandu japplika "biss għall-proċeduri istitwiti, għas-soluzzjonijiet bil-qorti approvati jew konklużi u għall-istrumenti awtentiċi stabbiliti" wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament.

208. Madankollu, it-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV tar-Regolament dwar ir-Rikonoxximent, l-Infurzabbiltà u l-Infurzar tad-Deċiżjonijiet sejrin japplikaw għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament fejn ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jintalbu mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament, kif ukoll "għad-deċiżjonijiet mogħtija mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament wara l-bidu tal-proċeduri qabel dik id-data". Tali deċiżjonijiet għandhom "jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell I għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar" (l-Art. 75(2)).[66] Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll li r-Regolament Brussell I għandu jkompli japplika għall-proċeduri għal rikonoxximent u infurzar li għaddejjin fid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament. Dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji li jikkonċernaw ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet japplikaw, *mutatis mutandis*, għas-soluzzjonijiet bil-qorti li jiġu approvati jew konklużi jew għall-istrumenti awtentiċi stabbiliti fl-Istati Membri.

209. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stati Membri oħrajn fejn huwa applikabbli r-Regolament Brussell I, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu f'moħħhom id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Brussell I (l-1 ta' Marzu 2002) għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li pparteċipaw f'dak ir-Regolament f'dik id-data (l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit). Għal għadd ta' Stati oħrajn, ir-Regolament Brussell I kellu jkun applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004 (għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovakja u s-Slovenja) u mill-1 ta' Jannar 2007 (għar-Rumanija u l-Bulgarija).

210. Ir-Regolament jistabbilixxi li l-Kapitolu VII tiegħu dwar il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali sejjer japplika għat-talbiet u l-applikazzjonijiet irċevuti mill-Awtorità Ċentrali mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (l-Art. 75(3)).

### 2. Il-koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn

211. L-Artikoli 68 (Ir-relazzjonijiet ma' strumenti Komunitarji oħrajn) u 69 (Ir-relazzjonijiet mal-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti) tar-Regolament jindirizzaw il-koordinazzjoni tar-Regolament ma' strumenti internazzjonali eżistenti oħrajn.

212. L-Artikolu 68(1) jistabbilixxi li r-Regolament jimmodifika r-Regolament Brussell I, billi jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tiegħu fir-rigward ta' materji li jikkonċernaw l-obbligi ta' manteniment, soġġett għal dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament (deskritti minnufih *supra*, taħt it-taqsima III.C.1).

213. L-Artikolu 68(2) sa (4) jgħid, rispettivament, li r-Regolament: 1) jissostitwixxi, f'materji li jikkonċernaw l-obbligi ta' manteniment, ir-Regolament (KE) Nru. 805/2004 (*ir-*

---

[65] Madankollu, l-Artikoli 2(2), 47(3), 71, 72 u 73, li jittrattaw primarjament ir-rekwiżiti tal-informazzjoni li, skont ir-Regolament, għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri, japplikaw mit-18 ta' Settembru 2010 (l-Art. 76).

[66] Ara l-*Korriġendum għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati mal-obbligi għal manteniment* (ĠU L 131/26, 18.5.2011) u l-*Korriġendum għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati mal-obbligi għal manteniment* (ĠU L 8/19, 12.1.2013).

*Regolament (KE) Nru. 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati)*, għajr fir-rigward tal-Ordnijiet Ewropej ta' Infurzar fuq l-obbligi ta' manteniment maħruġa fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ara wkoll il-Kapitolu 8); 2) għandu jkun bla preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/8/KE (*id-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn*), soġġett għall-Kapitolu V tar-Regolament dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja (ara l-Parti II ta' dan il-Kapitolu, it-taqsima VII, *infra*); u 3) għandu jkun bla preġudizzju għad-*Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data* (ara l-Parti II ta' dan il-Kapitolu, it-taqsima VI, *infra*).

214. L-Artikolu 69(1) jistabbilixxi li r-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet jew ftehimiet bilaterali jew multilaterali li għalihom huwa/huma Parti(jiet) Stat Membru wieħed jew aktar fil-mument tal-azzjoni tar-Regolament (bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri, skont l-Art. 307 tat-Trattat tal-KE, fir-rigward tal-prijorità tat-trattati pre-eżistenti tal-Istati Membri tal-KE ma' pajjiżi terzi). L-Artikolu 69(2) jistabbilixxi li, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, ir-Regolament għandu jieħu preċedenza fuq strumenti oħrajn li l-Istati Membri huma Parti għalihom fil-materji rregolati mir-Regolament.

215. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 69(3) jipprovdi eċċezzjoni għall-Artikolu 69(2) u jispeċifika li r-Regolament ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tat-23 ta' Marzu 1962 bejn l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Islanda u n-Norveġja dwar l-irkupru tal-manteniment fl-Istati Membri li huma Parti għal din il-Konvenzjoni, minħabba li jipprovdi numru ta' kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-irkupru transkonfinali tal-manteniment. Madankollu, id-drittijiet tal-konvenut stabbiliti mir-Regolament (l-Artikoli 19 u 21) għandhom jiġu rrispettati fl-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

## IV. Fatturi oħrajn li jirregolaw l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni u tar-Regolament

216. Hemm għadd ta' fatturi oħrajn li jistgħu jiġu kkunsidrati u li jista' jkollhom impatt fuq il-mod kif tapplika l-Konvenzjoni jew kif japplika r-Regolament f'sitwazzjoni partikolari. Dawn jinkludu:

- il-partijiet jirrisjedu fi Stati Kontraenti jew fi Stati Membri?
- l-applikant huwa debitur jew kreditur?
- l-applikant għandu deċiżjoni dwar manteniment?
- fejn ittieħdet id-deċiżjoni?
- fejn huwa abitwalment residenti l-kreditur?

## 1. Il-partijiet jirrisjedu fi Stati Kontraenti jew fi Stati Membri?

217. Sabiex il-Konvenzjoni jew ir-Regolament ikunu applikabbli, l-applikant (il-persuna li tagħmel l-applikazzjoni jew li titlob l-assistenza skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament) għandu jkun jirrisjedi fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, skont fejn huwa applikabbli r-Regolament.[67]

218. Jekk l-applikant ikun jirrisjedi fi Stat Kontraenti jew fi Stat Membru, iżda l-konvenut (il-persuna li ser tkun qiegħda twieġeb għall-applikazzjoni) ma jkunx jgħix fi Stat Kontraenti jew Stat Membru jew inkella, fil-każ ta' konvenut li jkun debitur, ma jkollux assi jew dħul fi Stat Kontraenti jew Stat Membru, l-applikant ma jkunx jista' juża l-Konvenzjoni jew ir-Regolament sabiex jirrikonoxxi, jinforza, jistabbilixxi jew jimmodifika deċiżjoni dwar manteniment.

[67] Soġġett għall-applikazzjoni attenwata tar-Regolament fid-Danimarka. Ara l-para. 203, *supra*.

219. Jekk l-applikant ikun jirrisjedi fi Stat mhux Kontraenti jew fi Stat mhux Membru, iżda l-konvenut / id-debitur ikun jirrisjedi jew ikollu assi fi Stat Kontraenti jew Stat Membru, ma tiġi involuta ebda Awtorità Ċentrali fl-Istat tal-applikant, iżda l-applikant ikun jista' jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti fl-Istat tal-konvenut għal assistenza.[68]

220. Inti tista' ssir taf jekk Stat huwiex Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni billi żżur is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

## 2. L-applikant huwa debitur jew kreditur?

221. L-applikant għal rimedju skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament jista' jkun kreditur, debitur jew korp pubbliku. **Kreditur** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. **Debitur** huwa l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas manteniment. **Korp pubbliku** huwa entità governattiva li pprovdiet benefiċċji lill-kreditur, minflok manteniment, jew li qiegħda taġixxi minflok jew f'isem kreditur.

**Għaliex huwa importanti l-applikant?**

222. Huwa importanti li jiġi identifikat l-applikant minħabba li l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 56 tar-Regolament jistabbilixxu min huwa intitolat sabiex iressaq kull tip ta' applikazzjoni.

223. ***Kreditur*** jista' jressaq kwalunkwe waħda mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

- applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni,
- applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest,
- applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni fejn ma teżisti ebda deċiżjoni preċedenti, inkluż l-istabbiliment tal-parentela, jekk ikun meħtieġ,
- applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni fejn teżisti deċiżjoni li iżda ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata,
- applikazzjoni għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjest jew fi Stat ieħor għajr l-Istat rikjest.

*Il-**kreditur*** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjugi, persuna minorenni, ġenituri li jiffosterjaw it-tfal jew qraba jew persuni oħrajn li jieħdu ħsieb persuna minorenni. F'xi Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ benefiċjarju tal-manteniment, persuna b'obbligu dovut lilha, jew ġenitur jew persuna oħra bil-kura u l-kustodja ta' minorenni.

224. ***Debitur*** jista' jressaq biss l-applikazzjonijiet li ġejjin skont il-Konvenzjoni:

- applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni għal-limitazzjoni jew is-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti, jew
- applikazzjoni għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjest jew fi Stat ieħor għajr l-Istat rikjest.

*Id-**debitur*** huwa l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, konjugi jew xi ħadd ieħor li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment. F'xi Stati, din il-persuna tissejjaħ kontribwent tal-manteniment, obbligant jew ġenitur mhux residenti jew mingħajr kustodja.

225. ***Korp pubbliku*** jista' jressaq biss l-applikazzjonijiet li ġejjin:

- applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest,

***Korp pubbliku*** huwa awtorità governattiva li tista' tagħmel applikazzjoni għal manteniment, bħala kreditur, f'ċirkostanzi limitati.

[68] Ftakar li r-regoli u l-proċeduri għall-każijiet li awtorità kompetenti taċċetta direttament għandhom jiġu ddeterminati b'mod ġenerali mil-liġi fis-seħħ fuq livell domestiku. Għalhekk, f'din is-sitwazzjoni, l-applikant ikollu jikkuntattja lill-awtorità kompetenti biex isir jaf x'inhuwa meħtieġ biex ikun jista' jagħmel it-talba diretta.

- applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar / dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà ta' deċiżjoni meħuda xi mkien ieħor, jew
- skont il-Konvenzjoni biss, applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni biss jekk deċiżjoni eżistenti ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta minħabba riżerva skont l-Artikolu 20(2) (ir-Regolament ma jippermettix li jsiru tali riżervi).

226. B'hekk, korp pubbliku ma jistax, pereżempju, juża l-Konvenzjoni jew ir-Regolament sabiex jimmodifika deċiżjoni eżistenti, u lanqas ma jista' debitur juża l-proċessi tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament sabiex jistabbilixxi deċiżjoni dwar manteniment.

227. Barra minn hekk, hemm limitazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament rigward il-firxa tal-assistenza jew tal-għajnuna legali li għandhom jiġu pprovduti lil kreditur jew debitur fi kwalunkwe applikazzjoni. Ara t-taqsima VII tal-Parti II ta' dan il-Kapitolu, li tispjega r-rekwiżit li tiġi pprovduta assistenza / għajnuna legali.

## 3. L-applikant għandu deċiżjoni dwar manteniment?

228. ***Deċiżjoni dwar manteniment*** hija dispożizzjoni f'deċiżjoni meħuda minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li titlob il-ħlas ta' manteniment għal applikant, persuna minorenni jew persuna oħra li teħtieġ appoġġ. Deċiżjoni dwar manteniment tista' tkun ordni magħmula minn awtorità ġudizzjarja, jew inkella ordni jew deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva, tribunal jew ministeru, jekk dik id-deċiżjoni tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 2(1)(1) tar-Regolament. "Arranġament għal manteniment" u "strument awtentiku", kif definiti fil-Konvenzjoni (Art. 3 *e)*) u fir-Regolament (Art. 2(1)(3)), rispettivament, jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati fi Stat jekk ikunu infurzabbli fl-Istat fejn saru. Ir-Regolament jinkludi wkoll definizzjoni ta' "soluzzjoni bil-qorti" (Art. 2(1)(2)).

229. Skont il-Konvenzjoni, arranġament għal manteniment mhuwiex deċiżjoni skont it-tifsira tal-Konvenzjoni u hemm regoli differenti li japplikaw għar-rikonoxximent tal-arranġamenti għal manteniment (ara l-Art. 30 tal-Konvenzjoni).

230. B'kuntrast, ir-Regolament jistipula li s-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi għandhom jiġu rikonoxxuti u jkunu infurzabbli fi Stati Membri oħrajn (jekk ikunu infurzabbli fl-Istat Membru tal-oriġini) bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom japplikaw "skont kif meħtieġ" għas-soluzzjonijiet bil-qorti u għall-istrumenti awtentiċi (l-Art. 48).

231. Jekk l-applikant ma jkollu ebda deċiżjoni dwar manteniment, mela allura tkun trid tiġi stabbilita l-applikazzjoni xierqa. L-applikabbiltà tal-Konvenzjoni għal talba għall-istabbiliment tista' tiddependi fuq liema tip ta' manteniment qiegħed jiġi mfittex, kif diskuss aktar 'il fuq fit-taqsima dwar il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni.

## 4. Fejn ittieħdet id-deċiżjoni?

232. Il-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment huwa importanti sabiex jiġi stabbilit jekk id-deċiżjoni għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta jew iddikjarata bħala infurzabbli jew le qabel tkun tista' tiġi infurzata (ara l-Kapitoli 7 u 8 għal informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni u r-Regolament). Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat rikjest, ma hemm bżonn li ssir ebda talba għal rikonoxximent u l-applikant ikun jista' jipproċedi billi sempliċiment jitlob li tiġi infurzata d-deċiżjoni.

233. Fl-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, id-deċiżjoni dwar il-manteniment għandha tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni[69] jew fi Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament.

[69] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 240.

## 5. Fejn huwa abitwalment residenti l-kreditur?

234. Minbarra li jiġi kkunsidrat jekk l-applikant u l-konvenut fi kwalunkwe applikazzjoni jirrisjedux fi Stati Kontraenti jew Stati Membri, id-determinazzjoni tar-residenza abitwali tal-kreditur hija kunsiderazzjoni importanti fl-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, kif ukoll fl-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni mressqa mid-debituri. Dan minħabba li hemm dispożizzjonijiet speċjali relatati mal-ġuriżdizzjoni għal u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni mmodifikata li jiddependu fuq min ressaq l-applikazzjoni u fuq jekk il-kreditur huwiex abitwalment residenti fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni oriġinali dwar il-manteniment.

235. It-terminu "residenza abitwali" mhuwiex definit fil-Konvenzjoni jew fir-Regolament, għalhekk, jekk kreditur huwiex abitwalment residenti fi Stat jew le jiddependi fuq il-fatti tal-każ partikolari. Ġeneralment, ir-residenza abitwali tiġi stabbilita billi jiġu kkunsidrati fatturi bħal fejn il-persuna għandha r-residenza tagħha, jew fejn il-persuna ġeneralment tgħix, taħdem jew tmur skola.[70]

236. Jekk il-kreditur ikun abitwalment residenti fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, ma tkunx tista' tittieħed ġuriżdizzjoni għal modifikazzjoni fi Stat ieħor skont l-Artikolu 8 tar-Regolament jew l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni, filwaqt li r-rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' modifikazzjoni meħuda fuq talba ta' debitur f'każ bħal dan jista' jiġi rrifjutat sakemm ma japplikawx l-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni jew fl-Artikolu 8 tar-Regolament. Din il-materja hija koperta f'aktar dettall fil-Kapitoli 4 u 11 tal-Manwal.

# Parti II — Materji komuni għall-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

237. Din il-Parti tittratta għadd ta' kwistjonijiet li huma komuni għall-applikazzjonijiet, għat-talbiet diretti u għat-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jivverifikaw liema strument sejjer japplika għal kawża partikolari qabel jirreferu għall-informazzjoni pertinenti għall-applikazzjonijiet, għat-talbiet diretti jew għat-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi skont kwalunkwe wieħed mill-istrumenti deskritti f'dan il-Kapitolu (ara d-diskussjoni ddettaljata fil-Parti I, *supra*, dwar il-kwistjonijiet tal-applikazzjoni u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u tar-Regolament).

238. Minħabba n-natura internazzjonali tal-operat tal-Konvenzjoni u tar-Regolament, huwa importanti li l-applikazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet isegwu r-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fir-Regolament dwar il-lingwa tal-komunikazzjoni u kwalunkwe rekwiżiti għat-traduzzjoni tad-dokumenti. Dawn huma stipulati fl-Artikoli 44 u 45 tal-Konvenzjoni u primarjament fl-Artikoli 59 u 66 tar-Regolament, kif ukoll fl-Artikoli 20, 28, 29 u 40.

## I. Il-lingwa skont il-Konvenzjoni tal-2007

### *A. Il-lingwa tal-applikazzjoni u tad-dokumenti*

239. Kwalunkwe applikazzjoni magħmula skont il-Konvenzjoni, kif ukoll id-dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni (inkluża d-deċiżjoni) għandhom ikunu bil-lingwa oriġinali tagħhom. Għandha tiġi inkluża wkoll traduzzjoni tal-applikazzjoni (u tad-dokumenti relatati) f'lingwa uffiċjali[71] tal-Istat rikjest, sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjest (l-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja li tipproċessa l-applikazzjoni) ma tkunx indikat li ma teħtieġ ebda traduzzjoni.

---

[70] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 63 u 444.

[71] Meta Stat ikollu aktar minn lingwa uffiċjali waħda u mhux il-partijiet kollha tat-territorju tiegħu jużaw il-lingwi uffiċjali kollha, huwa importanti li jiġi kkonfermat liema lingwa hija meħtieġa fit-territorju fejn sejra tintbagħat l-applikazzjoni (l-Art. 44(2)).

240. L-Istat rikjest jista' jagħmel ukoll dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li għandha tintuża lingwa oħra għajr il-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest għall-applikazzjonijiet u d-dokumenti relatati.[72] Fejn ikun hemm unitajiet territorjali fi Stat (pereżempju; provinċji jew stati) u jkun hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda, jew fejn Stat ikollu bosta lingwi uffiċjali li jistgħu jintużaw f'partijiet differenti tat-territorju tiegħu, l-Istat Kontraenti jista' jagħmel ukoll dikjarazzjoni li tispeċifika liema lingwa għandha tintuża għal kwalunkwe unità territorjali speċifika.

241. Innota li wieħed mill-vantaġġi importanti tal-użu tal-formoli rrakkomandati għal applikazzjoni skont il-Konvenzjoni huwa li l-istruttura tagħhom tippermettilhom jimtlew bi kwalunkwe lingwa u xorta waħda jkunu jistgħu jinftiehmu faċilment b'lingwa oħra, sabiex b'hekk titnaqqas il-ħtieġa tat-traduzzjoni (il-formoli rrakkomandati għall-Konvenzjoni huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net >, taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".)

## B. *Eċċezzjonijiet għat-traduzzjoni*

242. F'xi każijiet jista' ma jkunx prattiku jew possibbli għall-Istat rikjedenti li jittraduċi d-dokumenti fil-lingwa użata jew speċifikata mill-Istat rikjest. Pereżempju, is-servizzi tat-traduzzjoni disponibbli fl-Istat rikjedenti ma jistgħux jipprovdu traduzzjoni fil-lingwa tal-Istat rikjest. F'każ bħal dan, jekk l-applikazzjoni ssir taħt il-Kapitolu III (ġeneralment – kwalunkwe applikazzjoni dwar il-manteniment għat-tfal jew dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-manteniment tat-tfal jew tal-miżżewġin), l-Istat rikjest jista' jaqbel, jew għal dik il-kawża partikolari jew inkella b'mod ġenerali, li jwettaq it-traduzzjoni huwa stess.[73]

243. Jekk l-Istat rikjest ma jaqbilx li jassisti fit-traduzzjoni, mela allura l-Istat rikjedenti jkollu l-għażla li sempliċiment jittraduċi d-dokumenti għall-Ingliż jew għall-Franċiż. L-Istat rikjest jista' mbagħad jiddeċiedi li jittraduċi d-dokument għal-lingwa tiegħu, jekk ikun meħtieġ.

244. Pereżempju, jekk l-applikant fl-Istat rikjedenti (in-Norveġja) ma jkollux il-kapaċità li jittraduċi d-dokumenti għal-lingwa tal-Istat rikjest (l-Ispanjol fil-Messiku), u l-awtorità fil-Messiku ma tkunx tista' tittraduċi d-deċiżjoni min-Norveġiż għall-Ispanjol, id-dokumenti jistgħu minflok jiġu tradotti mill-applikant fin-Norveġja għall-Ingliż jew għall-Franċiż. It-traduzzjoni bl-Ingliż jew bil-Franċiż tista' mbagħad tintbagħat lejn il-Messiku.

245. Il-kwistjoni tal-eċċezzjonijiet imsemmija fuq għar-regola ewlenija tat-traduzzjoni skont il-Konvenzjoni għandha, b'mod ġenerali, tiġi ttrattata mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest u, b'hekk, l-imħallfin jew awtoritajiet kompetenti oħrajn normalment ma jiġux involuti f'dan il-pass.

# II. Il-lingwa skont ir-Regolament tal-2009

## A. *Ir-rekwiżiti ġenerali tar-Regolament għal-lingwa tal-applikazzjonijiet u tad-dokumenti (l-Artikoli 59 u 66)*

246. Ir-Regolament (l-Art. 59(1)) jistabbilixxi li t-talbiet jew l-applikazzjonijiet għandhom jitħejjew u jimtlew mill-awtorità rikjedenti bil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, jew b'lingwa uffiċjali ta' sub-unità rilevanti ta' dak l-Istat fejn tkun tinsab l-Awtorità Ċentrali rikjesta, jew inkella b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea li l-Istat Membru rikjest jindika bħala aċċettabbli, sakemm dan tal-aħħar ma jagħżilx li jipprovdi traduzzjoni.[74]

247. L-Artikolu 59(2) tar-Regolament jispeċifika li d-dokumenti ta' sostenn *ma għandhomx* jiġu tradotti, sakemm ma jkunux meħtieġa bil-għan li tkun tista' tiġi

[72] [Isem l-Istat] [għandu] [ma għandux] [jagħmel tali dikjarazzjoni, li tispeċifika li …].

[73] Innota li jekk l-Istat rikjest ma jagħmilx it-traduzzjoni kif deskritta hawn fuq, l-ispejjeż ta' dik it-traduzzjoni għandhom jinġarru mill-Istat rikjedenti (sakemm l-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Stati ma jkunux qablu mod ieħor).

[74] [Isem l-Istat] [indika] [na indikax] li sejjer jaċċetta lingwi oħrajn għajr [daħħal il-lingwa/i nazzjonali].

pprovduta l-assistenza mitluba. Din id-dispożizzjoni tgħid ukoll li hija bla preġudizzju għar-rekwiżiti aktar iddettaljati tat-traskrizzjoni jew tat-traduzzjoni skont ir-Regolament (diskussi *infra*), li jistgħu jkunu meħtieġa għall-proċeduri, misjuba fl-Artikolu 20 tar-Regolament (Dokumenti għall-finijiet ta' infurzar), fl-Artikolu 28 (Proċedura rigward l-applikazzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' infurzabbiltà) u fl-Artikolu 40 (L-invokar ta' deċiżjoni rikonoxxuta).

248. L-Artikolu 66 tar-Regolament huwa regola supplimentari ġenerali dwar ir-rekwiżiti tat-traduzzjoni, li tispeċifika li l-qorti li jitressqu l-proċeduri quddiemha tista' titlob lill-partijiet sabiex jipprovdu traduzzjoni tad-dokumenti ta' sostenn li ma jkunux miktuba bil-lingwa tal-proċeduri biss "jekk hija tqis li traduzzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni jew sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet ta' difiża".[75]

## B. *Rekwiżiti ta' traduzzjoni skont ir-Regolament fir-rigward ta' ċerti talbiet u applikazzjonijiet*

249. Ir-Regolament għandu bosta dispożizzjonijiet speċjali dwar it-traskrizzjoni jew it-traduzzjoni tad-dokumenti fir-rigward ta' ċerti talbiet u applikazzjonijiet, jiġifieri, b'rabta mad-dokumenti għall-finijiet ta' infurzar (l-Art. 20), Applikazzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' infurzabbiltà (l-Art. 28), In-non-produzzjoni tas-silta (l-Art. 29) u l-Invokar ta' deċiżjoni rikonoxxuta (l-Art. 40). Skont l-Artikolu 20(1) *d)*, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 40(3), huwa previst li "fejn meħtieġ [...] traskrizzjoni jew traduzzjoni tal-kontenut" tal-formola rilevanti Annessa mar-Regolament, għal-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru rikjest / proċeduri tal-qorti (jew lingwi oħrajn li jkunu ġew indikati bħala aċċettabbli), għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti rilevanti. L-Artikoli 20(2) u 28(2) jgħidu wkoll li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat rikjest "ma jistgħux" jitolbu traduzzjoni tad-deċiżjoni, iżda traduzzjoni tista' tkun meħtieġa jekk l-applikazzjoni jew it-talba tiġi kkontestata jew appellata. L-Artikolu 29(2) jippermetti lil awtorità kompetenti titlob it-traduzzjoni tad-dokumenti rilevanti, jekk tali traduzzjoni tkun meħtieġa. Fl-aħħar nett, huwa stipulat li kwalunkwe traduzzjoni magħmula skont l-Artikoli 20, 28, 29 u 40 għandha ssir minn "persuna kkwalifikata sabiex tittraduċi f'wieħed mill-Istati Membri".

# III. Il-legalizzazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

250. B'konformità ma' Konvenzjonijiet oħrajn tal-Aja, l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni tal-2007 jistabbilixxi li ma tista' tkun meħtieġa ebda legalizzazzjoni jew formalità simili skont il-Konvenzjoni. Dan l-Artikolu huwa rifless preċiżament fl-Artikolu 65 tar-Regolament. Għalhekk, ma hemm ebda ħtieġa għal awtentikazzjoni formali tal-firma tal-uffiċjal pubbliku li jikkompleta d-dokumenti jew ħtieġa għal Apostille, jekk dik hija l-prattika tas-soltu fi Stat Kontraenti jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

> Legalizzazzjoni hija t-terminu li jintuża sabiex jiddeskrivi ċerti proċessi legali formali, bħall-użu ta' Apostille jew trattament notarili, għall-awtentikazzjoni tad-dokumenti.

# IV. Prokura skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

251. L-Artikolu 42 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 52 tar-Regolament jistabbilixxu li prokura tista' tintalab biss minn applikant f'ċirkostanzi limitati ħafna. Prokura tista' tintalab f'sitwazzjoni fejn l-Awtorità Ċentrali jew awtorità oħra fl-Istat rikjest tirrappreżenta lill-applikant, pereżempju fi proċedura fil-Qorti, jew fejn il-prokura tkun meħtieġa sabiex

[75] Dan l-Artikolu huwa "bla preġudizzju" għall-Artikoli 20, 28 u 40 dwar ir-rekwiżiti għal applikazzjonijiet u talbiet speċifiċi.

jinħatar rappreżentant bil-għan li jaġixxi f'materja partikolari.[76] Skont il-Konvenzjoni, il-Profil tal-Pajjiż jindika jekk hijiex meħtieġa Prokura mill-Istat Rikjest.[77]

# V. Firem u kopji ċċertifikati ta' dokumenti skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## A. Il-Konvenzjoni

252. Ma hemm ebda rekwiżit skont il-Konvenzjoni li applikazzjoni għandha tiġi ffirmata sabiex tkun valida. Barra minn hekk, fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar, l-Artikoli applikabbli (l-Artikoli 12(2), 13, 25 u 30) jipprevedu proċess fejn jistgħu jintbagħtu kopji sempliċi ta' dokumenti, inkluża d-deċiżjoni, flimkien mal-applikazzjoni għal rikonoxximent. Matul il-proċedura ta' rikonoxximent u infurzar, l-awtorità kompetenti jew il-konvenut jistgħu jitolbu kopja ċċertifikata ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti, jekk dan ikun meħtieġ għall-ipproċessar tal-applikazzjoni jew sabiex tingħata tweġiba għaliha. Madankollu, sakemm ma ssirx tali talba, il-kopji sempliċi jkunu biżżejjed. Stat jista' wkoll jaċċetta d-dokumenti b'mod elettroniku, billi l-lingwa tal-Konvenzjoni hija deliberatament "newtrali medja".

253. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jispeċifika wkoll li, fil-każijiet kollha, huwa sejjer jitlob kopja ċċertifikata ta' kwalunkwe dokument. Il-Profil ta' Pajjiż jindika jekk Stat għamilx dik l-ispeċifikazzjoni għall-każijiet kollha (il-Profili tal-Pajjiżi tal-Istati Kontraenti huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja, < www.hcch.net >, taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".)

## B. Ir-Regolament

254. Skont ir-Regolament, formola ta' applikazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-applikant jew mill-persuna jew l-awtorità awtorizzata fl-Istat rikjedenti sabiex timla l-formola tal-applikazzjoni f'isem l-applikant. L-użu obbligatorju tal-formoli ta' applikazzjoni Annessi mar-Regolament huwa stipulat taħt l-Artikoli rilevanti tar-Regolament (pereżempju l-Artikoli 20, 28, 40, 48 u 57). Għall-applikazzjonijiet skont ir-Regolament li jirrikjedu silta minn deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjedenti u kopja tad-deċiżjoni, is-silta (bl-użu tal-formola Annessa xierqa) għandha tinħareġ u tiġi ffirmata mill-qorti tal-oriġini, filwaqt li l-kopja tad-deċiżjoni mehmuża għandha tissodisfa "l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha".

# VI. Il-protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## A. Il-Konvenzjoni (l-Artikoli 38-40)

255. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi xi salvagwardji importanti għall-protezzjoni tal-informazzjoni personali u kunfidenzjali trasmessa skont il-Konvenzjoni (Innota li din tissejjaħ "data" personali skont il-Konvenzjoni, minħabba li dan huwa t-terminu li jintuża fil-Konvenzjonijiet l-oħrajn tal-Aja). Tali salvagwardji huma stipulati fl-Artikoli 38, 39 u 40. L-informazzjoni personali tinkludi (iżda mhijiex limitata għal) informazzjoni bħall-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz jew informazzjoni ta' kuntatt, kif ukoll identifikaturi personali bħal numri tal-identità nazzjonali.[78]

256. Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi li minħabba s-sensittività tat-tip ta' informazzjoni li sejra tiġi kondiviża bejn l-Istati dwar l-individwi, il-protezzjoni ta' dik l-informazzjoni hija

---

[76] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 617.
[77] Fi [Isem l-Istat] [...].
[78] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 605.

essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ikunu protetti minn kwalunkwe konsegwenzi negattivi li jistgħu jirriżultaw mill-iżvelar ta' dik l-informazzjoni.

257. Fil-Konvenzjoni hemm limiti speċifiċi dwar l-iżvelar u l-konferma tal-informazzjoni miġbura jew trasmessa skont il-Konvenzjoni f'ċerti ċirkostanzi. L-iżvelar jew il-konferma tal-informazzjoni mhumiex permessi jekk ikunu ser jipperikolaw is-saħħa, is-sigurtà jew il-libertà ta' persuna (l-Art. 40(1)). Il-persuna tista' tkun minorenni, l-applikant, il-konvenut jew kwalunkwe persuna oħra. Il-Konvenzjoni mhijiex limitata f'dan ir-rigward.

258. Meta Awtorità Ċentrali tagħmel determinazzjoni li l-iżvelar jew il-konferma tal-informazzjoni jistgħu joħolqu tali riskju, hija għandha twassal dak it-tħassib lill-Awtorità Ċentrali l-oħra involuta li, min-naħa tagħha, għandha tieħu d-determinazzjoni f'kunsiderazzjoni meta tiġi biex tipproċessa applikazzjoni skont il-Konvenzjoni. L-Awtorità Ċentrali rikjesta mhijiex marbuta bid-determinazzjoni tar-riskju magħmula mill-Awtorità Ċentrali rikjedenti. Madankollu, l-Awtorità Ċentrali rikjesta hija mitluba li tiddetermina jekk l-iżvelar jistax jipperikola s-saħħa, is-sigurtà jew il-libertà ta' persuna u, skont l-Artikolu 40(2), id-determinazzjoni magħmula mill-Istat rikjedenti għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni mill-Awtorità Ċentrali rikjesta. Il-mod kif tipproċedi l-Awtorità Ċentrali rikjesta f'din is-sitwazzjoni jiddependi fuq dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni u sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Istat skont il-Konvenzjoni (l-Art. 40). Jekk l-Awtorità Ċentrali rikjedenti tkun imħassba dwar ir-rilaxx ta' informazzjoni kunfidenzjali dwar l-applikant, il-kreditur jew persuna oħra, prattika rrakkomandata hija li jintuża l-indirizz tal-Awtorità Ċentrali jew kompetenti fl-Istat rikjedenti, b'tali mod li l-indirizz tal-kreditur jew tal-applikant ikun "fil-kura ta'" dak l-indirizz.[79]

259. Il-formoli obbligatorji u rrakkomandati ppubblikati mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja ġew iddisinjati wkoll sabiex ikopru l-protezzjoni ta' informazzjoni personali. Dawn il-formoli jipprevedu li Awtorità Ċentrali tindika fuq dawn il-formoli li hemm tħassib li l-iżvelar jew il-konferma tal-informazzjoni jistgħu jipperikolaw is-saħħa, is-sigurtà jew il-libertà ta' persuna (fuq il-formoli hemm "kaxxa fejn timmarka" fejn tista' ssir din l-osservazzjoni).

260. Meta jiġi indikat dan it-tħassib, il-formoli jippermettu li l-informazzjoni personali sensittiva (bħal informazzjoni ta' kuntatt jew informazzjoni li tista' tintuża sabiex tidentifika jew issib il-persuna) tiġi inkluża fuq Parti separata tal-formola. B'dan il-mod, l-applikazzjoni, li tinkludi biss l-informazzjoni li jeħtieġ il-konvenut sabiex ikun jista' jwieġeb għall-applikazzjoni, tista' tiġi pprovduta lill-konvenut jew lill-awtorità kompetenti, mingħajr ma jinħoloq riskju għall-applikant, għall-kreditur jew għal xi persuna oħra.

261. Barra minn hekk, kwalunkwe awtorità, inklużi awtoritajiet ġudizzjarji jew kompetenti fl-Istat rikjest li jipproċessa l-informazzjoni skont il-proċeduri tal-Konvenzjoni, għandha ssegwi l-liġijiet interni tagħha stess dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni (l-Art. 39). Għalhekk, it-trażmissjoni kollha tal-informazzjoni għandha tkun konformi wkoll ma' kwalunkwe rekwiżiti interni stabbiliti fil-liġi fis-seħħ fuq livell domestiku, bħall-kisba ta' kunsens għar-rilaxx tal-informazzjoni, jew kwalunkwe restrizzjonijiet fuq l-iżvelar.[80]

## B. Ir-Regolament (l-Artikoli 61-63 u l-Artikolu 57(3))

262. L-Artikolu 68(4) tar-Regolament jgħid li l-applikazzjoni tar-Regolament għandha tkun "bla preġudizzju" għad-*Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data*. Il-Premessi 34 u 35 tar-Regolament jitkellmu wkoll dwar il-protezzjoni tad-data ġenerali skont ir-Regolament, bil-Premessa tal-ewwel tikkonferma li d-Direttiva 95/46/KE, kif trasposta fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, għandha tiġi rrispettata.

---

[79] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 612. Stat li jagħżel li juża l-indirizz "fil-kura ta'" għandu jkun konxju li l-Istat rikjest jista' jitlob, għal raġunijiet ta' liġi domestika, pereżempju għan-notifika tad-dokumenti, l-indirizz personali ta' kreditur.

[80] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

263. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jappartjenu għal kwistjonijiet relatati mal-privatezza tal-informazzjoni u d-dejta personali, jiġifieri l-Artikoli 61 sa 63, jispeċifikaw il-limiti u l-proċessi fuq il-kondiviżjoni u t-trasferiment ta' informazzjoni personali tal-kredituri u tad-debituri fi ħdan l-Istati Membri (jiġifieri bejn l-Awtoritajiet Ċentrali u l-awtoritajiet pubbliċi, l-amministrazzjonijiet, persuni ġuridiċi li jistgħu jkunu fil-pussess ta' dejta personali, qrati kompetenti u awtoritajiet oħrajn responsabbli għan-notifika tad-dokumenti jew għall-infurzar ta' deċiżjoni) u bejn l-Awtoritajiet Ċentrali rikjesti u rikjedenti skont ir-Regolament.

264. L-Artikolu 61 ikopri l-aċċess għall-informazzjoni għall-Awtoritajiet Ċentrali u kif l-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jaċċessaw u jittrasmettu b'mod xieraq informazzjoni dwar l-indirizz tad-debitur jew tal-kreditur, id-dħul tad-debitur, l-identifikazzjoni ta' min jimpjega lid-debitur u / jew il-kont(ijiet) tal-bank tad-debitur, kif ukoll l-assi tad-debitur. Huwa speċifikat li tali informazzjoni mfittxija għandha tkun "adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva" u l-informazzjoni li tista' tfittex l-Awtorità Ċentrali tvarja skont it-tip ta' applikazzjoni (l-Art. 61(2)). Għall-finijiet tal-kisba jew tal-modifikazzjoni ta' deċiżjoni, jista' jintalab biss l-indirizz tad-debitur jew tal-kreditur. Għall-finijiet tar-rikonoxximent jew tal-infurzar ta' deċiżjoni, l-informazzjoni dwar l-assi ta' debitur tista' tintalab biss jekk l-informazzjoni miksuba dwar id-dħul tad-debitur, min jimpjegah jew il-kont(ijiet) tal-bank tiegħu ma tkunx biżżejjed.

265. L-Artikolu 62 tar-Regolament jistabbilixxi li l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 61 lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti xierqa u li l-awtorità jew il-qorti li tirċievi din l-informazzjoni tista' tużaha "biss sabiex tiffaċilita l-irkupru ta' talbiet għal manteniment". L-Artikolu 62(3) jipprevedi limitazzjoni ġenerali għat-tul ta' żmien li awtorità tista' taħżen tali informazzjoni, jiġifieri, "għall-perjodu ta' żmien meħtieġ biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet trasmessa". Kwalunkwe awtorità li tipproċessa l-informazzjoni għandha tiżgura l-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni, skont il-liġi nazzjonali tagħha (l-Art. 62(4)).[81]

266. In-notifika lis-suġġett tad-dejta (l-Art. 63) għandha ssir skont il-liġi nazzjonali.[82] L-Artikolu 63(2) tar-Regolament jipprovdi eċċezzjoni għan-notifika lis-suġġett tad-dejta, li tista' tiġi differita għal perjodu ta' 90 jum mid-data li fiha l-informazzjoni tkun ġiet ipprovduta lill-Awtorità Ċentrali rikjesta, fejn ikun hemm riskju li tali notifika tista' tippreġudika l-irkupru effettiv tat-talba għal manteniment.

267. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 57(3) tar-Regolament jipprovdi għas-sostituzzjoni tal-indirizz personali ta' applikant b'indirizz ieħor f'każijiet ta' vjolenza domestika, iżda dan japplika biss "jekk il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest ma tirrikjedix li l-applikant iforni l-indirizz personali tiegħu għall-finijiet tal-proċeduri li għandhom jitressqu".[83]

# VII. Aċċess effettiv għall-proċeduri u l-assistenza legali skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## *A. Ħarsa ġenerali*

### 1. Aċċess effettiv għall-proċeduri / aċċess għall-ġustizzja skont il-Konvenzjoni u r-Regolament

268. Wieħed mill-aktar prinċipji importanti li fuqhom huma bbażati l-Konvenzjoni u r-Regolament huwa li l-applikanti għandu jkollhom aċċess effettiv għall-proċeduri meħtieġa sabiex jikkompletaw l-applikazzjonijiet tagħhom fl-Istat rikjest. Aċċess effettiv għall-proċeduri jfisser li l-applikant, jekk ikun meħtieġ bl-assistenza tal-awtoritajiet fl-Istat rikjest, ikun jista' jressaq il-kawża tiegħu b'mod effettiv quddiem l-awtoritajiet xierqa fl-

[81] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[82] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[83] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

Istat rikjest.[84] Ta' min jinnota li r-Regolament juża terminoloġija kemmxejn differenti mill-Konvenzjoni sabiex jirreferi għal "aċċess effettiv għall-proċeduri", jiġifieri, it-terminoloġija "aċċess effettiv għall-ġustizzja" li, madankollu, tirreferi essenzjalment għall-istess prinċipji minquxa fiż-żewġ strumenti (it-termini jintużaw b'mod interkambjabbli f'din it-taqsima).

269. L-Artikoli 14, 15, 16, 17 u 43 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 43, 44, 45, 46, 47 u 67 tar-Regolament jittrattaw l-obbligu tal-Istat rikjest li jipprovdi aċċess effettiv għall-proċeduri, inkluż l-għoti ta' assistenza / għajnuna legali mingħajr ħlas f'ċerti ċirkostanzi, kif ukoll il-kapaċità li jirkupra l-ispejjeż minn Parti telliefa f'ċerti ċirkostanzi (l-Art. 43 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 43 u 67 tar-Regolament). Din it-taqsima tal-Manwal tiġbor dawn id-dispożizzjonijiet fil-qosor.

270. L-obbligu ġenerali li l-applikanti jiġu pprovduti b'aċċess effettiv għall-proċeduri, inkluż fil-proċeduri ta' infurzar u appell, huwa mniżżel fl-Artikolu 14(1) tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 44(1) tar-Regolament. Skont il-Konvenzjoni, l-applikanti jinkludu kredituri, debituri u korpi pubbliċi (meta jaġixxu minflok kreditur għall-finijiet tal-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar), li jagħmlu u jressqu applikazzjonijiet permezz ta' Awtorità Ċentrali. Skont ir-Regolament, huwa previst li "l-partijiet kollha li jkunu involuti f'tilwima koperta minn dan ir-Regolament" għandu jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja. Kuntrarju għall-Konvenzjoni, ir-Regolament iżid l-ispeċifikazzjoni ulterjuri li l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għandu jiġi pprovdut lil "kull applikant li jkollu r-residenza tiegħu" fl-Istat rikjedenti.

271. It-talbiet diretti lill-awtoritajiet kompetenti huma primarjament koperti mill-Artikolu 17 *b)* tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 47 tar-Regolament. L-Istati jistgħu japplikaw test tal-mezzi u tal-merti għall-għoti ta' assistenza legali / għajnuna legali u jeżisti rekwiżit ikkwalifikat sabiex tiġi pprovduta assistenza legali / għajnuna legali fi kwalunkwe proċeduri ta' rikonoxximent, infurzabbiltà u infurzar, b'mod partikolari meta l-applikant ikun ibbenifika minn assistenza / għajnuna legali jew minn proċeduri b'xejn fl-Istat tal-oriġini. L-Artikolu 14(5) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 44(5) tar-Regolament japplikaw ukoll għat-talbiet diretti.

## 2. Assistenza legali / għajnuna legali

272. It-tip ta' aċċess effettiv li għandu jiġi pprovdut sejjer jinkludi "assistenza legali" (it-terminoloġija użata skont il-Konvenzjoni) jew "għajnuna legali" (it-terminoloġija użata skont ir-Regolament), jekk tkun meħtieġa fiċ-ċirkostanzi. Il-mezzi jew il-kapaċità tal-applikant li jħallas ma għandhomx ikunu ostakolu għal dan l-aċċess. Għalhekk, l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 46 tar-Regolament jistabbilixxu li **għandha tiġi pprovduta assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas lill-kredituri tal-manteniment għat-tfal (għall-manteniment dovut lil ulied taħt l-età ta' 21 sena) li jagħmlu applikazzjonijiet permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali** fil-maġġoranza tas-sitwazzjonijiet.[85]

273. L-obbligu li tiġi pprovduta assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas huwa kkwalifikat mir-rikonoxximent li tali assistenza ma għandhiex bżonn tiġi pprovduta jekk il-proċeduri użati fl-Istat rikjest ikunu sempliċi biżżejjed li jippermettu lill-applikant jippreżenta l-kawża tiegħu b'mod effettiv mingħajr assistenza legali / għajnuna legali u l-Awtorità Ċentrali tipprovdi s-servizzi meħtieġa mingħajr ħlas.

L-Artikolu 3 tal-**Konvenzjoni** jiddefinixxi **l-assistenza legali** bħala "l-assistenza meħtieġa sabiex tippermetti lill-applikanti jkunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom u jasserixxuhom u sabiex tiżgura li l-applikazzjonijiet jiġu indirizzati kompletament u b'mod effettiv fl-Istat rikjest. Il-mezzi għall-għoti ta' tali assistenza jistgħu jinkludu, skont kif meħtieġ, pariri legali, assistenza fit-tressiq ta' kawża quddiem awtorità, rappreżentanza legali u eżenzjoni mill-ispejjeż tal-proċeduri".

[84] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 357.
[85] Ara wkoll il-Premessa 36 tar-Regolament.

274. Dan huwa importanti minħabba li ħafna Stati żviluppaw proċeduri effettivi u effiċjenti għar-rikonoxximent, għar-rikonoxximent u l-infurzar, għall-infurzar, għall-istabbiliment u għall-modifikazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar manteniment li jistgħu jintużaw mill-applikanti kollha f'dak l-Istat mingħajr il-ħtieġa ta' **assistenza legali / għajnuna legali**, u dawn il-proċeduri għandhom ikunu ugwalment disponibbli għall-applikanti skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Jiddependi fuq l-Istat, dan jista' jinkludi l-użu ta' formoli ssimplifikati, proċeduri amministrattivi u l-għoti ta' informazzjoni u pariri lill-applikanti kollha mill-Awtorità Ċentrali jew mill-awtorità kompetenti. Sakemm dawn il-proċeduri ssimplifikati jippermettu lill-applikant iressaq il-kawża tiegħu b'mod effettiv u jiġu pprovduti lill-applikant mingħajr ħlas mill-Istat rikjest, l-Istat rikjest mhuwiex obbligat li jipprovdi lill-applikant b'assistenza / għajnuna legali bla ħlas.[86]

L-Artikolu 45 tar-**Regolament** jiddefinixxi l-**għajnuna legali** bħala "l-assistenza neċessarja għaż-żewġ partijiet biex ikunu jafu u jistgħu jasserixxu d-drittijiet tagħhom u biex jiġi garantit li l-applikazzjonijiet tagħhom, ippreżentati permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali jew direttament lill-awtoritajiet kompetenti, jiġu ttrattati bis-sħiħ u b'mod effikaċi". Hija tkopri, kif meħtieġ, dan li ġej:
"(a) parir qabel il-proċess bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim qabel jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji;
(b) assistenza legali biex jitressaq każ quddiem awtorità jew qorti u r-rappreżentanza fil-qorti;
(ċ) eżenzjoni minn jew l-assistenza bl-ispejjeż tal-proċeduri u l-ħlasijiet lil persuni li għandhom mandat biex jeżegwixxu atti matul il-proċeduri;
(d) fl-Istati Membri li fihom Parti telliefa hija responsabbli għall-ispejjeż tal-Parti opposta, jekk ir-riċevitur tal-għajnuna legali jitlef il-kawża, l-ispejjeż tal-Parti opposta jkunu koperti jekk ir-riċevitur kien abitwalment residenti fl-Istat Membru tal-qorti li titressaq il-kawża quddiemha;
(e) l-interpretazzjoni;
(f) it-traduzzjoni tad-dokumenti meħtieġa mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u ppreżentati mir-riċevitur tal-għajnuna legali li huma meħtieġa għar-riżoluzzjoni tal-kawża; kif ukoll
(g) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jitħallsu mir-riċevitur tal-għajnuna legali fejn il-preżenza fiżika tal-persuni kkonċernati bil-preżentazzjoni tal-każ tar-riċevitur tkun meħtieġa fil-qorti skont il-liġi jew mill-qorti tal-Istat Membru kkonċernat u l-qorti tiddeċiedi li l-persuni kkonċernati ma jistgħux jinstemgħu għas-sodisfazzjon tal-qorti bi kwalunkwe mezzi oħrajn."

275. F'każ li l-proċeduri ssimplifikati ma jkunux disponibbli u tkun meħtieġa assistenza / għajnuna legali, hemm numru ta' dispożizzjonijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament li jiddefinixxu ċ-ċirkostanzi li taħthom din għadha tiġi pprovduta bla ħlas lill-applikanti. Tali intitolamenti ta' assistenza / għajnuna legali ma għandhomx ikunu inqas minn dawk disponibbli f'kawżi domestiċi ekwivalenti (l-Art. 14(4) tal-Konvenzjoni u l-Art. 44(4) tar-Regolament).

276. Fil-kaxxi tat-test ta' hawn fuq qegħdin jiġu pprovduti d-definizzjonijiet għal "assistenza legali" (skont il-Konvenzjoni) u "għajnuna legali" (skont ir-Regolament). Dawn id-definizzjonijiet huma simili, iżda jvarjaw f'xi aspetti importanti, notevolment, bid-definizzjoni tar-Regolament li tinkludi stipulazzjonijiet li jispeċifikaw it-trattament tal-ispejjeż għall-interpretazzjoni, għat-traduzzjoni, għall-ivvjaġġar neċessarju għall-proċeduri u għal Parti telliefa responsabbli għall-ispejjeż li tirċievi għajnuna legali.

277. Fejn tkun meħtieġa assistenza / għajnuna legali mill-applikant, ġeneralment, bħala punt tat-tluq, il-Konvenzjoni u r-Regolament jitolbu li l-Istati Kontraenti jew l-Istati Membri kollha jipprovdu tali assistenza mingħajr ebda spiża għall-kredituri kważi fis-sitwazzjonijiet kollha li jinvolvu ***manteniment għat-tfal***. Madankollu, hemm xi eċċezzjonijiet għal dan għall-Istati li għamlu dikjarazzjonijiet skont il-Konvenzjoni (ir-Regolament ma jipprovdix il-possibbiltà li jsiru dikjarazzjonijiet bħal dawn).[87]

NOTA: Jekk id-deċiżjoni li għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata tinkludi manteniment tal-miżżewġin, kif ukoll manteniment għal persuna minorenni, mela allura għandu japplika l-istess intitolament għall-assistenza legali bla ħlas.

[86] Fi [Isem l-Istat] […].
[87] Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni li huwa sejjer juża test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal għal ċerti kawżi (l-Art. 16(1)). L-Unjoni Ewropea ma tagħmilx din id-dikjarazzjoni u, għalhekk, skont il-Konvenzjoni, f'dan il-kuntest ma japplika ebda test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE (supra*, in-nota 59)).

278. Madankollu, l-intitolament mill-applikanti għal assistenza / għajnuna legali bla ħlas, skont il-Konvenzjoni u r-Regolament, għal applikazzjonijiet li jikkonċernaw ***materji mhux relatati ma' manteniment għat-tfal*** huwa aktar limitat, l-istess bħalma huwa d-dritt tad-debituri għal assistenza legali bla ħlas għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u modifikazzjoni. Għal dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet, jista' jintuża test tal-mezzi jew test tal-merti mill-Istat rikjest bħala pre-kundizzjoni għall-għoti ta' assistenza legali / għajnuna legali.

279. Madankollu, huwa importanti, fil-kawżi kollha li jinvolvu rikonoxximent u infurzar, li l-assistenza jew l-għajnuna legali pprovduta lill-applikanti kollha (kredituri, debituri jew korp pubbliku[88]) minn Stat ma tkunx inqas minn dik li tiġi pprovduta lill-applikant jekk huwa jkun applikant f'kawża domestika ekwivalenti (l-Art. 17 *b)* tal-Konvenzjoni u l-Art. 47(2) tar-Regolament). Dan jiggarantixxi l-istess livell ta' servizz ipprovdut lill-applikanti kollha, irrispettivament mir-residenza tagħhom. Barra minn hekk, għalkemm l-assistenza / għajnuna legali bla ħlas tista' ma tkunx dejjem disponibbli, l-Istat rikjest ma jistax jitlob bond jew depożitu sabiex jiggarantixxi l-ħlas ta' kwalunkwe spejjeż legali (l-Artikoli 14(5) u 37(2) tal-Konvenzjoni u l-Art. 44(5) tar-Regolament). Għalhekk, il-kwistjoni ta' jekk l-assistenza jew l-għajnuna legali bla ħlas tkunx disponibbli jew le għal applikant tiddependi fuq il-fatturi li ġejjin:

**Test tal-mezzi** jħares lejn id-dħul u l-assi tal-applikant jew lejn ċirkostanzi finanzjarji oħrajn li jħallu impatt fuq l-abbiltà tal-applikant li jħallas għall-assistenza legali.

**Test tal-merti** janalizza l-merti jew il-probabbiltà ta' suċċess tal-applikazzjoni, billi jqis tali materji bħala l-bażi legali għall-applikazzjoni u jekk huwiex probabbli li l-fatti ppreżentati fil-kawża jirriżultaw f'eżitu ta' suċċess.

- jekk humiex disponibbli proċeduri ssimplifikati bla ħlas għall-applikant fl-Istat rikjest,
- x'tip ta' manteniment huwa involut (manteniment tat-tfal, manteniment tal-miżżewġin jew xi forma oħra ta' manteniment tal-familja),
- jekk l-applikant huwiex kreditur jew debitur,
- x'tip ta' applikazzjoni qiegħda ssir (għal rikonoxximent, infurzar, stabbiliment, modifikazzjoni, miżuri speċifiċi jew talbiet diretti),
- jekk huwiex qed jintuża test tal-mezzi jew test tal-merti fl-Istat rikjest għall-applikazzjoni partikolari (li jiffoka fuq it-tfal jew inkella li jkun ibbażat fuq iċ-ċirkostanzi tal-applikant).

280. It-taqsimiet u l-flowcharts li ġejjin jipprovdu spjegazzjoni ddettaljata tal-intitolament għal assistenza legali bla ħlas f'għadd ta' sitwazzjonijiet differenti.

## B. Rekwiżit li tiġi pprovduta assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas

281. It-taqsima li ġejja tispjega l-intitolament għal assistenza / għajnuna legali għall-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament fl-Istati kollha, għajr dawk l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni li għamlu dikjarazzjoni li jużaw test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal[89] (tali dikjarazzjoni mhijiex possibbli skont ir-Regolament).

282. Jekk jogħġbok innota li l-flowcharts f'din it-taqsima jirreferu primarjament għad-dispożizzjonijiet u l-kawżi tal-Konvenzjoni, billi xi drabi jirriflettu l-effetti tar-riżervi u tad-dikjarazzjonijiet possibbli mill-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

[88] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 383.
[89] Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni li huwa sejjer juża test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal għal ċerti kawżi (l-Art. 16(1)). L-Unjoni Ewropea ma tagħmilx din id-dikjarazzjoni u, għalhekk, skont il-Konvenzjoni, f'dan il-kuntest ma japplika ebda test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE (supra*, in-nota 59)).

# 1. Applikazzjonijiet minn kreditur

## a) Applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-manteniment tat-tfal, għall-manteniment ta' persuna fl-età ta' taħt il-21 sena (jew iżgħar minn 18-il sena jekk tkun saret riżerva skont il-Konvenzjoni)

283. Kif muri hawn taħt, jekk l-applikazzjoni magħmula permezz ta' Awtorità Ċentrali tkun tikkonċerna r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar jew inkella l-infurzar ta' deċiżjoni għall-manteniment tat-tfal, l-"assistenza legali" skont il-Konvenzjoni jew l-"għajnuna legali" skont ir-Regolament għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas. Ma teżisti ebda eċċezzjoni għal dan ir-rekwiżit. Jekk l-applikazzjoni tkun tikkonċerna l-manteniment tat-tfal iżda ssir għall-istabbiliment ta' deċiżjoni jew għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni, l-assistenza legali / għajnuna legali mingħajr ħlas tista' tiġi rrifjutata minn Stat jekk huwa jqis l-applikazzjoni jew l-appell bħala evidentement infondati fuq il-merti tagħhom.[90]

NOTA: Jekk id-deċiżjoni li għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata tinkludi wkoll manteniment tal-miżżewġin, mela allura għandu japplika l-istess intitolament għall-assistenza legali bla ħlas.

[90] Ara wkoll l-Art. 43(2) tal-Konvenzjoni u l-Art. 67 tar-Regolament fir-rigward tal-irkupru tal-ispejjeż.




**Figura 3: L-assistenza legali skont il-Konvenzjoni: applikazzjonijiet għal manteniment tat-tfal minn kreditur**

**b) Applikazzjonijiet li jikkonċernaw manteniment ieħor għajr manteniment tat-tfal għal persuna fl-età ta' taħt il-21 sena (jew iżgħar minn 18-il sena jekk tkun saret riżerva skont il-Konvenzjoni)**

284. Meta l-applikazzjoni tkun tikkonċerna manteniment tat-tfal għal persuna ta' 21 sena jew akbar, manteniment tal-miżżewġin jew xi forma oħra ta' manteniment (u meta, skont il-Konvenzjoni, Stat ikun estenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' kawżi), l-assistenza legali / l-għajnuna legali ma għandhiex bżonn tiġi pprovduta b'rutina. Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jista' jirrifjuta li jipprovdi tali assistenza jekk l-applikazzjoni ma tkunx

mistennija li tiġi aċċettata (wara test tal-merti), filwaqt li l-Istat jista' wkoll jagħmel test tal-mezzi bħala kundizzjoni sabiex wieħed jibbenifika minn tali servizzi.[91]

285. Madankollu, fi kwalunkwe kawża li tikkonċerna r-rikonoxximent, ir-rikonoxximent u l-infurzar jew l-infurzar ta' deċiżjoni eżistenti għat-tipi ta' manteniment deskritti fil-paragrafu ta' qabel, fejn l-applikant ikun irċieva assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas fl-Istat tal-oriġini għall-istabbiliment tad-deċiżjoni, l-applikant huwa intitolat ukoll għall-istess livell ta' assistenza fl-Istat rikjest, jekk dik l-assistenza tkun disponibbli fl-Istat rikjest. Dan huwa muri fil-Figura 4: L-assistenza legali skont il-Konvenzjoni: applikazzjonijiet minn kreditur – manteniment mhux relatat mat-tfal, li tidher hawn taħt.[92]




**Figura 4: L-assistenza legali skont il-Konvenzjoni: applikazzjonijiet minn kreditur – manteniment mhux relatat mat-tfal**

### c) Applikazzjonijiet minn korp pubbliku

286. Jekk l-applikant ikun korp pubbliku kif definit fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni jew fl-Artikolu 64 tar-Regolament, huwa jaqa' fi ħdan id-definizzjoni ta' kreditur għall-finijiet tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent, għar-rikonoxximent u l-infurzar jew għall-

[91] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[92] *Ibid*.

infurzar ta' deċiżjoni. Għalhekk, il-korpi pubbliċi huma intitolati għal assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas f'dawn l-applikazzjonijiet li jinvolvu deċiżjonijiet dwar il-manteniment tat-tfal għal ulied fl-età ta' taħt il-21 sena (jew 18-il sena jekk tkun saret riżerva skont il-Konvenzjoni).[93]

## 2. Applikazzjonijiet minn debitur

287. Fl-applikazzjonijiet magħmula minn debitur, l-Istat rikjest jista' jutilizza kemm test tal-merti kif ukoll test tal-mezzi sabiex jiddetermina jekk għandux jipprovdi assistenza / għajnuna legali bla ħlas (l-Art. 17 tal-Konvenzjoni u l-Art. 47 tar-Regolament). Dan huwa muri fil-Figura 5 ta' hawn taħt, bl-użu tal-Konvenzjoni bħala eżempju.




**Figura 5: L-assistenza legali skont il-Konvenzjoni: applikazzjonijiet minn debitur**

## 3. L-ittestjar tal-parentela jew l-ittestjar ġenetiku

288. L-Artikolu 6(2) *h)* tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 51(2) *h)* tar-Regolament jesiġu li Awtorità Ċentrali għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex tipprovdi assistenza fl-istabbiliment tal-parentela, fejn meħtieġ, għall-irkupru tal-manteniment (ara *supra*, il-paragrafu 154 u l-Kapitolu 1, it-taqsimiet I.B u III.B). L-ispejjeż tal-ittestjar ġenetiku sabiex tiġi ddeterminata l-parentela jistgħu jkunu sinjifikanti. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-ispejjeż ma jsirux ostakolu għall-kisba tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-manteniment tat-tfal,[94] jekk l-ittestjar tal-parentela jkun neċessarju f'applikazzjoni skont l-Artikolu 10(1) *ċ)* tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 56(1) *ċ)* tar-Regolament, l-Istat rikjest ma jistax jitlob lill-applikant sabiex iħallas għall-ittestjar, tant li tali spejjeż jaqgħu taħt

[93] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 383.
[94] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 390.

id-dispożizzjoni ġenerali li għandha tiġi pprovduta assistenza legali / għajnuna legali bla ħlas.[95]

289. Il-mod kif dan jaħdem fil-prattika sejjer jiddependi fuq il-proċeduri domestiċi għall-ittestjar ġenetiku fl-Istati Kontraenti involuti. F'xi Stati, il-persuna li titlob li jsir l-ittestjar tista' tintalab, bħala kundizzjoni tat-talba għall-ittestjar, li tħallas l-ispejjeż sħaħ tal-ittestjar, inklużi l-ispejjeż għall-omm u għall-persuna/i minorenni, bil-quddiem. Fi Stati oħrajn, id-debitur jista' jintalab iħallas biss is-sehem tiegħu mill-ispejjeż tal-ittestjar bil-quddiem. F'dak il-każ, l-Istat rikjest ikopri l-ispejjeż għall-ittestjar tal-omm u tal-persuna/i minorenni – spejjeż li altrimenti jkollhom jitħallsu mill-applikant. Madankollu, dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati mid-debitur jekk jinstab li huwa l-ġenitur tal-minorenni. Kull Stat għandu jiddeċiedi, bħala materja tal-liġi jew tal-proċedura domestika, il-punt safejn id-debitur ikun obbligat li jġorr l-ispejjeż tal-ittestjar u f'liema stadju tal-proċess dan ikun meħtieġ, jekk wara kollox ikun meħtieġ.[96]

290. Meta l-applikazzjoni tkun għal manteniment tat-tfal għal persuna taħt l-età ta' 21 sena, ir-regola ġenerali hija li sakemm l-applikazzjoni ma tkunx evidentement infondata fuq il-merti tagħha, il-kreditur ma jkunx obbligat li jħallas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-ittestjar tal-parentela.[97]

291. Skont il-Konvenzjoni biss, f'dawk l-Istati li għamlu dikjarazzjoni li sejrin jużaw test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal, l-ispejjeż tal-ittestjar tal-parentela jkunu koperti bħala Parti mill-assistenza legali disponibbli, sakemm il-persuna minorenni ma tgħaddix mit-test tal-mezzi.[98]

### C. Aċċess effettiv għall-Proċeduri u għall-Assistenza Legali fi [Isem l-Istat]

[Daħħal l-informazzjoni nazzjonali]

## VIII. Miżuri Provviżorji u Protettivi skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

### A. L-assistenza tal-Awtorità Ċentrali fir-rigward tal-miżuri provviżorji skont il-Konvenzjoni u r-Regolament

292. Kemm il-Konvenzjoni kif ukoll ir-Regolament fihom dispożizzjonijiet li jitolbu lill-Awtoritajiet Ċentrali sabiex jassistu, f'ċerti ċirkostanzi u taħt ċerti kundizzjonijiet, fil-bidu tal-proċeduri sabiex jinkisbu "miżuri provviżorji" fl-Istat rikjest.

293. L-Artikolu 6(2) *i)* tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 51(2) *i)* tar-Regolament jispeċifikaw li funzjoni speċifika tal-Awtoritajiet Ċentrali skont iż-żewġ strumenti hija li "jieħdu l-miżuri kollha xierqa" fir-rigward ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 56 tar-Regolament sabiex:

> "jibdew jew jiffaċilitaw il-bidu ta' proċeduri biex jinkisbu kwalunkwe miżuri provviżorji meħtieġa li jkunu ta' natura territorjali u li l-għan tagħhom huwa li jiżguraw l-eżitu ta' applikazzjoni għal manteniment pendenti".[99]

---

[95] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 392.
[96] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[97] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 390.
[98] L-Unjoni Ewropea ma tagħmilx din id-dikjarazzjoni u, għalhekk, skont il-Konvenzjoni, f'dan il-kuntest ma japplika ebda test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra*, in-nota 59)).
[99] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni għal diskussjoni aktar sħiħa dwar dawk li jitqiesu bħala "miżuri provviżorji" f'dan il-kuntest, fil-paragrafu 176 *et seq*.

294. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 53 tar-Regolament jistabbilixxu wkoll li Awtorità Ċentrali tista' tagħmel talba, appoġġjata minn raġunijiet, lil Awtorità Ċentrali oħra sabiex twettaq il-funzjoni deskritta fl-Artikolu 6(2) *i)* tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 51(2) *i)* tar-Regolament, meta ma jkun hemm ebda applikazzjoni pendenti skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 56 tar-Regolament (ara wkoll il-Kapitolu 1, it-taqsima III.B. ta' dan il-Manwal). L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 53 tar-Regolament jistipulaw li l-"Awtorità Ċentrali rikjesta għandha tieħu dawk il-miżuri adatti jekk tkun sodisfatta li huma meħtieġa biex jassistu applikant potenzjali biex jagħmel applikazzjoni [skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 56 tar-Regolament] jew biex ikun determinat jekk din l-applikazzjoni għandhiex tinbeda".

295. Il-frażi "il-miżuri xierqa kollha", użata fir-rigward tal-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali relatati mal-miżuri provviżorji, kienet tinftiehem bħala li tfisser "kwalunkwe miżuri li jistgħu jittieħdu minn Awtorità Ċentrali sabiex tikseb ir-riżultat meħtieġ, skont is-setgħat u r-riżorsi tagħha, u diment li dawk il-miżuri jkunu permessi mil-liġijiet interni tal-Istat [rikjest]".[100]

296. B'hekk, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati fejn hija fis-seħħ il-Konvenzjoni u fejn huwa applikabbli r-Regolament għandhom ikunu konxji li huma jistgħu jirċievu talbiet mingħand l-Awtoritajiet Ċentrali nazzjonali tagħhom, jew ikollhom jaħdmu magħhom, għall-bidu tal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-każijiet imsemmija fuq.

## B. *Miżuri provviżorji u protettivi li huma uniċi għar-Regolament*

297. Ir-Regolament jinkludi firxa ta' regoli addizzjonali li jindirizzaw il-miżuri provviżorji u protettivi fl-operat tar-Regolament.

### 1. Miżuri provviżorji meħuda fl-Istat tal-oriġini

298. L-Artikolu 39 tar-Regolament jistabbilixxi li l-qorti tal-oriġini ta' deċiżjoni tista' tiddikjara deċiżjoni bħala provviżorjament infurzabbli, minkejja kwalunkwe appell, anki jekk il-liġi nazzjonali ma tipprevedix l-infurzabbiltà permezz tal-operat tal-liġi.

299. Jekk ikun hemm deċiżjoni jew Parti minn deċiżjoni għal miżuri provviżorji li tkun infurzabbli minn Stat Membru ieħor, din id-deċiżjoni tkun infurzabbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (taħt it-Taqsima 1 dwar il-proċeduri għad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) jew skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (taħt it-Taqsima 2 dwar il-proċeduri għad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) (ara l-Kapitolu 8 għal aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent, l-infurzabbiltà u l-infurzar tad-deċiżjonijiet skont il-Kapitolu IV tar-Regolament). L-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 26 tar-Regolament jispeċifikaw li d-deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tkun "infurzabbli" biss f'dak l-Istat u ma jesiġux li tali deċiżjoni għandha tkun deċiżjoni finali sabiex tkun infurzabbli jew tiġi ddikjarata bħala infurzabbli fi Stat Membru ieħor.

### 2. Miżuri provviżorji jew protettivi fi Stati oħrajn għajr l-Istat tal-oriġini ta' deċiżjoni

300. L-Artikolu 14 tar-Regolament jipprevedi l-ġuriżdizzjoni tal-qrati skont ir-Regolament fir-rigward tal-miżuri provviżorji u protettivi:

> "Tista' ssir applikazzjoni lill-qrati ta' Stat Membru għal tali miżuri provviżorji, inklużi protettivi, kif jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat, anki jekk, skont dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom il-ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-kwistjoni".

---
[100] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, para. 121.

301. Fl-eżerċizzju ta' tali ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-miżuri provviżorji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu konxji li trid tiġi ddeterminata wkoll il-liġi applikabbli għal miżuri bħal dawn.[101]

## 3. Miżuri provviżorji li għadhom qegħdin jistennew rikonoxximent, rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà/infurzar ta' deċiżjoni fi Stat Membru ieħor taħt it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV[102]

302. Taħt it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV dwar il-proċeduri tar-Regolament għar-Rikonoxximent, l-Infurzabbiltà u l-Infurzar tad-Deċiżjonijiet skont ir-Regolament, fir-rigward tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, huwa ċċarat fl-Artikolu 18 li:

> "Deċiżjoni infurzabbli għandha ġġib magħha, b'operat tal-liġi, is-setgħa sabiex tipproċedi għal kwalunkwe miżura protettiva li teżisti skont il-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar".

303. Barra minn hekk, taħt it-Taqsima 2 dwar il-proċeduri tal-Kapitolu IV tar-Regolament (għad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007), l-Artikolu 36[103] jikkjarifika li ma hemm xejn li jfixkel lill-applikant milli jagħmel użu minn miżuri provviżorji, inklużi miżuri protettivi, disponibbli skont il-liġi domestika tal-Istat Membru tal-infurzar, mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni minn Stat Membru ieħor. L-Artikolu 36(2) tar-Regolament jikkjarifika wkoll li d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà għandha ġġib magħha, b'operat tal-liġi, is-setgħa sabiex tipproċedi għal kwalunkwe miżura protettiva. L-Artikolu 36(3) jispeċifika li ma tista' tittieħed ebda miżura ta' infurzar, apParti minn miżuri protettivi, kontra l-proprjetà tal-Parti li kontriha jiġi mfittex l-infurzar matul iż-żmien speċifikat għal appell skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (ara l-Kapitolu 8 għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi fil-kuntest tal-proċeduri ta' infurzar skont ir-Regolament).

# IX. Konvenzjonijiet u Regolamenti oħrajn dwar in-notifika tad-dokumenti u l-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż

## *A. Ħarsa ġenerali*

304. Xi Stati huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż[104] u/jew għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1970 dwar ix-Xhieda[105], li t-tnejn jistgħu jkunu rilevanti f'kawżi li jinvolvu applikazzjonijiet internazzjonali għal manteniment.[106] Jekk tinqala' sitwazzjoni fejn tista' tapplika waħda minn dawn il-Konvenzjonijiet, huwa importanti li jiġi mfittex parir legali sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-Konvenzjonijiet jiġu ssodisfati kif suppost.

305. Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, *ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali* huwa applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni

---

[101] Għal dawk l-Istati Membri li huma marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ara l-Kapitolu 5), mhuwiex ċar jekk għandhomx jiġu inklużi miżuri provviżorji taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli tal-Protokoll (ara l-Art. 11 tal-Protokoll dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli).

[102] Ara l-Kapitolu 8 għal aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent, l-infurzabbiltà u l-infurzar tad-deċiżjonijiet skont il-Kapitolu IV tar-Regolament.

[103] L-Art. 36 tar-Regolament huwa Artikolu parallel għall-Art. 47 tar-Regolament Brussell I.

[104] Il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extra-Ġudizzjarji f'Materji Ċivili jew Kummerċjali.*

[105] Il-*Konvenzjoni tal-Aja tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda Barra l-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali*.

[106] Ara l-Art. 50 tal-Konvenzjoni u r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 648-651.

Ewropea, minbarra fid-Danimarka, u r-*Regolament (KE) Nru. 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)* huwa applikabbli fl-Istati Membri kollha. Bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea, hija l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1970 dwar ix-Xhieda li tapplika minflok ir-Regolament (KE) Nru. 1206/2001. Jekk tinqala' sitwazzjoni fejn jista' japplika wieħed minn dawn ir-Regolamenti, huwa importanti li jiġi mfittex parir legali sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tar-Regolamenti jiġu ssodisfati kif suppost.

306. Sabiex jiġi aċċertat jekk hemmx Stati mhux Ewropej oħrajn li huma Parti għall-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar in-Notifika u x-Xhieda, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonsultaw it-tabelli tal-Istatus għaż-żewġ Konvenzjonijiet disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja, < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad taħt il-"Konvenzjoni Nru. 14" u "Nru. 20", rispettivament.

307. Kemm il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika kif ukoll dik dwar ix-Xhieda japplikaw biss jekk u meta n-notifika tkun trid issir jew ix-xhieda tkun trid tittieħed *barra l-pajjiż.* F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li t-terminu "***barra l-pajjiż***" ma jintużax fis-sub-paragrafi *g)* tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni tal-2007, b'rabta mat-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi ("sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' xhieda dokumentarja jew xhieda oħra") u *j)* ("sabiex tiġi ffaċilitata n-notifika tad-dokumenti"). Dan minħabba li, fil-maġġoranza tal-każijiet, Awtorità Ċentrali tintalab sabiex tiffaċilita l-kumpilazzjoni tax-xhieda jew in-notifika tad-dokumenti *fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tagħha stess* għall-proċeduri ta' manteniment li jseħħu *fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tagħha stess.* It-talbiet għall-iffaċilitar tal-kumpilazzjoni tax-xhieda jew tan-notifika ***barra l-pajjiż*** ikunu inqas frekwenti. Hemm ħafna sitwazzjonijiet koperti mill-Konvenzjoni tal-2007 li la jirrikjedu t-trażmissjoni tad-dokumenti għan-notifika barra l-pajjiż u lanqas il-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż.[107] L-Artikoli paralleli tar-Regolament dwar il-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali fir-rigward tax-xhieda u n-notifika tad-dokumenti (l-Art. 51(2) *g)* u *j)*) isemmu r-Regolament (KE) Nru. 1206/2001 u r-Regolament (KE) Nru. 1393/2007, iżda bħal fil-każ tal-Konvenzjoni, huwa aktar probabbli li jkunu l-Awtoritajiet Ċentrali li jittrattaw primarjament it-talbiet domestiċi fir-rigward tal-kumpilazzjoni tax-xhieda u n-notifika tad-dokumenti.

308. Diskussjoni dwar Konvenzjonijiet oħrajn applikabbli f'dan il-qasam tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Manwal. Sabiex issir taf jekk Stat huwiex Parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1954 dwar il-Proċeduri Ċivili,[108] għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika tal-Proċess Barra l-Pajjiż u għall-Konvenzjoni tal-1970 dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda Barra l-Pajjiż, għandek tikkonsulta s-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net >.

## B. Il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika ta' Proċess Barra l-Pajjiż[109]

309. Il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż tipprevedi l-mezzi ta' trażmissjoni li għandhom jintużaw meta jkun irid jiġi trasmess dokument ġudizzjarju jew extra-ġudizzjarju minn Stat li huwa Parti għall-Konvenzjoni lejn Stat ieħor li huwa wkoll Parti għall-Konvenzjoni għan-notifika fit-tieni Stat.

310. Il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż hija applikabbli jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

---

[107] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 164-167 u 182-185. Għal diskussjoni rigward it-tipi ta' assistenza li jistgħu jiġu pprovduti mill-Istat rikjest b'tali mod li ma jaqgħux taħt il-Konvenzjoni tal-1970 dwar ix-Xhieda, ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 174.

[108] *Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Marzu 1954 dwar il-proċedura ċivili.*

[109] Għal aktar informazzjoni dwar il-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż, ara t-'Taqsima dwar in-Notifika' fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja.

1 il-liġi tal-Istat fejn ikunu qegħdin isiru l-proċeduri (l-Istat tal-forum) tirrikjedi dokument (pereżempju; notifika ta' azzjoni) li għandu jiġi trasmess minn dak l-Istat lejn Stat ieħor għan-notifika fl-Istat tal-aħħar,

2 iż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni dwar in-Notifiki,

3 ikun magħruf l-indirizz tal-persuna fejn irid jintbagħat id-dokument,

4 id-dokument li jrid jintbagħat ikun dokument ġudizzjarju jew extra-ġudizzjarju, u

5 id-dokument li jrid jintbagħat ikun relatat ma' materja ċivili jew kummerċjali.

311. Jekk ikun hemm xi dubju dwar jekk il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifiki Barra l-Pajjiż tapplikax jew dwar kif għandha tintlaħaq il-konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha, għandha tiġi kkonsultata konsulenza legali.

## C. Il-Konvenzjoni tal-1970 dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda Barra l-Pajjiż[110]

312. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1970 dwar ix-Xhieda tistabbilixxi l-metodi tal-kooperazzjoni għall-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż (jiġifieri fi Stat ieħor) f'materji ċivili jew kummerċjali. Il-Konvenzjoni, li tapplika biss bejn l-Istati li huma Partijiet għaliha, tipprevedi l-kumpilazzjoni tax-xhieda (i) permezz ta' ittri ta' talba u (ii) permezz ta' aġenti u kummissarji diplomatiċi jew konsulari. Il-Konvenzjoni tipprovdi mezzi effettivi sabiex jingħelbu d-differenzi bejn is-sistemi tal-liġi ċivili u tal-liġi komuni fir-rigward tal-kumpilazzjoni tax-xhieda.

313. Jekk tinqala' l-ħtieġa għall-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż, għandu jinkiseb parir legali, jekk ikun meħtieġ, sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tal-1970 dwar ix-Xhieda.

## D. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali[111]

314. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 ifittex li jtejjeb, jissimplifika u jħaffef il-kooperazzjoni bejn il-qrati fil-kumpilazzjoni tax-xhieda fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.[112]

315. Ir-Regolament (KE) Nru. 1206/2001 jipprevedi żewġ modi kif issir il-kumpilazzjoni tax-xhieda bejn l-Istati Membri: trażmissjoni diretta tat-talbiet bejn il-qrati u l-kumpilazzjoni diretta tax-xhieda mill-qorti rikjedenti. Il-qorti rikjedenti hija l-qorti li quddiemha jinbdew jew jiġu kkontemplati l-proċeduri. Il-qorti rikjesta hija l-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor għat-twettiq tal-kumpilazzjoni tax-xhieda. Korp Ċentrali huwa responsabbli mill-forniment tal-informazzjoni u t-tiftix ta' soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' talba. Ir-Regolament jipprovdi għaxar formoli li jiffaċilitaw l-għemil tat-talbiet. It-talbiet jiġu eżegwiti skont il-liġi tal-Istat Membru rikjest. It-talba għandha tiġi eżegwita fi żmien disgħin jum mill-wasla.

---

[110] Għal aktar informazzjoni dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xhieda, ara t-'Taqsima dwar ix-Xhieda' fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja.

[111] Għal aktar informazzjoni dwar ir-Regolament (KE) Nru. 1206/2001, jekk jogħġbok irreferi għas-sit elettroniku tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili: < http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/te_information_en.htm >. Huwa antiċipat li tali informazzjoni sejra tiġi rrilokata għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li jinstab fil-link elettronika li ġejja: < https://e-justice.europa.eu/home.do >.

[112] Kif ġie nnotat hawn fuq, ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka. Bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħrajn tapplika l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda Barra l-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali*.

316. Id-diskussjonijiet fuq ir-Regolament (KE) Nru. 1206/2001 issuġġerew li għandhom jiġu sfruttati teknoloġiji ġodda, speċifikament dik tal-konferenzi bil-vidjo, sabiex ir-Regolament ikun jista' jiġi applikat aħjar,[113] filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jesploraw jekk jeżistux xi faċilitajiet għall-konferenzi bil-vidjo jekk huma jkunu jridu japplikaw ir-Regolament.

## E. Ir-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika tad-dokumenti)[114]

317. Ir-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 (li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1348/2000) ifittex li jtejjeb u jħaffef it-trażmissjoni tad-dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali għan-notifika bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea.[115]

318. Ir-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 jipprevedi modi differenti għat-trażmissjoni u n-notifika tad-dokumenti: trażmissjoni permezz ta' aġenziji emittenti u riċeventi, trażmissjoni b'mezzi konsulari jew diplomatiċi, notifika permezz ta' servizzi postali u notifika diretta.

319. L-Aġenziji Emittenti huma kompetenti għat-trażmissjoni tad-dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji li għandhom jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor. L-Aġenziji Riċeventi huma kompetenti sabiex jirċievu d-dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji minn Stat Membru ieħor. Il-Korp Ċentrali huwa responsabbli mill-forniment tal-informazzjoni lill-aġenziji emittenti u għandu jfittex soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala' matul it-trażmissjoni tad-dokumenti għan-notifika. Ir-Regolament jipprovdi seba' formoli intiżi biex jiffaċilitaw il-proċeduri taħt l-istrument.

# X. Il-valutazzjoni tal-Parità tal-Kapaċità tal-Akkwist: l-aġġustament transkonfinali tal-ammonti ta' manteniment

320. Matul il-kors tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jiġu kkonfrontati bi kwistjonijiet ta' konverżjoni tal-valuta (b'mod partikolari b'konnessjoni mal-infurzar ta' deċiżjoni; ara wkoll il-Kapitolu 12, it-taqsima VI.5, ta' dan il-Manwal), kif ukoll bi kwistjonijiet ta' aġġustamenti ta' ammonti ta' manteniment barrani, li jirrikjedu t-tqabbil tal-għoli tal-ħajja f'diversi Stati, magħruf bħala tqabbil tal-Parità tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPP) fost il-pajjiżi. Kunsiderazzjoni bħal din tista' ssir matul il-kors tal-istabbiliment, il-modifikazzjoni jew l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment. L-awtoritajiet kompetenti ser ikollhom jivverifikaw il-prattiki domestiċi f'dan ir-rigward.[116]

321. Għadd ta' organizzazzjonijiet jippubblikaw u jżommu aġġornati tabelli li jelenkaw il-PPP komparattiva:

---

[113] *Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2007* dwar l-applikazzjoni tar-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali* [COM(2007) 769 finali – Mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali].

[114] Għal aktar informazzjoni dwar ir-Regolament (KE) Nru. 1393/2007, jekk jogħġbok irreferi għas-sit elettroniku tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili: < http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/ds_information_en.htm >. Huwa antiċipat li tali informazzjoni sejra tiġi rrilokata għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li jinstab fil-link elettronika li ġejja: < https://e-justice.europa.eu/home.do >.

[115] Dan jinkludi lid-Danimarka, li kkonfermat l-intenzjoni tagħha li timplimenta l-kontenut tar-Regolament permezz ta' dikjarazzjoni (ĠU L 331, 10.12.2008, p. 21) bbażata fuq ftehim parallel konkluż mal-Komunità Ewropea.

[116] Fi [Isem l-Istat] […].

- L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD):

  < http://stats.oecd.org/Index.aspx?datasetcode=SNA_TABLE4 >.

  Fil-menu "Tranżazzjoni" agħżel "PPPPC: Parità tal-Kapaċità tal-Akkwist għall-Konsum Privat".

- Eurostat tal-Kummissjoni Ewropea:

  < http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/purchasing_power_parities/data/database > (It-tabella għandha tiġi aġġustata għall-ħtiġijiet tal-utent).

- Il-Bank Dinji: < http://data.worldbank.org/indicator/PA.NUS.PRVT.PP >.

# Kapitolu 4 – Ir-Regolament tal-2009: Regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni

## A. Introduzzjoni

322. Ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar ġuriżdizzjoni li jgħaqqdu r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni għal kwistjonijiet relatati mal-manteniment fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Meta jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom f'materji relatati mal-manteniment, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jagħmlu dan b'konformità mar-raġunijiet tal-ġuriżdizzjoni pprovduti mill-Kapitolu II tar-Regolament, jiġifieri, meta l-awtoritajiet kompetenti jipproċessaw applikazzjonijiet jew talbiet diretti għall-istabbiliment jew għall-modifikazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar manteniment skont ir-Regolament jew il-Konvenzjoni (ara l-Kapitoli 10 u 11 ta' dan il-Manwal).[117] Bħala riżultat ta' dawn ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni unifikati, fil-mument tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni skont ir-Regolament, ma jkun hemm ebda ħtieġa li tiġi vverifikata l-ġuriżdizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tad-deċiżjoni (ara l-Kapitolu 8 dwar ir-rikonoxximent, l-infurzabbiltà u l-infurzar skont ir-Regolament).

323. Qabel japplikaw ir-regoli ġurisdizzjonali tar-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jivverifikaw jekk il-materja tal-manteniment taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, inkluż billi jwettqu valutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv, ġeografiku u temporali (ara l-Parti I tal-Kapitolu 3 ta' dan il-Manwal). Ta' min jinnota li r-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament ser ikollhom applikazzjoni ġeografika universali mill-perspettiva tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li r-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament sejrin japplikaw ukoll fejn il-materja tal-manteniment tkun marbuta ma' Stat barrani (inkluż Stat barrani li huwa Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-2007) li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

324. B'kuntrast mar-regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni tar-Regolament, il-Konvenzjoni ssemmi biss regoli "indiretti" dwar il-ġuriżdizzjoni, jiġifieri, skont l-Artikolu 18 tagħha ("Limitu fuq il-proċeduri", diskuss hawn taħt, skont id-diskussjoni tal-Art. 8 tar-regolament) u l-Artikolu 20 ("Bażijiet għal rikonoxximent u infurzar"). Dan ifisser li l-ġuriżdizzjoni tal-awtorità kompetenti fl-Istat tal-oriġini tad-deċiżjoni sejra tiġi vverifikata fil-mument tar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni. Ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni sejrin jiddependu fuq jekk il-ġuriżdizzjoni tal-awtorità kompetenti fl-Istat tal-oriġini tad-deċiżjoni tissodisfax waħda mill-bażijiet tal-ġuriżdizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni għall-istabbiliment jew għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea sejrin jiġu rregolati mil-liġi domestika fis-seħħ.

325. Dan il-Kapitolu tal-Manwal jiġbor fil-qosor ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni stabbiliti fir-Regolament u jiġbed l-attenzjoni għal fejn dawn ir-regoli jistgħu jirriflettu r-regoli indiretti dwar il-ġuriżdizzjoni tal-Konvenzjoni.[118] Dan il-Kapitolu jinnota wkoll, fin-noti f'qiegħ il-paġni, każijiet fejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament huma simili għad-dispożizzjonijiet misjuba fi strumenti Ewropej oħrajn dwar il-liġi privata.

---

[117] Ta' min jinnota li, b'mod ġenerali, ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament ma jsolvux il-kwistjonijiet ta' kompetenza territorjali *ġewwa* Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament. Dawn il-kwistjonijiet jiġu ddeterminati skont ir-regoli domestiċi. Innota wkoll li l-applikazzjonijiet jew it-talbiet diretti li jsiru skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament u li jirrigwardjaw ir-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjonijiet, deskritti fil-Kapitoli 7, 8 u 9, ma jinvolvu ebda analiżi ġurisdizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti, billi dawn l-applikazzjonijiet jew it-talbiet diretti jirrigwardjaw biss ir-rikonoxximent u/jew l-infurzar ta' deċiżjoni barranija eżistenti.

[118] Filwaqt li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni mhumiex regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni, fil-prattika, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jżommuhom f'moħħhom meta jiġu biex jistabbilixxu jew jimmodifikaw deċiżjoni dwar manteniment li tkun intiża biex tkun rikonoxxuta u/jew infurzata barra l-pajjiż fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni (u jekk l-Istat Kontraenti tar-rikonoxximent / tal-infurzar maħsub ikun magħruf, sabiex jiġi stabbilit jekk saritx riżerva skont l-Art. 20 tal-Konvenzjoni minn dak l-Istat). Ara wkoll il-Kapitolu 7 dwar l-applikazzjonijiet u t-talbiet diretti li jidħlu għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni tal-2007.

## B. L-Artikolu 3 tar-Regolament:[119] dispożizzjonijiet ġenerali

326. L-Artikolu 3 *a)* u *b)* tar-Regolament jipprovdi ġuriżdizzjoni għall-qorti tal-post fejn il-konvenut għandu r-residenza abitwali tiegħu jew fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu, rispettivament. Dawn id-dispożizzjonijiet huma paralleli għar-regola indiretta misjuba fl-Artikolu 20(1) *a)* u *ċ)* tal-Konvenzjoni, li jipprovdu bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni.[120]

327. L-Artikolu 3 *ċ)* u *d)* tar-Regolament jistabbilixxi li qorti ta' Stat Membru tista' tassumi l-ġuriżdizzjoni jekk, skont il-liġi tagħha stess, hija jkollhom l-ġuriżdizzjoni biex twettaq proċeduri li jikkonċernaw l-istatus ta' persuna jew materji relatati mar-responsabbiltà ta' ġenituri,[121] fejn il-manteniment ikun anċillari għal dawk il-proċeduri, sakemm din il-ġuriżdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq iċ-ċittadinanza ta' waħda mill-partijiet. Dawn ir-regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni msemmija fir-Regolament huma simili għar-regoli indiretti dwar il-ġuriżdizzjoni stipulati fl-Artikolu 20(1) *f)* tal-Konvenzjoni.[122]

328. Ta' min jinnota li l-bażijiet għall-ġuriżdizzjoni misjuba fl-Artikolu 3 tar-Regolament huma mingħajr ġerarkija u, b'hekk, rikorrent jista' jagħżel minn fosthom.

## C. L-Artikolu 4 tar-Regolament:[123] l-għażla tal-qorti

329. L-Artikolu 4 tar-Regolament jippermetti lill-partijiet jagħżlu l-ftehimiet tal-qorti sabiex jaħtru qorti jew qrati ta' Stat Membru.[124] Madankollu, ir-Regolament jistabbilixxi xi limitazzjonijiet għal din l-awtonomija. L-ewwel nett, it-tilwimiet relatati mal-obbligi ta' manteniment għal tfal ta' taħt it-18-il sena huma esklużi (l-Art. 4(3)). It-tieni, ir-Regolament jitlob li jkun hemm konnessjoni rilevanti mal-qorti jew qrati maħtura (l-Art. 4(1)). Il-qorti jew qrati maħtura għandha tkun / għandhom ikunu fi Stat Membru li huwa: ir-residenza abitwali ta' waħda mill-partijiet (4(1) *a)*); il-post taċ-ċittadinanza ta' waħda mill-partijiet (4(1) *b)*); jew, fil-każ ta' obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew eks-konjuġi, il-qorti li għandha l-ġuriżdizzjoni sabiex issolvi t-tilwim fi kwistjonijiet matrimonjali (4(1) *ċ)*(i)), jew il-post li kien l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi għal perjodu ta' mill-inqas sena (4(1) *ċ)*(ii)). Il-kundizzjonijiet stipulati hawn fuq għandhom ikunu ġew issodisfati fil-mument tal-għażla tal-ftehim tal-qorti jew fil-mument li tiġi vestita l-qorti.

330. L-Artikolu 4(4) tar-Regolament jivvalida l-għażla tal-ftehimiet tal-qorti magħmula, billi jattribwixxi ġuriżdizzjoni esklussiva lil Stat mhux Membru (sakemm ma jkunux jikkonċernaw l-obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' tfal taħt it-18-il sena) skont il-Konvenzjoni ta' Lugano (*il-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata fit-30 ta' Ottubru 2007 f'Lugano*).

---

[119] L-Art. 3(a) tar-Regolament huwa bejn wieħed u ieħor parallel għall-Art. 2 tar-Regolament Brussell I. L-Art. 3 *b)* u *ċ)* tar-Regolament huma paralleli għall-Art. 5(2) tar-Regolament Brussell I. L-Art. 3 *d)* tar-Regolament huwa dispożizzjoni ġdida mingħajr preċedent. Ta' min jinnota li l-Art. 3 tar-Regolament, kuntrarju għar-Regolament Brussell I, juża biss it-terminu "residenza abitwali", li għandu tifsira awtonoma ġdida (u li tħalla mhux definit mir-Regolament) u ma jużax il-kunċett ta' "domiċilju" misjub fir-Regolament Brussell I.
[120] Il-Konvenzjoni tkompli tispeċifika li l-konvenut u l-kreditur għandhom ikunu abitwalment residenti "fil-mument li jinbdew il-proċeduri". Ta' min jinnota li l-Art. 20(1) *ċ)* tal-Konvenzjoni jista' jkun is-suġġett ta' riżerva ta' Stat Kontraenti, kif iddikjarat fl-Art. 20(2).
[121] Fir-rigward tal-Art. 3 *d)* tar-Regolament, ta' min jinnota li l-awtoritajiet kompetenti b'ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament Brussell II a jistgħu għalhekk japplikaw il-ġuriżdizzjoni wkoll fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar il-manteniment li huma anċillari għall-proċedura li jikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri.
[122] Ta' min jinnota li l-Art. 20(1) *f)* jista' jkun is-suġġett ta' riżerva ta' Stat Kontraenti, skont l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni.
[123] L-Art. 4 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 23 tar-Regolament Brussell I, madankollu b'xi bidliet fir-regoli preċedenti. Ir-Regolament il-ġdid jistabbilixxi limitazzjonijiet ġodda għall-għażla tal-ftehimiet fil-qorti bejn il-partijiet fil-qasam tal-manteniment, b'kuntrast mas-sistema mhux ristretta preċedenti skont ir-Regolament Brussell I.
[124] Ta' min jinnota li r-Regolament, kuntrarju għar-Regolament Brussell I (l-Art. 23(1)), ma għadux jesiġi li waħda mill-partijiet għandu jkollha d-"domiċilju" tagħha fi Stat Membru sabiex tkun tista' tikkonkludi għażla ta' ftehim fil-qorti.

331. L-Artikolu 4(2) tar-Regolament jistipula li l-ftehimiet għandhom isiru "bil-miktub", inkluża "komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tagħmilha possibbli li l-ftehim jiġi rreġistrat għal tul ta' żmien."[125]

332. L-Artikoli 18(2) *a)* u 20(1) *e)*[126] tal-Konvenzjoni t-tnejn jirreferu għar-rispett li għandu jintwera mill-partijiet għall-ftehimiet fir-rigward tal-għażla tal-forum, jiġifieri "bil-miktub", "ħlief f'tilwimiet relatati mal-obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' tfal."

## D. L-Artikolu 5 tar-Regolament:[127] ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut

333. L-Artikolu 5 tar-Regolament jistabbilixxi li l-ġuriżdizzjoni tista' tittieħed minn "qorti ta' Stat Membru fejn ikun deher il-konvenut", sakemm il-preżenza ma tkunx saret sabiex tiġi kkontestata l-ġuriżdizzjoni. Dan jirrifletti r-regola indiretta tal-ġuriżdizzjoni stipulata fl-Artikolu 20(1) *b)* tal-Konvenzjoni.

## E. L-Artikolu 6 tar-Regolament:[128] ġuriżdizzjoni sussidjarja

334. L-Artikolu 6 tar-Regolament jipprovdi bażi ta' ġuriżdizzjoni tali li: "Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 3, 4 u 5, u l-ebda qorti ta' Stat li jkun Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007, li ma jkunx Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ma jkollha ġuriżdizzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni, huma l-qrati tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza komuni tal-partijiet[129] li għandu jkollhom ġuriżdizzjoni".

335. Għandu jiġi nnotat li awtorità kompetenti ser ikollha twettaq, *ex officio*, it-test mitlub mill-Artikolu 6 fir-rigward ta' jekk hemmx qorti oħra li hija kompetenti skont l-Artikoli 3, 4 jew 5 tar-Regolament.

336. Ir-regola indiretta tal-ġuriżdizzjoni stipulata fl-Artikolu 20(1) *f)* tal-Konvenzjoni teskludi speċifikament il-ġuriżdizzjoni bbażata unikament fuq iċ-ċittadinanza ta' waħda mill-partijiet (f'materji ta' status personali jew responsabbiltà ta' ġenituri), iżda ma tgħid xejn fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza komuni taż-żewġ partijiet.[130]

## F. L-Artikolu 7 tar-Regolament: forum necessitatis

337. L-Artikolu 7 tar-Regolament jipprovdi bażi eċċezzjonali addizzjonali għall-ġuriżdizzjoni: "Jekk l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 6, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jisimgħu l-kawża jekk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jitressqu jew jitwettqu b'mod raġonevoli, jew inkella jekk ikunu impossibbli[131] fi Stat terz li t-tilwima tkun marbuta miegħu mill-qrib. It-

---

[125] L-Art. 23(1) *a)* u l-Art. 23 tar-Regolament Brussell I jużaw lingwaġġ essenzjalment parallel f'dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' dak li jikkostitwixxi ftehim "bil-miktub".
[126] Ta' min jinnota li l-Art. 20(1) *e)* jista' jkun is-suġġett ta' riżerva ta' Stat Kontraenti, skont l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni.
[127] L-Art. 5 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 24 tar-Regolament Brussell I.
[128] L-Art. 6 tar-Regolament ma għandu ebda Artikolu parallel fir-Regolament Brussell I.
[129] Ta' min jinnota li l-Art. 6 ma jistipulax li ċ-ċittadinanza tal-Parti jew tal-partijiet għandha tiġi ttestjata jew stabbilita bħala effettiva (pereżempju, f'xi ġuriżdizzjonijiet, f'każijiet meta Parti jkollha ċittadinanza doppja) qabel l-applikazzjoni ta' din ir-regola ġurisdizzjonali.
[130] Minħabba li ċ-ċittadinanza komuni taż-żewġ partijiet mhijiex enumerata fl-Art. 20 tal-Konvenzjoni li jispeċifika l-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni, din l-allokazzjoni aktar espansiva tal-ġuriżdizzjoni fir-Regolament tista' tippreżenta problemi għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet meħuda fuq din il-bażi ġurisdizzjonali fi Stati oħrajn li huma Kontraenti għall-Konvenzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jżommu dan f'moħħhom jekk id-deċiżjoni li jkunu qegħdin jistabbilixxu jew jimmodifikaw tkun trid tiġi rikonoxxuta u/jew infurzata fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni fejn huwa applikabbli r-Regolament.
[131] Pereżempju, fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-Art. 9(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippermetti li qorti Olandiża tiddikjara lilha nnifisha bħala kompetenti jekk il-proċeduri ġudizzjarji jkunu impossibbli barra mill-Pajjiżi l-Baxxi. Skont il-każistika, it-terminu "impossibbiltà" kien interpretat bħala li jfisser kemm fattwali (*eż.* gwerra ċivili, diżastru naturali), kif ukoll legali (*eż.* f'termini ta' liġijiet diskriminatorji fir-rigward ta' ċerti gruppi etniċi).

tilwima jrid ikollha rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti vestita". Ma teżisti ebda regola indiretta parallela ta' ġuriżdizzjoni fil-Konvenzjoni.[132]

338. Meta jiġu biex jassumu l-ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament, l-imħallfin għandhom japplikaw test b'żewġ partijiet skont it-termini tal-Artikolu: l-ewwel nett, fir-rigward tan-nuqqas ta' possibbiltà jew kapaċità li l-proċeduri jitressqu fi Stat terz li t-tilwima tkun marbuta miegħu mill-qrib; u t-tieni, test ta' jekk it-tilwima għandhiex "rabta suffiċjenti" mal-qorti vestita.

## G. L-Artikolu 8 tar-Regolament: limiti fuq il-proċeduri

339. L-Artikolu 8 tar-Regolament, intitolat "Limiti fuq il-proċeduri", huwa essenzjalment identiku, b'xi differenzi żgħar, għall-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni, li huwa intitolat b'mod simili. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tar-Regolament jispeċifika fid-dispożizzjonijiet tiegħu li r-regoli skont l-Artikolu japplikaw ukoll fejn deċiżjoni tingħata "fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007", kif ukoll fi Stat Membru.

340. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament jistabbilixxi r-regola prinċipali li sakemm kreditur jibqa' abitwalment residenti fi Stat Membru skont ir-Regolament jew fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni fejn tkun ittieħdet deċiżjoni, il-proċeduri għall-modifikazzjoni tad-deċiżjoni jew biex tingħata deċiżjoni ġdida ma jistgħux jitressqu fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. L-Artikolu 18(1) huwa d-dispożizzjoni parallela tal-Konvenzjoni.

341. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament, parallel għall-Artikolu 18(2) tal-Konvenzjoni, jistabbilixxi l-erba' eċċezzjonijiet għar-regola prinċipali.

342. L-ewwel nett, il-limitu fuq il-proċeduri ma japplikax jekk il-partijiet ikunu qablu mal-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru l-ieħor skont l-Artikolu 4 tar-Regolament, li jiddefinixxi l-limiti u r-restrizzjonijiet fuq l-għażla tal-ftehimiet tal-qorti bejn il-partijiet (ara d-diskussjoni, *supra*).[133] It-tieni, hemm eċċezzjoni jekk il-kreditur jitqies bħala li jkun issottometta għall-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru l-ieħor skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (ara d-diskussjoni, *supra*).[134] It-tielet, fejn l-awtorità kompetenti fl-Istat tal-oriġini li huwa Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-2007 ma tistax, jew tirrifjuta li, teżerċita l-ġuriżdizzjoni għall-modifikazzjoni tad-deċiżjoni jew li tagħmel deċiżjoni ġdida.[135] Fl-aħħar nett, fejn id-deċiżjoni mogħtija fl-Istat tal-oriġini li huwa Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-2007 ma tistax tiġi rikonoxxuta jew iddikjarata bħala infurzabbli fl-Istat Membru l-ieħor fejn huma kkontemplati l-proċeduri.[136]

## H. L-Artikolu 9 tar-Regolament:[137] il-qorti vestita

343. L-Artikolu 9 tar-Regolament jipprovdi speċifiċità rigward meta qorti titqies bħala li ġiet "vestita" skont ir-Regolament, jiġifieri, jew fil-ħin li jiġu ppreżentati fil-qorti d-

[132] B'hekk, il-bażi għall-ġuriżdizzjoni tista' tippreżenta wkoll problemi ta' rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' din il-bażi ġurisdizzjonali fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni, jekk ir-"rabta suffiċjenti" mal-qrati aditi stipulata fid-dispożizzjoni ma tikkoinċidix ma' dik tar-raġunijiet tal-ġuriżdizzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar enumerati fl-Art. 20 tal-Konvenzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jżommu dan f'moħħhom jekk id-deċiżjoni li jkunu qegħdin jistabbilixxu jew jimmodifikaw tkun trid tiġi rikonoxxuta u/jew infurzata fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni fejn ir-Regolament mhuwiex applikabbli.

[133] L-Artikolu parallel 18(2) *a)* tal-Konvenzjoni jgħid x'inhi l-eċċezzjoni skont il-Konvenzjoni: "meta, ħlief f'tilwim li jirrigwardja l-obbligi tal-manteniment fir-rigward tat-tfal, ikun hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor".

[134] L-Artikolu parallel 18(2) *b)* tal-Konvenzjoni jgħid x'inhi l-eċċezzjoni skont il-Konvenzjoni: "meta l-kreditur jissoġġetta ruħu għall-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor, kemm jekk espressament kif ukoll billi jiddefendi ruħu fuq il-merti tal-kawża mingħajr ma joġġezzjona għall-ġuriżdizzjoni mal-ewwel opportunità disponibbli".

[135] L-Artikolu parallel 18(2) *ċ)* tal-Konvenzjoni jgħid x'inhi l-eċċezzjoni skont il-Konvenzjoni: "meta l-awtorità kompetenti fl-Istat tal-oriġini ma tistax, jew tirrifjuta li, teżerċita l-ġuriżdizzjoni sabiex timmodifika d-deċiżjoni jew tieħu deċiżjoni ġdida".

[136] L-Artikolu parallel 18(2) *d)* tal-Konvenzjoni jgħid x'inhi l-eċċezzjoni skont il-Konvenzjoni: "meta d-deċiżjoni mogħtija fl-Istat tal-oriġini ma tistax tiġi rikonoxxuta jew iddikjarata infurzabbli fl-Istat Kontraenti fejn huma kkontemplati proċeduri biex tiġi mmodifikata deċiżjoni jew biex tittieħed deċiżjoni ġdida".

[137] L-Art. 9 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 30 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 16 tar-Regolament Brussell II a.

dokumenti xierqa jew inkella permezz ta' azzjonijiet fir-rigward tan-notifika tad-dokumenti.[138]

## I. L-Artikolu 10 tar-Regolament:[139] eżami fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni

344. L-Artikolu 10 tar-Regolament jispeċifika li qorti vestita b'kawża li għaliha ma jkollha ebda ġuriżdizzjoni "għandha tiddikjara hija stess li ma għandha l-ebda ġuriżdizzjoni".[140]

## J. L-Artikolu 11 tar-Regolament:[141] eżami fir-rigward tal-ammissibbiltà

345. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament jipprevedi sospensjoni tal-proċeduri fi Stat Membru partikolari (li jkollu ġuriżdizzjoni xierqa) fejn konvenut ikun abitwalment residenti fi Stat ieħor u ma jkunx deher hemmhekk, sabiex il-konvenut jingħata avviż xieraq, dokumenti xierqa fi żmien suffiċjenti sabiex ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu jew sabiex jiġi żgurat li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa għal dan il-għan. L-Artikolu 11(2) u 11(3), rispettivament, jagħtu dispożizzjonijiet alternattivi fejn id-dokumenti jkunu jridu jiġu trasmessi skont ir-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 (*Ir-Regolament dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali*) jew skont il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-notifika barra l-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali* (Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX, għal aktar informazzjoni dwar in-notifika tad-dokumenti barra l-pajjiż).

346. Filwaqt li ma hemm ebda dispożizzjoni tal-Konvenzjoni li tippermetti sospensjoni tal-proċeduri fiċ-ċirkostanzi msemmija fuq, l-Artikolu 22 *e)* tal-Konvenzjoni jipprovdi raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent u tal-infurzar ta' deċiżjoni jekk konvenut "la jkun deher u lanqas kien irrappreżentat fil-qorti" u ma jkunx ingħata avviż xieraq tal-proċeduri (i) jew inkella ma jkunx ingħata avviż xieraq tad-deċiżjoni u opportunità sabiex jikkontesta jew jappella d-deċiżjoni (ii).

## K. L-Artikolu 12 tar-Regolament:[142] lis pendens u l-Artikolu 13:[143] azzjonijiet relatati

347. Ir-Regolament għandu żewġ dispożizzjonijiet dwar *lis pendens* (kawżi li jinvolvu l-istess "kawża ta' azzjoni" bejn l-istess partijiet u li jitressqu fi Stati Membri differenti) u "azzjonijiet relatati" (azzjonijiet "li huma konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti li jinstemgħu u jiġu ddeterminati flimkien sabiex ikun evitat ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċeduri separati") li jitressqu fi Stati Membri differenti, kif stipulat fl-Artikoli 12 u 13, rispettivament. Ir-regola tal-"ewwel qorti vestita" hija applikata fiż-żewġ dispożizzjonijiet.

348. Il-Konvenzjoni għandha dispożizzjoni waħda, taħt "Raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni" fl-Artikolu 22 *ċ)*, li tittratta l-kwistjonijiet ta' *lis pendens*. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni jistgħu jiġu rrifjutati jekk "il-proċeduri bejn l-istess partijiet u bl-istess għan huma pendenti quddiem awtorità tal-Istat indirizzat u dawk il-proċeduri kienu l-ewwel li ġew istitwiti".

---

[138] Ma teżisti ebda dispożizzjoni parallela fil-Konvenzjoni.
[139] L-Art. 10 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 17 tar-Regolament Brussell II a.
[140] Ma teżisti ebda dispożizzjoni parallela fil-Konvenzjoni.
[141] L-Art. 11 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 18 tar-Regolament Brussell II a.
[142] L-Art. 12 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 27 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 21 tal-*Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-Ġuriżdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").
[143] L-Art. 13 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 28 tar-Regolament Brussell I.

## L. L-Artikolu 14 tar-Regolament:[144] miżuri provviżorji u protettivi

349. L-Artikolu 14 tar-Regolament jipprevedi speċifikament l-applikazzjonijiet fl-Istati Membri għal miżuri provviżorji (inklużi miżuri protettivi) skont id-disponibbiltà tagħhom skont il-liġi ta' dak l-Istat, anki jekk skont ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru ieħor jista' jkollhom ġuriżdizzjoni fir-rigward tas-sustanza tal-kawża[145] (Ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII ta' dan il-Manwal għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi).

350. Il-Konvenzjoni ma fiha ebda dispożizzjoni parallela għall-Artikolu 14 tar-Regolament, iżda tipprevedi tali talbiet li jistgħu jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali. L-Artikolu 6(2) *i)* tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li, fir-rigward tal-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni, l-Awtoritajiet Ċentrali "għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jibdew jew jiffaċilitaw il-bidu tal-proċeduri sabiex jinkisbu l-miżuri provviżorji neċessarji li jkunu territorjali fin-natura tagħhom u li l-għan tagħhom ikun li jiġi garantit ir-riżultat ta' talba pendenti għall-manteniment". Barra minn hekk, l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni, "Talbiet għal Miżuri Speċifiċi", jagħti setgħat lill-Awtoritajiet Ċentrali sabiex jagħmlu talbiet lil Awtorità Ċentrali oħra, inkluż għal miżuri provviżorji skont l-Artikolu 6(2) *i)* tal-Konvenzjoni, meta ma jkun hemm ebda talba pendenti skont il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(2) jistabbilixxi li l-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jieħdu wkoll miżuri speċifiċi (inkluż fir-rigward tal-kisba tal-miżuri provviżorji neċessarji) fuq talba ta' Awtorità Ċentrali oħra meta każ intern magħruf ma' dik l-Awtorità Ċentrali msemmija l-aħħar ikollu "element internazzjonali".

---

[144] L-Art. 14 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 31 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

[145] Ta' min jinnota li r-Regolament ma jgħid xejn dwar liema liġi għandha tiġi applikata għall-miżuri provviżorji. Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ara l-Kapitolu 5), taħt l-Art. 11 tiegħu, ikoprix il-miżuri provviżorji. Ċerti ġuriżdizzjonijiet nazzjonali jqisuha bħala materja ta' diskrezzjoni ġudizzjarja rigward liema liġi għandha tiġi applikata għall-miżuri provviżorji.

# Kapitolu 5 – Il-Liġi applikabbli skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## *A. Il-Konvenzjoni tal-2007 u l-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar il-Liġi Applikabbli*

351. Il-Konvenzjoni tal-Aja nnifisha ma fiha ebda regola komprensiva dwar il-liġi applikabbli. *Il-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* (il-"Protokoll") huwa strument internazzjonali indipendenti li huwa relatat u kompatibbli mal-Konvenzjoni tal-2007, billi ż-żewġ strumenti ġew innegozjati u adottati fl-istess żmien. L-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni huma mistiedna b'mod partikolari sabiex isiru Parti mill-Protokoll; madankollu, kwalunkwe Stat jista' jsir Parti mill-Protokoll. L-istatus tal-Protokoll fir-rigward tal-Istati Kontraenti għalih jista' jiġi aċċessat fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fuq < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad il-"Konvenzjoni 39" u mbagħad "Tabella tal-istatus" jew taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

352. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti li jittrattaw kawżi internazzjonali ta' manteniment għandhom l-ewwel jaċċertaw jekk l-Istat tagħhom huwiex Parti mill-Protokoll.[146] Jekk iva, il-Protokoll jiddetermina r-regoli tal-liġi applikabbli għal materji ta' manteniment fil-każ ta' applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni jew talbiet diretti għall-istabbiliment ta' deċiżjonijiet dwar manteniment (ara l-Kapitolu 10) u għall-modifikazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar manteniment (ara l-Kapitolu 11). B'mod ġenerali, l-applikazzjonijiet jew it-talbiet għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet skont il-Konvenzjoni ma jkunux soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, minħabba li l-kwistjonijiet tal-liġi applikabbli jkunu ġew indirizzati fl-Istat tal-oriġini tad-deċiżjoni.[147] Jekk l-Istat tiegħek la huwa Stat Kontraenti għall-Protokoll u lanqas Stat fejn huwa applikabbli l-Protokoll (ara t-taqsima B, *infra*), hija l-liġi tal-forum (jiġifieri tal-Istat rikjest), inklużi r-regoli tal-liġi internazzjonali privata, li tapplika għad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment.

353. Madankollu, ta' min ifakkar ukoll li l-Konvenzjoni tinkludi għadd ta' regoli speċifiċi tal-liġi applikabbli relatati ma': a) id-dritt ta' korp pubbliku li jaġixxi minflok kreditur jew li jfittex rimborż tal-benefiċċji pprovduti lill-kreditur (l-Art. 36(2)); b) it-tul tal-perjodi tal-limitazzjoni u l-obbligu tal-manteniment għall-infurzar tal-arretrati (l-Art. 32(4) u (5)); u ċ) l-eliġibbiltà ta' persuna minorenni għal manteniment f'ċerti ċirkostanzi limitati (l-Art. 20(5)).

354. Fit-taqsima Ċ ta' hawn taħt qiegħed jiġi pprovdut sommarju tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll.

355. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu f'moħħhom ukoll li anki jekk il-Protokoll ma jkunx fis-seħħ fl-Istat tagħhom, jista' jkun hemm waħda mill-bosta Konvenzjonijiet aktar antiki tal-Aja li jittrattaw il-liġi applikabbli għall-manteniment li tkun fis-seħħ.[148]

---

[146] Il-Protokoll [huwa] [mhuwiex] applikabbli fi [Isem l-Istat]. Ara wkoll it-taqsima B ta' dan il-Kapitolu.

[147] Madankollu, jista' jkun, ovvjament, li l-Protokoll ikun ġie applikat fl-Istat tal-oriġini. Ara wkoll l-Artikoli 32(4) u 32(5) tal-Konvenzjoni, li jindirizzaw il-kwistjonijiet legali applikabbli fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-infurzar skont il-Konvenzjoni.

[148] Il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-24 ta' Ottubru 1956 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal* u l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni tal-1973"). L-istatus ta' dawn l-istrumenti fir-rigward tal-Istati Kontraenti tagħhom jista' jiġi aċċessat fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet," imbagħad il-"Konvenzjoni 8" jew il-"Konvenzjoni 24" u mbagħad taħt "Tabella tal-Istatus".

## B. Ir-Regolament tal-2009 u l-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar il-Liġi Applikabbli

356. Permezz tad-*Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment (2009/941/KE)*, il-Kunsill tal-Komunità Ewropea (kif kien dak iż-żmien) approva l-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea, minbarra d-Danimarka u r-Renju Unit.[149]

357. Il-Protokoll huwa applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea parteċipanti, [inkluż] [Isem l-Istat], mit-18 ta' Ġunju 2011.[150] Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Protokoll għandu effett retroattiv u japplika għall-manteniment mitlub fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll.[151]

358. L-Artikolu 15 tal-Kapitolu III tar-Regolament huwa l-Artikolu prinċipali tar-Regolament li jikkonċerna l-liġi applikabbli u jistipula li l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment għandha tiġi ddeterminata b'konformità mal-Protokoll tal-Aja tal-2007 għall-Istati Membri marbuta bl-istrument.[152]

359. Kif deskritt fit-tul aktar 'l isfel (il-Kapitolu 8), taħt it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, ir-regoli li jikkonċernaw l-abolizzjoni tal-*exequatur* għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin huma applikabbli fost l-Istati Membri Ewropej li huma marbuta bil-Protokoll (l-Istati Membri kollha għajr ir-Renju Unit u d-Danimarka).

## Ċ. L-applikazzjoni tal-Protokoll u sommarju tad-dispożizzjonijiet

360. Id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-Protokoll huma miġbura fil-qosor hawn taħt. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti għandhom jirreferu għat-test tal-Protokoll u għar-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Protokoll għal aktar informazzjoni. L-aċċess għar-Rapport ta' Spjegazzjoni jista' jinkiseb minn fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fuq < www.hcch.net >, taħt "Konvenzjonijiet", imbagħad il-"Konvenzjoni 39" u mbagħad "Pubblikazzjonijiet tal-HCCH".

### 1. Applikazzjoni universali

361. Il-Protokoll, kuntrarju għall-Konvenzjoni tal-2007, li tapplika biss għar-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, għandu effett *erga omnes*.[153] Dan ifisser li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-regoli tiegħu fi Stat Kontraenti għall-Protokoll jew fl-Istati fejn huwa applikabbli l-Protokoll, anki jekk il-liġi applikabbli hija dik ta' Stat li mhuwiex Parti mill-Protokoll.[154] Fil-prattika, din il-karatteristika tal-*erga omnes* tfisser li l-Protokoll jista' jkun ta' benefiċċju għal ħafna kredituri li għandhom id-domiċilju tagħhom fl-Istati li mhumiex Parti mill-Protokoll. Pereżempju, kreditur li huwa residenti fi Stat li għalih il-Protokoll mhuwiex applikabbli u li jibda proċeduri fi Stat fejn huwa applikabbli l-Protokoll

---

[149] Ara l-Premessi 11 u 12 u l-Art. 3 tad-*Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment (2009/941/KE)*. Il-Premessa 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tiddikjara li "l-Komunità għandha kompetenza esklussiva fuq il-materji kollha rregolati mill-Protokoll".
[150] *Ibid.*, l-Art. 4.
[151] *Ibid.*, l-Art. 5.
[152] Għandu jiġi nnotat li bl-Art. 15 tar-Regolament, il-Protokoll sar Parti mil-liġi Ewropea u, bħala tali, awtorità kompetenti li tapplika l-Protokoll għandha l-kapaċità li tissottometti mistoqsija preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
[153] L-Art. 2 tal-Protokoll.
[154] Ta' min jinnota li għall-Istati Kontraenti kemm għall-Konvenzjoni tal-1973 kif ukoll għall-Protokoll, jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet ta' konkorrenza taż-żewġ strumenti fir-relazzjonijiet tagħhom ma' Stati Kontraenti oħrajn għall-Konvenzjoni tal-1973 li mhumiex Parti mill-Protokoll tal-2007. B'mod partikolari, il-Ġappun, it-Turkija u l-Isvizzera huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1973, iżda għadhom mhumiex Parti mill-Protokoll u, għalhekk, jista' jiġi mistoqsi liema mir-regoli tal-liġi applikabbli b'effett universali tal-Protokoll il-ġdid jew tal-Konvenzjoni tal-1973 għandhom jipprevalu f'każijiet li jinvolvu lil dawn l-Istati. Hemm differenzi ta' opinjoni fil-letteratura akkademika. Ara d-diskussjoni fir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Protokoll fil-paragrafi 194-197. [Isem l-Istat] [huwa] [mhuwiex] Stat Parti mill-Konvenzjoni tal-1973.

(pereżempju fl-Istat tad-domiċilju tad-debitur) igawdi mill-benefiċċju tal-applikazzjoni ta' regoli uniformi favorevoli għall-kreditur li huma stipulati fil-Protokoll.

## 2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll

362. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' manteniment inklużi taħt il-Protokoll huwa usa' mill-Konvenzjoni tal-2007 u jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment abbażi ta' kwalunkwe relazzjoni familjari, mingħajr il-possibbiltà ta' riżerva.[155] Inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu hemm kwalunkwe obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjari, parentela, żwieġ jew affinità[156] — kamp ta' applikazzjoni parallel għal dak tar-Regolament. Il-Protokoll la jiddefinixxi t-terminu "relazzjoni familjari" u lanqas termini oħrajn. Meta jiġu biex jinterpretaw dawn it-termini u l-Protokoll, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-karattru internazzjonali tal-Protokoll u l-ħtieġa li jippromwovu l-uniformità fl-applikazzjoni tiegħu.[157]

363. Fil-protokoll ġiet inkluża regola ta' difiża speċjali sabiex jitnaqqas parzjalment il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tiegħu.[158] Debitur jista' jikkontesta t-talba tal-kreditur fuq il-bażi li ma hemm ebda obbligu bħal dan la taħt il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur u lanqas taħt il-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza komuni tal-partijiet, jekk teżisti waħda. Din id-difiża hija applikabbli għal kwalunkwe obbligu ta' manteniment minbarra dawk għal tfal li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u persuna minorenni jew dawk bejn konjuġi u ex-konjuġi.

364. Fl-aħħar nett, l-applikazzjoni tal-liġi ddeterminata taħt il-Protokoll tista' tiġi rrifjutata jekk "l-effetti tagħha jkunu evidentement kuntrarji għall-ordni pubbliku tal-forum."[159]

## 3. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli

365. Il-Protokoll jelenka lista mhux eżawrjenti ta' kwistjonijiet li għalihom sejra tiġi applikata l-liġi applikabbli rilevanti, inklużi: jekk, kemm u mingħand min jista' jitlob il-manteniment il-kreditur; il-punt safejn il-kreditur jista' jitlob manteniment retroattiv; il-bażi għall-kalkolazzjoni tal-ammont ta' manteniment u l-indiċjar; min huwa intitolat sabiex jibda proċeduri dwar manteniment, ħlief għal kwistjonijiet li huma relatati mal-kapaċità proċedurali u r-rappreżentanza fil-proċeduri; il-perjodi ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni; u l-firxa tal-obbligu ta' debitur ta' manteniment, meta korp pubbliku jfittex rimborż tal-benefiċċji pprovduti għal kreditur minflok manteniment.[160]

## 4. Regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli

366. Ir-regola ewlenija dwar il-liġi applikabbli applikata mill-Protokoll hija l-applikazzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur.[161] Din ir-regola ġenerali għandha l-vantaġġi li tippermetti li jiġu ddeterminati l-eżistenza u l-ammont tal-obbligu tal-manteniment fir-rigward tal-kundizzjonijiet legali u fattwali tal-ambjent soċjali fil-pajjiż fejn jgħix il-kreditur, li tiggarantixxi t-trattament ugwali fost il-kredituri li jgħixu fl-istess pajjiż u li tinnomina l-liġi applikabbli li ta' spiss tikkoinċidi mal-liġi tal-forum.

## 5. Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri

367. Il-Protokoll jipprovdi ċerti regoli sussidjarji "b'effett ta' kaskata" dwar il-liġi applikabbli, li huma intiżi biex jiffavorixxu lil ċerti kredituri tal-manteniment.[162] Dawn ir-

[155] Art. 27 tal-Protokoll.
[156] Art. 1(1) tal-Protokoll.
[157] Art. 20 tal-Protokoll.
[158] Art. 6 tal-Protokoll.
[159] Art. 13 tal-Protokoll.
[160] Art. 11 tal-Protokoll.
[161] Art. 3 tal-Protokoll.
[162] Art. 4 tal-Protokoll.

regoli speċjali huma mfassla fuq il-prinċipju ta' *favor creditoris*, bil-għan li jiġi żgurat li l-kreditur ikollu l-akbar possibbiltà li jikseb il-manteniment.

368. It-tipi ta' kredituri li sejrin jibbenifikaw minn dawn ir-regoli addizzjonali jinkludu: a) tfal li huma dovuti manteniment mill-ġenituri tagħhom (irrispettivament mill-età tat-tfal); b) kwalunkwe persuna li ma laħqitx l-età ta' 21 sena li hija dovuta manteniment minn persuni oħrajn għajr il-ġenituri (bl-eċċezzjoni tal-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw bejn konjuġi, ex-konjuġi u partijiet għal żwieġ li kien annullat); u ċ) ġenituri li huma dovuti manteniment mit-tfal tagħhom.[163]

369. Il-Protokoll jistabbilixxi li kreditur f'waħda mill-kategoriji elenkati fuq, li ma jistax jikseb manteniment permezz tal-liġi applikata skont ir-regola ewlenija, sejjer jibbenifika mill-applikazzjoni tal-liġi tal-forum.[164] Barra minn hekk, jekk tali kreditur jinvoka lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu, hija l-liġi ta' dak il-forum li għandha tapplika, sakemm il-kreditur ma jkunx jista' jikseb, permezz ta' din il-liġi, manteniment mingħand id-debitur, li f'dak il-każ għandha terġa' tapplika l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur.[165] Fl-aħħar nett, huwa previst li jekk il-kreditur ma jkunx jista' jikseb manteniment mingħand id-debitur skont ir-regola ġenerali jew ir-regoli supplimentari, hija l-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza komuni tal-kreditur u tad-debitur li għandha tapplika, jekk teżisti waħda.[166]

## 6. Regola speċjali fir-rigward tal-konjuġi u tal-ex-konjuġi

370. Il-Protokoll jipprovdi regola speċjali għall-obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi, l-ex-konjuġi u l-partijiet għal żwieġ li kien annullat.[167] Fil-prinċipju, f'waqfa mill-konnessjoni immutabbli mal-liġi applikata għad-divorzju skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni preċedenti tal-1973,[168] hija l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur li għandha tapplika, madankollu, din għandha tkun soġġetta għal klawżola ta' ħruġ.

371. Kwalunkwe waħda mill-partijiet tista' tqajjem oġġezzjoni għall-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur, u mbagħad il-qorti jew l-awtorità vestita jkollha tmexxi inkjesta dwar jekk iż-żwieġ għandux rabta eqreb ma' liġi oħra għajr dik tar-residenza abitwali tal-kreditur (pereżempju, *inter alia*, ir-residenza abitwali jew id-domiċilju tal-konjuġi matul iż-żwieġ, in-nazzjonalitajiet tagħhom, il-post fejn ġie ċċelebrat iż-żwieġ u l-post tas-separazzjoni legali jew tad-divorzju). B'mod partikolari, il-Protokoll jagħti rwol ewlieni lill-Istat tal-aħħar residenza abitwali komuni sabiex jiġi kkunsidrat f'inkjesta bħal din.[169]

## 7. L-għażla tal-liġi applikabbli mill-partijiet

372. Il-Protokoll jinkludi karatteristiċi ġodda li jħaddnu miżuri ta' awtonomija tal-partijiet, b'xi restrizzjonijiet, fl-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

373. L-ewwel nett, il-partijiet huma permessi li jagħmlu "ftehimiet proċedurali" sabiex jinnominaw il-liġi tal-forum għall-finijiet ta' proċedura speċifika.[170] Din id-dispożizzjoni tapplika biss meta kreditur ta' manteniment ikun ressaq jew biħsiebu jressaq talba għal manteniment quddiem qorti jew awtorità speċifika.

374. It-tieni, il-partijiet huma permessi li jagħmlu ftehimiet li jinnominaw il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment fi kwalunkwe ħin, inkluża qabel tinqala' tilwima u matul proċedura, sakemm jasal dak iż-żmien li jagħżlu li jħassru jew jimmodifikaw il-ftehim tagħhom.[171] Il-partijiet huma permessi biss li jinnominaw il-liġi ta' kwalunkwe Stat

[163] Art. 4(1) tal-Protokoll.
[164] Art. 4(2) tal-Protokoll.
[165] Art. 4(3) tal-Protokoll.
[166] Art. 4(4) tal-Protokoll.
[167] Art. 5 tal-Protokoll.
[168] Ara *supra,* in-nota 148.
[169] Art. 5 tal-Protokoll.
[170] Art. 7 tal-Protokoll.
[171] Art. 8 tal-Protokoll.

li waħda mill-partijiet tkun ċittadina tiegħu, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali ta' waħda mill-partijiet, jew il-liġi preċedentement magħżula jew effettivament applikata għas-sistema tal-proprjetà tagħhom jew għad-divorzju / separazzjoni legali tagħhom.[172]

375. Bil-għan li jiġi protett il-kreditur tal-manteniment, tali ftehimiet ġenerali huma ristretti b'modi importanti. Huwa pprojbit li jintgħażlu l-ftehimiet tal-liġi li jkopru l-obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' persuna taħt l-età ta' 18-il sena jew ta' persuna adulta li, minħabba xi indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħha, ma tkunx f'pożizzjoni li tipproteġi l-interessi tagħha.[173]

376. L-għażla tal-liġi applikabbli mill-partijiet hija ristretta wkoll meta din tistrieħ fuq l-abbiltà tal-kreditur li jirrinunzja d-dritt tiegħu għall-manteniment.[174] Il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur fil-ħin tan-nominazzjoni tal-liġi applikabbli għandha tirregola l-possibbiltà tar-rinunzja tal-manteniment u l-kundizzjonijiet ta' din ir-rinunzja.

377. Il-Protokoll jitlob ukoll li l-partijiet għal ftehim dwar il-liġi applikabbli għandhom ikunu "konxji u informati b'mod sħiħ" dwar il-konsegwenzi tan-nominazzjoni tagħhom. Inkella, qorti jew awtorità vestita ma għandhiex tapplika l-liġi magħżula jekk l-applikazzjoni ta' dik il-liġi "twassal għal konsegwenzi evidentement inġusti jew mhux raġonevoli għal kwalunkwe waħda mill-partijiet."[175]

## 8. Korpi pubbliċi

378. Il-Protokoll jistabbilixxi li d-dritt ta' korp pubbliku li jfittex rimborż ta' benefiċċju pprovdut lill-kreditur minflok manteniment għandu jiġi rregolat mil-liġi li dak il-korp huwa soġġett għaliha.[176]

## 9. Id-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment

379. Fl-aħħar nett, il-Protokoll jinkludi regola sostantiva[177] li għandha tiġi applikata mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti jew ta' Stat fejn huwa applikabbli l-Protokoll, irrispettivament minn jekk il-liġi applikabbli hijiex liġi barranija jew il-liġi tal-forum. Ir-regola tistipula li l-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur, kif ukoll kwalunkwe kumpens li jkun ingħata l-kreditur minflok il-pagamenti perjodiċi ta' manteniment (jiġifieri ħlas ta' "somma f'daqqa"), għandhom jiġu kkunsidrati fid-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment, anki jekk il-liġi applikabbli tipprevedi mod ieħor.

---

[172] Art. 8(1) tal-Protokoll.
[173] Art. 8(3) tal-Protokoll.
[174] Art. 8(4) tal-Protokoll.
[175] Art. 8(5) tal-Protokoll.
[176] Art. 10 tal-Protokoll.
[177] Art. 14 tal-Protokoll.

# Kapitolu 6 – It-Tiftix u l-Aċċertazzjoni tal-Liġi Barranija

## A. Introduzzjoni

380. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti li jittrattaw kawżi internazzjonali ta' manteniment skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament xi drabi jkollhom jaċċertaw u/jew japplikaw liġi barranija. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 5 għal diskussjoni dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-liġi applikabbli u, b'hekk, każijiet fejn tista' tinħass il-ħtieġa li jinkiseb aċċess għall-kontenut ta' liġi barranija skont il-Konvenzjoni u r-Regolament.

## B. It-tiftix tal-liġi barranija fuq livell globali u fl-Unjoni Ewropea

### 1. Il-Profil tal-Pajjiż skont il-Konvenzjoni tal-2007

381. Skont l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni, kull Stat Kontraenti għandu jissottometti lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja ċerta informazzjoni dwar il-liġijiet tiegħu, il-proċeduri u l-miżuri li sejjer jieħu sabiex jimplimenta l-Konvenzjoni, inkluża deskrizzjoni tal-mod kif l-Istat jittratta t-talbiet għall-istabbiliment, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment.[178]

382. Il-Profil tal-Pajjiż irrakkomandat u ppubblikat mill-Konferenza tal-Aja jista' jintuża minn Stat Kontraenti bħala mezz biex jipprovdi din l-informazzjoni. L-Artikolu 57(1) *a)* tal-Konvenzjoni jitlob speċifikament li l-Istati Kontraenti jipprovdu "deskrizzjoni tal-liġijiet u l-proċeduri tagħhom li jikkonċernaw l-obbligi ta' manteniment" (kif imsemmi fit-Taqsima III tal-Profil tal-Pajjiż).

383. Kemm il-Profil tal-Pajjiż kif ukoll kwalunkwe informazzjoni pprovduta minn Stat Kontraenti skont l-Artikolu 57 huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata < www.hcch.net >, taħt it-"Taqsima dwar l-Appoġġ / il-Manteniment għat-Tfal".

### 2. Informazzjoni dwar il-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali skont ir-Regolament tal-2009

384. Informazzjoni simili għal dik li għandha tiġi pprovduta skont il-Konvenzjoni trid tiġi pprovduta wkoll skont ir-Regolament mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (skont l-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament) lin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali,[179] liema informazzjoni għandha tinżamm aġġornata b'mod permanenti. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali għandu taqsima ddedikata għall-manteniment fuq is-sit elettroniku tiegħu b'links għal informazzjoni għal pajjiżi speċifiċi dwar materji relatati mal-manteniment, li tista' tinstab fuq il-link elettronika li ġejja:[180]

< http://ec.europa.eu/civiljustice/maintenance_claim/maintenance_claim_gen_en.htm >

### 3. Riżorsi Ewropej u globali oħrajn fuq l-internet għat-tiftix u l-aċċertazzjoni tal-liġi barranija

385. Il-links għas-siti elettroniċi pprovduti f'din it-taqsima, *infra*, huma għal skopijiet ta' informazzjoni biss, kienu links preċiżi fiż-żmien tal-abbozzar ta' dan il-Manwal u jistgħu jinkludu jew ma jinkludux links għal informazzjoni legali governattiva awtorevoli jew

[178] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 683.

[179] *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali* (immodifikata mid-*Deċiżjoni Nru. 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* tat-18 ta' Ġunju 2009).

[180] Ta' min jinnota li huwa antiċipat li tali informazzjoni sejra tiġi rrilokata għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li jinstab fil-link elettronika li ġejja: < https://e-justice.europa.eu/home.do >.

uffiċjali. Madankollu, il-lista ta' hawn taħt tfittex li tinkludi firxa ta' istituzzjonijiet governattivi, mingħajr skop ta' qligħ u akkademiċi li jipprovdu aċċess mingħajr ħlas għal-liġi u li ta' spiss ikollhom reputazzjoni stabbilita għal informazzjoni legali ta' kwalità. Il-lista ta' hawn taħt b'ebda mod ma hija eżawrjenti. Is-siti elettroniċi elenkati hawn taħt ġeneralment ikun fihom informazzjoni legali komprensiva għal ġuriżdizzjoni partikolari u mhumiex speċjalizzati fi kwistjonijiet relatati mal-manteniment.

## INTRODUZZJONI GĦAL INFORMAZZJONI LEGALI GLOBALI:

| | |
|---|---|
| **Enċiklopediji Globali / Immappjar tas-Sistema Legali** | • JurisPedia<br>< http://en.jurispedia.org/index.php/Main_Page ><br>• GlobaLex<br>< http://www.nyulawglobal.org/Globalex/ ><br>• JuriGlobe<br>< http://www.juriglobe.ca/index.php > |

## LINKS GĦAL INFORMAZZJONI LEGALI:

| | |
|---|---|
| **Databases Internazzjonali** | • L-Istitut Dinji tal-Informazzjoni Legali (WorldLII)<br>< http://www.worldlii.org/ ><br>• In-Netwerk Globali tal-Informazzjoni Legali (GLIN)<br>< http://www.glin.gov/search.action > |
| **Databases Reġjonali** | • L-Istitut Asjatiku tal-Informazzjoni Legali (AsianLII)<br>< http://www.asianlii.org/ ><br>• Il-Membri tal-Commonwealth (CommonLII)<br>< http://www.commonlii.org/ ><br>• Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika<br>< https://e-justice.europa.eu/home.do?action ><br>• Pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-UE (EUR-Lex)<br>< http://eur-lex.europa.eu/ ><br>• Il-Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Francophonie (Droit francophone)<br>< http://droit.francophonie.org/ ><br>• Il-Gżejjer Paċifiċi (PacLII)<br>< http://www.paclii.org/ ><br>• In-Nofsinhar tal-Afrika (SAFLII)<br>< http://www.saflii.org/ ><br>• It-Territorji u d-Dipendenzi tar-Renju Unit<br>< http://www.worldlii.org/catalog/3144.html > |
| **Databases Nazzjonali** | • L-Awstralja (AustLII)<br>< http://www.austlii.edu.au/ ><br>• L-Awstrija (RechtsInformationsSystem)<br>< http://www.ris.bka.gv.at/ ><br>• L-Istitut Brittaniku u Irlandiż tal-Informazzjoni Legali (BaiLII)<br>< http://www.bailii.org/ ><br>• Il-Burkina Faso (JuriBurkina)<br>< http://www.juriburkina.org/juriburkina/ ><br>• L-Istitut Kanadiż tal-Informazzjoni Legali (CanLII)<br>< http://www.canlii.org/ ><br>• Ċipru (CyLaw)<br>< http://www.cylaw.org/index-en.html ><br>• In-Nazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (N-Lex)<br>< http://eur-lex.europa.eu/n-lex/ ><br>• Ħong Kong (HKLII)<br>< http://www.hklii.org/ ><br>• L-Indja (LII of India) |

| | |
|---|---|
| | < http://liiofindia.org/ ><br>• L-Irlanda (IRLII)<br>< http://www.ucc.ie/law/irlii/index.php ><br>• Il-Kenja (KLR)<br>< http://www.kenyalaw.org/update/index.php ><br>• Il-Messiku (Instituto de Investigaciones Jurídicas, UNAM)<br>< http://info.juridicas.unam.mx/infjur/leg/ ><br>• In-New Zealand (NZLII)<br>< http://www.nzlii.org/ ><br>• In-Niġer (JuriNiger)<br>< http://juriniger.lexum.umontreal.ca/juriniger/index.do ><br>• Il-Filippini (LawPhil)<br>< http://www.lawphil.net/ ><br>• L-Istati Uniti tal-Amerika (L-Istitut tal-Informazzjoni Legali (LII))<br>< http://www.law.cornell.edu/ > |
| **Ġabriet tal-Libreriji / Istituti tar-Riċerka**<br><br>*Deskrizzjoni: Istituzzjonijiet li jista' jkollhom ġabriet online sinjifikanti ta' informazzjoni legali globali. Dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jipprovdu wkoll opinjonijiet dwar il-liġi barranija u servizzi ta' riċerka.* | • L-Istitut Svizzeru tal-Liġi Komparattiva<br>< http://www.isdc.ch/ ><br>• L-Istitut Max Planck għal-Liġi Komparattiva u l-Liġi Privata Internazzjonali, il-Ġermanja<br>< http://www.mpipriv.de/ww/en/pub/news.cfm ><br>• Law Library of Congress, l-Istati Uniti tal-Amerika<br>< http://www.loc.gov/law ><br>• L-Istitut tal-Istudji Legali Avvanzati, Londra, ir-Renju Unit<br>< http://ials.sas.ac.uk/ ><br>• Cornell Law Library, l-Istati Uniti tal-Amerika<br>< http://library.lawschool.cornell.edu/ ><br>• Juristisches Internetprojekt Saarbrücken, il-Ġermanja<br>< http://www.jura.uni-saarland.de/index.php?id=76&tx_googlesuchen_pi1%5baction%5d=list > |

## 4. L-aċċess għal u l-aċċertazzjoni tal-liġi barranija permezz ta' trattati jew mekkaniżmi ta' kooperazzjoni legali

386. L-aċċess għal u l-aċċertazzjoni tal-kontenut tal-liġi barranija fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jsiru permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE.[181]

387. L-Artikolu 5(2) *ċ)* tad-Deċiżjoni 568/2009/KE (li timmodifika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE) jistabbilixxi li l-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għandhom:

> "[…] jipprovdu kull informazzjoni sabiex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tal-**liġi ta' Stat Membru ieħor** li tkun applikabbli skont strument Komunitarju jew internazzjonali. Għal dan il-għan, il-punt tal-kuntatt li tiġi ppreżentata tali talba quddiemu jista' jirrikorri għand l-awtoritajiet l-oħrajn tal-Istat Membru tiegħu msemmija […] sabiex iforni l-informazzjoni mitluba. L-informazzjoni li tkun tinsab fit-tweġiba la torbot lill-punt tal-kuntatt, la lill-awtoritajiet ikkonsultati u lanqas lill-awtorità li tkun ippreżentat it-talba [enfasi miżjuda]".

388. Fir-rigward tal-mistoqsijiet aktar kumplessi dwar il-liġi barranija u fir-rigward ta' xi pajjiżi terzi (jiġifieri Stati mhux Membri tal-Unjoni Ewropea), il-kontenut tal-liġi barranija jista' jiġi aċċessat permezz tal-aġenziji riċeventi nnominati nazzjonali (ġeneralment il-

[181] Ara *supra*, in-nota 179.

Ministeru barrani tal-Ġustizzja), skont il-*Konvenzjoni Ewropea dwar l-Informazzjoni dwar il-Liġi Barranija* tal-Kunsill tal-Ewropa, *Londra, is-7 ta' Ġunju 1968* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Londra"), jew permezz ta' trattati dwar assistenza legali bilaterali jew multilaterali oħrajn.[182] Il-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew jistgħu jassistu wkoll fl-operat tal-Konvenzjoni ta' Londra fi ħdan l-Unjoni Ewropea, pereżempju, fejn ikun hemm dewmien fl-għoti ta' tweġiba għal talba skont il-Konvenzjoni ta' Londra. Meta ma jkun hemm ebda qafas legali konvenzjonali fis-seħħ ma' Stat barrani, fi [Isem l-Istat] […].

[182] Fi [Isem l-Istat] […].

# Kapitolu 7 – Il-Konvenzjoni tal-2007: L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u t-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar

*Kif għandu jintuża dan il-Kapitolu:*

*Il-Parti I ta' dan il-Kapitolu tittratta primarjament l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment li jirċievu l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħrajn mingħand Awtorità Ċentrali. Il-Parti II tittratta kwistjonijiet li huma partikolari għat-talbiet diretti skont il-Konvenzjoni li jirċievu l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħrajn.*

**<u>Parti I: Applikazzjonijiet irċevuti mingħand Awtorità Ċentrali</u>**

*<u>It-Taqsima I</u> tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-rikonoxximent u l-infurzar – meta tintuża u min jista' japplika għaliha.*

*<u>It-Taqsima II</u> tinkludi flowchart li tispjega l-proċeduri inizjali għal din l-applikazzjoni.*

*<u>It-Taqsima III</u> tispjega l-proċeduri ewlenin għar-rikonoxximent fid-dettall.*

*<u>It-Taqsima IV</u> tittratta aspetti oħrajn tal-proċeduri ġenerali, inklużi l-applikazzjonijiet minn debituri.*

*<u>It-Taqsima V</u> tittratta kwistjonijiet oħrajn bħall-assistenza legali u l-infurzar.*

*<u>It-Taqsima VI</u> tinkludi referenzi addizzjonali, formoli u xi suġġerimenti prattiċi għall-applikazzjonijiet.*

*<u>It-Taqsima VII</u> tinkludi sommarju ta' Lista ta' Kontroll tal-proċeduri għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar irċevuti mill-Awtoritajiet Ċentrali.*

*<u>It-Taqsima VIII</u> twieġeb uħud mill-mistoqsijiet frekwenti.*

**<u>Parti II: Applikazzjonijiet irċevuti direttament mingħand l-awtoritajiet kompetenti</u>**

*<u>It-Taqsima I</u> tipprovdi ħarsa ġenerali u tippreżenta kwistjonijiet ġenerali relatati mal-applikazzjonijiet irċevuti direttament mill-awtoritajiet kompetenti.*

*<u>It-Taqsima II</u> tinkludi referenzi addizzjonali, formoli u xi suġġerimenti prattiċi għall-applikazzjonijiet.*

*<u>It-Taqsima III</u> twieġeb xi mistoqsijiet frekwenti li jikkonċernaw it-talbiet diretti.*

# Parti I — Applikazzjonijiet permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar

## I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali

### A. Prinċipji ġenerali

**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat Kontraenti sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni.

389. Il-proċess tar-rikonoxximent huwa fil-qalba tal-irkupru tal-manteniment internazzjonali u jiggarantixxi li jkun hemm mod kost-effettiv għal kreditur sabiex jeffettwa l-pagament tal-manteniment fejn jgħix id-debitur jew fejn huwa għandu l-assi jew id-dħul tiegħu fi Stat Kontraenti ieħor.[183]

390. Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni minn Stat Kontraenti ieħor jelimina l-ħtieġa li kreditur jikseb deċiżjoni ġdida fl-Istat fejn issa qiegħed jgħix id-debitur jew fejn jinsabu l-assi jew id-dħul tiegħu.

391. Il-proċeduri għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni huma intiżi biex jipprodu l-aktar rikonoxximent wiesa' possibbli tad-deċiżjonijiet eżistenti u biex jiżguraw li l-applikazzjoni tiġi indirizzata bl-aktar mod effikaċi possibbli. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni huwa aktar wiesa' għar-rikonoxximent u l-infurzar, filwaqt li l-Istati huma mistennija li jipprovdu lill-applikanti b'aċċess komprensiv għal proċeduri effettivi. Il-proċess tar-rikonoxximent huwa wieħed sempliċi, b'rekwiżit fil-Konvenzjoni li jgħid li għandhom jittieħdu passi "mingħajr dewmien" jew "fil-pront". Il-konvenut għandu biss ftit raġunijiet limitati sabiex joġġezzjona jew jopponi għar-rikonoxximent u l-infurzar, flimkien ma' perjodu ta' żmien limitat sabiex ikun jista' jagħmel dan. Dan kollu jirrifletti l-prinċipju sottostanti fil-Konvenzjoni li r-rikonoxximent u l-infurzar għandhom ikunu sempliċi, bi spejjeż baxxi u mħaffa.[184]

### B. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri

**Awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew li hija permessa skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar ta' manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.

392. Il-proċeduri tad-dikjarazzjoni jew tar-reġistrazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar deskritti hawn taħt u stabbiliti fl-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni sejrin jintużaw fil-biċċa l-kbira tal-Istati Kontraenti. Fil-Konvenzjoni (l-Art. 24) huwa previst proċess alternattiv u, permezz ta' dikjarazzjoni, Stat jista' jagħżel li juża dan il-proċess alternattiv.[185]

---

[183] Hemm differenza bejn rikonoxximent u infurzar. Rikonoxximent minn Stat ieħor ifisser li l-Istat jaċċetta d-determinazzjoni jew it-tiftix tad-drittijiet u tal-obbligi legali magħmula mill-Istat tal-oriġini. Infurzar ifisser li l-Istat rikjest jaqbel li l-proċessi tiegħu jistgħu jintużaw sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 472-473.

[184] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafu 490. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom obbligu pożittiv li jassistu b'mod diliġenti u mingħajr dewmien fl-infurzar ta' deċiżjoni barranija dwar manteniment għall-benefiċċju ta' kreditur (ara *Romańczyk vs Franza*, Nru. 7618/05 (it-18 ta' Novembru 2010), fejn il-qorti sabet li kien hemm ksur tal-Art. 6(1) tal-*Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali*).

[185] L-Unjoni Ewropea ma hija ser tagħmel ebda dikjarazzjoni li hija sejra tutilizza l-"Proċedura alternattiva fuq applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar" (l-Art. 24) ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni. B'hekk, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sejrin jużaw il-proċeduri skont l-Art. 23 sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni (ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE (*supra*, in-nota 59)).

393. Malli tirċievi l-formola tal-applikazzjoni mingħand Awtorità Ċentrali oħra, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest[186] għandha tibgħat il-materjal lill-awtorità kompetenti għall-ipproċessar. F'xi Stati Kontraenti, l-Awtorità Ċentrali sejra tkun l-awtorità kompetenti għal dan il-għan. Fi Stati oħrajn, l-awtorità kompetenti tista' tkun awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva.[187]

394. L-awtorità kompetenti hija mitluba li tagħmel dikjarazzjoni fil-pront li d-deċiżjoni hija infurzabbli jew inkella tirreġistraha għall-infurzar. L-awtorità kompetenti għandha tieħu dan il-pass sakemm ir-rikonoxximent u l-infurzar ma jkunux "evidentement inkompatibbli" mal-ordni pubbliku. La l-applikant u lanqas il-konvenut ma jista' jagħmel sottomissjonijiet f'dan il-pass, li huwa magħruf bħala reviżjoni *ex-officio.*

L-***Istat rikjedenti*** - l-Istat Kontraenti fejn jirrisjedi l-applikant u dak li jitlob għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni.

L-***Istat rikjest*** - l-Istat Kontraenti li rċieva l-applikazzjoni u li ser ikun qiegħed jirrikonoxxi u jinfurza d-deċiżjoni.

395. Fl-Istati Kontraenti li jużaw proċess ta' reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni tista' tikkonsisti fis-sottomissjoni tad-deċiżjoni quddiem awtorità ġudizzjarja jew tribunal, jew inkella fir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni quddiem uffiċjal jew aġenzija amministrattiva.[188]

396. Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet [iddikjarata bħala infurzabbli] [jew] [irreġistrata għall-infurzar], kemm l-applikant kif ukoll il-konvenut jiġu nnotifikati b'dan.[189] Il-konvenut huwa intitolat sabiex jappella jew jikkontesta d-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni fuq ċerti kundizzjonijiet limitati.[190] Pereżempju, il-konvenut jista' jappella jew jikkontesta r-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni jekk huwa ma jkun irċieva ebda notifika tat-talba inizjali għal manteniment jew jekk ma jkunx ingħata opportunità sabiex jikkontesta d-deċiżjoni dwar il-manteniment li għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata. Il-kontestazzjoni jew l-appell għandhom jitressqu fi żmien 60 jum min-notifika tar-[reġistrazzjoni għall-infurzar] [jew] tad-[dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà]. Il-kontestazzjoni jew l-appell għandhom isiru lill-awtorità kompetenti skont kif permess f'dak l-Istat.[191]

**Suġġeriment:** L-Artikolu 23 jistabbilixxi l-proċeduri għall-proċess tar-rikonoxximent jew tar-rikonoxximent u l-infurzar. Dak l-Artikolu jirreferi kemm għal kontestazzjoni kif ukoll għal appell (l-Art. 23(7)) u għal appell ulterjuri (l-Art. 23(10)).
Kontestazzjoni jew appell skont l-Artikolu 23(7) huma limitati għat-tliet oqsma speċifiċi msemmija f'dak l-Artikolu u fl-Artikolu 23(8) u għandhom jitressqu fi żmien 30 jew 60 jum min-notifika tad-dikjarazzjoni jew tar-reġistrazzjoni, skont il-Parti li tikkontesta d-deċiżjoni.
B'kuntrast ma' dan, l-appell ulterjuri deskritt fl-Artikolu 23(10) jipproċedi kompletament skont il-liġi domestika u jista' jitressaq biss jekk il-liġi domestika

397. Jekk id-debitur mhuwiex lest li jibda jagħmel il-pagamenti skont id-deċiżjoni volontarjament, l-infurzar tad-deċiżjoni jista' jseħħ kif permess mil-liġi tal-Istat rikjest, minkejja l-kontestazzjoni jew l-appell li jkunu għadhom għaddejjin (ara wkoll il-Kapitolu 12 ta' dan il-Manwal dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment). Filwaqt li l-pagamenti volontarji huma mezz importanti li jiggarantixxi li l-pagamenti jibdew jintbagħtu lill-kreditur mill-aktar fis possibbli, huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li jittieħdu l-miżuri ta' infurzar xierqa bil-għan li jiġi evitat id-dewmien fil-ħlas.

398. Jekk il-kontestazzjoni jew l-appell għar-rikonoxximent u l-infurzar ikunu ta' suċċess u d-[dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà] [jew] ir-[reġistrazzjoni] titwarrab, dan ma jfissirx neċessarjament li t-talba għal manteniment waslet fi tmiemha. Skont ir-raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni,

*Il-**kreditur*** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjugi, persuna minorenni, ġenituri li jiffosterjaw it-tfal jew qraba jew persuni oħrajn li jieħdu ħsieb persuna minorenni. F'xi Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ benefiċjarju tal-manteniment, persuna b'obbligu dovut lilha, jew ġenitur jew persuna oħra bil-kura u l-kustodja ta' minorenni.

---

186 Fi [Isem l-Istat] l-Awtorità Ċentrali hija […].
187 Fi [Isem l-Istat] l-awtorità kompetenti hija […] u [hija] [mhijiex] l-Awtorità Ċentrali.
188 Fi [Isem l-Istat] […].
189 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX, *supra*, rigward din il-kwistjoni.
190 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 504.
191 Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

jekk id-deċiżjoni dwar il-manteniment tkun tikkonċerna l-manteniment għat-tfal, jista' jkun possibbli li tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest. L-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest tista', jekk ikun permess skont il-liġi domestika tagħha, tittratta l-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar bħallikieku kienet applikazzjoni sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest. Din id-dispożizzjoni tiżgura, fejn il-**kreditur** ikun jeħtieġ manteniment tat-tfal u d-deċiżjoni eżistenti ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata, li jkun hemm mezz kif tinkiseb deċiżjoni ġdida dwar manteniment mingħajr ma jinbeda l-proċess kollu mill-ġdid fl-Istat rikjedenti.[192]

399. Fl-aħħar nett, jekk il-kontestazzjoni jew l-appell ma jkunux ta' suċċess, jista' jkun permess appell ulterjuri mil-liġi domestika tal-Istat rikjest. Jekk ikun permess appell ulterjuri, il-Konvenzjoni tistabbilixxi speċifikament li l-appell ulterjuri ma għandux ikollu l-effett li jissospendi l-infurzar tad-deċiżjoni, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali (l-Art. 23(10)).[193]

## Ċ. Meta tintuża din l-applikazzjoni

400. Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni eżistenti dwar manteniment sejra tiġi rċevuta minn Stat Kontraenti fejn jintalab l-infurzar tad-deċiżjoni minħabba li d-debitur jirrisjedi fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul fl-Istat rikjest.

401. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet ikunu għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni, f'xi każijiet, kreditur ifittex rikonoxximent biss u ma jitlobx l-infurzar tad-deċiżjoni.

> **Ir-rikonoxximent** ta' deċiżjoni dwar manteniment huwa l-proċedura użata minn awtorità kompetenti ta' Stat sabiex taċċetta d-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi li jikkonċernaw il-manteniment magħmul mill-awtorità fl-Istat tal-oriġini, fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u jagħti l-forza tal-liġi lil dik id-deċiżjoni.

402. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat li qiegħed jintalab sabiex jinfurzaha, mela allura r-rikonoxximent ma jkunx meħtieġ. L-applikazzjoni tista' sempliċiment tiġi pproċessata għall-infurzar (ara l-Kapitolu 12).

## D. Eżempju ta' każ

403. Il-kreditur għandu deċiżjoni dwar manteniment mill-Pajjiż A li titlob lid-debitur sabiex iħallas manteniment tat-tfal. Id-**debitur** jgħix fi [Isem l-Istat]. Minflok japplika għal deċiżjoni ġdida fi [Isem l-Istat], il-kreditur jixtieq li d-deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment tiġi infurzata fi [Isem l-Istat]. Il-Pajjiż A u [Isem l-Istat] huma t-tnejn Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

> **Debitur** huwa l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, konjugi jew xi ħadd ieħor li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment.

**Kif dan jaħdem skont il-Konvenzjoni**

404. Il-kreditur[194] jitlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A sabiex tibgħat applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment lil [Isem l-Istat]. L-applikazzjoni tiġi vverifikata sabiex jiġi żgurat li hija mimlija kif suppost u mbagħad tiġi pproċessata mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat]. Id-debitur jiġi nnotifikat u jingħata ċans sabiex joġġezzjona għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar fuq il-kundizzjonijiet limitati stabbiliti fil-Konvenzjoni. Ladarba tiġi rikonoxxuta, id-deċiżjoni tkun tista' tiġi infurzata mill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] bl-istess mod daqslikieku kienet deċiżjoni li oriġinarjament ittieħdet fi [Isem l-Istat].

---

[192] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[193] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[194] Innota li f'xi ċirkostanzi, l-applikazzjoni ssir minn korp pubbliku (bħal Aġenzija ta' Appoġġ għat-Tfal) f'isem il-kreditur.

Għal informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-***infurzar*** ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat **rikjest** (jiġifieri [Isem l-Istat]) – ara l-Kapitolu 9. Għal informazzjoni dwar **l-infurzar** ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar manteniment – ara l-Kapitolu 12.

## *E. Min jista' japplika*

405. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar tista' ssir minn kreditur jew minn debitur (kif diskuss hawn taħt – l-applikazzjoni tad-debitur tkun għal rikonoxximent biss, filwaqt li kreditur jista' jfittex rikonoxximent jew infurzar jew inkella t-tnejn li huma). L-applikant għandu jkun jirrisjedi fl-Istat li jkun qiegħed jibda l-applikazzjoni u ma għandux bżonn ikun preżenti fi [Isem l-Istat] sabiex deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata f'dak l-Istat (l-Art. 29). F'din l-applikazzjoni, il-kreditur jista' jkun il-persuna li lilha jkun dovut il-manteniment, kif ukoll korp pubbliku li jkun qiegħed jaġixxi minflok il-kreditur, jew inkella korp pubbliku li jkun ipprovda benefiċċji lill-kreditur.

***Suġġeriment:*** *Qed tfittex lista sempliċi ta' passi li trid issegwi? Trid taqbeż id-dettalji? Mur fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu u uża l-**Lista ta' Kontroll**.*

# II. Il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar spjegat fil-qosor

406. It-tabella fil-paġna li ġejja turi l-proċess sħiħ għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar minn kreditur fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar manteniment, inklużi l-passi li jittieħdu mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat]. It-taqsimiet li jmiss ta' dan il-Kapitolu jispjegaw fid-dettall il-komponenti tal-passi li jistgħu jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti.

407. Din it-taqsima tapplika ugwalment għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss. Dawn l-applikazzjonijiet sejrin ikunu pjuttost rari. L-Artikolu 26 jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u Infurzar) japplikaw "*mutatis mutandis*" għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss bl-eċċezzjoni li r-rekwiżit għall-infurzabbiltà huwa sostitwit b'rekwiżit li d-deċiżjoni jkollha effett fl-Istat tal-oriġini. Dan ifisser li, għal skopijiet prattiċi, id-dispożizzjonijiet li jittrattaw ir-rikonoxximent u l-infurzar sejrin japplikaw għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent, għajr fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet li jeħtieġ li jinbidlu, minħabba li ma jintalab ebda infurzar tad-deċiżjoni.[195]

[195] Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 546.




**Figura 6: Dijagramma tal-applikazzjonijiet illi jidħlu għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar irċevuti mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat]**

# III. Proċeduri

## A. Verifika preliminari tad-dokumenti li jidħlu u materji preliminari oħrajn

408. Qabel tibgħat il-materjal lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat], l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tivverifika sabiex tiġżura li l-applikazzjoni taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar, kif ukoll sabiex tiżgura li l-pakkett ta' dokumenti huwa komplet. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] ser ikollha tagħmel verifika simili.

### 1. Reviżjoni inizjali tad-dokumenti

**Talba diretta** ma ssirx lil Awtorità Ċentrali. Talba diretta hija talba li tiġi rċevuta minn awtorità kompetenti, bħal qorti jew awtorità amministrattiva, direttament mingħand individwu. Hija ssir barra mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Ara l-Parti II, *infra*.

- L-applikazzjoni hija għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment tat-tfal? Hija għandha taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni kif spjegat fil-Parti I tal-Kapitolu 3. Jekk id-deċiżjoni li tittieħed tkun għal manteniment tal-miżżewġin biss jew għal xi forma oħra ta' manteniment tal-familja u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma jkunx ġie estiż għal dawn l-obbligazzjonijiet l-oħrajn, mela allura għandha ssir talba diretta lil awtorità kompetenti (ara l-Parti II, *infra*).
- Il-konvenut jew id-debitur jirrisjedi fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul fl-Istat rikjest? Jekk le, il-materja għandha tintbagħat lill-post fejn jirrisjedi jew għandu l-assi tiegħu l-konvenut jew id-debitur, jew inkella tiġi rritornata lejn l-Istat rikjedenti.
- L-applikazzjoni qiegħda ssir minn Stat Kontraenti? Jekk le, il-Konvenzjoni ma tistax tintuża.

### 2. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar hija l-applikazzjoni xierqa?

409. Ivverifika d-dokumenti sabiex tiżgura li l-applikazzjoni korretta hija għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar. Ikkunsidra l-fatturi li ġejjin:

- Jekk ma jkun hemm ebda deċiżjoni dwar manteniment – l-applikazzjoni għandha tkun għal stabbiliment, mhux għal rikonoxximent u infurzar. Ara l-Kapitolu 10.
- Jekk ikun hemm deċiżjoni dwar manteniment iżda din tkun ġejja mill-Istat <u>tiegħek</u>, id-deċiżjoni ma jkollhiex bżonn tiġi rikonoxxuta. Hija tista' sempliċiment tiġi pproċessata għall-infurzar fl-Istat tiegħek, billi jiġu segwiti l-proċeduri tal-infurzar regolari tiegħek. Ara l-Kapitolu 9.

### 3. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ġew issodisfati?

410. Il-Konvenzjoni tippermetti biss li Awtorità Ċentrali tirrifjuta li tipproċessa applikazzjoni jekk hija temmen li huwa "evidenti li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni" ma ġewx issodisfati (ara l-Art. 12(8)). Iċ-ċirkostanzi meta dan jista' jkun il-każ huma pjuttost limitati.[196] Sabiex tkun "evidenti", ir-raġuni għar-rifjut għandha tkun plawżibbli jew ċara fuq id-dokumenti rċevuti.[197] Pereżempju, applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata fuq din il-bażi jekk ikun jidher ċar mid-dokumenti li d-deċiżjoni ma kellha x'taqsam xejn mal-

[196] Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 345.
[197] Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 344.

manteniment. Bl-istess mod, applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata fuq din il-bażi jekk tkun diġà falliet applikazzjoni preċedenti mill-istess Parti eżattament għall-istess raġunijiet.

411. Innota li jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni jidhru li jmorru kontra l-ordni pubbliku, l-applikazzjoni xorta waħda għandha tintbagħat lil u tiġi pproċessata mill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tista' tiddetermina jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar imorrux kontra l-ordni pubbliku u mbagħad tirrifjuta li tirrikonoxxi d-deċiżjoni fuq dik il-bażi.

## 4. Ivverifika d-dokumenti għall-kompletezza

412. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom l-obbligu li jivverifikaw applikazzjoni rċevuta mill-Istat rikjedenti fil-pront sabiex jiżguraw li hija kompleta u jirreferu l-applikazzjoni kompleta mill-aktar fis lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti sabiex tkun tista' tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata d-deċiżjoni. Jekk ikunu meħtieġa dokumenti addizzjonali, l-Awtorità Ċentrali għandha titlobhom mingħajr dewmien. L-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni jelenka lista sħiħa tad-dokumenti kollha li huma meħtieġa – ma jista' jkun meħtieġ ebda dokument addizzjonali ieħor f'applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar.

413. L-Artikoli 11, 12, 25 u 44 tal-Konvenzjoni jistabbilixxu li l-pakkett li jmiss għandu jinkludi:

| | |
|---|---|
| √ | Formola ta' applikazzjoni |
| √ | It-test sħiħ tad-deċiżjoni jew silta minnha |
| √ | Stqarrija tal-Infurzabbiltà |
| √ | Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa (sakemm il-konvenut ma deherx, ma kienx irrappreżentat jew ma kkontestax id-deċiżjoni) |
| **Kif meħtieġ** | Kopji tradotti tad-dokumenti |
| **Kif meħtieġ** | Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji (għal applikazzjonijiet minn kredituri biss) |
| **Kif meħtieġ** | Dokument li jikkalkula l-arretrati |
| **Kif meħtieġ** | Dokument li jispjega kif għandu jsir l-aġġustament jew l-indiċjar ta' deċiżjoni |
| √ | Formola tat-Trażmissjoni |

**Figura 7: Il-kontenut tal-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar**

414. Din li ġejja hija deskrizzjoni qasira ta' dak li tista' tistenna li tara fil-pakkett ta' materjal li jmiss (jekk jogħġbok ikkonsulta l-Figura 7 ta' hawn fuq sabiex tiddetermina liema mill-Formoli ta' hawn taħt huma obbligatorji, jew inkella skont kif meħtieġ biss).

### a) Formoli meħtieġa f'kull pakkett

**1) Formola ta' applikazzjoni**

Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-Istat rikjedenti juża l-formola ta' applikazzjoni rrakkomandata. Din tiżgura li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Istat rikjest. Jekk l-applikazzjoni li tidħol ma tkunx użat il-formola rrakkomandata, l-applikazzjoni għandha tinkludi d-dettalji bażiċi meħtieġa għall-applikazzjoni, bħall-informazzjoni ta' kuntatt tal-applikant, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-konvenut, informazzjoni dwar il-persuni intitolati għall-manteniment u dettalji ta' fejn għandhom jintbagħtu l-pagamenti.

**2) It-test tad-deċiżjoni jew ta' silta minnha**
It-test sħiħ tad-deċiżjoni dwar il-manteniment huwa meħtieġ, sakemm l-Istat tiegħek ma jkunx indika li lest jaċċetta silta mid-deċiżjoni. Ma hemmx bżonn li jiġu inklużi kopji ċċertifikati tad-deċiżjoni mal-applikazzjoni, sakemm l-Istat tiegħek ma jkunx speċifika li dawn huma meħtieġa.[198]

**3) Stqarrija tal-Infurzabbiltà**
Stqarrija tal-Infurzabbiltà, li tindika li d-deċiżjoni dwar il-manteniment hija infurzabbli fl-Istat fejn tkun ittieħdet, hija meħtieġa. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità amministrattiva, id-dokument għandu jinkludi stqarrija li tgħid li r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(3) ġew issodisfati, sakemm l-Istat tiegħek (l-Istat rikjest) ma jkunx speċifika li tali stqarrija mhijiex meħtieġa.[199] Jekk l-applikazzjoni ssir għal rikonoxximent biss, l-applikazzjoni tkun trid tistabbilixxi biss li d-deċiżjoni għandha effett fl-Istat tal-oriġini, mhux illi hija infurzabbli.[200] Fl-Istqarrija tal-Infurzabbiltà hemm dispożizzjoni li tindika d-data meta daħlet fis-seħħ id-deċiżjoni f'dak l-Istat.

**4) Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa**
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa hija meħtieġa biss jekk il-konvenut ma deherx jew ma kienx irrappreżentat fil-proċeduri. Mill-formola tal-applikazzjoni rrakkomandata jista' jiġi ddeterminat jekk il-konvenut deherx jew jekk kienx irrappreżentat. It-Taqsima 7) tal-Applikazzjoni tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

Jekk il-formola tal-applikazzjoni turi li l-konvenut ma deherx jew ma kienx irrappreżenat meta ttieħdet id-deċiżjoni, id-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa tindika li huwa kien ipprovdut bl-applikazzjoni jew innotifikat dwarha u kellu opportunità li jidher fil-proċeduri li rriżultaw fid-deċiżjoni dwar il-manteniment, jew inkella kien innotifikat bid-deċiżjoni wara li ttieħdet u ngħata opportunità sabiex jikkontestaha. Innota li, f'xi Stati, il-kontestazzjoni jew it-tweġiba tista' ssir bil-miktub. Il-konvenut mhux bilfors dejjem irid ikun preżenti fiżikament.

**5) Formola tat-Trażmissjoni**
Kull applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar għandha tkun akkumpanjata minn Formola tat-Trażmissjoni. Din il-formola hija obbligatorja skont il-Konvenzjoni. Il-Formola tat-Trażmissjoni tidentifika l-partijiet u t-tip ta' applikazzjoni. Hija tindika wkoll id-dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni.

**b) Formoli oħrajn li jistgħu jkunu neċessarji**

415. Għalkemm l-Artikolu 11(3) jistabbilixxi li huma biss id-dokumenti elenkati f'dak l-Artikolu (u deskritti hawn fuq) li jistgħu jintalbu f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar, jistgħu jkunu meħtieġa wkoll formoli oħrajn, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ:

**1) Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji**
Jekk l-applikant ikun qiegħed ifittex ukoll l-infurzar tad-deċiżjoni (kif jiġri fil-biċċa l-kbira tal-każijiet), hija dejjem prattika tajba li tiġi inkluża Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji, li tipprovdi informazzjoni importanti dwar il-post u ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-Konvenut, sakemm dawn ikunu magħrufa mill-applikant.

Jekk l-applikant uża l-Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji rrakkomandata, is-sezzjoni ta' dak id-dokument li tirrigwardja lill-kreditur titħalla vojta, billi dik l-informazzjoni mhijiex meħtieġa għal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Jekk l-applikazzjoni tkun għal rikonoxximent biss, ma hemm bżonn li tiġi inkluża ebda formola.

**2) Dokument li jikkalkula l-arretrati**
Jekk ikun hemm manteniment mhux imħallas (arretrati) skont id-deċiżjoni dwar manteniment li trid tiġi infurzata, għandu jkun hemm dokument inkluż li jistabbilixxi l-ammont tal-arretrati, kif ġew ikkalkulati l-arretrati u d-data tal-kalkolazzjoni.

---
198 [Isem l-Istat] jitlob li […].
199 [Isem l-Istat] jitlob li […].
200 Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 546.

**3) Dokument li jispjega kif għandu jsir l-aġġustament jew l-indiċjar**
F'xi Stati, id-deċiżjoni jew il-liġi domestika li taħtha ttieħdet id-deċiżjoni tistabbilixxi li deċiżjoni għandha tiġi indiċizzata jew aġġustata awtomatikament fuq frekwenza speċifikata. Jekk dan japplika, l-Istat rikjedenti għandu jkun ipprovda dettalji fil-pakkett tal-applikazzjoni dwar kif għandu jsir l-aġġustament. Pereżempju – jekk l-aġġustament għandu jsir bl-użu ta' perċentwal tal-għoli tal-ħajja, dettalji dwar liema Stat għandu jikkalkula l-aġġustament, liema informazzjoni sejra tkun neċessarja għall-kalkolazzjoni u l-mod kif l-ammont ta' manteniment ikkalkolat mill-ġdid jiġi kkomunikat lill-Awtorità Ċentrali rikjesta u lill-partijiet.[201]

**4) Prova tal-benefiċċji – korp pubbliku**
Jekk l-applikazzjoni qiegħda ssir minn korp pubbliku, pereżempju aġenzija tas-servizzi soċjali, f'isem applikant, dak il-korp pubbliku jista' jkollu bżonn jipprovdi informazzjoni li turi li huwa għandu d-dritt li jaġixxi f'isem l-applikant jew inkella jinkludi informazzjoni sabiex juri li huwa pprovda benefiċċji minflok manteniment (l-Art. 36(4)).

## 5. Hemm bżonn li ssir tfittxija għall-post fejn jinsab il-konvenut?

416. Bħala kwistjoni preliminari, jekk l-applikant ma jipprovdi ebda indirizz validu għall-konvenut, l-Awtorità Ċentrali tista' turi x-xewqa li tiddetermina l-post fejn jinsab sabiex tiżgura li hija tkun tista' tipprovdi notifika tal-applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar. Il-post fejn jinsab il-konvenut jista' jkun neċessarju wkoll sabiex jiġi stabbilit liema awtorità kompetenti sejra tkun responsabbli għall-applikazzjoni. F'xi Stati, it-talba għat-tfittxija jew għal-lokalizzazzjoni tinbeda mill-awtorità kompetenti fi stadju aktar tard fil-proċess. Din hija kwistjoni ta' proċess intern.[202]

417. Sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn jinsab il-konvenut, l-Awtorità Ċentrali hija mistennija li tikseb aċċess għal kwalunkwe banek ta' data u sorsi ta' informazzjoni pubblika li għandha aċċess għalihom, kif ukoll li titlob lil korpi pubbliċi oħrajn sabiex jagħmlu tfittxija f'isimha, fi ħdan il-limiti stabbiliti mil-liġi domestika li tirrispetta l-aċċess għal informazzjoni personali. Xi Awtoritajiet Ċentrali jista' jkollhom ukoll aċċess għal sorsi ristretti ta' informazzjoni.

418. Jekk il-konvenut ma jkunx jista' jinstab, l-Istat rikjedenti għandu jiġi nnotifikat (ftakar li fil-każ ta' applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni bbażata fuq il-post fejn jinsabu l-assi jew id-dħul fl-Istat rikjest, il-konvenut jista' jkun jinsab barra mill-Istat). Jekk ma tkun disponibbli ebda informazzjoni addizzjonali li tgħin sabiex jinstab il-konvenut, il-kwistjoni ma tkunx tista' tipproċedi.

## 6. Jekk id-dokumentazzjoni tkun inkompleta

419. Jekk ma tkunx ġiet ipprovduta d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-applikant, l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tkun diġà nnotifikat fil-pront lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti sabiex titlob li jiġu pprovduti d-dokumenti addizzjonali, qabel jintbagħat il-pakkett ta' dokumentazzjoni lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti. Jekk awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti ssib li hemm xi dokumentazzjoni meħtieġa li hija nieqsa, hija għandha tinnotifika lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] minnufih sabiex tkun tista' titlob din l-informazzjoni nieqsa mingħand l-Awtorità Ċentrali rikjedenti.

420. Jekk issir talba mill-Awtorità Ċentrali rikjesta fi [Isem l-Istat] għal dokumenti addizzjonali, l-Istat rikjedenti għandu ***tliet xhur*** żmien sabiex jipprovdi d-dokumenti. Jekk id-dokumenti mitluba ma jiġux ipprovduti fi żmien tliet xhur u, għalhekk, l-

[201] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 435. Li jfisser dan huwa li kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li taġġusta l-manteniment ma għandhiex għaliex tgħaddi mill-proċess sħiħ tar-rikonoxximent. Ir-rikonoxximent inizjali jikkontempla l-aġġustamenti futuri. Pereżempju, l-Aġenzija ta' Appoġġ għat-Tfal Awstraljana tivvaluta l-manteniment mill-ġdid kull 15-il xahar fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-partijiet.
[202] Fi [Isem l-Istat] […].

applikazzjoni ma tkunx tista' tipproċedi, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' (iżda mhijiex mitluba li) tagħlaq il-fajl tagħha u tgħarraf b'dan lill-Istat rikjedenti.

421. Innota li l-verifika ta' dokumentazzjoni preliminari u t-talbiet għal materjal addizzjonali, jekk ikun meħtieġ, isiru qabel ma awtorità kompetenti tipproċedi għal kunsiderazzjoni tal-merti ta' applikazzjoni.

## 7. Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa

422. Jista' jkun xieraq li l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tieħu miżuri provviżorji jew protettivi waqt li applikazzjoni tkun għadha pendenti. It-teħid ta' dawn il-miżuri jista' jseħħ f'numru ta' punti fiż-żmien matul – jew saħansitra qabel – il-proċess tal-applikazzjoni. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII, għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi.

## *B. Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni mill-awtorità kompetenti*

423. Id-diskussjoni f'din it-taqsima tkopri l-proċeduri li sejrin jintużaw mill-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti, wara li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet preliminari, għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment skont l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni.[203] Id-dijagramma fil-paġna li jmiss turi l-passi meħuda mill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat].

---

[203] L-Unjoni Ewropea ma hija ser tagħmel ebda dikjarazzjoni li hija sejra tutilizza l-"Proċedura alternattiva fuq applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar" (l-Art. 24) ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni. B'hekk, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sejrin jużaw il-proċeduri skont l-Art. 23 sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra*, in-nota 59)).




**Figura 8: Il-passi meħuda mill-awtorità kompetenti f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar (l-Art. 23)**

## 1. Dikjarazzjoni tad-deċiżjoni bħala infurzabbli jew reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għall-infurzar

424. Ladarba l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tirċievi l-applikazzjoni kompleta, din tiġi rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli jew tiġi rreġistrata għall-infurzar.[204] Dan il-pass (dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew reġistrazzjoni għall-infurzar) għandu jittieħed "mingħajr dewmien" mill-awtorità kompetenti (l-Art. 23(2) *a)*). Ladarba deċiżjoni tiġi ddikjarata bħala infurzabbli jew irreġistrata għall-infurzar, ma tkun meħtieġa ebda azzjoni ulterjuri qabel ma tkun tista' tiġi infurzata d-deċiżjoni dwar il-manteniment skont il-liġijiet domestiċi tal-Istat rikjest.[205]

## 2. Rifjut għad-dikjarazzjoni tad-deċiżjoni bħala infurzabbli jew għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni għall-infurzar

425. L-unika raġuni li tista' tintuża mill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti sabiex tirrifjuta li tirrikonoxxi u tiddikjara d-deċiżjoni bħala infurzabbli jew li tirreġistra d-deċiżjoni għall-infurzar hija li r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni jkunu ***evidentement inkompatibbli*** mal-ordni pubbliku. Din l-eċċezzjoni hija maħsuba biex tkun limitata ħafna sabiex tiggarantixxi li, kemm jista' jkun possibbli, l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni jirrikonoxxu u jinfurzaw id-deċiżjonijiet meħuda minn Stati Kontraenti oħrajn. Hija għandha tintuża biss meta r-rikonoxximent u l-infurzar ikunu sejrin iwasslu għal riżultat "intollerabbli".[206]

---

[204] Ara *supra*, in-nota 188.
[205] Skont il-liġi domestika u l-proċeduri ta' [Isem l-Istat] [...]. Ara l-Kapitolu 12.
[206] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para.478.

## 3. Infurzar tad-deċiżjoni

426. Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet irreġistrata jew iddikjarata bħala infurzabbli, ma tkun meħtieġa ebda talba jew applikazzjoni ulterjuri mill-applikant skont il-Konvenzjoni sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni. Il-Konvenzjoni lanqas ma titlob li l-konvenut jirċievi notifika oħra li d-deċiżjoni sejra tikkonċerna l-infurzar[207] (jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 12 dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment).

## 4. Notifika lill-applikant u lill-konvenut

427. Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet iddikjarata bħala infurzabbli jew ġiet irreġistrata, iż-żewġ partijiet għandhom jiġu nnotifikati bid-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni tad-deċiżjoni bħala infurzabbli. Ma hemm ebda proċedura tal-Konvenzjoni għan-notifika, għalhekk, din titwettaq skont kif mitlub mil-liġi domestika ta' [Isem l-Istat].[208] L-applikant jista' jiġi nnotifikat permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti jew inkella direttament, skont il-proċeduri tal-Istat rikjest, sabiex jikkonferma li d-deċiżjoni kienet rikonoxxuta u sejra tiġi infurzata, jew jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar kienu rrifjutati, sabiex jinnotifika r-rifjut.[209]

## 5. Oġġezzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar minn konvenut jew applikant

### a) Ġenerali

428. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment huma intiżi sabiex jiżguraw li, kull fejn possibbli, id-deċiżjonijiet eżistenti dwar il-manteniment ikunu rikonoxxuti u infurzati b'mod effiċjenti u effikaċi fl-Istati Kontraenti.[210] Kif ġie nnotat aktar kmieni f'dan il-Kapitolu, il-proċessi taħt il-Konvenzjoni ġew strutturati b'tali mod li jkunu jistgħu jseħħu r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni, sakemm il-konvenut ma jkunx jista' jistabbilixxi b'suċċess li hemm raġunijiet tajbin għaliex id-deċiżjoni ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata.

429. Deċiżjoni barranija, ladarba tiġi rikonoxxuta jew iddikjarata bħala infurzabbli, ser tkun tista' tissaħħaħ bl-istess mod bħal kwalunkwe deċiżjoni dwar manteniment li ttieħdet oriġinarjament fi [Isem l-Istat]. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' juża l-mekkaniżmi ta' infurzar kollha disponibbli sabiex jiggarantixxi l-konformità mad-deċiżjoni (ara l-Kapitolu 12). Il-Konvenzjoni tippermetti wkoll li jitqajmu ċerti oġġezzjonijiet limitati mill-konvenut (il-persuna li qiegħda twieġeb għall-applikazzjoni għal rikonoxximent) f'każ li huwa jemmen li d-deċiżjoni ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata.

430. L-Artikolu 20 jistabbilixxi r-rekwiżiti sabiex deċiżjoni dwar manteniment meħuda fi Stat wieħed tkun tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata minn Stat Kontraenti ieħor. Dawn il-"bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar" ġeneralment ikunu relatati mat-tip ta' konnessjoni li suppost kellhom il-ġenituri, il-membri familjari jew it-tfal ma' Stat sabiex id-deċiżjoni li tirriżulta tkun tista' tiġi infurzata fi Stat ieħor. Pereżempju, il-konnessjoni

---

[207] Xi Stati jista' jkollhom proċeduri jew rekwiżiti skont il-liġi domestika tagħhom li jgħidu li n-notifika għandha tingħata lil debitur qabel l-infurzar, iżda din hija kwistjoni separata mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […]. Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż tal-1965, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX.

[208] Jekk il-liġi ta' [Isem l-Istat] tipprevedi n-notifika, in-notifika lill-partijiet li jinsabu barra l-pajjiż għandha ssir b'konformità mar-*Regolament (KE) Nru. 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)* fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, jew b'konformità mal-*Konvenzjoni tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extra-ġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali* għall-Istati barra mill-Unjoni Ewropea, jekk il-Konvenzjoni tapplika bejn [Isem l-Istat] u l-Istat l-ieħor. Jekk il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 ma tkunx fis-seħħ bejn iż-żewġ Stati kkonċernati, in-notifika għandha ssir b'konformità mat-trattati bilaterali jew multilaterali l-oħrajn li huma fis-seħħ bejn iż-żewġ Stati jew skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat]. Għal aktar informazzjoni dwar in-Notifika Barra l-pajjiż, ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX.

[209] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[210] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 428.

mal-Istat li ħa d-deċiżjoni tista' tkun ġejja mir-residenza tal-partijiet u tat-tfal fl-Istat jew mill-attendenza/parteċipazzjoni tal-konvenut fil-proċeduri li wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni.[211]

431. Il-konvenut jista' jikkontesta jew jappella mid-dikjarazzjoni għall-infurzar jew mir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għar-raġuni li l-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar mhumiex applikabbli. Dan mhux bilfors ifisser li d-deċiżjoni ma kinitx waħda li nħarġet b'mod validu fl-Istat fejn ittieħdet – iżda jfisser biss li hija ma tistax tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istat Kontraenti rikjest skont il-Konvenzjoni.

432. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 22, konvenut jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni fuq il-bażi li r-rikonoxximent u l-infurzar imorru evidentement kontra l-ordni pubbliku jew li kien hemm nuqqasijiet fil-proċess użat sabiex tinkiseb id-deċiżjoni, bħan-nuqqas ta' notifika tal-proċeduri jew tad-deċiżjoni dwar il-manteniment lill-konvenut, frodi jew minħabba deċiżjoni meħuda aktar tard li tkun inkompatibbli mad-deċiżjoni li tkun trid tiġi rikonoxxuta.

433. Fil-maġġoranza tal-każijiet, ikun il-konvenut li jibda l-kontestazzjoni jew l-appell. Minkejja li hija eventwalità rari, applikant jista' jappella jew jikkontesta r-rifjut li jirreġistra deċiżjoni jew li jiddikjaraha infurzabbli.

### b) Iż-żmien għal kontestazzjoni jew appell

434. Jekk il-Parti intitolata sabiex tikkontesta jew tappella mid-dikjarazzjoni jew mir-reġistrazzjoni tkun residenti fl-Istat fejn seħħet ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni, il-kontestazzjoni jew l-appell għandhom jitressqu fi żmien ***30 jum*** mid-data li fiha kienet innotifikata bid-deċiżjoni tar-reġistrazzjoni jew bid-dikjarazzjoni tal-infurzar. Jekk il-Parti li tikkontesta jew li tappella tkun tirrisjedi barra mill-Istat, dik il-Parti jkollha ***60 jum*** min-notifika sabiex tressaq il-kontestazzjoni jew l-appell (l-Art. 23(6)).[212]

435. Fil-maġġoranza tal-każijiet, il-konvenut ikun jirrisjedi fl-Istat rikjest, għalhekk, huwa jkollu 30 jum biss ċans sabiex jikkontesta jew jappella mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew mir-reġistrazzjoni. Madankollu, jekk id-deċiżjoni tkun intbagħtet lill-Istat rikjest li għandu jiġi rikonoxxut minħabba li hemm xi assi li jinsabu f'dak l-Istat, il-konvenut jista' jkun jirrisjedi xi mkien ieħor. F'dak il-każ, il-konvenut ikollu 60 jum sabiex jikkontesta jew jappella mid-deċiżjoni. Bl-istess mod, debitur jista' jkun qiegħed ifittex rikonoxximent fl-Istat tal-oriġini tiegħu ta' deċiżjoni barranija li tillimita l-infurzar. F'każ bħal dan, il-kreditur barra mill-Istat ikun intitolat li jikkontesta jew jappella mid-dikjarazzjoni jew mir-reġistrazzjoni, kif jista' jkun il-każ u, skont il-Konvenzjoni, huwa jkollu 60 jum ċans biex jagħmel dan.

### ċ) Ir-raġunijiet għal kontestazzjoni jew appell

436. Il-Konvenzjoni tipprovdi biss raġunijiet limitati għall-kontestazzjoni jew għall-appell mir-reġistrazzjoni jew mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni dwar manteniment. Kif ġie diskuss hawn fuq, il-konvenut jista' jikkontesta jew jappella fuq il-bażi li:

- ma hemm ebda bażi, skont l-Artikolu 20, għar-rikonoxximent u l-infurzar,
- hemm raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-infurzar skont l-Artikolu 22,
- hemm mistoqsija dwar l-awtentiċità jew l-integrità tad-dokumenti trasmessi fl-applikazzjoni,
- l-arretrati li għandhom jiġu infurzati tħallsu b'mod sħiħ.

---

[211] L-Art. 20 jistabbilixxi dawk li huma magħrufa bħala "regoli indiretti ta' ġuriżdizzjoni". L-Art. 20 ma jipprovdi ebda regola għal meta awtorità fi Stat tista' tieħu deċiżjoni ("regoli diretti ta' ġuriżdizzjoni"); minflok, dan l-Artikolu jistabbilixxi l-bażi li fuqha għandha tkun ittieħdet deċiżjoni sabiex tkun tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat ieħor. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni (il-para. 443) għal diskussjoni dwar din il-kwistjoni, kif ukoll il-Kapitolu 4 ta' dan il-Manwal.

[212] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 503.

### d) Kunsiderazzjoni jew smigħ tal-kontestazzjoni jew tal-appell (l-Art. 23(5))

437. L-istħarriġ jew is-smigħ jista’ jsir biss għar-raġunijiet speċifiċi permessi mill-Konvenzjoni u ma jista’ jsir ebda stħarriġ tal-merti tad-deċiżjoni (l-Art. 28).[213] Il-mod kif jiġu kkunsidrati l-appell jew il-kontestazzjoni jiġi ddeterminat mil-liġi domestika.[214]

438. Jekk il-bażi għall-kontestazzjoni jew għall-appell tkun mistoqsija dwar l-awtentiċità jew l-integrità tad-dokumenti, u ma jkunux intalbu jew ma jkunux ġew inklużi mal-materjal kopji ċċertifikati tad-dokumenti, tista’ ssir talba permezz tal-Awtorità Ċentrali ta’ [Isem l-Istat] lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti sabiex jipprovdi kopji ċċertifikati jew tali dokumenti oħrajn li jindirizzaw il-kwistjoni.

439. Jekk il-kontestazzjoni jew l-appell isiru biss fir-rigward tal-kalkolazzjoni tal-arretrati u l-konvenut ma jallegax li l-arretrati tħallsu b’mod sħiħ, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, din hija materja li jkun aħjar jekk titħalla għall-infurzar. Il-konvenut jista’ jqajjem dawk il-kwistjonijiet u jipprovdi informazzjoni addizzjonali lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti responsabbli għall-infurzar f’dak iż-żmien.[215] Ara wkoll il-kummenti ta’ hawn taħt dwar ir-rikonoxximent parzjali ta’ deċiżjoni bħala mezz li jippermetti li l-pagamenti kontinwi tal-manteniment jiġu infurzati waqt li jkunu għadhom qegħdin jiġu kkontestati l-arretrati.

### e) Deċiżjoni li tirrispetta l-kontestazzjoni jew l-appell u appell ulterjuri (l-Art. 23(10))

440. Ladarba jiġu konklużi l-kontestazzjoni jew l-appell tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, iż-żewġ partijiet għandhom jiġu nnotifikati fil-pront. Din in-notifika sseħħ kif meħtieġ mil-liġi domestika.[216] L-applikant jista’ jiġi nnotifikat permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti jew inkella direttament, skont il-proċeduri tal-Istat rikjest.[217]

441. Ikun hemm appell ulterjuri biss jekk dan ikun permess mil-liġi domestika tal-Istat rikjest.[218]

442. Innota li minkejja l-appell ulterjuri, l-infurzar tad-deċiżjoni jista’ jseħħ hekk kif id-deċiżjoni tiġi rreġistrata jew iddikjarata bħala infurzabbli u, fi kwalunkwe każ, l-appell ulterjuri ma jaġixxix bħala sospensjoni tal-infurzar sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali (l-Art. 23(10)).

## Ċ. Ir-rikonoxximent u l-infurzar – eżiti tal-applikazzjoni

## 1. Ir-rikonoxximent u l-infurzar

443. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ir-riżultat tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar ikun li d-deċiżjoni tkun tista’ tiġi rikonoxxuta u infurzata bl-istess mod daqslikieku ttieħdet mill-Istat rikjest. Ma hija meħtieġa ebda applikazzjoni oħra mill-kreditur għall-infurzar. Għall-proċessi tal-infurzar użati, ara l-Kapitolu 12.

## 2. Eżiti oħrajn

444. Il-Konvenzjoni ma tipprevedix eżiti alternattivi f’każ li ma jkunx possibbli li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata b’mod sħiħ.

---

[213] Ara r-Rapport ta’ Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 504 u 505.
[214] Ara *supra*, in-nota 191.
[215] Skont il-liġi domestika ta’ [Isem l-Istat] […].
[216] Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX (B.).
[217] Ara *supra*, in-noti 208 u 209.
[218] Ara *supra*, in-nota 193.

### a) Rikonoxximent parzjali

445. L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni jippermetti lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tirrikonoxxi u tinforza Parti biss mid-deċiżjoni, fejn ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata d-deċiżjoni kollha. Pereżempju, dan l-eżitu jista' jirriżulta meta l-awtorità ma tkunx tista' tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar il-manteniment li tirrispetta l-manteniment tal-miżżewġin, iżda tkun tista' tirrikonoxxi u tinforza d-deċiżjoni li tirrispetta l-manteniment tat-tfal. Bl-istess mod, jekk ikun jidher li hemm tilwima li tirrispetta l-arretrati tal-manteniment u jekk dawn tħallsux b'mod sħiħ, l-awtorità tista' tirrikonoxxi l-Parti tad-deċiżjoni li tipprevedi l-manteniment kontinwu tat-tfal, waqt li tkun għadha għaddejja l-kontestazzjoni għar-rikonoxximent tal-arretrati.

> **Prattika tajba:** Applikant ma għandux bżonn jitlob għal rikonoxximent parzjali tad-deċiżjoni jew li tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida, f'każ li l-applikazzjoni għal rikonoxximent ma tkunx suċċess. Il-Konvenzjoni titlob li dawn l-għażliet jiġu kkunsidrati fil-proċess tar-rikonoxximent jew tar-rikonoxximent u l-infurzar bħala eżiti possibbli. Il-proċeduri domestiċi tal-Istat rikjest jiddeterminaw kif sejra tipproċedi l-applikazzjoni "ġdida", hekk kif tista' tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex, pereżempju, tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.

### b) Ir-rikonoxximent mhuwiex possibbli minħabba riżerva

446. F'xi każijiet, deċiżjoni dwar manteniment ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata minħabba riżerva li jkun għamel l-Istat skont il-Konvenzjoni.[219] Madankollu, l-applikazzjoni mhux bilfors tiġi konkluża f'dak il-punt.

447. Meta d-deċiżjoni ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta minħabba li tkun saret riżerva, bil-għan tal-prevenzjoni tar-rikonoxximent fuq waħda mill-bażijiet li ġejjin, l-Artikolu 20(4) jitlob lill-Awtorità sabiex tipproċedi b'miżuri xierqa bil-għan li tiġi stabbilita deċiżjoni dwar manteniment ġdida għall-kreditur:

- ir-residenza abitwali tal-kreditur fl-Istat tal-oriġini,
- ftehim bil-miktub (għajr f'kawżi li jikkonċernaw il-manteniment tat-tfal),
- ġuriżdizzjoni bbażata fuq l-istatus personali jew ir-responsabbiltà tal-ġenituri.[220]

448. Għalhekk, hija meħtieġa applikazzjoni ġdida mill-kreditur, filwaqt li d-deċiżjoni eżistenti għandha titqies bħala li tistabbilixxi l-eliġibbiltà[221] tal-persuna minorenni għat-tressiq tal-proċeduri dwar il-manteniment (l-Art. 20(5)). Skont il-proċeduri tal-Istat rikjest, jistgħu jkunu meħtieġa dokumenti addizzjonali mill-applikant/kreditur sabiex ikun jista' jipproċedi bl-istabbiliment ta' deċiżjoni ġdida. Dawn id-dokumenti jistgħu jintalbu permezz tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti. Ara l-Kapitolu 10 għal diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-istabbiliment.

## D. Il-komunikazzjoni mal-Istat rikjedenti

449. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti għandhom ikunu konxji li l-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom (f'dan il-każ, l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat]) ser ikollha doveri ta' rapportar perjodiku rigward il-progress tal-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni (l-Art. 12). L-awtoritajiet kompetenti x'aktarx li jintalbu jippreżentaw rapporti dwar il-progress mill-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom u għandhom ikunu lesti jikkooperaw mal-Awtorità Ċentrali f'dan ir-rigward.

---

[219] L-Unjoni Ewropea ma tagħmel ebda riżerva għall-Art. 20 *ċ), e) jew f)* dwar il-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar, kif previst taħt l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra,* in-nota 59)). Jista' jiġi kkonsultat is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja, < www.hcch.net >, sabiex jiġi aċċertat jekk Stat Kontraenti għamilx riżerva għall-Konvenzjoni.

[220] Innota li l-Art. 20(3) jitlob ukoll lil Stat Kontraenti li jagħmel din ir-riżerva sabiex jirrikonoxxi u jinforza deċiżjoni jekk, f'ċirkostanzi fattwali simili, huwa jkun ikkonferixxa fuq l-awtoritajiet tiegħu stess il-ġuriżdizzjoni sabiex jieħdu d-deċiżjoni.

[221] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 469 - 471. Innota li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest, għalhekk, hija l-liġi domestika tal-Istat rikjest li sejra tiddetermina kif għandu jiġi interpretat it-terminu, kif ukoll x'informazzjoni jew evidenza ser ikunu meħtieġa sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

# IV. Aspetti oħrajn: l-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar

## *A. Applikazzjonijiet għal rikonoxximent imressqa minn debitur*

### 1. Ġenerali

450. Skont il-Konvenzjoni, debitur jista' jagħmel applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni meta jkun meħtieġ ir-rikonoxximent sabiex jissospendi jew jillimita l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti fl-Istat rikjest. Din l-applikazzjoni tista' ssir meta d-debitur juri x-xewqa li jkollu deċiżjoni differenti rikonoxxuta fl-Istat fejn iseħħ l-infurzar (jiġifieri, [Isem l-Istat]), jew meta d-debitur ikun kiseb modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti fi Stat Kontraenti ieħor u issa jkun jixtieq li din tiġi rikonoxxuta fi [Isem l-Istat], minħabba li huwa jkollu l-assi tiegħu hemmhekk.

451. Ara l-Kapitolu 11 għal diskussjoni sħiħa dwar l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni.

> **Modifikazzjoni** tirreferi għall-proċess tat-tibdil ta' deċiżjoni dwar manteniment wara li tkun ittieħdet. F'xi Stati, din hija magħrufa bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni għat-tibdil ta' deċiżjoni. Il-modifikazzjoni tista' tkun relatata mal-ammont tal-manteniment, mal-frekwenza tiegħu jew xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

452. Jekk ikun hemm deċiżjoni dwar manteniment li diġà qiegħda tiġi infurzata fl-Istat rikjest fejn jirrisjedi d-debitur jew fejn għandu l-assi tiegħu, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-liġi domestika titlob li deċiżjoni mmodifikata meħuda fi Stat barrani tiġi rikonoxxuta qabel tkun tista' tillimita jew tissospendi b'mod effettiv l-infurzar tal-ewwel deċiżjoni. Madankollu, xi Stati jistgħu ma jkollhomx bżonn jieħdu dan il-pass – pereżempju meta ssir modifikazzjoni mill-istess awtorità li tkun ħarġet l-ewwel deċiżjoni. Għaldaqstant, ikun meħtieġ li tiġi analizzata l-liġi domestika sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni huwiex meħtieġ fi kwalunkwe kawża partikolari.[222]

### 2. Meta tista' tintuża din l-applikazzjoni minn debitur

453. Billi l-iskop tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 10(2) *a)* huwa li tillimita l-infurzar u billi ħafna mill-infurzar iseħħ fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur, f'ħafna każijiet, id-debitur li jitlob ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni jkun jirrisjedi fl-Istat fejn tkun trid tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni, jiġifieri fi [Isem l-Istat]. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax speċifikament is-sitwazzjoni fejn applikant ikollu bżonn japplika quddiem l-Awtorità Ċentrali tiegħu. Għalhekk, f'dawn il-każijiet, ir-rikonoxximent ikollu jiġi ttrattat skont il-liġi domestika bħala talba lil awtorità kompetenti fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur.[223] Meta jintalab rikonoxximent fi [Isem l-Istat], fejn id-debitur ikollu assi iżda mhux ir-residenza tiegħu, id-debitur jista' jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)*.

454. Fil-każijiet kollha fejn materja tipproċedi bħala applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)*, id-debitur ikun l-applikant. F'dawn il-każijiet, il-kreditur ikun il-konvenut u tkun trid tingħata notifika tar-reġistrazzjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà lill-kreditur.

#### Eżempju

455. Id-debitur jirrisjedi fil-Pajjiż A, fejn ittieħdet id-deċiżjoni inizjali dwar il-manteniment. Huwa għandu assi jew dħul fi [Isem l-Istat]. Il-kreditur jirrisjedi fi [Isem l-

---

[222] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[223] F'xi Stati, l-Awtorità Ċentrali taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għal dan il-għan u tassisti lid-debitur fil-proċess tar-rikonoxximent. Fil-każ tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni, ir-rikonoxximent jista' jiġi ttrattat bħala l-pass finali f'dik l-applikazzjoni (ara l-Kapitolu 11) u ma jkollha bżonn titressaq ebda applikazzjoni ġdida. Dan jiddependi fuq il-proċessi interni ta' kull Stat. Fi [Isem l-Istat] […].

Istat] u d-deċiżjoni inizjali kienet rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] u qiegħda tiġi infurzata kontra l-assi tad-debitur fi [Isem l-Istat]. Id-debitur issa kiseb deċiżjoni mmodifikata mill-Pajjiż A. Huwa jixtieq li din id-deċiżjoni mmodifikata tkun rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] sabiex tillimita l-infurzar tal-ewwel deċiżjoni.

**Kif jaħdem dan il-proċess skont il-Konvenzjoni**

456. Id-debitur jista' jressaq applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)* tal-Konvenzjoni quddiem l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. Il-Pajjiż A jibgħat l-applikazzjoni lil [Isem l-Istat] fejn, bl-użu tal-proċeduri deskritti f'dan il-Kapitolu, id-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta u rreġistrata għall-infurzar jew inkella tiġi ddikjarata bħala infurzabbli. Il-kreditur jiġi nnotifikat bir-reġistrazzjoni jew bid-dikjarazzjoni u jingħata l-opportunità sabiex jikkontesta jew jappella mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew mir-reġistrazzjoni. Ladarba tiġi ddikjarata bħala infurzabbli jew tiġi rreġistrata, id-deċiżjoni mmodifikata tidħol fis-seħħ fi [Isem l-Istat] sabiex tillimita l-infurzar tad-deċiżjoni oriġinali.

## 3. Il-proċeduri

457. Il-proċeduri tar-rikonoxximent u l-infurzar diskussi f'dan il-Kapitolu huma applikabbli għall-applikazzjonijiet mid-debitur għar-rikonoxximent f'dawn iċ-ċirkostanzi. L-Artikolu 26 jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u Infurzar) japplikaw "mutatis mutandis" għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss, bl-eċċezzjoni li r-rekwiżit għall-infurzabbiltà huwa sostitwit b'rekwiżit li d-deċiżjoni jkollha effett fl-Istat tal-oriġini. Dan ifisser li, għal skopijiet prattiċi, id-dispożizzjonijiet li jittrattaw ir-rikonoxximent u l-infurzar sejrin japplikaw għall-applikazzjonijiet għal rikonoxximent, għajr fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet li jeħtieġ li jinbidlu, minħabba li ma qiegħed jintalab ebda infurzar tad-deċiżjoni.[224]

## 4. Ir-restrizzjonijiet fuq ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet immodifikati

458. Huwa importanti li tinnota li l-Konvenzjoni tipprovdi restrizzjoni importanti fuq id-dritt tad-debitur li jkollu deċiżjoni mmodifikata li tiġi rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni. Kreditur jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata jekk din tkun saret fi Stat Kontraenti differenti mill-Istat fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni (l-Istat tal-oriġini) u l-kreditur kellu r-residenza abitwali tiegħu fl-Istat tal-oriġini fil-mument li saret id-deċiżjoni mmodifikata (l-Artikoli 18 u 22 *f)*). Fil-fatt, hemm xi ftit eċċezzjonijiet fejn dan ikun permess, iżda huwa importanti li jiġi mfakkar li d-dritt tad-debitur li jkollu deċiżjoni mmodifikata li tiġi rikonoxxuta huwa soġġett għal ċerti restrizzjonijiet li ma japplikawx għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet oħrajn.

459. Ara l-Kapitolu 11 li jirrispetta l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni (u l-Kapitolu 4, it-taqsima G, għal informazzjoni addizzjonali dwar l-Art. 18).

# *B. Arranġamenti tal-manteniment*

## 1. Differenzi ewlenin

460. Il-Konvenzjoni tagħmel distinzjoni bejn id-deċiżjonijiet dwar manteniment, li jittieħdu minn korpi ġudizzjarji jew amministrattivi, u **arranġamenti għal manteniment**, li huma tipi speċifiċi ta' ftehimiet bejn il-partijiet. Għalkemm il-proċessi għar-rikonoxximent u l-infurzar tal-arranġamenti għal manteniment huma pjuttost simili għal dawk li jintużaw għad-deċiżjonijiet dwar manteniment, Stat jista' jagħmel riżerva li tindika

**Arranġament għal manteniment** huwa definit fl-Artikolu 3 bħala ftehim bil-miktub relatat mal-ħlas ta' manteniment, li jew tħejja jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew inkella ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew sottomess quddiem awtorità kompetenti u li jista' jkun soġġett għal reviżjoni u modifikazzjoni minn awtorità kompetenti.

[224] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 546.

li huwa mhux ser jirrikonoxxi jew jinforza arranġament għal manteniment.[225]

## 2. Il-proċeduri

461. Madankollu, għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' arranġament għal manteniment, għandhom japplikaw l-istess proċeduri u prinċipji ġenerali li jintużaw għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment.[226] L-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li l-arranġamenti għal manteniment għandhom ikunu intitolati għal rikonoxximent u infurzar bħala deċiżjoni, diment li l-arranġament ikun infurzabbli bħala deċiżjoni fl-Istat fejn ikun sar.

462. Jekk tiġi rċevuta applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' arranġament għal manteniment, għandhom jiġu segwiti l-istess proċessi ġenerali. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha tagħmel analiżi preliminari malli tirċievi l-applikazzjoni, li tkun tikkonsisti minn kunsiderazzjoni ta' jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar humiex evidentement inkompatibbli mal-ordni pubbliku. Id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni hija simili għal dik meħtieġa għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni; madankollu, differenza ewlenija waħda hija li ma hija meħtieġa ebda Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa. Dan minħabba li l-arranġament bilfors kien jinvolvi l-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet.

463. Id-dokumenti li ġejjin huma meħtieġa, b'konformità mal-liġi domestika ta' [Isem l-Istat], f'applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' arranġament għal manteniment: [hawnhekk għandek telenka d-dokumenti li huma meħtieġa mill-Istat].

464. Wara li l-Awtorità Ċentrali tkun analizzat il-materjal sabiex tiżgura li d-dokumenti huma kompleti, l-arranġament għal manteniment jintbagħat lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti. L-arranġament imbagħad jiġi rreġistrat għall-infurzar jew jiġi ddikjarat bħala infurzabbli u l-konvenut jiġi nnotifikat b'dan.

465. Hemm ukoll xi differenzi bejn ir-raġunijiet li jistgħu jintużaw għal oġġezzjoni għar-rikonoxximent ta' arranġament u r-raġunijiet li jistgħu jintużaw għal oġġezzjoni għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni. Dawn huma stipulati fl-Artikolu 30(5).

## 3. It-tlestija tal-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar

466. Il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar għall-arranġamenti għal manteniment huwa altrimenti simili għal dak tad-deċiżjonijiet dwar manteniment, b'eċċezzjoni waħda. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tieħu deċiżjoni li tirreġistra jew tiddikjara l-arranġament bħala infurzabbli u l-konvenut jingħata opportunità li jikkontesta jew jappella minn dik id-deċiżjoni. F'ħafna Stati, dan jikkonkludi l-proċess tar-reġistrazzjoni u tal-infurzar. Madankollu, jekk kontestazzjoni tkun għadha pendenti, fil-każ ta' arranġament għal manteniment, dak l-appell għar-rikonoxximent tal-arranġament jissospendi kwalunkwe infurzar tal-arranġament (l-Art. 30(6)).[227] Din is-sospensjoni tal-infurzar hija differenza importanti bejn id-deċiżjonijiet u l-arranġamenti fil-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar.

# V. Ir-rikonoxximent u l-infurzar – kwistjonijiet oħrajn

## *A. Assistenza legali*

467. Skont il-Konvenzjoni, b'mod ġenerali, l-Istat rikjest li jipproċessa kwalunkwe applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment li tikkonċerna wild iżgħar minn 21 sena għandu jipprovdi lill-kreditur

---

[225] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […]. Ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja*.

[226] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 559.

[227] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 564. Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat], ara *supra*, in-nota 191 għal informazzjoni dwar l-appell.

b'assistenza legali bla ħlas, jekk din tkun meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.[228] Ftakar li jekk l-Istat jipprovdi aċċess effettiv għall-proċeduri permezz tal-użu ta' proċeduri ssimplifikati, ma jkun hemm ebda intitolament għal assistenza legali bla ħlas.[229]

468. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VII, għal aktar dettalji dwar ir-rekwiżit li jiġi pprovdut aċċess effettiv għall-proċeduri, inkluż l-għoti ta' assistenza legali bla ħlas, jekk tkun meħtieġa.

469. Hemm għadd ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet fuq il-provvista ta' servizzi bla ħlas li għandhom jiġu kkunsidrati, meta l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tkun qiegħda ssir minn debitur jew meta d-deċiżjoni ma tkunx tikkonċerna l-manteniment għal wild ta' taħt il-21 sena. Dawn huma spjegati wkoll fil-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VII.

## B. Kwistjonijiet ta' infurzar

### Il-konverżjoni tal-valuta

470. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax il-kwistjoni tal-konverżjoni tal-obbligi għal manteniment minn valuta għal oħra. Skont il-proċessi użati mill-awtorità kompetenti għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni, jista' jkun hemm ukoll proċess konkorrenti għall-konverżjoni tal-obbligu għal manteniment stipulat fid-deċiżjoni għall-valuta tal-Istat tal-infurzar. L-awtorità kompetenti jista' jkollha bżonn tikseb ċertifikat li jikkonferma r-rata tal-kambju użata għall-konverżjoni tal-pagamenti u l-ammont ikkonvertit imbagħad jifforma l-bażi tar-responsabbiltà tal-manteniment fl-Istat tal-infurzar. F'każijiet oħrajn, jista' jkun li l-Istat rikjedenti jkun diġà kkonverta d-deċiżjoni, inklużi kwalunkwe arretrati, għall-valuta tal-Istat rikjest.[230]

471. Il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konverżjoni tal-valuta huma indirizzati f'aktar dettall fil-Kapitolu 12 dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment.

## Ċ. Eċċezzjonijiet u riżervi rilevanti

472. L-informazzjoni ta' rinunzja sejra tkun applikabbli fl-aktar xenarji komuni li jinvolvu r-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar manteniment tat-tfal. Madankollu, hemm għadd ta' xenarji fejn ir-riżervi jew id-dikjarazzjonijiet magħmula minn Stat ikollhom impatt fuq il-proċess tar-rikonoxximent u l-infurzar (ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima II għal aktar informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, inkluża informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet u r-riżervi possibbli għall-Konvenzjoni).

#### a) Ulied fl-età ta' bejn 18 u 21 sena

473. Stat jista' jagħmel **riżerva** li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal persuni li għandhom inqas minn 18-il sena. Jekk din ir-riżerva tkun saret minn Stat, dak l-Istat ma jaċċettax għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar kwalunkwe deċiżjoni dwar manteniment skont il-Konvenzjoni għal ulied ta' 18-il sena jew aktar u lanqas ma jista' jitlob lil Stat ieħor sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-manteniment għal ulied li jkollhom aktar minn 18-il sena.[231]

**Riżerva** hija stqarrija formali minn Stat Kontraenti, permessa f'ċerti ċirkostanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat sejra tkun b'xi mod limitata.

[228] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat], fir-rigward tal-proċedura għall-għoti tal-għajnuna legali, ara *supra*, in-nota 86.
[229] Fi [Isem l-Istat] […].
[230] Fi [Isem l-Istat] […].
[231] L-Unjoni Ewropea ma tagħmel ebda riżerva skont il-Konvenzjoni li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal ulied taħt it-18-il sena u lanqas ma testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal ulied li jkollhom aktar minn 21 sena (l-Art. 2(2)). B'hekk, il-kamp ta' applikazzjoni ewlieni tal-Konvenzjoni, li jkopri l-manteniment għal ulied sal-età ta' 21 sena, għandu japplika fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra*, in-nota 59)).

### b) Il-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar

474. Stat jista' jagħmel riżerva li deċiżjoni dwar manteniment ma tiġix rikonoxxuta jew infurzata jekk hija tkun użat kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjoni:[232]

- ir-residenza abitwali tal-kreditur,
- ftehim bil-miktub mill-partijiet,
- eżerċizzju ta' awtorità abbażi tal-istatus personali jew ir-responsabbiltà ta' ġenituri.

### c) L-arranġamenti għal manteniment

475. Stat jista' jagħmel riżerva li tiddikjara li huwa mhux ser jirrikonoxxi u jinforza arranġamenti għal manteniment. Inkella, permezz ta' dikjarazzjoni, Stat jista' jitlob li l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar tal-arranġamenti għal manteniment isiru permezz tal-Awtorità Ċentrali.[233]

# VI. Materjali addizzjonali

## A. Pariri prattiċi

- Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet rikonoxxuta, ħafna Stati jipprovaw jikkuntattjaw lid-debitur minnufih sabiex ifittxu konformità volontarja mad-deċiżjoni mill-aktar fis possibbli bil-għan li jiżguraw li l-manteniment jingħata lill-kreditur u lit-tfal kemm jista' jkun malajr.[234]
- L-għan tal-proċess ta' rikonoxximent u infurzar stabbilit fil-Konvenzjoni huwa li jippermetti l-ipproċessar rapidu u effiċjenti tal-applikazzjonijiet. L-imħallfin, il-persunal tal-qorti u awtoritajiet involuti oħrajn fl-Istat rikjest għandhom iżommu dan f'moħħhom u jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiggarantixxu li l-kawżi jiġu pproċessati mill-aktar fis possibbli u bl-inqas dewmien possibbli.
- Mhux il-proċeduri u r-rekwiżiti kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar huma inklużi fil-Konvenzjoni. L-imħallfin għandhom isegwu wkoll il-liġi u l-proċeduri domestiċi rilevanti.

## B. Formoli relatati

Applikazzjoni għar-Rikonoxximent jew għar-Rikonoxximent u l-Infurzar
Formola tat-Trażmissjoni
Stqarrija tal-Infurzabbiltà
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa
Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji
Formola tar-Rikonoxximent

## Ċ. Artikoli tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 10(1) *a)*
L-Artikolu 10(2) *a)*
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 20
L-Artikolu 23

---

[232] Ara d-diskussjoni preċedenti (*supra*, in-nota 211) rigward il-bażijiet tal-ġuriżdizzjoni fl-Art. 20. L-Unjoni Ewropea ma hija ser tagħmel ebda riżerva fuq il-bażijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar skont l-Art. 20 *ċ), e)* jew *f)*, kif previst taħt l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni (ara *ibid.*).
[233] L-Unjoni Ewropea ma hija ser tagħmel ebda riżerva skont il-Konvenzjoni li tindika li mhijiex ser tirrikonoxxi u tinforza l-arranġamenti għal manteniment (l-Art. 30(8)). L-Unjoni Ewropea lanqas ma hija ser tagħmel dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li tindika li l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar tal-arranġamenti għal manteniment għandhom isiru biss permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali (l-Art. 30(7)) (ara *ibid.*).
[234] Fi [Isem l-Istat] […].

L-Artikolu 24
L-Artikolu 30
L-Artikolu 36
L-Artikolu 50

## D. Kapitoli relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 12 – L-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 3 – Materji ta' applikazzjoni ġenerali: il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

# VII. Lista ta' kontroll – L-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar

| | Proċedura | Referenza għall-Manwal |
|---|---|---|
| 1 | Tirċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] | III(A)(1) |
| 2 | Tikkonferma li l-applikazzjoni għandha tkun għar-rikonoxximent u l-infurzar | III(A)(2) |
| 3 | L-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti minimi tal-Konvenzjoni? | III(A)(3) |
| 4 | Tivverifika sabiex tiżgura li d-dokumenti huma kompleti | III(A)(4) |
| 5 | Tfittex il-post fejn jinsab il-konvenut, jekk ikun meħtieġ | III(A)(5) |
| 6 | Titlob dokumenti addizzjonali, jekk ikunu meħtieġa | III(A)(6) |
| 7 | Tieħu kwalunkwe miżura provviżorja jew protettiva xierqa | III(A)(7) |
| 8(a) | Tiddikjara d-deċiżjoni bħala infurzabbli | III(B)(1) |
| 8(b) | Tinnotifika lill-applikant u lill-konvenut bid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà | III(B)(4) |
| 8(c) | Il-konvenut jingħata l-opportunità sabiex jieħu l-passi meħtieġa bil-għan li jikkontesta jew jappella mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew mir-reġistrazzjoni għal raġunijiet speċifiċi | III(B)(5) |
| 9 | Tikkonkludi kwalunkwe kontestazzjoni jew appell u tinnotifika b'dan lill-applikant u lill-konvenut | III(B)(5) |

# VIII. Mistoqsijiet Frekwenti

*Kreditur għandu deċiżjoni li ttieħdet fil-Pajjiż A. Din il-persuna tgħix fil-Pajjiż B. Il-Pajjiż B mhuwiex ser jirrikonoxxi u jinforza d-deċiżjoni. Id-debitur jgħix fi [Isem l-Istat]. It-tliet Stati kollha huma Stati Kontraenti. Id-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata fi [Isem l-Istat]?*

476. Iva – il-kreditur jista' jfittex ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur jew fejn għandu l-assi jew id-dħul tiegħu, sakemm id-deċiżjoni tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti. Id-deċiżjoni ma għandhiex bżonn tkun infurzabbli jew rikonoxxuta fl-Istat rikjedenti – iżda biss fl-Istat tal-oriġini. F'dan il-każ, l-Istat tal-oriġini huwa l-Pajjiż A. Jekk ikun hemm Stqarrija tal-Infurzabbiltà maħruġa mill-Pajjiż A, fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni, mela allura [Isem l-Istat] għandu jkun jista' jipproċessa l-applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn kollha.

*Għaliex kreditur jista' jkun li jfittex biss ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni, mhux ir-rikonoxximent U l-infurzar?*

477. F'xi każijiet, il-kreditur jista' jkollu l-ħsieb li jinforza d-deċiżjoni privatament, jew applikant jista' jkollu bżonn li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta sabiex ikun jista' jutilizza ċerti rimedji oħrajn fl-Istat rikjest. Pereżempju, jekk ikun hemm assi bħal proprjetà fl-Istat rikjest, il-kreditur jista' jkollu bżonn li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta qabel tkun tista' tiġi ppreżentata bħala pretensjoni kontra l-proprjetà.

*Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar manteniment iqis id-deċiżjoni kollha l-istess bħal kwalunkwe deċiżjoni oħra dwar manteniment meħuda f'dak l-Istat?*

478. Le. L-iskop tar-rikonoxximent u l-infurzar huwa sempliċiment li jippermettu d-deċiżjoni barranija dwar il-manteniment tiġi infurzata bl-użu tal-istess mekkaniżmi u proċessi bħal deċiżjoni domestika dwar il-manteniment. Għalhekk, il-liġijiet tal-Istat rikjest dwar, pereżempju, il-kustodja tat-tfal jew il-kuntatt mat-tfal ma japplikawx għal dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni hija simili għad-deċiżjonijiet domestiċi għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar tal-obbligi għal manteniment biss.

*Deċiżjoni għandha dejjem tkun rikonoxxuta qabel tkun tista' tiġi infurzata skont il-Konvenzjoni?*

479. Iva – sakemm ma tkunx deċiżjoni mill-Istat rikjest (jiġifieri [Isem l-Istat]) fejn iseħħ l-infurzar. Jekk tkun ġejja minn xi Stat ieħor, hija għandha l-ewwel tgħaddi mill-proċess ta' rikonoxximent sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni hija konformi mar-rekwiżiti proċedurali bażiċi jew ma' rekwiżiti oħrajn dwar il-mod kif għandhom jiġu stabbiliti l-obbligi għal manteniment – pereżempju, in-notifika li għandha tirċievi parti.

*Tista' deċiżjoni li ssir b'lingwa oħra tiġi infurzata skont il-Konvenzjoni?*

480. Iva – iżda għandha ssir traduzzjoni tad-deċiżjoni jew traduzzjoni ta' silta mit-test għal-[lingwa/i tal-Istat] jew għal lingwa oħra li l-Istat rikjest ikun indika li lest jaċċetta. Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima I għal diskussjoni dwar ir-rekwiżiti għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti u tad-deċiżjonijiet.

481. Skont il-Konvenzjoni, kwalunkwe komunikazzjoni oħra bejn l-Awtoritajiet Ċentrali tista' ssir bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

*Skont il-Konvenzjoni, tista' tiġi rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] deċiżjoni li hija ta' tip li mhuwiex possibbli fi [Isem l-Istat]?*

482. Iva – diment li d-deċiżjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi għal manteniment skont il-Konvenzjoni. Pereżempju, deċiżjoni dwar il-manteniment tat-tfal tista' tinkludi dispożizzjoni għar-rimborż ta' ċerti tipi ta' spejjeż, bħal primjums tal-assigurazzjoni medika, li mhumiex magħrufa jew previsti skont il-liġi tal-Istat rikjest. Id-deċiżjoni xorta waħda tista' tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjest.

*Għaliex ma hemm ebda rekwiżit li l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew għal Rikonoxximent u Infurzar tiġi ffirmata mill-applikant jew minn xi ħadd li ġej mill-Awtorità Ċentrali?*

483. Il-Konvenzjoni hija "midjum newtrali" għall-iffaċilitar tal-użu tat-teknoloġija tal-informatika u tippermetti t-trażmissjoni effiċjenti tal-materjal bejn l-Istati. Il-ħtieġa ta' firma tagħmilha impossibbli li d-dokumenti jintbagħtu b'fax jew b'mod elettroniku.

484. Il-persuna li isimha jkun jidher fuq l-applikazzjoni hija responsabbli sabiex tiżgura li l-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni hija konsistenti mad-dokumenti u l-informazzjoni pprovduti mill-applikant u li l-applikazzjoni tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni.

*Tista' applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar tiġi pproċessata mingħajr kopji ċċertifikati tad-dokumenti?*

485. Dan jiddependi fuq jekk l-Istat rikjest għamilx dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li huwa jeħtieġ kopji ċċertifikati (il-Profil tal-Pajjiż jikkonferma dan ir-rekwiżit). Barra minn

hekk, f'kawża partikolari, qorti jew awtorità kompetenti tista' titlob kopji ċċertifikati, l-aktar f'sitwazzjoni fejn ikun hemm tħassib dwar l-awtentiċità jew l-integrità tad-dokumenti pprovduti.

486. Jekk ma tkun saret ebda dikjarazzjoni bħal din, l-applikazzjoni tista' tipproċedi fuq il-bażi tal-kopji pprovduti mill-Istat rikjedenti.[235]

*L-awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat] irreġistra jew iddikjara d-deċiżjoni bħala infurzabbli. Issa x'ser jiġri?*

487. Ladarba d-deċiżjoni tiġi rreġistrata għall-infurzar jew iddikjarata bħala infurzabbli, hija tkun tista' tiġi infurzata.[236] Ma hija meħtieġa ebda applikazzjoni oħra mill-applikant skont il-Konvenzjoni (sakemm l-applikazzjoni oriġinali tkun saret permezz ta' Awtorità Ċentrali). L-applikant, il-konvenut u l-Istat rikjedenti għandhom jiġu nnotifikati fil-pront li r-rikonoxximent tlesta u li issa beda jipproċedi l-infurzar.

*X'jiġri jekk ikun hemm aktar minn deċiżjoni waħda dwar manteniment? Pereżempju, jekk ikun hemm deċiżjoni inizjali għal manteniment u dik id-deċiżjoni tkun ġiet immodifikata permezz ta' deċiżjoni sussegwenti. Liema waħda għandha tiġi rikonoxxuta?*

488. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax din il-mistoqsija direttament. Jekk id-deċiżjoni għandha tiġi infurzata u jkun hemm arretrati ta' manteniment li jkunu akkumulaw jew inbnew skont l-ewwel deċiżjoni, l-Istat rikjest (jiġifieri [Isem l-Istat]) jista' jkun jeħtieġ kopja ta' dik id-deċiżjoni għall-infurzar. Din tista' tkun meħtieġa mil-liġi domestika li tirregola l-infurzar jew meta debitur jikkontesta l-arretrati jew jallega li hemm interpretazzjoni differenti tal-obbligu.[237] Barra minn hekk, jista' jkun hemm ċerti materji oħrajn (bħal kundizzjonijiet għall-indiċjar jew għall-modifikazzjoni) li jinstabu f'deċiżjoni waħda iżda mhux fl-oħra.

489. Madankollu, ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ma għandux jiġi rrifjutat biss fuq il-bażi li kien hemm deċiżjonijiet preċedenti fl-istess materja li ma ġewx inklużi mal-applikazzjoni. Jekk jidher li hemm deċiżjonijiet rilevanti oħrajn dwar il-manteniment li kellhom jiġu inklużi mal-applikazzjoni, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] għandha tinforma lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] sabiex ikunu jistgħu jintalbu kopji ta' dawk id-deċiżjonijiet mill-Istat rikjedenti.

# Parti II — Talbiet diretti għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar

# I. Ħarsa ġenerali

490. B'mod ġenerali, il-proċeduri għat-talbiet diretti kollha skont il-Konvenzjoni (jiġifieri t-talbiet mill-applikanti direttament lill-awtoritajiet kompetenti; ara *supra*, il-Kapitolu 1, it-taqsima III.Ċ.) jiġu rregolati mil-liġi interna ta' [Isem l-Istat]. Il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] sejra tiddetermina jekk it-talba diretta tistax issir jew le u liema formoli jew proċessi għandhom jintużaw.[238] It-talbiet diretti lill-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fi [Isem l-Istat] għall-finijiet tal-istabbiliment/modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment huma indirizzati fil-qosor fil-Kapitoli 10 u 11, filwaqt li dawn l-applikazzjonijiet huma rregolati kważi kompletament mil-liġi interna ta' [Isem l-Istat] aktar milli mill-Konvenzjoni.

491. Madankollu, jekk it-talba diretta tikkonċerna r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni eżistenti u d-deċiżjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni japplikaw għal dik it-talba. It-taqsima li jmiss tkopri l-proċeduri għat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet li jistgħu jirċievu l-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti ta' [Isem l-Istat] skont il-Konvenzjoni.

[235] Fi [Isem l-Istat] […].
[236] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[237] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[238] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

## Dokumenti li għandhom jiġu inklużi fit-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar

492. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi li wħud mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali japplikaw ukoll għat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar magħmula lill-awtoritajiet kompetenti (l-Art. 37(2)).

493. Id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u Infurzar) tal-Konvenzjoni japplikaw għat-talbiet diretti; għalhekk, it-talba diretta għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 25. Dawn jinkludu:

- test sħiħ tad-deċiżjoni,
- Stqarrija tal-Infurzabbiltà,
- Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa meta l-konvenut ma jkunx deher u ma jkunx ġie rrappreżentat fil-proċeduri fl-Istat tal-oriġini jew ma kkontestax id-deċiżjoni dwar il-manteniment,
- Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji,
- jekk meħtieġ – kalkolu tal-arretrati,
- jekk meħtieġ – stqarrija li tindika kif għandu jsir l-aġġustament jew l-indiċjar tad-deċiżjoni.

494. Il-formola tal-applikazzjoni rrakkomandata ma tistax tintuża għal talba diretta sakemm l-Istat rikjest ma jkunx iddeċieda li tali formoli jistgħu jintużaw għat-talbiet diretti. F'xi każijiet, l-awtorità rikjesta kompetenti jkollha l-formoli tagħha stess. Iċċekkja l-Profil tal-Pajjiż jew ikkuntattja lill-awtorità rikjesta kompetenti direttament fl-indirizz ipprovdut fil-Profil tal-Pajjiż sabiex tikseb kopja tal-formola.[239]

495. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet li jikkonċernaw talbiet diretti, tista' tkun meħtieġa dokumentazzjoni li turi safejn l-applikant irċieva assistenza legali bla ħlas fl-Istat tal-oriġini. Dan minħabba li mhux id-dispożizzjonijiet kollha li jikkonċernaw l-aċċess effettiv għall-proċeduri u l-għoti ta' assistenza legali bla ħlas japplikaw għat-talbiet diretti. Madankollu, bħala minimu, fi kwalunkwe proċeduri għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar, l-applikant huwa intitolat għall-istess livell ta' assistenza legali bla ħlas li bbenifika minnha fl-Istat tal-oriġini, jekk, taħt l-istess ċirkostanzi, dak l-istess livell ta' assistenza jkun disponibbli fl-Istat rikjest (l-Art. 17 *b)*).

496. Id-dijagramma fil-paġna li jmiss turi l-ħtieġa li tiġi pprovduta assistenza legali bla ħlas għat-talbiet diretti lil awtorità kompetenti għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar.

---

[239] Fi [Isem l-Istat] […].




**Figura 9: Assistenza legali – talbiet diretti lil awtorità kompetenti**

497. Għalkemm l-assistenza legali bla ħlas tista' ma tkunx disponibbli, innota li l-Istat rikjest ma jista' jitlob ebda titolu ta' sigurtà, bond jew depożitu, ikunu kif ikunu deskritti, bħala garanzija għall-ħlas ta' kwalunkwe spejjeż u nfiq imġarrba fil-proċeduri mill-applikant (l-Artikoli 37(2) u 14(5)).

498. Fl-aħħar nett, fi kwalunkwe każ, Stat rikjest (jiġifieri [Isem l-Istat]) mhuwiex mitlub li jipprovdi xi forma ta' assistenza legali lil applikant li jagħżel illi jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti, meta l-materja setgħet inbdiet permezz tal-Awtorità Ċentrali.[240]

## A. Tipi ta' talbiet diretti li jidħlu għal rikonoxximent u infurzar

### a) Manteniment tal-miżżewġin

499. Sakemm l-Istati Kontraenti rikjesti u rikjedenti ma jkunux għamlu dikjarazzjonijiet sabiex jestendu l-Kapitoli II u III għall-obbligi ta' manteniment tal-miżżewġin, applikazzjoni li tidħol għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni għal manteniment tal-miżżewġin biss ma tgħaddix minn taħt idejn l-Awtoritajiet Ċentrali (ara l-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima II, *supra*, għal diskussjoni dwar din il-kwistjoni).[241] Minflok, il-kreditur jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest. Madankollu, il-proċeduri u r-rekwiżiti relatati mad-dokumenti meħtieġa, kif stipulati fl-Artikolu 25, huma l-istess.

500. Minbarra t-talba (il-formola tal-applikazzjoni rrakkomandata ma tintużax għat-talbiet diretti, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx iddeċieda li tali formoli jistgħu jintużaw għat-talbiet diretti), id-dokumenti li ġejjin huma dejjem meħtieġa:

---

[240] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 602.

[241] Fi [Isem l-Istat] […].

- informazzjoni dwar l-applikazzjoni (jew il-formola tal-applikazzjoni rrakkomandata, jekk tintuża),
- it-test tad-deċiżjoni,
- Stqarrija tal-Infurzabbiltà,
- Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa meta l-konvenut ma jkunx deher u ma jkunx ġie rrappreżentat fl-Istat tal-oriġini jew ma kkontestax id-deċiżjoni,
- Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji jew xi dokument ieħor li jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-partijiet,
- dokument li jispjega kif ġew ikkalkolati l-arretrati,
- dokument li jispjega kif għandu jsir l-aġġustament jew l-indiċjar tad-deċiżjoni,
- stqarrija jew informazzjoni dwar l-għoti ta' assistenza legali lill-persuna li tagħmel it-talba fl-Istat rikjedenti.

501. Dokumenti addizzjonali jistgħu jkunu xierqa, skont il-proċessi interni tal-Istat rikjest.[242]

502. Ladarba awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tirċievi talba diretta, din tgħaddi mill-istess tip ta' proċess ta' rikonoxximent kif spjegat fil-Parti I ta' dan il-Kapitolu. Hija tiġi ddikjarata bħala infurzabbli [u rreġistrata għall-infurzar] u l-konvenut u l-persuna li tagħmel it-talba jiġu nnotifikati b'dan (l-Art. 23(5)).

503. Ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni jew għall-appell [mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà] [jew] [mir-reġistrazzjoni għall-infurzar] tad-deċiżjoni japplikaw bl-istess mod għat-talbiet mibdija permezz ta' awtorità kompetenti. Madankollu, jekk l-applikant ikun jeħtieġ assistenza legali sabiex jissodisfa l-kontestazzjoni jew l-appell tal-konvenut, Awtorità Ċentrali ma tipprovdi ebda assistenza legali bla ħlas u l-applikant ikollu jagħmel dawk l-arranġamenti indipendentement.[243] Jista' jkun li l-awtorità kompetenti tkun tista' tassisti lill-applikant fl-aċċess għal sorsi oħrajn ta' assistenza, inkluża għajnuna legali, jekk disponibbli. Fi kwalunkwe każ, l-applikant huwa intitolat għal mill-inqas l-istess livell ta' assistenza legali bħalma kien intitolat fl-Istat rikjedenti, jekk dak il-livell ta' assistenza jkun disponibbli fi [Isem l-Istat] (l-Art. 17 *b)*).[244]

504. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-infurzar tad-deċiżjoni wara li tkun ġiet rikonoxxuta, minħabba li l-Awtorità Ċentrali ma kinitx involuta fil-proċess ta' rikonoxximent, l-applikazzjoni għall-infurzar ma tirriżultax awtomatikament mit-talba għar-rikonoxximent, sakemm dan ma jkunx previst mil-liġi. Jekk le, l-individwu li jagħmel it-talba jkollu jagħmel talba separata għall-infurzar kif mitlub mill-proċeduri domestiċi tal-Istat rikjest.[245]

### b) Ulied fl-età ta' 21 sena jew aktar

505. Billi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma jinkludix awtomatikament ulied li għandhom 21 sena jew aktar, awtorità kompetenti fi Stat mhijiex obbligata li taċċetta talba għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment għal dawn it-tfal, sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni espliċita skont l-Artikolu 2(3) tal-Konvenzjoni miż-żewġ Stati Kontraenti (l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest) sabiex l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tiġi estiża għal dawn l-ulied. Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni bħal din, ma hemm ebda rekwiżit li deċiżjoni dwar manteniment għal ulied fl-età ta' 21 sena jew aktar għandha tiġi rikonoxxuta jew infurzata (madankollu, l-Istati Kontraenti huma liberi li jirrikonoxxu u jinfurzaw deċiżjonijiet li jmorru lil hinn minn dak li huma obbligati strettament li jinfurzaw abbażi tal-prinċipju tar-reċiproċità).[246]

506. Innota li dan japplika anki meta l-liġi tal-Istat tal-oriġini tippermetti li jitħallas manteniment għal ulied fl-età ta' aktar minn 21 sena, minħabba li l-Artikolu 32(4) (l-

---

[242] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[243] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[244] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat], ara *ibid*.
[245] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[246] Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni *sensu stricto* tal-obbligu Konvenzjonali reċiproku jista' jkun soluzzjoni effiċjenti f'xi każijiet, pereżempju, meta deċiżjoni barranija għal manteniment għal persuna 'il fuq mill-età ta' 21 sena, jekk ma tiġix rikonoxxuta, ikollha tiġi riferuta lil qorti nazzjonali sabiex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida. Fi [Isem l-Istat] […].

applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tal-oriġini sabiex jiġi ddeterminat it-tul ta' żmien tal-obbligu għal manteniment) għandu jinqara fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2.

507. Ara l-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima II, għal diskussjoni sħiħa dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

**c) Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja**

508. Għalkemm il-Konvenzjoni tistabbilixxi li l-Istati jistgħu jaqblu li jestendu d-dispożizzjonijiet tagħha għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, inkluż għal persuni vulnerabbli, sakemm dan ma jsirx kemm mill-Istat Kontraenti rikjest kif ukoll minn dak rikjedenti, ma hemm ebda rekwiżit li awtorità kompetenti fi Stat għandha taċċetta talba sabiex tirrikonoxxi jew tinfurza deċiżjoni għal tipi oħrajn ta' manteniment tal-familja.[247]

# II. Materjal addizzjonali

## A. Pariri prattiċi

509. Irreferi għall-Profil tal-Pajjiż ta' [Isem l-Istat] sabiex tiddetermina x'dokumentazzjoni sejra tkun meħtieġa għal talba diretta. It-talba diretta għandha ssir bl-użu tal-formola tal-applikazzjoni jew bl-użu ta' dokument inizjali ieħor mitlub mill-Istat rikjest. Għalkemm id-dokumentazzjoni użata għat-talbiet diretti għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar tista' tkun l-istess bħal dik li tintuża għall-applikazzjonijiet li jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, id-dokumentazzjoni għal tipi oħrajn ta' talbiet diretti tista' tkun differenti ħafna minn dik li tintuża għall-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni (it-talbiet diretti lill-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fi [Isem l-Istat] għall-finijiet tal-istabbiliment jew tal-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment huma indirizzati fil-Kapitoli 10 u 11, *infra*.)

510. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti jistgħu jikkunsidraw li jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] sabiex jieħdu vantaġġ mill-għarfien tagħha fl-ipproċessar b'mod effettiv tal-kawżi għall-iskop tat-talbiet diretti.

## B. Formoli relatati

Għar-rikonoxximent u l-infurzar biss:

Stqarrija tal-Infurzabbiltà
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa
Dikjarazzjoni tal-Arretrati (jekk applikabbli)
Stqarrija dwar l-Assistenza Legali (fejn tkun meħtieġa)
Stqarrija li tispjega kif għandu jsir l-indiċjar jew l-aġġustament (jekk applikabbli)

## Ċ. Artikoli rilevanti

L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 10
L-Artikolu 17 *b)*
L-Artikolu 25
L-Artikolu 37

[247] Fi [Isem l-Istat] […].

# III. Mistoqsijiet Frekwenti

*X'inhi d-differenza bejn applikazzjoni permezz ta' Awtorità Ċentrali u talba diretta lil awtorità kompetenti?*

511. L-applikazzjonijiet permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali huma limitati għal dawk previsti fl-Artikolu 10. Sabiex applikazzjoni titressaq permezz ta' Awtorità Ċentrali, il-materja għandha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u ssir referenza għaliha fl-Artikolu 10.

512. Talba diretta ssir lil awtorità kompetenti għal materja li tkun irregolata mill-Konvenzjoni. Eżempju ta' talba diretta huwa applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment tal-miżżewġin.

*Jista' applikant jagħżel li jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti minflok jipproċedi permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali?*

513. Iva – jekk dan ikun permess mill-proċeduri interni tal-awtorità kompetenti rikjesta (xi awtoritajiet kompetenti sempliċiment jirreferu l-materja lill-Awtorità Ċentrali).[248] Madankollu, applikant li jmur għal din l-alternattiva għandu jkun konxju li, f'xi Stati, id-dispożizzjonijiet għall-assistenza legali għat-talbiet diretti jistgħu ma japplikawx għal sitwazzjonijiet fejn applikazzjoni setgħet saret permezz tal-Awtorità Ċentrali.[249] Dan x'aktarx li jkun meta l-Istat rikjest ikun stabbilixxa proċeduri effettivi li jippermettu li applikazzjoni tipproċedi mingħajr assistenza legali għall-applikazzjonijiet li jsiru permezz tal-Awtorità Ċentrali.

*Tista' Awtorità Ċentrali tibgħat talba diretta lil awtorità kompetenti meta, pereżempju, l-Istat rikjest ma jkunx estenda l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għat-tip ta' obbligu għal manteniment?*

514. Iva – ma hemm ebda rekwiżit fil-Konvenzjoni li ssir talba diretta mill-kreditur jew mid-debitur innifsu. Dan ix-xenarju x'aktarx li jseħħ l-aktar f'sitwazzjonijiet fejn l-Istat rikjedenti jkun estenda l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għall-manteniment tal-miżżewġin, iżda l-Istat rikjest ma jkunx għamel dan.[250] F'dak il-każ, l-Awtorità Ċentrali rikjedenti tista' tassisti lill-kreditur fit-tħejjija tad-dokumentazzjoni u tassisti fit-trażmissjoni tagħha lil awtorità kompetenti fl-Istat rikjest.

*X'formoli jew dokumenti għandhom jintużaw għal talba diretta?*

515. Jekk it-talba diretta tkun għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar, id-dokumenti stipulati fl-Artikolu 25 għandhom jiġu inklużi, minħabba li dak l-Artikolu japplika għat-talbiet diretti għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u infurzar. B'mod ġenerali, il-formola tal-applikazzjoni rrakkomandata hija maħsuba biex tintuża biss mill-Awtoritajiet Ċentrali, madankollu, għandha tintuża jew il-formola mitluba mill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti ta' [Isem l-Istat][251] jew inkella l-formola użata fl-Istat tal-oriġini.

*Il-kreditur jew id-debitur jeħtieġ is-servizzi ta' avukat sabiex ikun jista' jagħmel it-talba diretta lill-awtorità kompetenti?*

516. Dan jiddependi kompletament fuq il-proċeduri tal-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti.[252] Skont il-Konvenzjoni, jekk it-talba diretta tkun għal rikonoxximent u infurzar, l-Istat rikjest għandu jiżgura li l-applikant ikun intitolat għal mill-inqas l-istess livell ta' assistenza legali disponibbli fl-Istat rikjedenti, jekk dak il-livell ta' assistenza jkun disponibbli fl-Istat rikjest (l-Art. 17 *b)*).

---

[248] Fi [Isem l-Istat] […].
[249] Fi [Isem l-Istat] […].
[250] Ara *supra*, in-nota 241.
[251] Ara *supra*, in-nota 239, għal eżempju ta' formola rrakkomandata li għandha tiġi utilizzata fi [Isem l-Istat].
[252] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

517. Għat-talbiet diretti l-oħrajn kollha, jekk tkun meħtieġa assistenza legali, il-persuna li tagħmel it-talba diretta tkun responsabbli sabiex tkopri dawk l-ispejjeż, sakemm il-liġi tal-Istat rikjest ma tipprevedix mod ieħor.[253]

[253] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

# Kapitolu 8 – Ir-Regolament tal-2009: L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u tat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà

*Kif għandu jintuża dan il-Kapitolu:*

*Dan il-Kapitolu jittratta primarjament l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni dwar manteniment li jirċievu l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħrajn mingħand Awtorità Ċentrali.*

*It-Taqsima I tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri u ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – meta tintuża, min jista' japplika għaliha, kif ukoll spjegazzjoni tat-termini u l-kunċetti bażiċi.*

*It-Taqsimiet II u III jiddeskrivu l-proċeduri jew il-passi għall-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet jew it-talbiet.*

*It-Taqsima IV tittratta l-eċċezzjonijiet jew il-varjazzjonijiet għall-proċeduri ġenerali, inklużi l-applikazzjonijiet minn debituri.*

*It-Taqsima V tittratta kwistjonijiet oħrajn bħall-assistenza legali u l-infurzar.*

*It-Taqsima VI tinkludi referenzi addizzjonali, formoli u xi suġġerimenti prattiċi għall-applikazzjonijiet.*

*It-Taqsima VII tinkludi Lista ta' Kontroll, li tipprovdi ħarsa ġenerali sempliċi lejn il-proċess.*

*It-Taqsima VIII tkopri wħud mill-aktar mistoqsijiet frekwenti fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.*

*It-Taqsima IX tittratta fil-qosor kwistjonijiet li huma partikolari għat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà rċevuti mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħrajn mingħajr l-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali.*

# Parti I — Applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà

## I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali

### A. Prinċipji ġenerali

518. Il-proċess ta' rikonoxximent stabbilit fir-Regolament jinsab fil-qalba tal-proċess tal-irkupru tal-manteniment transkonfinali u jiżgura li jkun hemm mod kost-effettiv kif kreditur ikun jista' jagħmel il-ħlas tal-manteniment fejn ikun jirrisjedi d-debitur jew fejn ikollu l-assi jew id-dħul tiegħu fi Stat Membru ieħor.[254]

> **Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat Membru sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont ir-Regolament.

519. Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni minn Stat Membru ieħor jeliminaw il-ħtieġa li kreditur ikollu jikseb deċiżjoni ġdida fl-Istat fejn issa jirrisjedi d-debitur jew fejn jinsabu l-assi jew id-dħul tiegħu.

[254] Hemm differenza bejn rikonoxximent u infurzar. Rikonoxximent minn Stat ieħor ifisser li l-Istat jaċċetta d-determinazzjoni jew it-tiftix tad-drittijiet u tal-obbligi legali magħmula mill-Istat tal-oriġini. Infurzar ifisser li l-Istat rikjest jaqbel li l-proċessi tiegħu jistgħu jintużaw sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni.

520. Il-proċeduri għar-rikonoxximent, għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà u għall-infurzar ta' deċiżjoni huma intiżi biex jipprovdu l-aktar rikonoxximent wiesa' possibbli tad-deċiżjonijiet eżistenti u biex jiżguraw li l-applikazzjoni tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għandu jkun l-aktar wiesa' possibbli għar-rikonoxximent u l-infurzar, filwaqt li l-Istati huma mistennija li jipprovdu lill-applikanti b'aċċess komprensiv u effettiv għall-ġustizzja. Skont ir-Regolament, il-mekkaniżmi ta' rikonoxximent u infurzar, kemm għall-Istati Membri marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 kif ukoll għal dawk marbuta bil-Protokoll (ara l-Kapitolu 5) huma maħsuba biex jagħtu ċ-ċans lill-kreditur jirkupra pretensjoni malajr. Il-konvenut għandu biss ftit raġunijiet limitati ħafna sabiex joġġezzjona jew jopponi għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni, flimkien ma' perjodu ta' żmien limitat sabiex ikun jista' jagħmel dan. Dan kollu jirrifletti l-prinċipju sottostanti fir-Regolament li r-rikonoxximent u l-infurzar għandhom ikunu sempliċi, bi spejjeż baxxi u mħaffa.[255]

**Awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew li hija permessa skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont ir-Regolament. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar ta' manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mar-Regolament.

521. Ara wkoll il-Parti I tal-Kapitolu 3 għal diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, billi valutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward ta' każ partikolari hija importanti sabiex wieħed jifhem liema proċeduri ta' rikonoxximent u infurzar għandhom japplikaw għal dak il-każ.

## B. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri

522. Fir-Regolament hemm żewġ Taqsimiet li jkopru l-proċeduri għar-rikonoxximent, għad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà u għall-infurzar tad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament, kif stabbilit fil-Kapitolu IV (ara l-Art. 16). It-Taqsima 1 tapplika għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u tad-Danimarka) u t-Taqsima 2 tapplika għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (jiġifieri d-deċiżjonijiet mogħtija fir-Renju Unit u fid-Danimarka).[256] B'hekk, il-proċeduri għar-rikonoxximent u l-infurzar li huma deskritti hawn taħt eżatt u stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament sejrin jintużaw l-aktar ta' spiss għad-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Din il-proċedura stabbilita fit-Taqsima 1 u l-proċedura alternattiva prevista fit-Taqsima 2 huma deskritti f'aktar dettall hawn taħt (ara t-taqsima III ta' dan il-Kapitolu).

***Stat rikjedenti*** - l-Istat Membru fejn jirrisjedi l-applikant u dak li jitlob għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni.

***Stat rikjest*** - l-Istat Membru li rċieva l-applikazzjoni u li ser ikun qiegħed jirrikonoxxi u jinfurza d-deċiżjoni.

523. Malli tirċievi l-applikazzjoni mingħand Awtorità Ċentrali fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest[257] għandha tibgħat il-materjal lill-awtorità kompetenti għall-ipproċessar. F'xi Stati Membri, l-Awtorità Ċentrali tkun l-awtorità kompetenti għal dan il-għan. Fi Stati oħrajn, l-awtorità kompetenti tista' tkun awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva.[258]

---

[255] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom obbligu pożittiv li jassistu b'mod diliġenti u mingħajr dewmien fl-infurzar ta' deċiżjoni barranija dwar manteniment għall-benefiċċju ta' kreditur (ara *Romańczyk vs Franza*, Nru. 7618/05 (it-18 ta' Novembru 2010), fejn il-qorti sabet li kien hemm ksur tal-Art. 6(1) tal-*Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali*).

[256] Innota li l-proċedura msemmija fit-Taqsima 2 sejra tapplika wkoll għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel kien applikabbli r-Regolament, iżda wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament "Brussell I". Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima III.C għal diskussjoni sħiħa dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

[257] Fi [Isem l-Istat] l-Awtorità Ċentrali hija […].

[258] Fi [Isem l-Istat] l-awtorità kompetenti hija […] u [hija] [mhijiex] l-Awtorità Ċentrali.

524. Skont it-taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, huwa meħtieġ li deċiżjoni tiġi rikonoxxuta mingħajr ebda "proċedura speċjali" u "mingħajr l-ebda possibbiltà li wieħed jopponi r-rikonoxximent tagħha" (l-Art. 17(1)). Dan ifisser li ma hija permessa ebda proċedura ta' exequatur jew proċedura simili skont ir-Regolament sabiex tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni u, fil-punt tar-rikonoxximent tad-deċiżjoni, ma hemm ebda opportunità li ssir oppożizzjoni għar-rikonoxximent tagħha, la *ex-officio* u lanqas minn xi Parti interessata.[259] Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll li jekk id-deċiżjoni tkun infurzabbli fl-Istat Membru tal-oriġini, hija għandha titqies bħala infurzabbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (l-Art. 17(2)).[260] Għandu jiġi nnotat li r-Regolament jispeċifika li deċiżjoni infurzabbli għandha ġġib magħha "b'operat tal-liġi s-setgħa ta' proċeduri għal kwalunkwe miżura protettiva" li teżisti skont il-liġi domestika tal-Istat Membru tal-infurzar (l-Art. 18).

525. Konvenut li ma jkunx deher fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħu għandu d-dritt li japplika għal reviżjoni tad-deċiżjoni, mill-jum meta huwa "sar jaf effettivament bil-kontenut tad-deċiżjoni u seta' jirreaġixxi, mhux aktar tard mid-data tal-ewwel miżura ta' infurzar li jkollha l-effett li l-proprjetà tiegħu ssir parzjalment jew kollha kemm hi indisponibbli" (l-Art. 19(2)), minħabba li ma kienx innotifikat bid-dokumenti li jagħtu bidu għall-proċeduri (jew dokumenti ekwivalenti) fi żmien suffiċjenti u b'tali mod li seta' jħejji għad-difiża tiegħu, jew kien impedit milli jikkontesta t-talba għal manteniment minħabba forza maġġuri (jew minħabba "ċirkostanzi straordinarji mingħajr l-ebda ħtija min-naħa tiegħu"), sakemm ma kienx naqas milli jikkontesta d-deċiżjoni meta kien possibbli għalih li jagħmel dan (l-Art. 19(1)). Il-konvenut għandu japplika għal tali reviżjoni fi żmien 45 jum (l-Art. 19(2)). L-applikazzjoni għal reviżjoni ssir lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini. Jekk il-qorti tirrifjuta l-applikazzjoni għal reviżjoni mingħajr ma jkollha raġunijiet suffiċjenti (speċifikati fl-Art. 19(1)), id-deċiżjoni tibqa' fis-seħħ, iżda jekk il-qorti tiddeċiedi li reviżjoni hija ġustifikata, id-deċiżjoni għandha titqies bħala "nulla u mingħajr effett", madankollu, il-kreditur ma għandux jitlef il-benefiċċji li jirriżultaw mill-interruzzjoni tal-perjodi ta' preskrizzjoni / limitazzjoni u lanqas id-dritt li jitlob manteniment retroattiv (l-Art. 19(3)).

526. Jekk id-deċiżjoni tibqa' fis-seħħ u d-debitur ma jkunx lest li jħallas il-manteniment volontarjament, l-infurzar tad-deċiżjoni jista' jseħħ kif previst mil-liġi tal-Istat rikjest.

527. Ir-Regolament (l-Art. 21) jipprovdi diversi raġunijiet għal rifjut jew sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni li tista' titqajjem *fl-Istat tal-infurzar*, fuq talba tad-debitur. Ġeneralment, ir-raġunijiet għal rifjut jew sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni jkunu skont il-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar, sakemm din il-liġi ma tkunx inkompatibbli mar-raġunijiet speċifikati fl-Art. 21(2) u (3) tar-Regolament.

528. Id-debitur jista' japplika għar-rifjut tal-infurzar ta' deċiżjoni, totalment jew parzjalment, jekk "id-dritt biex tiġi infurzata d-deċiżjoni fil-qorti tal-oriġini jintemm bl-effett ta' preskrizzjoni jew bil-limitazzjoni tal-azzjoni" (bit-twiddiba li d-deċiżjoni tingħata l-benefiċċju tal-perjodu ta' limitazzjoni itwal bejn dak tal-Istat Membru tal-oriġini jew tal-Istat Membru tal-infurzar) jew jekk id-deċiżjoni tkun "irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni" mogħtija fl-Istat Membru tal-infurzar jew ma' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor jew Stat terz xieraq ieħor (l-Art. 21(2)).[261]

529. L-Artikolu 21(3) tar-Regolament jipprevedi raġunijiet ulterjuri għas-sospensjoni tal-infurzar, jekk tkun tressqet quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini

---

[259] Bl-abolizzjoni tal-exequatur, deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor marbut bil-Protokoll għandha tkun direttament infurzabbli skont ir-Regolament, kif stipulat fl-Art. 17. Fil-prattika, fi [Isem l-Istat], dan ikun ifisser li […].

[260] Għandu jiġi nnotat li l-Art. 17 tar-Regolament huwa parallel għall-Art. 5 tar-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar. L-Art. 5 tar-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar diġà kien qiegħed japplika fl-Istati Membri Ewropej fejn huwa applikabbli dan ir-Regolament għad-deċiżjonijiet mhux ikkontestati dwar il-manteniment. Bir-Regolament dwar il-manteniment tal-2009 fis-seħħ, il-proċedura stipulata fl-Art. 5 tar-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar issa qiegħda tapplika għad-deċiżjonijiet ikkontestati dwar il-manteniment.

[261] Huwa kkjarifikat li d-deċiżjonijiet ta' modifikazzjoni fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi mibdula mhumiex ser jitqiesu bħala "deċiżjonijiet irrikonċiljabbli" taħt dan l-Artikolu.

applikazzjoni għar-reviżjoni ta’ deċiżjoni prevista skont l-Artikolu 19, jew jekk id-deċiżjoni tkun ġiet sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini.

530. L-applikazzjonijiet jew l-appelli ulterjuri għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-infurzar ta’ deċiżjoni, b’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament, għandhom isiru skont il-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.[262]

## Ċ. Meta tintuża din l-applikazzjoni

531. Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta’ deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment tiġi rċevuta minn Stat Membru ieħor fejn jintalab l-infurzar tad-deċiżjoni, minħabba li d-debitur jirrisjedi fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul fl-Istat rikjest.

532. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, tali applikazzjoni ssir mill-kreditur, li jkun qiegħed japplika għar-rikonoxximent, madankollu, debitur ukoll jista’ jitlob ir-rikonoxximent ta’ deċiżjoni dwar manteniment minn Stat Membru ieħor sabiex jissospendi jew jillimita l-infurzar ta’ deċiżjoni dwar manteniment (l-Art. 56(2) *a)*).

533. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet ikunu għal rikonoxximent u infurzar, f’xi każijiet, applikant ifittex rikonoxximent biss u ma jitlobx li tiġi infurzata d-deċiżjoni.

534. Jekk id-deċiżjoni tkun ittieħdet fl-Istat li jkun qiegħed jintalab sabiex jinfurzaha, mela allura r-rikonoxximent ikun meħtieġ. L-applikazzjoni tista’ sempliċiment tiġi pproċessata għall-infurzar (ara l-Kapitolu 12).

**Kreditur** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista’ jkun ġenitur jew konjugi, persuna minorenni, ġenituri li jiffosterjaw it-tfal jew qraba jew persuni oħrajn li jieħdu ħsieb persuna minorenni. F’xi Stati, din il-persuna tista’ tissejjaħ benefiċjarju tal-manteniment, persuna b’obbligu dovut lilha, jew ġenitur jew persuna oħra bil-kura u l-kustodja ta’ minorenni.

**Debitur** huwa l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas manteniment. Id-debitur jista’ jkun ġenitur, konjugi jew xi ħadd ieħor li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment.

## D. Eżempju ta’ każ

535. Il-kreditur għandu deċiżjoni dwar manteniment mill-Pajjiż A li titlob lid-debitur sabiex iħallas manteniment tat-tfal. Id-debitur jgħix fi [Isem l-Istat]. Minflok japplika għal deċiżjoni ġdida fi [Isem l-Istat], il-kreditur jixtieq li d-deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment tiġi infurzata fi [Isem l-Istat]. Il-Pajjiż A u [Isem l-Istat] huma t-tnejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament u huma t-tnejn marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007.

### Kif dan jaħdem skont ir-Regolament

Il-kreditur[263] jitlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A sabiex tibgħat applikazzjoni għar-rikonoxximent (u għall-infurzar) (l-Art. 56(1) *a)*) tad-deċiżjoni dwar il-manteniment lil [Isem l-Istat], skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, bl-użu tal-formoli Annessi xierqa, kif stipulat mir-Regolament. L-applikazzjoni tiġi vverifikata sabiex jiġi żgurat li hija mimlija kif suppost u mbagħad tiġi pproċessata mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat]. Id-deċiżjoni tista’ tiġi infurzata mill-awtoritajiet tal-infurzar kompetenti fi [Isem l-Istat] bl-istess mod daqslikieku kienet deċiżjoni li oriġinarjament ittieħdet fi [Isem l-Istat]. Id-debitur jingħata l-opportunità li japplika għal reviżjoni jew li joġġezzjona għall-infurzar tad-deċiżjoni għar-raġunijiet limitati stabbiliti fir-Regolament.

---

262 Skont il-liġi domestika ta’ [Isem l-Istat] […].

263 Innota li f’xi ċirkostanzi, it-talba ssir minn korp pubbliku (bħal Aġenzija ta’ Appoġġ għat-Tfal) f’isem il-kreditur.

Għal informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-***infurzar*** ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat **rikjest** (jiġifieri [Isem l-Istat]) – ara l-Kapitolu 9. Għal informazzjoni dwar **l-infurzar** ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar manteniment – ara l-Kapitolu 12.

## *E. Min jista' japplika*

536. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tista' ssir minn kreditur jew minn debitur (kif diskuss hawn taħt – l-applikazzjoni tad-debitur tkun għal rikonoxximent biss, filwaqt li kreditur jista' jfittex rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà / infurzar jew inkella t-tnejn li huma). L-applikant għandu jkun jirrisjedi fl-Istat li jkun qiegħed jibda l-applikazzjoni (l-Art. 55) u ma għandux bżonn ikun preżenti jew ikollu rappreżentant awtorizzat / indirizz postali fi [Isem l-Istat] sabiex deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata f'dak l-Istat (l-Art. 41(2)). F'din l-applikazzjoni, il-kreditur jista' jkun il-persuna li lilha jkun dovut il-manteniment, kif ukoll korp pubbliku li jkun qiegħed jaġixxi minflok il-kreditur, jew inkella korp pubbliku li jkun ipprovda benefiċċji lill-kreditur.

***Suġġeriment:*** *Qed tfittex lista sempliċi ta' passi li trid issegwi? Trid taqbeż id-dettalji? Mur fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu u uża l-**Lista ta' Kontroll**.*

# II. Proċeduri: Materji preliminari komuni għall-applikazzjonijiet taħt it-Taqsima 1 u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament

537. Qabel ma awtorità kompetenti tikkunsidra l-merti ta' applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni skont ir-Regolament, hemm għadd ta' materji preliminari li awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha tikkunsidra għall-applikazzjonijiet taħt it-Taqsima 1 (deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) u taħt it-Taqsima 2 (deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) tal-Kapitolu IV tar-Regolament, kif spjegat fid-dettall f'din it-taqsima.

## *A. Verifika preliminari tad-dokumenti li jidħlu*

538. Qabel tibgħat il-materjal lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat], l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tivverifika sabiex tiżgura li l-applikazzjoni taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, kif ukoll sabiex tiżgura li l-pakkett ta' dokumenti huwa sħiħ. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] għandha tagħmel verifika simili.

### 1. Reviżjoni inizjali tad-dokumenti

- L-applikazzjoni hija għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni dwar manteniment? Hija għandha taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament kif spjegat fil-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima III.
- Diġà kien aċċertat (mill-Awtorità Ċentrali) li l-konvenut jew id-debitur jirrisjedi fl-Istat rikjest jew li għandu assi jew dħul fl-Istat rikjest? Jekk le, il-materja għandha tintbagħat lejn il-post fejn il-konvenut jew id-debitur jirrisjedi jew għandu l-assi tiegħu, jew inkella titbagħat lura lill-Istat rikjedenti.
- L-applikazzjoni hija minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament? Jekk mhijiex, ir-Regolament ma jistax jintuża.

**Talba diretta** ma ssirx lil Awtorità Ċentrali. Talba diretta hija talba li tiġi rċevuta minn awtorità kompetenti, bħal qorti jew awtorità amministrattiva, direttament mingħand individwu. Hija ssir barra mill-Artikolu 56. Ara t-taqsima IX, *infra*.

## 2. L-applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà hija l-applikazzjoni xierqa?

539. Ivverifika d-dokumenti sabiex tiżgura li l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà. Ikkunsidra dawn li ġejjin:

- Jekk ma jkun hemm ebda deċiżjoni dwar manteniment, l-applikazzjoni għandha tkun għal stabbiliment, mhux għal rikonoxximent u infurzar (ara l-Kapitolu 10).
- Jekk ikun hemm deċiżjoni dwar manteniment iżda din tkun ġejja mill-Istat tiegħek, mela allura ma hemmx bżonn li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta. Hija tista' sempliċiment tiġi pproċessata għall-infurzar fl-Istat tiegħek, wara li jiġu segwiti l-proċeduri tal-infurzar regolari tiegħek (ara l-Kapitolu 9).

## 3. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tar-Regolament ma ġewx issodisfati?

540. Ir-Regolament jippermetti lil Awtorità Ċentrali tirrifjuta li tipproċessa applikazzjoni biss jekk l-Awtorità Ċentrali temmen li huwa "evidenti li r-rekwiżiti" tar-Regolament ma ġewx issodisfati (ara l-Art. 58(8)). Iċ-ċirkostanzi li fihom dan jista' jkun il-każ huma pjuttost limitati. Pereżempju, applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata fuq din il-bażi jekk jirriżulta b'mod ċar mid-dokumenti li d-deċiżjoni ma kellha xejn x'taqsam mal-manteniment. Bl-istess mod, applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata fuq din il-bażi jekk applikazzjoni preċedenti mill-istess Parti għall-istess raġunijiet preċiżi kienet falliet. Sabiex tkun "evidenti", ir-raġuni għar-rifjut għandha tkun plawżibbli jew ċara fuq id-dokumenti rċevuti. Bl-istess mod, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha tivverifika li mhuwiex evidenti li r-rekwiżiti tar-Regolament ma ġewx issodisfati.[264]

## 4. Ivverifika d-dokumenti għall-kompletezza

541. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom l-obbligu li jivverifikaw applikazzjoni rċevuta mill-Istat rikjedenti fil-pront sabiex jiżguraw li hija kompleta u jirreferu l-applikazzjoni kompleta mill-aktar fis lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti sabiex id-deċiżjoni tkun tista' tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli. Jekk ikunu meħtieġa dokumenti addizzjonali, l-Awtorità Ċentrali għandha titlobhom mingħajr dewmien. Malli tirċievi d-dokumentazzjoni għall-finijiet ta' applikazzjoni, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha tivverifika inizjalment ukoll l-applikazzjoni għall-kompletezza u tinnotifika lill-Awtorità Ċentrali nazzjonali minnufih jekk ikun hemm informazzjoni jew dokumentazzjoni nieqsa sabiex din tkun tista' tintalab.

## 5. Informazzjoni u dokumenti ta' sostenn meħtieġa

### (i) Informazzjoni u dokumenti ta' sostenn meħtieġa komuni għall-proċeduri msemmija fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament

#### a) Anness VI

542. Ir-Regolament jesiġi li jintuża l-Anness VI, li huwa mehmuż mat-test tar-Regolament, għall-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni (jiġifieri għal applikazzjonijiet taħt it-Taqsima 1 u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament). Ir-Regolament jitlob li, bħala minimu, l-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għandha tinkludi (l-Art. 57(2)):

a) dikjarazzjoni dwar in-natura tal-applikazzjoni(jiet),

---

[264] Dan ikun il-każ b'mod partikolari meta awtorità kompetenti tirċievi talba diretta mingħand applikant li ma tkunx ġiet ipproċessata permezz tas-sistema tal-Awtorità Ċentrali. Ara t-taqsima IX, *infra*, dwar it-talbiet diretti.

b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi l-indirizz u d-data tat-twelid tal-applikant[265],
ċ) l-isem u, jekk ikunu magħrufa, l-indirizz u d-data tat-twelid tal-konvenut,
d) l-isem u d-data tat-twelid ta' kwalunkwe persuna li għaliha jintalab il-manteniment,
e) ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni,
f) f'applikazzjoni minn kreditur, informazzjoni rigward fejn għandu jintbagħat jew jiġi trasmess b'mod elettroniku l-pagament tal-manteniment,
g) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna jew tal-unità mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjedenti responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.

**b) Dokumenti li jirrigwardjaw is-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi (l-Art. 48)**

543. Għall-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzabbiltà tas-soluzzjonijiet bil-qorti u tal-istrumenti awtentiċi fi Stat Membru ieħor (ara t-taqsima IV, *infra*, f'dan il-Kapitolu), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandha toħroġ, fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet interessati, estratt mis-soluzzjoni bil-qorti jew mill-istrument awtentiku, bl-użu tal-Anness I jew II, jew tal-Anness III jew IV, kif rilevanti (l-Art. 48(3)).

**ċ) Dokumenti addizzjonali (l-Art. 57)**

544. L-Artikolu 57(4) u (5) tar-Regolament jitlob li applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dokumenti addizzjonali, skont kif xieraq jew neċessarju u safejn dawn ikunu magħrufa. Dawn jinkludu:

- iċ-ċirkostanzi finanzjarji tad-debitur, inklużi l-isem u l-indirizz ta' min iħaddem lid-debitur u n-natura u l-post fejn jinsabu l-assi tad-debitur (l-Art. 57(4) *b)*)[266]
- kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tgħin sabiex jinstab il-konvenut (l-Art. 57(4) *ċ)*)
- kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa inkluża, fejn xieraq, dokumentazzjoni rigward id-dritt tal-applikant għal għajnuna legali (l-Art. 57(5))

545. ***Prova tal-benefiċċji – korp pubbliku****:* Jekk l-applikazzjoni tkun qiegħda ssir minn korp pubbliku, pereżempju aġenzija tas-servizzi soċjali, f'isem applikant, jista' jkun meħtieġ li dak il-korp pubbliku jipprovdi informazzjoni li turi li huwa għandu d-dritt li jaġixxi f'isem l-applikant jew jinkludi informazzjoni sabiex juri li huwa pprovda benefiċċji minflok manteniment (l-Art. 64) (pereżempju, meta l-korp pubbliku jkun jixtieq jasserixxi dritt indipendenti sabiex jirċievi Parti mill-arretrati tal-manteniment).

## (ii) Id-dokumenti meħtieġa għall-proċeduri msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament

**a) Dokumenti għall-finijiet tal-infurzar (l-Art. 20)[267]**

546. L-Artikolu 20 tar-Regolament jispeċifika d-dokumenti meħtieġa għall-finijiet tal-infurzar ta' deċiżjoni fi Stat Membru ieħor, li għandhom jiġu pprovduti lill-awtoritajiet tal-infurzar kompetenti minn kwerelant:

a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità tagħha,

---

[265] L-indirizz personali tal-applikant jista' jiġi sostitwit b'indirizz ieħor f'każijiet ta' vjolenza fil-familja, jekk il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest ma titlobx lill-applikant jipprovdi l-indirizz personali tiegħu għall-finijiet tal-proċeduri li għandhom jitressqu (l-Art. 57(3)). Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[266] Billi din hija applikazzjoni għall-infurzar, iċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' kreditur (l-Art. 57(4) *a)*) ġeneralment ma jkunux meħtieġa.
[267] Għandu jiġi nnotat li l-Art. 20 tar-Regolament huwa essenzjalment parallel għall-Art. 20 tar-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar.

b) is-silta mid-deċiżjoni maħruġa mill-qorti tal-oriġini bl-użu tal-formola li tidher fl-Anness I għar-Regolament (fejn neċessarju, bi traskrizzjoni jew traduzzjoni tal-kontenut)[268],

ċ) fejn xieraq, dokument li juri l-ammont ta' kwalunkwe arretrati u li jindika d-data li fiha ġie kkalkolat dan l-ammont.

547. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti ma jistgħux jitolbu lill-kwerelant sabiex jipprovdi traduzzjoni ta' deċiżjoni, sakemm ma jiġix ikkontestat l-infurzar (l-Art. 20(2)).[269]

## (iii) Id-dokumenti meħtieġa għall-proċeduri msemmija fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament

### Dokumenti għal applikazzjoni għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (l-Artikoli 28 u 29)

548. Skont il-proċedura alternattiva msemmija fit-Taqsima 2 għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (għall-Istati Membri li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007), l-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn:

a) kopja tad-deċiżjoni "li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità tagħha",

b) silta mid-deċiżjoni maħruġa mill-qorti tal-oriġini bl-użu tal-formola li tidher fl-Anness II għar-Regolament.

549. Fejn xieraq, l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni jew traskrizzjoni, skont ir-rekwiżiti lingwistiċi xierqa (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima II, għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti lingwistiċi skont ir-Regolament). L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti vestita ma tistax titlob lil kwerelant sabiex jipprovdi traduzzjoni tad-deċiżjoni (madankollu, din tista' tkun meħtieġa b'konnessjoni ma' appell skont l-Art. 32 jew l-Art. 33).

550. Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament, jekk ma tiġix ippreżentata s-silta mid-deċiżjoni bl-użu tal-formola li tidher fl-Anness II għar-Regolament, awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tista' tispeċifika perjodu ta' żmien għall-preżentazzjoni tagħha, taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tqis li għandha informazzjoni adegwata quddiemha, tkun lesta li tgħaddi mingħajrha.

## (iv) Id-dokumenti meħtieġa għall-invokazzjoni ta' deċiżjoni rikonoxxuta (l-Art. 40)

551. L-Artikolu 40 tar-Regolament jitlob li kwalunkwe Parti li tkun tixtieq tinvoka deċiżjoni fi Stat Membru ieħor, li tkun diġà rikonoxxuta skont il-proċeduri msemmija fit-Taqsima 1 (b'mod partikolari fl-Art. 17(1)) jew fit-Taqsima 2 tar-Regolament, għandha tipproduċi kopja tad-deċiżjoni inkwistoni li "tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità tagħha".

552. L-awtorità kompetenti tista' titlob ukoll, jekk ikun meħtieġ, lill-Parti li tinvoka d-deċiżjoni rikonoxxuta sabiex tipproduċi silta maħruġa mill-qorti tal-oriġini bl-użu tal-formola li tidher fl-Anness I għar-Regolament (meta *ma tkunx* soġġetta għall-proċeduri għal rikonoxximent jew dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà taħt it-Taqsima 1) jew fl-Anness II (meta tkun soġġetta għall-proċeduri għal rikonoxximent jew dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà taħt it-Taqsima 2). Il-qorti tal-oriġini għandha toħroġ ukoll tali silta fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet interessati. Fejn meħtieġ, il-Parti li tinvoka d-deċiżjoni rikonoxxuta għandha tipprovdi traduzzjoni jew traskrizzjoni, skont ir-rekwiżiti lingwistiċi xierqa (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima II għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti lingwistiċi skont ir-Regolament).

---

[268] Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima II, għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti relatati mal-lingwa u t-traduzzjoni skont ir-Regolament.

[269] Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima II, għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti relatati mal-lingwa u t-traduzzjoni skont ir-Regolament.

## 6. Itlob dokumenti addizzjonali

553. Jekk l-applikazzjoni tidher li hija inkompleta minħabba li huma meħtieġa dokumenti addizzjonali, l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi rrifjutata. Minflok, għandha ssir talba għal dokumenti addizzjonali lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], li min-naħa tagħha tista' tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti.

554. Jekk issir talba għal dokumenti addizzjonali mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], l-Istat rikjedenti għandu ***90 jum***, skont ir-Regolament, sabiex jipprovdi d-dokumenti. Jekk id-dokumenti mitluba ma jiġux ipprovduti fiż-żmien speċifikat, mela allura jkun irid jingħata bidu għal segwitu ulterjuri mal-Istat rikjedenti. Madankollu, jekk id-dokumenti jibqgħu ma jaslux u, għalhekk, l-applikazzjoni ma tkunx tista' tiġi pproċessata, l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] tista' (iżda mhijiex obbligata) tagħlaq il-fajl u tinforma b'dan lill-Istat rikjedenti.

## 7. Fittex il-post fejn jinsab il-konvenut

555. Jekk l-applikant ma jkun ipprovda ebda indirizz validu għall-konvenut, l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] jista' jkun li ddeterminat fejn jinsab sabiex tiżgura li hija tkun tista' tipprovdi notifika (jekk tkun meħtieġa) tal-applikazzjoni għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew għal infurzar. F'xi Stati, it-talba għat-tfittxija jew għal-lokalizzazzjoni tinbeda mill-awtorità kompetenti fi stadju aktar tard fil-proċess. Din hija materja ta' proċess intern.[270] Sabiex tiddetermina fejn jinsab il-konvenut, l-Awtorità Ċentrali hija mistennija li tikseb aċċess għal kwalunkwe bank ta' dejta u sorsi ta' informazzjoni pubblika li jkollha aċċess għalihom, kif ukoll titlob lil korpi pubbliċi oħrajn jagħmlu t-tfittxija f'isimha, fil-limiti stabbiliti mil-liġi domestika li tirrispetta l-aċċess għall-informazzjoni personali (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VI, għal diskussjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta u t-trattament tal-informazzjoni personali skont ir-Regolament). L-Awtoritajiet Ċentrali jista' jkollhom ukoll aċċess għal sorsi ristretti ta' informazzjoni.

556. Jekk il-Konvenut ma jkunx jista' jinstab għall-finijiet tan-notifika, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti għandha tiġi informata mill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] (ftakar li fil-każ ta' applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà ta' deċiżjoni bbażata fuq il-post fejn jinsabu l-assi jew id-dħul fl-Istat rikjest, il-konvenut jista' jkun jinsab barra l-Istat). Jekk ma tkun disponibbli ebda informazzjoni addizzjonali li tgħin sabiex jinstab il-konvenut, il-materja ma tkunx tista' tipproċedi.

# III. Proċeduri: Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tad-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti

557. Id-diskussjoni f'din il-Parti tkopri l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tad-deċiżjonijiet dwar manteniment taħt it-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament.

[270] Ara *supra*, in-nota 202.

## *A. Dispożizzjonijiet komuni għat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (deċiżjonijiet meħuda minn Stati Membri marbuta u minn dawk li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007)*

### 1. Infurzabbiltà provviżorja (l-Art. 39)

558. Ir-Regolament jistabbilixxi li l-qorti tal-oriġini ta' deċiżjoni tista' tiddikjara deċiżjoni bħala provviżorjament infurzabbli, minkejja kwalunkwe appell li jista' jsir, anki jekk il-liġi nazzjonali ma tipprevedix l-infurzabbiltà bl-operat tal-liġi (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi skont ir-Regolament).

### 2. L-invokazzjoni ta' deċiżjoni rikonoxxuta (l-Art. 40)

559. L-Artikolu 40 tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni għall-invokazzjoni ta' deċiżjoni rikonoxxuta (li kienet diġà rikonoxxuta skont il-proċeduri msemmija fit-Taqsima 1 jew 2 tal-Kapitolu IV) fi Stat Membru ieħor (ara d-diskussjoni fit-taqsima II.A.5. ta' dan il-Kapitolu, *supra*, għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni).

### 3. Il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-infurzar (l-Art. 41)

560. L-Artikolu 41 tar-Regolament jistabbilixxi r-regola ewlenija għall-infurzar tad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament, jiġifieri li l-proċeduri tal-infurzar għandhom ikunu skont il-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar u li d-deċiżjonijiet meħuda minn Stati Membri oħrajn għandhom jiġu infurzati taħt l-istess kundizzjonijiet bħal deċiżjoni mogħtija fl-Istat Membru tal-infurzar (għal aktar informazzjoni ara l-Kapitolu 12 dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment).

### 4. Ebda reviżjoni rigward is-sustanza (l-Art. 42)

561. Ir-Regolament jistabbilixxi li "taħt l-ebda ċirkostanza" ma tista' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tkun riveduta fir-rigward tas-sustanza tagħha fl-Istat Membru fejn jintalbu r-rikonoxximent, l-infurzabbiltà jew l-infurzar.

### 5. Ebda preċedenza għall-irkupru tal-ispejjeż (l-Art. 43)

562. Ir-Regolament jitlob li l-irkupru tal-manteniment għandu jieħu preċedenza fuq l-irkupru ta' kwalunkwe spejjeż imġarrba fl-applikazzjoni tar-Regolament.

## *B. Il-proċeduri skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament: Stati Membri marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007*

### 1. Irrikonoxxi d-deċiżjoni

563. Ladarba l-awtorità kompetenti rilevanti tirċievi l-applikazzjoni kompleta għar-rikonoxximent, id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta, mingħajr ebda "proċedura speċjali" u "mingħajr l-ebda possibbiltà li wieħed jopponi r-rikonoxximent tagħha" (l-Art. 17(1)).[271]

### 2. Ħu l-miżuri protettivi neċessarji

564. Permezz tar-rikonoxximent tad-deċiżjoni u l-infurzabbiltà tagħha fl-Istat Membru tal-oriġini (l-Art. 17(2)), awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tipproċedi għal

---

[271] Ara *supra*, in-nota 259.

kwalunkwe miżuri protettivi li jeżistu skont il-liġi domestika tal-Istat Membru tal-infurzar (l-Art. 18)[272] (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi skont ir-Regolament).

## 3. Inforza d-deċiżjoni

565. Id-deċiżjoni dwar il-manteniment tista' tiġi infurzata skont il-liġijiet domestiċi tal-Istat rikjest jekk id-deċiżjoni tkun infurzabbli fl-Istat Membru tal-oriġini, mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (l-Art. 17(2)). L-Artikolu 20 tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni għall-finijiet tal-infurzar skont il-proċedura msemmija fit-Taqsima 1 (ara t-taqsima II.A.5. ta' dan il-Kapitolu, *supra*, għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni). Jekk id-debitur ma jkunx lest li jħallas il-manteniment volontarjament, l-infurzar tad-deċiżjoni jista' jseħħ kif permess mil-liġi tal-Istat rikjest[273] (ara l-Kapitolu 12 għal aktar informazzjoni dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment).

## 4. Notifika lill-konvenut u lill-applikant

566. In-notifika lill-konvenut u lill-applikant għandha ssir skont il-liġi domestika.[274]

## 5. Id-dritt tal-konvenut li japplika għal reviżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini (l-Art. 19)[275]

567. Il-konvenut għandu d-dritt li japplika għal reviżjoni tad-deċiżjoni *fl-Istat tal-oriġini* jekk huwa ma jkunx deher fl-Istat Membru tal-oriġini minħabba li ma kienx innotifikat bid-dokumenti li jagħtu bidu għall-proċeduri (jew dokumenti ekwivalenti) fi żmien suffiċjenti jew b'tali mod li seta' jħejji għad-difiża tiegħu, jew inkella minħabba li kien impedit milli jikkontesta t-talba għal manteniment minħabba forza maġġuri (jew minħabba "ċirkostanzi straordinarji mingħajr l-ebda ħtija min-naħa tiegħu"), sakemm ma kienx naqas milli jikkontesta d-deċiżjoni meta kien possibbli li jagħmel dan (l-Art. 19).

568. Il-konvenut għandu japplika għal reviżjoni bħal din fi żmien 45 mill-jum meta huwa "sar jaf effettivament bil-kontenut tad-deċiżjoni u seta' jirreaġixxi", jew mhux aktar tard mid-data tal-ewwel miżura ta' infurzar "li jkollha l-effett li tagħmel il-proprjetà tiegħu parzjalment jew totalment indisponibbli" (l-Art. 19(2)). Il-konvenut ma jista' jingħata ebda estensjoni taż-żmien fuq il-bażi tad-distanza.

569. L-applikazzjoni għal reviżjoni għandha ssir lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini. Jekk il-qorti tirrifjuta l-applikazzjoni għal reviżjoni minħabba nuqqas ta' raġunijiet (speċifikati fl-Art. 19(1)), id-deċiżjoni tibqa' fis-seħħ. Iżda jekk il-qorti tiddeċiedi li reviżjoni hija ġustifikata, id-deċiżjoni titqies bħala "nulla u mingħajr effett", madankollu, il-kreditur ma għandux jitlef il-benefiċċji li jirriżultaw mill-interruzzjoni tal-perjodi ta' preskrizzjoni / limitazzjoni u lanqas id-dritt li jitlob manteniment retroattiv (l-Art. 19(3)).

## 6. Applikazzjonijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-infurzar

570. L-Artikolu 21 tar-Regolament jipprovdi wkoll diversi raġunijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni ta' deċiżjoni li tista' titqajjem *fl-Istat tal-infurzar* fuq talba tad-debitur jew tal-konvenut. B'mod aktar ġenerali, ir-raġunijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-

---

[272] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[273] Skont il-liġi domestika u l-proċeduri ta' [Isem l-Istat] […].
[274] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […]. Madankollu, ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima IX, għal aktar informazzjoni dwar l-istrumenti li jittrattaw kwistjonijiet ta' notifika transkonfinali, jekk in-notifika għandha tingħata lil konvenut jew applikant barra l-pajjiż.
[275] Għandu jiġi nnotat li l-Art. 19 tar-Regolament huwa essenzjalment parallel (b'xi differenzi żgħar) għall-Art. 19 tar-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Infurzar, għall-Art. 20 tar-*Regolament (KE) Nru. 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea* u għall-Art. 9 tar-*Regolament (KE) Nru. 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi proċedura Ewropea għal talbiet żgħar.*

infurzar ta' deċiżjoni huma konformi mal-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar, sakemm ma jkunux inkompatibbli mar-raġunijiet speċifikati fl-Art. 21(2) u (3) tar-Regolament.

571. Id-debitur jista' japplika għar-rifjut totali jew parzjali tal-infurzar ta' deċiżjoni, jekk "id-dritt tal-infurzar tad-deċiżjoni fil-qorti tal-oriġini jintemm bl-effett ta' preskrizzjoni jew bil-limitazzjoni tal-azzjoni" (bit-twiddiba li d-deċiżjoni tingħata l-benefiċċju tal-perjodu ta' limitazzjoni itwal bejn dak tal-Istat Membru tal-oriġini jew tal-Istat Membru tal-infurzar) jew jekk id-deċiżjoni tkun "irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni" mogħtija fl-Istat Membru tal-infurzar jew ma' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor jew Stat terz xieraq ieħor (l-Art. 21(2)).[276]

572. L-Artikolu 21(3) tar-Regolament jipprevedi t-tielet raġuni għas-sospensjoni tal-infurzar, jekk il-qorti kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tkun tressqet quddiemha applikazzjoni għar-reviżjoni ta' deċiżjoni prevista taħt l-Artikolu 19 tar-Regolament, jew jekk id-deċiżjoni tkun ġiet sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini. Ta' min jinnota li awtorità kompetenti *tista'*, iżda mhijiex obbligata li, tissospendi l-infurzar ta' deċiżjoni jew Parti minn deċiżjoni skont l-Artikolu 21(3).

573. L-applikazzjonijiet jew l-appelli ulterjuri għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni, b'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament, għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.[277]

## 7. Nuqqas ta' effett fuq l-eżistenza ta' relazzjonijiet familjari

574. L-Artikolu 22 tar-Regolament jikkjarifika li l-proċedura stipulata fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, li tinvolvi l-abolizzjoni tal-proċess ta' exequatur, "bl-ebda mod ma għandha timplika r-rikonoxximent tar-relazzjoni familjari, ta' parentela, ta' żwieġ jew ta' affinità li huma sottostanti għall-obbligu ta' manteniment li wassal għad-deċiżjoni".

# C. *Il-proċeduri skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament: l-Istati Membri mhux marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007*

## 1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri stipulati fit-Taqsima 2

575. Ladarba l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tkun irċeviet l-applikazzjoni kompleta għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, din tiġi rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli skont il-proċeduri ssimplifikati stipulati fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament.[278]

576. Għandu jiġi nnotat li, kif iddikjarat fil-Premessa 26 tar-Regolament, il-proċedura stipulata fit-Taqsima 2 hija mmudellata fuq il-proċedura u r-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent imsemmija fir-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali*.[279]

577. Il-proċeduri stipulati fit-Taqsima 2 japplikaw għad-deċiżjonijiet li jingħataw fl-Istati Membri li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, jiġifieri, ir-Renju Unit u d-Danimarka.[280]

---

[276] Huwa kkjarifikat li d-deċiżjonijiet ta' modifikazzjoni fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi mibdula mhumiex ser jitqiesu bħala "deċiżjonijiet irrikonċiljabbli" taħt dan l-Artikolu.
[277] Ara *supra*, in-nota 262.
[278] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[279] Is-sistemi stabbiliti fl-istrumenti huma simili ħafna, b'xi differenzi, notevolment fir-rigward tal-limiti ta' żmien iqsar u obbligatorji msemmija fir-Regolament tal-2009.
[280] Innota li l-proċedura msemmija fit-Taqsima 2 sejra tapplika wkoll għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel kien applikabbli r-Regolament, iżda wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament "Brussell I". Jekk jogħġbok ara l-Parti I tal-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

578. Skont l-Artikolu 68(2) tar-Regolament, ir-Regolament ma jissostitwixxix ir-*Regolament (KE) Nru. 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati* (ir-"Regolament dwar l-Ordni Ewropew ta' Infurzar") fir-rigward tal-Ordnijiet Ewropej ta' Infurzar għad-deċiżjonijiet dwar manteniment mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll. Għalhekk, ir-Regolament dwar l-Ordni ta' Infurzar jista' jintuża għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri fejn huwa applikabbli r-Regolament u li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (jiġifieri għad-deċiżjonijiet mogħtija fir-Renju Unit). Madankollu, għandu jiġi nnotat li jekk jiġi applikat ir-Regolament dwar l-Ordni ta' Infurzar, l-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament tal-2009 normalment ma jiġux involuti. It-talbiet għal manteniment ikkontestati mir-Renju Unit xorta waħda jibqgħu soġġetti għall-proċedura stipulata fit-Taqsima 2, il-Kapitolu IV tar-Regolament tal-2009.

## 2. Rikonoxximent (l-Art. 23)[281]

579. L-Artikolu 23 tar-Regolament jistabbilixxi li ma għandha tkun meħtieġa "ebda proċedura speċjali" sabiex jiġu rikonoxxuti d-deċiżjonijiet minn Stati Membri oħrajn mhux marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (l-Art. 23(1)), kif ukoll li kwalunkwe Parti interessata tista' tapplika sabiex tali deċiżjoni tiġi rikonoxxuta skont il-proċeduri tar-Regolament (l-Art. 23(2)).[282] Għandu jiġi nnotat li Parti interessata tista' tapplika direttament għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (ara d-diskussjoni, *infra*, rigward l-Art. 26) mingħajr ma jkun meħtieġ li l-ewwel tapplika għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni.

## 3. Dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (l-Artikoli 26-30)

580. L-Artikolu 26[283] tar-Regolament jistabbilixxi li deċiżjoni meħuda minn Stat Membru ieħor mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 għandha tkun infurzabbli fi Stat Membru ieħor *wara* dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet interessati. Għandu jiġi nnotat li d-deċiżjoni meħuda minn Stat Membru ieħor mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 għandha tkun infurzabbli f'dak l-Istat l-ieħor. Ir-rekwiżit li d-deċiżjoni tkun infurzabbli jinkludi deċiżjonijiet provviżorjament infurzabbli, deċiżjonijiet li jġorru miżuri interim, deċiżjonijiet mhux finali, eċċ., sakemm id-deċiżjoni tkun infurzabbli fl-Istat tal-oriġini.[284]

581. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni (skont l-Art. 71) rigward dawk il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tal-infurzar fejn għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà. Il-"ġuriżdizzjoni lokali" għandha tiġi ddeterminata mill-post tar-residenza abitwali tal-persuna li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar jew inkella mill-post tal-infurzar (l-Art. 27).[285] L-Artikoli 28 u 29[286] jispeċifikaw ir-rekwiżiti tad-dokument għall-applikazzjonijiet għad-dikjarazzjonijiet tal-infurzabbiltà (ara d-diskussjoni fit-taqsima II.A.5., *supra*).

582. Ir-Regolament (l-Art. 30)[287] jistabbilixxi li deċiżjoni għandha tiġi ddikjarata bħala infurzabbli mingħajr l-ebda reviżjoni skont l-Artikolu 24 (ara d-diskussjoni fl-Art. 24, *infra*), "immedjatament" wara t-tlestija tal-formalitajiet tad-dokumentazzjoni stipulati fl-Artikolu 28 u "fi żmien mhux aktar tard" minn 30 jum mit-tlestija ta' dawn il-

---

[281] L-Art. 23 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 33 tar-Regolament Brussell I.

[282] Innota li l-Art. 23(3) jistabbilixxi li jekk l-eżitu tal-proċeduri jkun dipendenti fuq ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar il-manteniment, mela allura qorti jkollha wkoll il-ġuriżdizzjoni fuq il-kwistjoni tar-rikonoxximent. Sabiex l-Art. 23(3) ikun applikabbli, ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni għandu jkun neċessarju fil-kuntest tad-deċiżjoni ewlenija, pereżempju, rigward id-diviżjoni tal-proprjetà matrimonjali meta tkun meħtieġa d-deċiżjoni dwar il-manteniment sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' proprjetà disponibbli.

[283] L-Art. 26 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 38 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 31 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

[284] Ta' min jinnota li skont l-Art. 39 tar-Regolament, deċiżjoni tista' tiġi ddikjarata bħala provviżorjament infurzabbli fl-Istat tal-oriġini, minkejja kwalunkwe appell u anki jekk il-liġi nazzjonali ma tipprevedix l-infurzabbiltà bl-operat tal-liġi.

[285] L-Art. 27 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 39 tar-Regolament Brussell I.

[286] L-Art. 28 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 53 tar-Regolament Brussell I. L-Art. 29 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 55 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 48 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

[287] L-Art. 30 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 41 tar-Regolament Brussell I.

formalitajiet, ħlief jekk dan ma jkunx possibbli minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.[288] F'dan l-istadju, il-Parti li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar ma tkunx ġiet innotifikata u ma jkollhiex l-opportunità li tidher waqt il-proċeduri.

## 4. L-għoti ta' notifika tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni (l-Art. 31)[289]

583. Ir-Regolament (l-Art. 31) jesiġi li d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà għandha tinġieb "immedjatament" għall-attenzjoni tal-applikant skont il-proċedura stabbilita bil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.[290] Barra minn hekk, huwa jesiġi wkoll li d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà, akkumpanjata mid-deċiżjoni (jekk din ma tkunx ġiet innotifikata diġà lil dik il-parti) għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun qiegħed jintalab l-infurzar, li min-naħa tagħha mbagħad tista' tappella kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà.

## 5. Appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għad-dikjarazzjoni (l-Artikoli 32-34)[291]

584. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tista' tiġi appellata minn kwalunkwe waħda mill-partijiet, b'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament. Appell għandu jiġi sottomess fi żmien 30 jum min-notifika, jew fi żmien 45 jum, jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar ikollha r-residenza abitwali tagħha fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn tkun ingħatat id-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà (ma għandha tingħata ebda estensjoni taż-żmien fuq il-bażi tad-distanza). Il-qorti li tressaq quddiemha appell skont l-Artikolu 32(4) tar-Regolament għandha tagħti s-sentenza tagħha fi żmien 90 jum mid-data tal-invokazzjoni, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali (l-Art. 34(2)). Ma tista' tittieħed ebda miżura ta' infurzar, apParti minn miżuri protettivi, kontra l-proprjetà tal-Parti li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar, sakemm ikun iddeterminat l-appell (l-Art. 36(3)).

585. Il-proċedura għall-kontestazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-appell (l-Art. 33) għandha ssegwi l-proċeduri speċifikati minn Stat Membru skont l-Artikolu 71 tar-Regolament, li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.[292] Il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat appell ulterjuri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha "mingħajr dewmien" (l-Art. 34(3)).

586. Il-qrati li jisimgħu appelli skont l-Artikoli 32 jew 33 tar-Regolament jistgħu jirrifjutaw jew jirrevokaw dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà biss għal waħda mir-raġunijiet speċifikati fl-Artikolu 24 (ara d-diskussjoni li ġejja hawn taħt).

## 6. Raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent (l-Art. 24)[293]

587. Ir-Regolament jipprovdi għadd ta' raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni (l-Art. 24), jiġifieri:

a) jekk ir-rikonoxximent ikun imur "evidentement" kontra l-ordni pubbliku (bl-eċċezzjoni ta' eżaminazzjoni tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni stabbiliti mir-Regolament),
b) jekk id-deċiżjoni ngħatat fin-nuqqas tal-preżenza tal-konvenut waqt il-proċeduri u kien hemm difetti (kif speċifikati) fin-notifika mogħtija lill-konvenut,
ċ) jekk id-deċiżjoni tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija f'tilwima bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru fejn jiġi mfittex ir-rikonoxximent,[294]

---

[288] Dan il-limitu ta' żmien obbligatorju ta' 30 jum huwa regola ġdida mill-proċeduri preċedenti stipulati fir-Regolament Brussell I.
[289] L-Art. 31 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 42 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 35 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.
[290] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[291] L-Artikoli 32-34 tar-Regolament huma l-Artikoli paralleli għall-Artikoli 43-45, rispettivament, tar-Regolament Brussell I.
[292] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[293] L-Art. 24 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 34 tar-Regolament Brussell I.

d) jekk id-deċiżjoni tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni preċedenti mogħtija fi Stat Membru jew Stat terz ieħor f'tilwima li tinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni bejn l-istess partijiet (bil-kundizzjoni li l-imsemmija deċiżjoni tissodisfa r-rekwiżiti għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest).[295]

## 7. Sospensjoni tal-proċeduri ta' rikonoxximent (l-Art. 25)[296]

588. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fl-Istat Membru fejn jiġi mfittex ir-rikonoxximent għandha tissospendi l-proċeduri għar-rikonoxximent jekk l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini minħabba appell (l-Art. 25).[297]

## 8. Sospensjoni tal-proċeduri (l-Art. 35)[298]

589. Il-qorti ppreżentata b'appell skont l-Artikolu 32 jew l-Artikolu 33 tar-Regolament għandha, fuq applikazzjoni tal-persuna li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar, tissospendi l-proċeduri, jekk l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini minħabba appell.

## 9. Miżuri provviżorji, inkluż dawk protettivi (l-Art. 36)[299]

590. L-Artikolu 36(1) tar-Regolament jikkjarifika li ma hemm xejn li għandu jfixkel lil applikant milli jagħmel użu mill-miżuri provviżorji / protettivi disponibbli skont il-liġi domestika tal-Istat Membru tal-infurzar, mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà. L-Artikolu 36(2) tar-Regolament jikkjarifika wkoll li d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà għandha ġġib magħha, "bl-operat tal-liġi", is-setgħa li wieħed jipproċedi għal kwalunkwe miżura protettiva. L-Artikolu 36(3) tar-Regolament jispeċifika li ma tista' tittieħed ebda miżura ta' infurzar, minbarra miżuri protettivi, kontra l-proprjetà tal-Parti li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar matul iż-żmien speċifikat għal appell skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII, *supra*, għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi).

## 10. Infurzabbiltà parzjali (l-Art. 37)[300]

591. Applikant jista' jitlob dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà limitata għal ċerti partijiet ta' deċiżjoni, filwaqt li awtorità kompetenti tista' bl-istess mod, fuq inizjattiva tagħha stess, tiddikjara partijiet ta' deċiżjoni bħala infurzabbli, jekk tali infurzabbiltà ma tkunx tista' tingħata għall-materji kollha.

## 11. Ebda ħlas, dazju jew imposta (l-Art. 38)[301]

592. Ir-Regolament jesiġi li ma jistgħu jiġu applikati ebda "ħlasijiet, dazji jew imposti kkalkolati b'referenza għall-valur tal-materja inkwistjoni" fl-Istat Membru tal-infurzar.

## 12. Infurzar

593. Ladarba d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli (u jkunu ġew eżawriti l-appelli rilevanti), hija tkun tista' tiġi infurzata skont il-liġijiet domestiċi tal-Istat

[294] Huwa kkjarifikat li deċiżjoni li jkollha l-effett li timmodifika deċiżjoni preċedenti dwar manteniment, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi mibdula, ma għandhiex titqies bħala "deċiżjoni irrikonċiljabbli".
[295] *Ibid*.
[296] L-Art. 25 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 37 tar-Regolament Brussell I u għall-Art. 30 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.
[297] L-obbligu tas-sospensjoni tal-proċeduri f'din iċ-ċirkostanza huwa regola ġdida mill-proċeduri preċedenti stipulati fir-Regolament Brussell I, fejn is-sospensjoni tal-proċeduri ma kinitx obbligatorja f'din iċ-ċirkostanza.
[298] L-Art. 35 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 46 tar-Regolament Brussell I.
[299] L-Art. 36 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 47 tar-Regolament Brussell I.
[300] L-Art. 37 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 48 tar-Regolament Brussell I.
[301] L-Art. 38 tar-Regolament huwa l-Artikolu parallel għall-Art. 52 tar-Regolament Brussell I.

rikjest.[302] Ara l-Kapitolu 12 għal aktar informazzjoni dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment.

### D. Il-komunikazzjoni mal-Istat rikjedenti

594. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti għandhom ikunu konxji li l-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom (f'dan il-każ, l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat]) ikollha doveri ta' rapportar perjodiku fir-rigward tal-progress tal-applikazzjonijiet skont ir-Regolament (l-Art. 58). L-awtoritajiet kompetenti x'aktarx li jintalbu jippreżentaw ir-rapporti ta' progress imħejjija mill-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom u għandhom ikunu lesti sabiex jikkooperaw mal-Awtorità Ċentrali f'dan ir-rigward.

## IV. Aspetti oħrajn: Applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew għal rikonoxximent u dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà

### A. Applikazzjonijiet għal rikonoxximent imressqa minn debitur

#### 1. Ġenerali

595. Skont ir-Regolament, debitur jista' jagħmel applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni fejn ikun meħtieġ ir-rikonoxximent għas-sospensjoni jew għal-limitazzjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti fl-Istat Membru rikjest (l-Art. 56(2) *a)*). Din l-applikazzjoni tista' ssir meta d-debitur ikun jixtieq li jkollu deċiżjoni differenti li tiġi rikonoxxuta fl-Istat fejn qiegħed iseħħ l-infurzar (jiġifieri [Isem l-Istat]), jew meta d-debitur ikun kiseb modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti fi Stat Membru ieħor u issa jkun jixtieq li din tiġi rikonoxxuta fi [Isem l-Istat], minħabba li huwa jkollu assi hemmhekk.

596. Ara l-Kapitolu 11 għal diskussjoni ulterjuri dwar l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni. Jekk ikun hemm deċiżjoni dwar manteniment li diġà qiegħda tiġi infurzata fi [Isem l-Istat], ir-Regolament jitlob li deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta qabel tkun tista' tillimita jew tissospendi effettivament l-infurzar tal-ewwel deċiżjoni. Madankollu, xi Stati jistgħu ma jkollhomx bżonn jieħdu dan il-pass – pereżempju, meta modifikazzjoni ssir mill-istess awtorità li tkun ħarġet l-ewwel deċiżjoni.[303]

597. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Artikolu 40 tar-Regolament jipprovdi proċedura li permezz tagħha kwalunkwe parti, inkluż debitur, tista' tinvoka deċiżjoni li diġà tkun ġiet rikonoxxuta skont il-proċeduri ta' rikonoxximent stipulati fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (ara t-taqsima II.A.5., *supra*, f'dan il-Kapitolu rigward ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni taħt l-Art. 40).

#### 2. Meta tista' tintuża din l-applikazzjoni minn debitur

598. Billi l-iskop tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 56(2) *a)* huwa li tillimita l-infurzar u billi ħafna mill-infurzar iseħħ fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur, f'ħafna każijiet, id-debitur li jitlob ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni jkun jirrisjedi fl-Istat fejn tkun trid tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni, jiġifieri fi [Isem l-Istat]. Ir-Regolament ma jindirizzax speċifikament din is-sitwazzjoni u, għalhekk, f'dawn il-każijiet, ir-rikonoxximent ikollu jiġi

> **Modifikazzjoni** tirreferi għall-proċess tat-tibdil ta' deċiżjoni dwar manteniment wara li tkun ittieħdet. F'xi Stati, din hija magħrufa bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni għat-tibdil ta' deċiżjoni. Il-modifikazzjoni tista' tkun relatata mal-ammont tal-manteniment, mal-frekwenza tiegħu jew xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

[302] Ara *supra*, in-nota 262.
[303] *Ibid*.

ttrattat skont il-liġi domestika bħala talba lil awtorità kompetenti fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur.[304] Meta jintalab rikonoxximent fi [Isem l-Istat], fejn id-debitur ikollu assi iżda mhux ir-residenza tiegħu, id-debitur jista' jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 56(2) *a)*.

599. Fil-każijiet kollha fejn materja tipproċedi bħala applikazzjoni skont l-Artikolu 56(2) *a)*, id-debitur ikun l-applikant. F'dawn il-każijiet, il-kreditur ikun il-konvenut u tkun trid tingħata notifika tar-reġistrazzjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà lill-kreditur.

**Eżempju**

600. Id-debitur jirrisjedi fil-Pajjiż A, fejn ittieħdet id-deċiżjoni inizjali dwar il-manteniment. Huwa għandu assi jew dħul fi [Isem l-Istat]. Il-kreditur jirrisjedi fi [Isem l-Istat] u d-deċiżjoni inizjali kienet rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] u qiegħda tiġi infurzata kontra l-assi tad-debitur fi [Isem l-Istat]. Id-debitur issa kiseb deċiżjoni mmodifikata mill-Pajjiż A. Huwa jixtieq li din id-deċiżjoni mmodifikata tkun rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] sabiex tillimita l-infurzar tal-ewwel deċiżjoni.

**Kif jaħdem dan il-proċess skont ir-Regolament**

601. Id-debitur jista' jressaq applikazzjoni skont l-Artikolu 56(2) *a)* tar-Regolament quddiem l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. Il-Pajjiż A jibgħat l-applikazzjoni lil [Isem l-Istat] fejn, bl-użu tal-proċeduri deskritti f'dan il-Kapitolu, id-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli. Il-partijiet jiġu nnotifikati bid-deċiżjoni u jingħataw l-opportunità sabiex jikkontestaw jew jappellaw mir-rikonoxximent, mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew mill-infurzar, skont kif xieraq, skont il-proċeduri stipulati fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, deskritti hawn fuq. Ladarba d-deċiżjoni mmodifikata tiġi ddikjarata bħala infurzabbli u jkun ġie eżawrit kwalunkwe dritt ta' appell rilevanti, kif applikabbli, tali deċiżjoni mmodifikata tidħol fis-seħħ fi [Isem l-Istat] sabiex tillimita l-infurzar tad-deċiżjoni oriġinali.

## 3. Proċeduri

602. Il-proċeduri tar-rikonoxximent jew tar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà diskussi f'dan il-Kapitolu huma applikabbli għall-applikazzjonijiet mid-debitur għar-rikonoxximent f'dawn iċ-ċirkostanzi.

## 4. Ir-restrizzjonijiet fuq ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet immodifikati

603. Huwa importanti li tinnota li r-Regolament jipprovdi restrizzjoni importanti fuq id-dritt tad-debitur li jkollu deċiżjoni mmodifikata li tiġi rikonoxxuta skont ir-Regolament. Kreditur jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata jekk din tkun saret fi Stat Membru differenti mill-Istat fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni (l-Istat tal-oriġini) u l-kreditur kellu r-residenza abitwali tiegħu fl-Istat tal-oriġini fil-mument li saret id-deċiżjoni mmodifikata (l-Art. 8). Fil-fatt, hemm xi ftit eċċezzjonijiet fejn dan ikun permess, iżda huwa importanti li jiġi mfakkar li d-dritt tad-debitur li jkollu deċiżjoni mmodifikata li tiġi rikonoxxuta huwa soġġett għal ċerti restrizzjonijiet li ma japplikawx għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet oħrajn.

604. Ara l-Kapitolu 11 li jirrispetta l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni.

# B. *Is-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi*

605. Il-Kapitolu VI tar-Regolament jistabbilixxi li "s-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi" li huma infurzabbli fi Stat Membru tal-oriġini jiġu rikonoxxuti u jkunu

[304] F'xi Stati, l-Awtorità Ċentrali taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għal dan il-għan u tassisti lid-debitur fil-proċess tar-rikonoxximent. Fil-każ tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni, ir-rikonoxximent jista' jiġi ttrattat bħala l-pass finali f'dik l-applikazzjoni (ara l-Kapitolu 11) u ma jkollha bżonn titressaq ebda applikazzjoni ġdida. Dan jiddependi fuq il-proċessi interni ta' kull Stat. Fi [Isem l-Istat] [...].

infurzabbli fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment (l-Art. 48(1)). L-Artikolu 48(2) tar-Regolament jispeċifika li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament japplikaw "kif meħtieġ" għas-soluzzjonijiet bil-qorti u għall-istrumenti awtentiċi. Ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni għas-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi huma stipulati fl-Artikolu 48(3) tar-Regolament (ara wkoll it-taqsima II.A.5., *supra*).

606. Ir-Regolament jiddefinixxi soluzzjoni bil-qorti fl-Artikolu 2(1)(2) bħala "soluzzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment li kienet approvata minn qorti jew konkluża quddiem qorti matul il-proċeduri".

607. L-Artikolu 2(1)(3) tar-Regolament jiddefinixxi "strument awtentiku" bil-modi li ġejjin:

a) dokument f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment li tfassal jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini u li l-awtentiċità tiegħu:

   i) hija relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument, u
   ii) ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa li tagħmel dan; jew

b) arranġament relatat ma' obbligi ta' manteniment konkluż mal-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru tal-oriġini jew awtentikat minnhom.

# V. Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà – Kwistjonijiet oħrajn

## A. Assistenza legali

608. Skont ir-Regolament, l-Istat rikjest li jipproċessa kwalunkwe applikazzjoni magħmula minn Awtorità Ċentrali għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment li tikkonċerna wild iżgħar minn 21 sena għandu jipprovdi lill-kreditur b'assistenza legali bla ħlas.[305] Ftakar li jekk l-Istat jipprovdi aċċess effettiv għall-proċeduri permezz tal-użu ta' proċeduri ssimplifikati, ma jkun hemm ebda intitolament għal assistenza legali bla ħlas.[306]

609. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VII, għal aktar dettalji dwar ir-rekwiżit li jiġi pprovdut aċċess effettiv għall-proċeduri, inkluż l-għoti ta' assistenza legali bla ħlas, jekk tkun meħtieġa.

## B. Kwistjonijiet ta' infurzar

### Il-konverżjoni tal-valuta

610. Ir-Regolament ma jindirizzax il-kwistjoni tal-konverżjoni tal-obbligi għal manteniment minn valuta għal oħra. Skont il-proċessi użati mill-awtorità kompetenti għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni, jista' jkun hemm ukoll proċess konkorrenti għall-konverżjoni tal-obbligu għal manteniment stipulat fid-deċiżjoni għall-valuta tal-Istat tal-infurzar. L-awtorità kompetenti jista' jkollha bżonn tikseb ċertifikat li jikkonferma r-rata tal-kambju użata għall-konverżjoni tal-pagamenti u l-ammont ikkonvertit imbagħad jifforma l-bażi tar-responsabbiltà tal-manteniment fl-Istat kompetenti. F'każijiet oħrajn, jista' jkun li l-Istat rikjedenti jkun diġà kkonverta d-deċiżjoni, inklużi kwalunkwe arretrati, għall-valuta tal-Istat tal-infurzar.[307]

---

[305] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […]. dwar il-proċedura għall-għoti ta' għajnuna legali, ara *supra*, in-nota 86.
[306] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[307] Fi [Isem l-Istat] […].

611. Il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konverżjoni tal-valuta huma indirizzati f'aktar dettall fil-Kapitolu 12 dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment.

# VI. Materjal addizzjonali

## A. Pariri prattiċi

- Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet rikonoxxuta, ħafna Stati jipprovaw jikkuntattjaw lid-debitur minnufih sabiex ifittxu konformità volontarja mad-deċiżjoni mill-aktar fis possibbli bil-għan li jiżguraw li l-manteniment jingħata lill-kreditur u lit-tfal kemm jista' jkun malajr.[308]
- L-għan tal-proċess ta' rikonoxximent u infurzar stabbilit fir-Regolament huwa li jippermetti l-ipproċessar rapidu u effiċjenti tal-applikazzjonijiet. L-imħallfin, il-persunal tal-qorti u awtoritajiet involuti oħrajn fl-Istat rikjest għandhom iżommu dan f'moħħhom u jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiggarantixxu li l-kawżi jiġu pproċessati mill-aktar fis possibbli u bl-inqas dewmien possibbli.
- Mhux il-proċeduri u r-rekwiżiti kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà huma inklużi fir-Regolament. L-imħallfin għandhom isegwu wkoll il-liġi u l-proċeduri domestiċi rilevanti. Pereżempju, l-awtoritajiet kompetenti jridu jikkunsidraw kwalunkwe rekwiżiti domestiċi li jikkonċernaw il-mod kif tiġi pprovduta n-notifika lill-konvenut tad-deċiżjoni, jew il-mod kif applikant li jgħix barra mill-Istat rikjest għandu jiġi nnotifikat bi kwalunkwe deċiżjoni.

## B. Formoli relatati

L-Anness I
L-Anness II
L-Anness III
L-Anness IV
L-Anness VI

## C. Artikoli tar-Regolament

Il-Kapitolu IV, l-Artikoli 16-43
L-Artikolu 56(2) *a)*
L-Artikolu 57
L-Artikolu 58
L-Artikolu 48
L-Artikolu 64

## D. Kapitoli relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 12 – L-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 3 – Materji ta' applikazzjoni ġenerali: il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

[308] Għal aktar informazzjoni dwar is-soluzzjoni amikevoli tat-tilwimiet fi [Isem l-Istat], ara *supra*, in-nota 234.

## VII. Lista ta' kontroll – L-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar

| | Proċedura | Referenza għall-Manwal |
|---|---|---|
| 1 | Tirċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] | II(A)(1) |
| 2 | L-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti minimi tar-Regolament? | II(A)(3) |
| 3 | Tivverifika sabiex tiżgura li d-dokumenti huma kompleti | II(A)(4)u(5) |
| 4 | Tfittex il-post fejn jinsabu l-konvenut jew l-assi tiegħu, jekk meħtieġ, jew tivverifika li dan sar mill-Awtorità Ċentrali | II(A)(7) |
| 5 | Titlob dokumenti addizzjonali mill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat], jekk ikunu meħtieġa | II(A)(6) |
| 6(a) | Tirrikonoxxi jew tirrikonoxxi u / jew tiddikjara d-deċiżjoni bħala infurzabbli skont il-proċeduri msemmija fit-Taqsima 1 jew tat-Taqsima 2 (ipproċedi bl-infurzar skont il-proċeduri msemmija fit-Taqsima 1 jew fit-Taqsima 2, kif xieraq) | III |
| 6(b) | Tinnotifika lill-applikant u lill-konvenut bid-deċiżjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà u/jew għall-infurzar | III |
| 6(ċ) | Il-konvenut jingħata l-opportunità sabiex jieħu l-passi meħtieġa bil-għan li jikkontesta jew jappella mir-rikonoxximent, mid-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew mill-infurzar għal raġunijiet speċifiċi skont il-proċeduri msemmija fit-Taqsima 1 jew fit-Taqsima 2 | III |
| 7 | Tikkonkludi kwalunkwe kontestazzjoni jew appell u tinnotifika b'dan lill-applikant u lill-konvenut | III |

## VIII. Mistoqsijiet Frekwenti

*Kreditur għandu deċiżjoni li ttieħdet fil-Pajjiż A. Il-kreditur jgħix fil-Pajjiż B. Il-Pajjiż B mhuwiex ser jirrikonoxxi u jinforza d-deċiżjoni. Id-debitur jgħix fi [Isem l-Istat], Stat terz. Il-Pajjiż A u [Isem l-Istat] huma Stati Membri fejn huwa applikabbli r-Regolament. Id-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata fi [Isem l-Istat]?*

612. Iva – il-kreditur jista' jfittex ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur jew fejn għandu l-assi jew id-dħul tiegħu, sakemm id-deċiżjoni tkun ittieħdet fi Stat Membru. Id-deċiżjoni ma għandhiex bżonn tkun infurzabbli jew rikonoxxuta fl-Istat rikjedenti – iżda biss fl-Istat tal-oriġini. F'dan il-każ, l-Istat tal-oriġini huwa l-Pajjiż A. Jekk ikun hemm Stqarrija tal-Infurzabbiltà maħruġa mill-Pajjiż A, fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni, mela allura [Isem l-Istat] għandu jkun jista' jipproċessa l-applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn kollha.

*Għaliex kreditur jista' jkun li jfittex biss ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni, mhux ir-rikonoxximent U d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà / l-infurzar?*

613. F'xi każijiet, il-kreditur jista' jkollu l-ħsieb li jinforza d-deċiżjoni privatament, jew applikant jista' jkollu bżonn li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta sabiex ikun jista' jutilizza ċerti rimedji oħrajn fl-Istat rikjest. Pereżempju, jekk ikun hemm assi bħal proprjetà fl-Istat rikjest, il-kreditur jista' jkollu bżonn li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta qabel tkun tista' tiġi ppreżentata bħala pretensjoni kontra l-proprjetà.

*Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar manteniment iqis id-deċiżjoni l-istess bħal kwalunkwe deċiżjoni oħra dwar manteniment oriġinarjament meħuda f'dak l-Istat Membru?*

614. Le. L-iskop tar-rikonoxximent u l-infurzar huwa sempliċiment li jippermettu d-deċiżjoni barranija dwar il-manteniment tiġi infurzata bl-użu tal-istess mekkaniżmi u proċessi bħal deċiżjoni domestika dwar il-manteniment. Għalhekk, il-liġijiet tal-Istat rikjest dwar, pereżempju, il-kustodja tat-tfal jew il-kuntatt mat-tfal ma japplikawx għal dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni hija simili għad-deċiżjonijiet domestiċi għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar tal-obbligi għal manteniment biss.

*Skont ir-Regolament, tista' tiġi rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] deċiżjoni li hija ta' tip li mhuwiex possibbli fi [Isem l-Istat]?*

615. Iva – diment li d-deċiżjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi għal manteniment skont ir-Regolament. Pereżempju, deċiżjoni dwar il-manteniment tat-tfal tista' tinkludi dispożizzjoni għar-rimborż ta' ċerti tipi ta' spejjeż, bħal primjums tal-assigurazzjoni medika, li mhumiex magħrufa jew previsti skont il-liġi tal-Istat rikjest. Id-deċiżjoni xorta waħda tista' tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjest.

# IX. Talbiet diretti: ħarsa ġenerali

616. It-talbiet diretti (jiġifieri t-talbiet diretti mill-applikanti lill-awtoritajiet kompetenti) għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jiġu rregolati mir-Regolament, jekk ikunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, ħlief għall-aktar dispożizzjonijiet tal-għajnuna legali favorevoli tal-Kapitolu V (Aċċess għall-Ġustizzja)[309] u ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII (Il-Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali). It-talbiet diretti lill-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fi [Isem l-Istat] għall-finijiet tal-istabbiliment/modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment huma indirizzati fil-qosor fil-Kapitoli 10 u 11, filwaqt li dawn l-applikazzjonijiet huma rregolati b'mod ġenerali mil-liġi interna ta' [Isem l-Istat] aktar milli mir-Regolament (madankollu, ir-regoli tar-Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni u l-liġi applikabbli xorta waħda jibqgħu japplikaw; ara l-Kapitoli 4 u 5 għal aktar informazzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-regoli tal-liġi applikabbli skont ir-Regolament).

[309] Li d-dispożizzjonijiet l-aktar favorevoli dwar l-għajnuna legali tal-Kapitolu V tar-Regolament minquxa fl-Art. 46 mhumiex sejrin japplikaw għat-talbiet diretti skont ir-Regolament (iżda biss għall-applikazzjonijiet magħmula permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali) jista' jiġi dedott minn qari tal-Artikoli 46(1), 55 u 56(1) tar-Regolament u tal-Premessa 36 tar-Regolament. Għal aktar informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-aċċess għall-ġustizzja u l-għajnuna legali ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VII.

# Kapitolu 9 – L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-infurzar tad-deċiżjonijiet meħuda jew rikonoxxuti fl-Istat rikjest skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009

*Kif għandu jintuża dan il-Kapitolu:*

*Dan il-Kapitolu jittratta primarjament l-applikazzjonijiet għall-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment li jirċievu l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħrajn mingħand Awtorità Ċentrali (ara wkoll it-taqsima VI,* infra, *rigward it-talbiet diretti lill-awtoritajiet kompetenti).*

*It-Taqsima I tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – meta tintuża, min jista' japplika għaliha, kif ukoll spjegazzjoni tat-termini u l-kunċetti bażiċi.*

*It-Taqsima II tiddeskrivi l-proċedura jew il-passi għar-reviżjoni u l-ipproċessar tal-materjal li jidħol.*

*It-Taqsima III fiha referenzi u informazzjoni addizzjonali dwar l-applikazzjoni.*

*It-Taqsima IV fiha Lista ta' Kontroll, li tipprovdi ħarsa ġenerali sempliċi lejn il-proċess.*

*It-Taqsima V tkopri wħud mill-aktar mistoqsijiet komuni fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.*

*It-Taqsima VI tagħti ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri għat-talbiet diretti lill-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tad-deċiżjonijiet meħuda jew rikonoxxuti fi* [Isem l-Istat].

# I. Ħarsa ġenerali – Applikazzjonijiet għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fi [Isem l-Istat] skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009

## A. *Meta tintuża din l-applikazzjoni*

617. Din hija l-aktar waħda sempliċi mill-applikazzjonijiet kollha li jsiru skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. L-applikazzjoni titlob li l-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew ta' Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament tinforza d-deċiżjoni tagħha stess jew inkella deċiżjoni barranija li tkun diġà rrikonoxxiet,[310] filwaqt li tassisti fit-trażmissjoni tal-pagamenti lil kreditur li jgħix barra minn dak l-Istat. Il-kreditur għandu jitlob l-infurzar tad-deċiżjoni minħabba li d-debitur jirrisjedi fl-Istat rikjest jew għandu l-assi jew id-dħul tiegħu f'dak l-Istat. F'dan il-każ, [Isem l-Istat] ikun l-Istat rikjest.

618. Il-proċess huwa wieħed sempliċi ħafna minħabba li ma hemm ebda ħtieġa li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta qabel tkun tista' tiġi infurzata fi [Isem l-Istat], l-Istat rikjest. Dan minħabba li d-deċiżjoni tkun jew deċiżjoni domestika li ttieħdet fi [Isem l-Istat], fejn iseħħ l-infurzar, jew inkella tkun deċiżjoni barranija li diġà kienet rikonoxxuta fi [Isem l-Istat].

L-***Istat rikjedenti*** huwa l-Istat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament u li jibda applikazzjoni u jagħmel it-talba f'isem applikant li jirrisjedi f'dak l-Istat. L-***Istat rikjest*** huwa l-Istat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament u li jintalab sabiex jipproċessa l-applikazzjoni.

[310] Ir-rikonoxximent seta' seħħ skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, jew id-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta "bl-operat tal-liġi", f'każijiet fejn ir-rikonoxximent ta' ċerti tipi ta' deċiżjonijiet barranin ikun awtomatiku. Ara l-Kapitoli 7 u 8 għal informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent skont il-Konvenzjoni u r-Regolament.

619. Din l-applikazzjoni ssir skont l-Artikolu 10(1) *b)* tal-Konvenzjoni jew skont l-Artikolu 56(1) *b)* tar-Regolament (ara l-Kapitolu 3, il-Parti I għal diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni kemm tal-Konvenzjoni kif ukoll tar-Regolament).

## B. Eżempju ta' każ

620. M għandu deċiżjoni dwar manteniment minn [Isem l-Istat]. M issa jgħix fil-Pajjiż B. Id-debitur ikompli jgħix fi [Isem l-Istat]. M jixtieq li l-awtoritajiet fi [Isem l-Istat] jibdew jinforzaw id-deċiżjoni għal manteniment u jibagħtu l-pagamenti lil M. Kemm [Isem l-Istat] kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament.

621. Bl-użu tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament, M jitlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B sabiex tibgħat ***applikazzjoni għall-infurzar tad-deċiżjoni*** lil [Isem l-Istat]. L-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] tirċievi l-applikazzjoni, tiżgura li hija mimlija kif suppost, tirreferi d-deċiżjoni lill-awtorità tal-infurzar kompetenti għall-infurzar u tassisti fit-trażmissjoni tal-pagamenti lil M, kif meħtieġ.

## C. Differenza importanti – applikazzjonijiet għall-infurzar ta' deċiżjoni tal-Istat stess

L-**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat kontraenti jew Stat Membru sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament.

622. Applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest hija aktar sempliċi minn applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda xi mkien ieħor. Kif ġie diskuss fil-Kapitolu 7, skont il-Konvenzjoni tal-2007, meta ssir applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni, il-konvenut ikollu d-dritt li joġġezzjona għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar fuq il-bażi li r-raġunijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar imsemmija fl-Artikolu 20 ma jkunux preżenti, jew minħabba li r-rekwiżiti proċedurali u rekwiżiti oħrajn għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni stipulati fl-Artikolu 22 ma jkunux ġew issodisfati. Skont ir-Regolament tal-2009, għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri li huma marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, il-konvenut ikollu raġunijiet aktar limitati sabiex japplika għal reviżjoni tad-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini jew sabiex japplika għal rifjut jew sospensjoni tal-infurzar tad-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-infurzar[311] (ara l-Kapitolu 8).

L-**Awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew tiġi permessa, skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm għall-infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni jew mar-Regolament.

623. Il-konvenut ma għandux drittijiet simili fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda jew diġà rikonoxxuta fl-Istat rikjest, jiġifieri fi [Isem l-Istat]. Dan minħabba li [Isem l-Istat] jew qiegħed jintalab sabiex jinforza l-ordni tiegħu stess, mhux waħda barranija, jew inkella minħabba li qiegħed jintalab sabiex jinforza deċiżjoni li, f'okkażjoni preċedenti, diġà nstabet li kienet infurzabbli, permezz tal-proċess ta' rikonoxximent jew ta' rikonoxximent u infurzar. Għalhekk, ma hemm l-ebda ħtieġa li awtorità kompetenti fl-Istat rikjest tikkunsidra jekk id-deċiżjoni għandhiex tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata.

624. Jekk il-konvenut ikollu oġġezzjonijiet għall-infurzar tad-deċiżjoni, dawn għandhom jitqajmu ladarba jinbeda l-infurzar mill-awtorità kompetenti, kif permess mil-liġi

311 Għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri mhux marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 skont ir-Regolament, il-konvenut ser ikollu raġunijiet usa' sabiex jikkontesta r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' deċiżjoni milli għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ara l-Kapitolu 8 għad-dettalji).

domestika ta' [Isem l-Istat] bħala l-Istat tal-infurzar.[312] Il-fatt li applikazzjoni għall-infurzar issir skont il-Konvenzjoni ma jagħti ebda raġuni addizzjonali lill-konvenut / lid-debitur sabiex jikkontesta l-infurzar tad-deċiżjoni.

625. Il-proċess għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-infurzar li jidħlu huwa għalhekk sempliċi ħafna għall-Awtorità Ċentrali rikjesta fi [Isem l-Istat].[313] Il-pakkett ta' dokumenti jiġi rivedut sabiex jiġi żgurat li huwa komplet u l-applikazzjoni tintbagħat lil awtorità kompetenti għall-infurzar fi [Isem l-Istat].[314] L-awtorità kompetenti mbagħad tieħu dawk il-passi li huma permessi mil-liġi domestika sabiex tinforza d-deċiżjoni. Dawn il-proċeduri huma spjegati fid-dettall fit-taqsima li jmiss.

Qed tfittex sommarju ta' malajr tal-passi li ntużaw f'dan il-Kapitolu? Mur fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu u uża l-**Lista ta' Kontroll**.

# II. L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-infurzar

## 1. Kun żgur li d-dokumenti huma kompleti

626. Meta l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] tirċievi applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni mingħand Awtorità Ċentrali barranija, il-pakkett għandu jiġi vverifikat għall-kompletezza, issir determinazzjoni inizjali fir-rigward ta' jekk l-applikazzjoni tistax tiġi pproċessata u jiġi rikonoxxut li l-pakkett wasal, filwaqt li ssir talba għal kwalunkwe dokumenti oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa. Imbagħad, il-pakkett ikun jista' jintbagħat lill-awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat] għall-infurzar.[315] L-awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat] ikollha tagħmel verifika simili għal dik tal-Awtorità Ċentrali sabiex tiżgura l-kompletezza tal-pakkett ta' dokumenti.

[312] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […]. Madankollu, ara wkoll il-Kapitolu 8 li jiddeskrivi d-diversi raġunijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-infurzar skont is-sistemi speċifiċi tar-Regolament għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.
[313] L-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] hija […].
[314] L-awtoritajiet kompetenti fi [Isem l-Istat] huma […].
[315] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].




**Figura 10: Flowchart (skont il-Konvenzjoni biss) – ħarsa ġenerali lejn il-verifika tal-applikazzjoni għall-infurzar**

627. Id-dokumenti rċevuti mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] għandhom jiġu riveduti fil-pront, sabiex jekk ikunu meħtieġa dokumenti addizzjonali, dawn ikunu jistgħu jintalbu mingħajr dewmien mingħand l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti.

628. Il-pakkett li jiġi rċevut għandu jinkludi:

## a) Skont il-Konvenzjoni tal-2007

| | |
|---|---|
| √ | Formola tat-trażmissjoni |
| √ | Formola tal-applikazzjoni |
| **Kif meħtieġ** | It-test tad-deċiżjoni |
| √ | Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji |
| **Kif meħtieġ** | Dokument li jikkalkula l-arretrati |
| **Kif meħtieġ** | Prova tal-benefiċċji pprovduti minn korp pubbliku |
| **Kif meħtieġ** | Kopji tradotti tad-dokumenti |

**Figura 11: Lista tal-formoli u d-dokumenti**

### *Formola tat-trażmissjoni*

Kull applikazzjoni skont il-Konvenzjoni għandha tkun akkumpanjata minn Formola tat-Trażmissjoni. Din il-formola hija obbligatorja. Il-Formola tat-Trażmissjoni tidentifika l-partijiet u t-tip ta' applikazzjoni. Hija telenka wkoll id-dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni.

### *Formola tal-applikazzjoni*

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet tintuża l-formola tal-applikazzjoni rrakkomandata.

***It-test tad-deċiżjoni***

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-applikant ikun inkluda kopja sempliċi tad-deċiżjoni. Din għandha tgħin lill-awtorità tal-infurzar kompetenti sabiex tillokalizza d-deċiżjoni u tikseb kopji addizzjonali jew kopji ċċertifikati, jekk dawn ikunu meħtieġa għall-infurzar.

***Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji***

Billi din hija applikazzjoni għall-infurzar, għandha tiġi inkluża Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji, li tipprovdi informazzjoni dwar il-post fejn jinsab il-Konvenut u dwar iċ-ċirkostanzi finanzjarji tiegħu, safejn tali informazzjoni tkun magħrufa mill-applikant. Din il-formola tipprovdi informazzjoni importanti għall-infurzar tad-deċiżjoni.

Jekk l-applikant ikun għamel użu mill-formola rrakkomandata, il-Parti tad-dokument li tirrigwardja lill-kreditur titħalla vojta, billi dik l-informazzjoni mhijiex meħtieġa għal applikazzjoni għall-infurzar.

***Dokument li jikkalkula l-arretrati***

Jekk ikun hemm manteniment li għadu ma tħallasx skont id-deċiżjoni dwar il-manteniment (arretrati) u l-applikant ikun jixtieq li tali arretrati jiġu infurzati, għandu jiġi inkluż dokument li jistabbilixxi kif ġew ikkalkolati dawk l-arretrati.

## b) Skont ir-Regolament tal-2009

### (i) L-Anness VI

Ir-Regolament jesiġi li jintuża l-Anness VI, li huwa mehmuż mat-test tar-Regolament, għall-applikazzjonijiet għall-infurzar ta' deċiżjoni mogħtija jew rikonoxxuta fl-Istat Membru rikjest. Ir-Regolament jitlob li, bħala minimu, l-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għandha tinkludi (l-Art. 57(2)):

a) dikjarazzjoni dwar in-natura tal-applikazzjoni(jiet),
b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi l-indirizz u d-data tat-twelid tal-applikant[316],
ċ) l-isem u, jekk ikunu magħrufa, l-indirizz u d-data tat-twelid tal-konvenut,
d) l-isem u d-data tat-twelid ta' kwalunkwe persuna li għaliha jintalab il-manteniment,
e) ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni,
f) f'applikazzjoni minn kreditur, informazzjoni rigward fejn għandu jintbagħat jew jiġi trasmess b'mod elettroniku l-pagament tal-manteniment,
g) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna jew tal-unità mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjedenti responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.

### (ii) Għad-deċiżjonijiet rikonoxxuti taħt it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV (deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007)

L-Artikolu 20 tar-Regolament jispeċifika d-dokumenti meħtieġa li huma neċessarji għall-finijiet tal-infurzar (taħt it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, għad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007), li għandhom jiġu pprovduti lill-awtoritajiet tal-infurzar kompetenti minn kwerelant:

a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità tagħha,

---

[316] L-indirizz personali tal-applikant jista' jiġi sostitwit b'indirizz ieħor f'każijiet ta' vjolenza fil-familja, jekk il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest ma titlobx lill-applikant jipprovdi l-indirizz personali tiegħu għall-finijiet tal-proċeduri li għandhom jitressqu (l-Art. 57(3)). Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

b) is-silta mid-deċiżjoni maħruġa mill-qorti tal-oriġini bl-użu tal-formola li tidher fl-Anness I għar-Regolament (fejn neċessarju, bi traskrizzjoni jew traduzzjoni tal-kontenut)[317],

ċ) fejn xieraq, dokument li juri l-ammont ta' kwalunkwe arretrati u li jindika d-data li fiha ġie kkalkolat dan l-ammont.

L-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jitolbu lill-kwerelant sabiex jipprovdi traduzzjoni ta' deċiżjoni, sakemm ma jiġix ikkontestat l-infurzar (l-Art. 20(2)).[318]

**(iii) Għad-deċiżjonijiet rikonoxxuti taħt it-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV (deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007)**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (skont il-proċedura alternattiva msemmija fit-Taqsima 2 għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà fir-rigward tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri mhux marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007) jispeċifika li l-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn: a) kopja tad-deċiżjoni "li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità tagħha"; u b) silta mid-deċiżjoni maħruġa mill-qorti tal-oriġini bl-użu tal-formola li tidher fl-Anness II għar-Regolament. Fejn xieraq, l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata wkoll minn traduzzjoni jew traskrizzjoni, skont ir-rekwiżiti lingwistiċi xierqa (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima II għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti lingwistiċi skont ir-Regolament). L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti vestita ma tistax titlob lil kwerelant sabiex jipprovdi traduzzjoni tad-deċiżjoni (madankollu, din tista' tkun meħtieġa b'rabta ma' appell skont l-Art. 32 jew 33).

Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament, jekk is-silta mid-deċiżjoni bl-użu tal-formola msemmija fl-Anness II għar-Regolament ma tiġix prodotta, awtorità kompetenti tista' tispeċifika perjodu ta' żmien għall-produzzjoni tagħha, taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tqis li għandha informazzjoni adegwata quddiemha, tkun lesta li tgħaddi mingħajrha.

**(iv) Dokumenti li jirrigwardjaw is-soluzzjonijiet bil-qorti u l-istrumenti awtentiċi (l-Art. 48)**

L-Artikolu 48 tar-Regolament jispeċifika liema huma d-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzabbiltà tas-soluzzjonijiet bil-qorti u tal-istrumenti awtentiċi fi Stat Membru ieħor, filwaqt li jispeċifika wkoll li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandha toħroġ, fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet interessati, estratt mis-soluzzjoni bil-qorti jew mill-istrument awtentiku, bl-użu tal-Anness I, II, III jew IV, kif rilevanti.

**(v) Dokumenti addizzjonali**

L-Artikolu 57(4) u (5) tar-Regolament jitlob li applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dokumenti addizzjonali, skont kif xieraq jew neċessarju u safejn dawn ikunu magħrufa. Dawn jinkludu:

- iċ-ċirkostanzi finanzjarji tad-debitur, inklużi l-isem u l-indirizz ta' min iħaddem lid-debitur u n-natura u l-post fejn jinsabu l-assi tad-debitur (l-Art. 57(4) *b)*)[319]
- kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tgħin sabiex jinstab il-konvenut (l-Art. 57(4) *ċ)*)

---

[317] Ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima II għal aktar informazzjoni dwar il-lingwa u r-rekwiżiti tat-traduzzjoni skont ir-Regolament.

[318] *Ibid.*

[319] Billi din hija applikazzjoni għall-infurzar, iċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' kreditur (l-Art. 57(4) *a)*) ġeneralment ma jkunux meħtieġa.

- kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa inkluża, fejn xieraq, dokumentazzjoni rigward id-dritt tal-applikant għal għajnuna legali (l-Art. 57(5))

***Prova tal-benefiċċji – korp pubbliku***

Jekk l-applikant ikun korp pubbliku, jista' jkun li huwa jkun ipprovda benefiċċji minflok manteniment. F'xi każijiet, jista' jkun xieraq li tiġi pprovduta dokumentazzjoni li turi li l-benefiċċji ngħataw, pereżempju, meta l-korp pubbliku jkun jixtieq jasserixxi dritt indipendenti sabiex jirċievi porzjon mill-arretrati tal-manteniment.

### ċ) Kif titlob dokumenti addizzjonali

629. Jekk l-applikazzjoni tidher li hija inkompleta minħabba li huma meħtieġa dokumenti addizzjonali, l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi rrifjutata. Minflok, għandha ssir talba għal dokumenti addizzjonali lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], li min-naħa tagħha tista' tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti.

630. Jekk issir it-talba għal dokumenti addizzjonali mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], l-Istat rikjedenti għandu ***tliet xhur*** skont il-Konvenzjoni jew ***90 jum*** skont ir-Regolament, sabiex jipprovdi d-dokumenti. Jekk id-dokumenti mitluba ma jiġux ipprovduti fiż-żmien speċifikat, mela allura jkun irid jingħata bidu għal segwitu ulterjuri mal-Istat rikjedenti. Madankollu, jekk id-dokumenti jibqgħu ma jaslux u, għalhekk, l-applikazzjoni ma tkunx tista' tiġi pproċessata, l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] tista' (iżda mhijiex obbligata) tagħlaq il-fajl u tinforma b'dan lill-Istat rikjedenti.

## 2. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati?

631. Kemm il-Konvenzjoni kif ukoll ir-Regolament jippermettu li Awtorità Ċentrali tirrifjuta li tipproċessa applikazzjoni jekk hija temmen li huwa "evidenti li r-rekwiżiti" tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament, rispettivament, ma ġewx issodisfati (ara l-Art. 12(8) tal-Konvenzjoni u l-Art. 58(8) tar-Regolament). Iċ-ċirkostanzi meta dan jista' jkun il-każ huma pjuttost limitati[320] u mhuwiex obbligatorju li l-Awtorità Ċentrali tagħżel li tikkunsidra dan ir-rekwiżit.

632. Pereżempju, jista' jkun li l-Awtorità Ċentrali kienet diġà rrifjutat applikazzjoni bejn l-istess partijiet. Jekk ma jkun hemm ebda evidenza ġdida li takkumpanja l-applikazzjoni, l-Awtorità Ċentrali jkollha l-għażla li terġa' tirrifjuta l-applikazzjoni fuq dik il-bażi. Bl-istess mod, applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata jekk id-dokumenti juru b'mod ċar li t-talba ma kellha xejn x'taqsam mal-manteniment.

633. Wara li tirċievi l-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat] tista' turi x-xewqa li tagħmel verifika simili sabiex tiżgura li mhuwiex "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ma ġewx issodisfati u mbagħad tinforma lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] bi kwalunkwe determinazzjoni, kif xieraq.

## 3. Fittex il-post fejn jinsab il-konvenut

634. F'xi każijiet limitati, l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] tista' turi x-xewqa li tagħmel tfittxija għall-post fejn jinsab il-konvenut qabel tibda l-infurzar, b'mod partikolari meta l-liġi tal-Istat tal-infurzar tesiġi li tingħata notifika qabel l-infurzar,[321] jew meta l-applikant ma jkunx ċert jekk id-debitur jirrisjedix fl-Istat rikjest jew jekk għandux assi jew dħul f'dak l-Istat.

635. Fit-twettiq ta' kwalunkwe tfittxijiet, l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], jew awtorità kompetenti f'isimha, hija mistennija li tikseb aċċess għal kwalunkwe bank ta' dejta u sorsi ta' informazzjoni pubblika li jkollha aċċess għalihom, fil-limiti stabbiliti mil-liġi

---

[320] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 344.
[321] Ara *supra*, in-nota 202.

interna li tirrispetta l-aċċess għall-informazzjoni personali (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VI, għal diskussjoni ulterjuri dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni personali u kunfidenzjali skont il-Konvenzjoni u r-Regolament).[322]

636. Jekk il-Konvenut, jew l-assi u d-dħul tal-konvenut, ma jkunux jistgħu jinstabu fi [Isem l-Istat], l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] għandha tinnotifika b'dan lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti. Jekk ma tkun disponibbli ebda informazzjoni addizzjonali mill-Istat rikjedenti li tgħin sabiex jinstab il-konvenut, l-infurzar ma jkunx jista' jseħħ.

## 4. Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa

637. Jista' jkun xieraq li l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tieħu miżuri provviżorji jew protettivi waqt li applikazzjoni tkun għadha pendenti. It-teħid ta' dawn il-miżuri jista' jseħħ f'numru ta' punti fiż-żmien matul – jew saħansitra qabel – il-proċess tal-applikazzjoni. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII, għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi.

## 5. Ibda l-proċess tal-infurzar

638. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment fi [Isem l-Istat] issa tista' tipproċedi bl-infurzar. Ara l-Kapitolu 12 għal aktar informazzjoni dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment.

# III. Materjal addizzjonali

## *A. Pariri prattiċi*

- F'xi Stati, isiru tentattivi sabiex tinkiseb konformità volontarja qabel jew fl-istess ħin tal-proċess tal-infurzar.[323] L-għan tal-applikazzjonijiet kollha għal manteniment huwa li jiġi stabbilit fluss stabbli fit-tul ta' pagamenti lill-kreditur bl-aktar mod effiċjenti possibbli.
- Huwa importanti li dejjem jiġi mfakkar li l-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod effettiv u effiċjenti, sabiex b'hekk jiġi evitat kwalunkwe dewmien bla bżonn.
- L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] informata dwar l-istatus ta' applikazzjoni għall-infurzar. L-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] għandha obbligi ta' rappurtar lejn l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti rigward l-istatus u l-iżviluppi fl-applikazzjoni.

## *B. Formoli relatati*

*Il-Konvenzjoni tal-2007:*

Applikazzjoni għall-Infurzar ta' Deċiżjoni Meħuda jew Rikonoxxuta fl-Istat rikjest

*Ir-Regolament tal-2009*:

L-Anness I
L-Anness II
L-Anness III
L-Anness IV
L-Anness VI

## *C. Artikoli Rilevanti*

*Il-Konvenzjoni tal-2007*:

---

[322] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[323] Fi [Isem l-Istat], it-tentattivi sabiex tinkiseb konformità volontarja jistgħu jinbdew minn […].

L-Artikolu 10(1) *b)*
L-Artikolu 12
L-Artikolu 32
L-Artikolu 34

*Ir-Regolament tal-2009*:

L-Artikoli 16-43 (il-Kapitolu IV)
L-Artikolu 56(1) *b)*
L-Artikolu 58
L-Artikolu 41
L-Artikolu 20

## D. Kapitoli relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 12 – L-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

# IV. Lista ta' kontroll – it-talbiet li jidħlu għall-infurzar

| | **Proċedura** | **Referenza għall-Manwal** |
|---|---|---|
| 1 | Tirċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] | II(1) |
| 2 | Tiżgura li d-dokumenti huma kompleti | II(1) |
| 3 | Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati? | II(2) |
| 4 | Tieħu kwalunkwe miżura provviżorja jew protettiva xierqa | II(4) |
| 5 | Tipproċedi bl-infurzar | II(5) |

# V. Mistoqsijiet Frekwenti

*Għaliex ma hemmx bżonn li tiġi rikonoxxuta deċiżjoni mill-Istat rikjest?*

639. Ir-rikonoxximent mhuwiex neċessarju minħabba li [Isem l-Istat] jew qiegħed jintalab sabiex jinforza l-ordni tiegħu stess, mhux waħda barranija, jew inkella minħabba li qiegħed jintalab sabiex jinforza deċiżjoni li diġà kienet rikonoxxuta.

*Għaliex għandhom jintużaw il-Konvenzjoni jew ir-Regolament jekk it-talba tkun sabiex Stat jinforza d-deċiżjoni tiegħu stess?*

640. F'xi Stati, l-aċċess għall-awtorità tal-infurzar kompetenti (pereżempju l-Aġenzija ta' Appoġġ għat-Tfal) jista' jkun ristrett għar-residenti ta' dak l-Istat. L-Awtoritajiet Ċentrali fl-Istati rikjesti u rikjedenti jistgħu jassistu wkoll fit-trażmissjoni tal-pagamenti jekk ikun hemm bżonn u jekk ikunu jistgħu jagħmlu dan. Fl-aħħar nett, f'każ li tkun meħtieġa assistenza / għajnuna legali fl-Istat rikjest sabiex jinbeda l-proċess tal-infurzar, din tiġi pprovduta lill-applikant mingħajr ebda spiża, sakemm l-applikazzjoni tkun taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament, kif applikabbli bejn iż-żewġ Stati Kontraenti jew Stati Membri.[324]

[324] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat], dwar il-proċedura għall-għoti tal-għajnuna legali, ara *supra*, in-nota 86.

# VI. Talbiet diretti għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fi [Isem l-Istat]

641. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirċievu talbiet diretti għall-infurzar mingħand l-applikanti, li ma jsirux permezz ta' applikazzjoni minn Awtorità Ċentrali. F'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu konxji ta' kwalunkwe rekwiżiti tad-dokumentazzjoni jew rakkomandazzjonijiet skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament (ara t-taqsima II.1, *supra*) u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti tad-dokument skont l-Artikolu 20 tar-Regolament għall-finijiet tal-infurzar skont il-proċedura msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV (ara wkoll il-Kapitolu 12 ta' dan il-Manwal dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment). Skont il-liġi domestika fi [Isem l-Istat] […].

# Kapitolu 10 – L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009

## I. Ħarsa ġenerali

### A. Meta tintuża din l-applikazzjoni

642. Applikazzjoni għall-**istabbiliment** ta' deċiżjoni dwar manteniment fi [Isem l-Istat], bħala Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew bħala Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament, tiġi rċevuta fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- meta ma tkun teżisti ebda deċiżjoni dwar manteniment u l-kreditur jesiġi li tiġi stabbilita deċiżjoni, jew
- meta r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni barranija fi [Isem l-Istat] ma jkunux possibbli (jew jiġu rrifjutati, skont il-Konvenzjoni biss, minħabba n-nuqqas ta' bażi għar-rikonoxximent u l-infurzar skont l-Art. 20 jew għar-raġunijiet imsemmija fl-Art. 22 *b)* jew *e)* tal-Konvenzjoni).

**Stabbiliment** huwa l-proċess tal-kisba ta' deċiżjoni dwar manteniment, fejn jew ma teżisti ebda deċiżjoni dwar manteniment jew inkella d-deċiżjoni dwar manteniment li teżisti ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata għal xi raġuni jew oħra. Stabbiliment jista' jinkludi determinazzjoni tal-parentela, jekk din tkun meħtieġa sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar manteniment.

643. Applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment tista' tinkludi talba għal determinazzjoni tal-parentela.

644. L-applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment jaqgħu taħt l-Artikolu 10(1) *ċ)* u *d)* tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 56(1) *ċ)* u *d)* tar-Regolament (ara l-Parti I tal-Kapitolu 3 għal diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni kemm tal-Konvenzjoni kif ukoll tar-Regolament).

### B. Eżempju ta' każ

645. Il-**kreditur** tirrisjedi fil-Pajjiż A. Hija għandha żewġt itfal. Missier it-tfal mar jgħix fi [Isem l-Istat]. Il-kreditur tixtieq tikseb manteniment mingħand il-missier għat-tfal tagħhom. Il-Pajjiż A u [Isem l-Istat] huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament.

**Kreditur** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjugi, persuna minorenni, ġenituri li jiffosterjaw it-tfal jew qraba jew persuni oħrajn li jieħdu ħsieb persuna minorenni. F'xi Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ benefiċjarju tal-manteniment, persuna b'obbligu dovut lilha, jew ġenitur jew persuna oħra bil-kura u l-kustodja ta' minorenni.

**Kif dan jaħdem skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament**

646. Il-kreditur jibda applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment. Dik l-applikazzjoni tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat]. Id-debitur jiġi nnotifikat u tittieħed deċiżjoni dwar manteniment skont il-liġijiet (inklużi r-regoli tal-liġi internazzjonali privata)[325] tal-Istat rikjest ([Isem l-Istat]). Jekk tkun meħtieġa, tista' ssir ukoll determinazzjoni tal-parentela.

[325] Jekk l-Istat rikjest huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament tal-2009, mela allura għandhom japplikaw ir-regoli diretti ta' ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament. Għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli diretti ta' ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament, ara l-Kapitolu 4. Jekk l-Istat rikjest huwa marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 jew huwa Parti minnu, mela allura għandhom japplikaw ir-regoli tal-liġi applikabbli tal-Protokoll. Għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007, ara l-Kapitolu 5.

## Ċ. Min jista' japplika għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment?

647. Jekk ma teżisti ebda deċiżjoni dwar manteniment, huwa biss kreditur li jista' japplika għall-istabbiliment ta' deċiżjoni. Skont il-Konvenzjoni biss, jekk teżisti deċiżjoni li iżda ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata minħabba riżerva skont il-Konvenzjoni,[326] korp pubbliku li jkun qiegħed jaġixxi f'isem kreditur jew li pprovda benefiċċji minflok manteniment jista' jressaq ukoll applikazzjoni sabiex jistabbilixxi deċiżjoni dwar manteniment. Il-kreditur għandu jkun jirrisjedi fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew fi Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament.

| |
|---|
| Qed tfittex sommarju ta' malajr tal-proċeduri li ntużaw għal din l-applikazzjoni? Mur fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu u uża l-**Lista ta' Kontroll**. |

## D. L-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment fejn deċiżjoni eżistenti ma tistax tiġi rikonoxxuta

### 1. Skont il-Konvenzjoni

648. Kif ġie diskuss fil-Kapitolu 7 ta' dan il-Manwal, skont il-Konvenzjoni, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni eżistenti jiġu rrifjutati minn Stat rikjest minħabba li kienet saret riżerva skont l-Artikolu 20(2) fir-rigward tal-bażi partikolari għar-rikonoxximent u l-infurzar li tapplika għad-deċiżjoni. Pereżempju, jekk id-deċiżjoni saret fuq il-bażi tar-residenza abitwali tal-kreditur fl-Istat tal-oriġini u ma tista' tinstab ebda bażi oħra għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni fl-Artikolu 20, l-Istat rikjest jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi d-deċiżjoni. F'każ bħal dan, jista' jkun li jkollha tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.

649. Innota li l-Unjoni Ewropea, bħala Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-2007, *ma tagħmel* ebda riżerva bħal din skont l-Artikolu 20(2) tal-Konvenzjoni u, b'hekk, din is-sitwazzjoni ma tinqalax għall-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea li jittrattaw każijiet skont il-Konvenzjoni.[327]

650. Għall-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni li għamlu riżerva bħal din, ma hemm ebda ħtieġa li titressaq applikazzjoni ġdida – applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni – f'din is-sitwazzjoni, billi l-Istat rikjest huwa mitlub li jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jistabbilixxi deċiżjoni ġdida (l-Art. 20(4)), bil-kundizzjoni li l-konvenut ikun "abitwalment residenti" fl-Istat rikjest. Il-proċeduri deskritti f'dan il-Kapitolu għandhom imbagħad jiġu applikati għall-istabbiliment tad-deċiżjoni.

651. Dan jista' jfisser li jkunu meħtieġa informazzjoni u dokumentazzjoni addizzjonali mill-kreditur, pereżempju, jekk l-ispejjeż involuti fit-trobbija tat-tfal ikunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment. Dik it-talba għandha ssir lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti.

652. Madankollu, f'din is-sitwazzjoni, huwa importanti li l-kwistjoni tal-eliġibbiltà tal-persuni minorenni sabiex ikunu jistgħu jressqu l-applikazzjoni għal manteniment ma għandhiex bżonn tiġi ddeterminata fuq l-applikazzjoni għal deċiżjoni ġdida (l-Art. 20(5))[328]. Id-deċiżjoni eżistenti sejra tipprovdi l-bażi għall-konstatazzjoni li l-persuni minorenni huma intitolati sabiex iressqu l-applikazzjoni għal manteniment tat-tfal.

---

[326] Innota li l-Unjoni Ewropea, bħala Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-2007, ma tagħmel ebda riżerva bħal din skont l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni. *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra*, in-nota 59).
[327] *Ibid*.
[328] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-paragrafi 469 - 471. Innota li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest, għalhekk, hija l-liġi domestika tal-Istat rikjest li għandha tiddetermina xi jfisser it-terminu, kif ukoll jekk hijiex ser tkun meħtieġa informazzjoni jew evidenza ulterjuri sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

653. Jista’ jkun hemm sitwazzjonijiet ukoll fejn applikant ikollu deċiżjoni dwar manteniment, iżda jkun jaf li l-konvenut fl-Istat rikjest ([Isem l-Istat)) ikun jista’ jopponi b’suċċess l-applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar. Skont il-Konvenzjoni, dan jista’ jkun possibbli minħabba li ma tkun tista’ tinstab ebda waħda mir-raġunijiet għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni, jew minħabba li d-deċiżjoni tkun ta’ tip li l-Istat rikjest ma jistax jinforza.[329] F’każ bħal dan, il-kreditur ikollu jniedi applikazzjoni għall-istabbiliment ta’ deċiżjoni ġdida, minflok applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar.[330]

654. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jipproċedu wkoll bl-istess mod bħal kwalunkwe applikazzjoni oħra taħt dan il-Kapitolu. Madankollu, skont il-Konvenzjoni, billi d-deċiżjoni ġdida mhijiex tiġi stabbilita minħabba rifjut ta’ rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni eżistenti minħabba riżerva (l-Art. 20(4)), il-preżunzjoni fir-rigward tal-eliġibbiltà, imsemmija fl-Artikolu 20(5) tal-Konvenzjoni u diskussa hawn fuq, mhijiex sejra tapplika. L-eliġibbiltà tal-persuni minorenni għall-manteniment ser ikollha tiġi ddeterminata bħala Parti mill-applikazzjoni għal deċiżjoni ġdida.

## 2. Skont ir-Regolament

655. Skont ir-Regolament, il-mudelli tal-fatti fejn deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor ma tkunx tista’ tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli għandhom ikunu ferm aktar rari milli skont il-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 8 ta’ dan il-Manwal li jiddeskrivi l-proċeduri għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament). Madankollu, jekk ikun hemm ċirkostanzi fejn deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru wieħed ma tkunx tista’ tiġi rikonoxxuta u/jew infurzata fi Stat Membru ieħor skont ir-Regolament, kwerelant jista’ juża applikazzjoni għall-istabbiliment skont ir-Regolament sabiex jistabbilixxi deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest.

# II. L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-istabbiliment ta’ deċiżjoni dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009

## A. Ġenerali

656. Din it-taqsima tkopri r-rekwiżiti ġenerali għall-ipproċessar ta’ applikazzjoni li tidħol għall-istabbiliment ta’ deċiżjoni dwar manteniment. Il-proċeduri speċifiċi għandhom ikunu konformi mal-liġijiet u l-proċeduri interni fi [Isem l-Istat]. Xi Stati jużaw proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri bbażati fil-qorti sabiex jistabbilixxu d-deċiżjoni; oħrajn jibagħtu l-applikazzjoni lil awtorità amministrattiva sabiex tkun tista’ tittieħed deċiżjoni.[331]

657. Huwa importanti li tinnota li fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-regoli ta’ ġuriżdizzjoni tar-Regolament għall-applikazzjonijiet *kollha* għall-istabbiliment u għat-talbiet diretti *kollha* skont il-Konvenzjoni jew skont ir-Regolament, sakemm dawn ikunu jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni temporali u sostantiv tar-Regolament (ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima III għal aktar informazzjoni dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament u l-Kapitolu 4 dwar ir-regoli ta’ ġuriżdizzjoni tar-Regolament). Barra minn hekk, għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament u li huma marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, l-awtoritajiet kompetenti sejrin japplikaw il-Protokoll għall-applikazzjonijiet *kollha* għall-istabbiliment u għat-talbiet diretti *kollha*, sakemm dawn ikunu jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni temporali u sostantiv tal-Protokoll (ara wkoll il-Kapitolu 5 dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007). Ir-regoli ta’ ġuriżdizzjoni tar-

[329] Pereżempju, id-deċiżjoni tista’ tistabbilixxi l-manteniment bħala perċentwal tas-salarju u dan jitqies mill-Istat rikjest bħala wisq vag biex ikun infurzabbli. Ara r-Rapport ta’ Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 255. Fi [Isem l-Istat] […].

[330] Ara r-Rapport ta’ Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 255.

[331] [Isem l-Istat] juża proċeduri [bbażati fil-qorti / ġudizzjarji] [amministrattivi] sabiex jistabbilixxi d-deċiżjoni u / jew l-ammont tal-manteniment. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fi [Isem l-Istat] huma […].

Regolament u r-regoli tal-liġi applikabbli tal-Protokoll huma applikabbli b'mod universali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku.

658. B'kuntrast ma' dan, fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni barra mill-Unjoni Ewropea, l-applikazzjonijiet għall-istabbiliment sejrin ikunu soġġetti primarjament għal-liġi domestika fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' ġuriżdizzjoni u l-kwistjonijiet tal-liġi applikabbli (sakemm l-Istat Kontraenti ma jkunx Parti mill-Protokoll tal-Aja tal-2007).

659. Il-Konvenzjoni u r-Regolament jistabbilixxu ċerti passi ġenerali għall-applikazzjonijiet kollha. Sejra ssir reviżjoni inizjali mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] meta tiġi rċevuta l-applikazzjoni, jistgħu jintalbu dokumenti addizzjonali, jekk ikunu meħtieġa, u mbagħad l-applikazzjoni tintbagħat lill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fl-Istat rikjest, f'dan il-każ [Isem l-Istat], sabiex tkun tista' tiġi stabbilita d-deċiżjoni.

660. Ladarba tittieħed id-deċiżjoni, jekk l-applikant ikun talab li din id-deċiżjoni tiġi infurzata, hija tiġi infurzata minn awtorità kompetenti fl-Istat rikjest.

## B. Flowchart

661. Il-flowchart ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċess tal-istabbiliment.




**Figura 12: Ħarsa ġenerali lejn il-proċess tal-istabbiliment**

## Ċ. Il-passi fil-proċess tal-istabbiliment

### 1. Kunsiderazzjoni inizjali mill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat]

662. L-għan tal-kunsiderazzjoni inizjali mill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], bħala l-Awtorità Ċentrali fl-**Istat rikjest**, huwa li tiżgura li l-applikazzjoni tkun fondata sewwa, li d-dokumentazzjoni tkun kompleta u li l-applikazzjoni tkun tista' tiġi pproċessata. Jekk meħtieġ, tista' ssir tfittxija sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn jinsab id-debitur / il-konvenut, b'mod partikolari jekk ikun hemm xi dubju dwar jekk dan huwiex qiegħed jirrisjedi jew jekk għandux assi jew dħul fi [Isem l-Istat]. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] ikollha tagħmel verifika simili.

L-***Istat rikjedenti*** huwa l-Istat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament u li jibda applikazzjoni u jagħmel it-talba f'isem applikant li jirrisjedi f'dak l-Istat. L-***Istat rikjest*** huwa l-Istat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament u li jintalab sabiex jipproċessa l-applikazzjoni.

### a) Ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati

663. L-Artikolu 12(8) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 58(8) tar-Regolament jippermettu lill-Awtorità Ċentrali rikjesta tirrifjuta li tipproċessa applikazzjoni jekk ikun "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati. Dan ma jfissirx li l-Awtorità Ċentrali rikjesta tiddetermina jekk l-applikazzjoni hijiex ġustifikata fuq il-merti tagħha. Minflok, huwa mistenni li l-Awtorità Ċentrali rikjesta, f'dan il-każ l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], tivverifika l-applikazzjoni sempliċiment sabiex tiżgura li din mhijiex abbuż tal-proċess jew talba li taqa' kompletament barra mill-Konvenzjoni jew mir-Regolament – pereżempju, applikazzjoni li tittratta l-kustodja tat-tfal biss.

664. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] tista' turi x-xewqa li tagħmel verifika preliminari simili u li tinforma lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] dwar kwalunkwe dokumenti neqsin, mingħajr dewmien.

### b) Dokumenti inkompleti

665. Għandha ssir reviżjoni tal-pakkett li jidħol sabiex jiġi żgurat li d-dokumentazzjoni hija kompleta. Skont il-Konvenzjoni, f'kull każ ta' stabbiliment għandu jkun hemm il-Formola tat-Trażmissjoni meħtieġa u x'aktarx il-Formola rrakkomandata ta' Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni u l-Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji, flimkien ma' formoli oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa. Skont ir-Regolament, f'kull każ ta' stabbiliment, huwa meħtieġ l-użu tal-formola msemmija fl-Anness VII għar-Regolament (skont ir-rekwiżiti tal-kontenut tal-applikazzjoni stipulati fl-Art. 57 tar-Regolament). Id-dokumenti meħtieġa l-oħrajn ivarjaw skont il-fatti individwali ta' kull każ (pereżempju jekk persuna minorenni hijiex fl-età maġġuri jew qrib tagħha).

> L-**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament.

### ċ) Id-determinazzjoni tal-post fejn jinsab il-konvenut / id-debitur

666. F'xi każijiet, l-applikant ma jkunx jaf il-post eżatt jew attwali fejn jinsab il-konvenut / id-debitur. Għalhekk, l-Istat rikjest, f'dan il-każ [Isem l-Istat], għandu juża s-sorsi li jkollu għad-disponibbiltà tiegħu sabiex isib lid-debitur bil-għan li tkun tista' tipproċedi l-applikazzjoni. F'kull każ, jeħtieġ li, f'xi punt, id-debitur jiġi nnotifikat bl-applikazzjoni għall-manteniment u, jekk jiġi mfittex l-infurzar tad-deċiżjoni, mela allura tali proċedura titlob ukoll li jiġi ddeterminat il-post fejn ikun jinsab id-debitur.

667. F'xi każijiet, fejn ikun hemm dubju dwar jekk id-debitur huwiex qiegħed jgħix fi [Name of State], jista' jkun prudenti li ssir it-tfittxija għalih mal-ewwel opportunità li tinqala'. Jekk jiġi stabbilit li d-debitur ma jirrisjedix fi [Isem l-Istat], l-Istat rikjedenti jista' jiġi nnotifikat u l-applikazzjoni tintbagħat lil Stat Kontraenti jew Stat Membru ieħor. F'każijiet oħrajn, it-tfittxijiet meħtieġa jsiru mill-**awtorità** [**ġudizzjarja**] [**amministrattiva**] **kompetenti** bħala Parti mill-proċedura tal-istabbiliment innifisha, mhux bħala pass preliminari.[332]

> L-**Awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew tiġi permessa, skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm għall-infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni jew mar-Regolament.

668. Fi kwalunkwe każ, huwa importanti li jiġi mfakkar li ma hemm ebda rekwiżit li l-indirizz jew id-dettalji ta' kuntatt tal-konvenut għandhom jiġu kondiviżi mal-Istat rikjedenti. Jekk tali informazzjoni għandha tiġi kondiviża, mela allura dan għandu jsir b'konformità mal-Konvenzjoni jew mar-Regolament, kif ukoll mal-liġijiet fis-seħħ fuq

[332] Fi [Isem l-Istat] […].

livell domestiku rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni personali (ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VI għal aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta).

**d) Il-bidu tal-proċess tal-istabbiliment**

669. Ladarba jittieħdu dawn il-passi inizjali, l-applikazzjoni issa tkun lesta sabiex tiġi pproċessata mill-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat].[333] It-taqsima li ġejja tiddeskrivi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti sabiex tiġi stabbilita d-deċiżjoni.

## 2. L-istabbiliment tad-deċiżjoni dwar il-manteniment - l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti

670. Minħabba li hemm ħafna varjazzjonijiet fil-mod kif l-Istati individwali jiġġestixxu l-applikazzjonijiet għall-istabbiliment, din it-taqsima tistabbilixxi prinċipji ġenerali, filwaqt li tinkludi wkoll aktar informazzjoni ddettaljata li hija neċessarja sabiex jiġu stabbiliti d-deċiżjonijiet skont il-liġi interna ta' [Isem l-Istat]. Din hija intiża biex tagħti ħarsa ġenerali lejn il-passi li għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet kollha.

671. Skont il-proċeduri interni ta' [Isem l-Istat], għandhom jittieħdu l-passi li ġejjin bħala Parti mill-bidu tal-applikazzjoni għall-istabbiliment.

**(1) Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa**

672. Jista' jkun xieraq li l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tieħu miżuri provviżorji jew protettivi waqt li applikazzjoni tkun għadha pendenti. It-teħid ta' dawn il-miżuri jista' jseħħ f'għadd ta' punti fiż-żmien matul – jew saħansitra qabel – il-proċess tal-applikazzjoni. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi.

**(2) Ġuriżdizzjoni**

673. Jekk l-Istat rikjest ikun Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament, mela allura għandhom japplikaw ir-regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament. Ir-Regolament [huwa] applikabbli fi [Isem l-Istat]. Għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 4. Jekk l-Istat rikjest ma jkunx Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, il-liġi domestika tiegħu, inklużi r-regoli tiegħu skont il-liġi internazzjonali privata, għandhom jiddeterminaw il-ġuriżdizzjoni tal-awtorità kompetenti fil-materja.[334]

**(3) Verifika tad-dokumentazzjoni**

---

[333] Fi [Isem l-Istat] l-awtorità [ġudizzjarjal] [amministrattiva] kompetenti hija […].

[334] Jekk id-deċiżjoni li qiegħda tiġi stabbilita hija intiża biex tkun rikonoxxuta u / jew infurzata f'ġuriżdizzjoni oħra, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jżommu f'moħħhom il-bażijiet ġurisdizzjonali aċċettati għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment fil-ġuriżdizzjoni barranija u, b'mod partikolari, għar-raġunijiet stipulati fl-Art. 20 tal-Konvenzjoni. Pereżempju, fil-biċċa l-kbira taċ-ċirkostanzi, il-qrati fl-Istati Uniti tal-Amerika ma għandhomx jirrikonoxxu u jinfurzaw id-deċiżjonijiet barranin dwar il-manteniment għat-tfal magħmula fuq il-bażi ġurisdizzjonali tal-post tar-residenza abitwali ta' kreditur (l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni jippermetti lil Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jagħmel riżerva għal din il-bażi u għal diversi bażijiet ġurisdizzjonali oħrajn għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin). Madankollu, f'dawn iċ-ċirkostanzi, Stat Kontraenti jkun obbligat, jekk id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu f'dak l-Istat, li jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jistabbilixxi deċiżjoni għall-benefiċċju tal-kreditur (ara l-Art. 20(4)).

674. Għandha ssir verifika tad-dokumentazzjoni sabiex jiġi żgurat li din hija kompleta u tissodisfa kwalunkwe kriterji speċifiċi – bħall-ħtieġa li d-dokumenti jiġu ċċertifikati.[335] Ma hemm ebda rekwiżit skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament li d-dokumenti ċċertifikati għandhom jiġu pprovduti dejjem (madankollu, għal deskrizzjoni tal-awtentiċità / awtorizzazzjoni fir-rigward ta' uħud mid-dokumenti skont ir-Regolament, jekk jogħġbok ara l-Parti II tal-Kapitolu 3). Jekk id-dokumenti jkunu meħtieġa skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] u dawn ma jkunux ġew ipprovduti, mela allura għandu jsir segwitu mal-Istat rikjedenti permezz tal-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat].

### (4) Notifika lid-debitur

675. F'kull applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar manteniment, id-**debitur** jiġi nnotifikat dwar l-applikazzjoni għall-manteniment jew il-valutazzjoni tal-manteniment. F'xi Stati, dan iseħħ kmieni ħafna fil-proċess u d-debitur jiġi nnotifikat li qiegħed jiġi mfittex il-manteniment u huwa jintalab jipprovdi informazzjoni finanzjarja lill-awtorità kompetenti responsabbli mit-teħid tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.[336] Imbagħad, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha tiddetermina l-ammont ta' manteniment.

**Debitur** huwa l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, konjugi jew xi ħadd ieħor li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment.

676. Barra minn hekk, tista' ssir talba lid-debitur sabiex jipproduċi informazzjoni finanzjarja jew informazzjoni oħra meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat id-dħul tiegħu u jekk jistax iħallas il-manteniment.

### (5) Riferiment għas-soluzzjoni tat-tilwim jew għal proċeduri simili

677. F'xi Stati, jistgħu jitpoġġew disponibbli servizzi bħal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, medjazzjoni jew assistenza fit-tħejjija tad-dokumenti, bil-għan li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tipproċedi b'mod effikaċi. Dawn is-servizzi għandhom ikunu disponibbli kemm għall-applikanti kif ukoll għall-konvenuti, skont kif meħtieġ. F'xi Stati, qegħdin isiru sforzi sabiex tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens jew ftehim.[337]

### (6) L-istabbiliment tal-parentela

678. F'xi applikazzjonijiet, jista' jkun li kreditur jitlob li tiġi stabbilita l-parentela jew debitur / konvenut jistaqsi jekk huwiex il-ġenitur tal-persuna jew persuni minorenni u konsegwentement jitlob li jsiru t-testijiet ġenetiċi. Hija l-liġi tal-Istat rikjest li tiddetermina jekk il-kwistjoni tistax titqajjem mid-debitur innifsu. F'xi Stati, l-ittestjar tal-parentela ma jiġix ordnat u ma tkun permessa ebda applikazzjoni jekk il-persuna minorenni tkun twieldet matul iż-żwieġ tal-ġenituri.[338]

679. Jekk ikun meħtieġ l-ittestjar tal-parentela, il-Konvenzjoni u r-Regolament jesiġu li Awtorità Ċentrali għandha "tipprovdi assistenza" fl-istabbiliment tal-parentela (l-Art. 6(2) *h*) tal-Konvenzjoni u l-Art. 51(2) *h)* tar-Regolament). Dan ma jfissirx li l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest (jiġifieri [Isem l-Istat]) hija mitluba li tipprovdi t-testijiet ġenetiċi fuq it-talba tad-debitur; minflok, hija għandha tkun tista' tinnotifika lill-konvenut / lid-debitur dwar il-faċilitajiet tal-ittestjar jew l-aġenziji li jistgħu jwettqu l-ittestjar.[339]

680. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Istat rikjest għandu jħallas għall-ittestjar tal-parentela, jekk dan jintalab mid-debitur. L-Istat rikjest jista' jitlob lid-debitur / lill-konvenut sabiex iħallas għall-ittestjar bħala kundizzjoni tat-talba.[340]

681. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jivverifikaw jekk sarx tentattiv mill-Awtorità Ċentrali sabiex tistieden lill-missier preżuntiv jirrikonoxxi l-parentela volontarjament. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, l-Awtorità

[335] Fi [Isem l-Istat] […].
[336] Ara *supra*, in-nota 290.
[337] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[338] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[339] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[340] Ara *supra*, in-nota 96.

Ċentrali għandha taċċerta l-liġi applikabbli għall-istabbiliment tal-parentela (ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima I.A. għal aktar informazzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-parentela).

### (7) L-assistenza legali u l-ispejjeż tal-ittestjar tal-parentela

682. L-ispejjeż tat-testijiet ġenetiċi sabiex tiġi ddeterminata l-parentela jvarjaw b'mod sinjifikanti minn Stat għal ieħor. Wieħed mill-prinċipji sottostanti tal-Konvenzjoni u tar-Regolament huwa li s-servizzi, inkluża l-assistenza/għajnuna legali, għandhom jiġu pprovduti lil kreditur mingħajr ħlas, għall-finijiet tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-obbligi għal manteniment għal wild ta' inqas minn 21 sena. Dawn jinkludu l-applikazzjonijiet għal stabbiliment (ara l-Art. 15(1) tal-Konvenzjoni u l-Art. 46(1) tar-Regolament). Effettivament, dan ifisser li l-kreditur ma għandux għaliex ikollu jħallas l-ispejjeż assoċjati mal-ittestjar tal-parentela.[341]

683. Għal aktar informazzjoni fir-rigward tal-għoti ta' assistenza legali, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VII.

### (8) Id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli

684. Qabel tiddetermina l-ammont ta' manteniment, jiġifieri s-sustanza tat-tilwima, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tkun trid tiddetermina liema liġi hija applikabbli, jiġifieri jekk hux dik domestika jew inkella dik barranija. Għal aktar informazzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-liġi applikabbli skont il-Konvenzjoni u r-Regolament, ara l-Kapitolu 5.

685. Jekk jiġi ddeterminat li hija l-liġi barranija li hija applikabbli għat-tilwima, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti jkollha ssib u taċċerta l-kontenut tal-liġi barranija applikabbli. Għal aktar informazzjoni dwar it-tiftix u l-aċċertazzjoni tal-liġi barranija, ara l-Kapitolu 6.

### (9) Id-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment

686. Ladarba l-kwistjonijiet tal-parentela jkunu ġew riżolti u jkunu ttieħdu l-passi preliminari l-oħrajn kif mitlub mill-proċeduri interni fis-seħħ fi [Isem l-Istat], tkun tista' tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment. Ta' min jinnota li meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' manteniment li għandu jingħata, xi Stati jużaw linji gwida dwar il-manteniment għat-tfal ibbażati fuq id-dħul ta' debitur jew fuq taħlita ta' dħul tad-debitur u tal-kreditur; oħrajn jistabbilixxu l-ammont ta' manteniment sempliċiment fuq l-ispejjeż relatati mat-trobbija ta' persuna minorenni.[342]

### (10) Il-proċeduri ta' appell jew reviżjoni

687. Hekk kif tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment, din għandha tiġi kkomunikata mill-awtorità kompetenti jew mill-Awtorità Ċentrali lill-partijiet kollha, inkluż l-applikant. Appell jew reviżjoni tad-deċiżjoni jistgħu jkunu permessi skont il-liġi tal-Istat rikjest.[343] Dan ir-rimedju ser ikun miftuħ għall-applikant ukoll, pereżempju, fejn għotja ta' manteniment kienet irrifjutata jew meta l-applikant jikkontesta l-ammont ta' manteniment mogħti. Tista' tkun prattika tajba li l-applikant jiġi nnotifikat, bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali, dwar kwalunkwe rimedji ta' appell jew reviżjoni disponibbli u dwar il-limiti ta' żmien għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.[344]

688. F'każ li tkun meħtieġa assistenza legali għall-appell, id-diskussjoni ta' hawn fuq tapplika wkoll għar-rekwiżit tal-Istat rikjest ([Isem l-Istat]) li jipprovdi assistenza jew għajnuna legali lill-kreditur/applikant mingħajr ħlas. Madankollu, innota li tista' ssir

---

[341] Sakemm l-Istat rikjest ma jikkunsidrax l-applikazzjoni fuq il-merti tagħha bħala waħda li hija evidentement infondata (l-Art. 15(2) tal-Konvenzjoni u l-Art. 46(2) tar-Regolament). Skont il-Konvenzjoni biss, Stat Kontraenti jista' jagħmel ukoll riżerva li jintuża test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal sabiex jiddetermina l-eliġibbiltà għas-servizzi bla ħlas. L-Unjoni Ewropea ma tagħmilx din id-dikjarazzjoni u, għalhekk, f'dan il-kuntest, ma huwa applikabbli ebda test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra*, in-nota 59)).

[342] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[343] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[344] *Ibid*.

valutazzjoni ġdida tal-intitolament tal-applikant għal assistenza legali / għajnuna legali mingħajr ħlas għall-appell, billi l-Istat rikjest jista' jikkunsidra jekk l-appell huwiex evidentement infondat fuq il-merti tiegħu, qabel jipprovdi l-assistenza fuq bażi ta' mingħajr ħlas.[345]

**(11) L-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment**

689. Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet iffinalizzata, jekk l-applikant jitlob li d-deċiżjoni tiġi infurzata (dan għandu jiġi indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni rilevanti), l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha tipproċedi bl-infurzar (ara l-Kapitolu 12 għal informazzjoni dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment).

**(12) Aġġornamenti tal-istatus**

690. Huwa importanti li l-Istat rikjedenti jinżamm informat dwar il-progress li jsir fuq l-applikazzjoni għall-istabbiliment. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti għandha żżomm lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] informata dwar l-istatus ta' applikazzjoni għall-istabbiliment. L-Awtorità Ċentrali hija obbligata li tirrapporta lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti dwar l-istatus u l-iżviluppi fl-applikazzjoni.

# III. Materjal addizzjonali

## A. *Pariri prattiċi*

- Jekk l-applikant u l-konvenut jilħqu soluzzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni dwar manteniment, kun żgur li tinnotifika b'dan lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] sabiex hija tkun tista' tinforma lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti fil-pront sabiex b'hekk tkun tista' tagħlaq il-fajl.
- Skont il-Konvenzjoni, l-Istati Kontraenti kollha għandhom obbligu ġenerali li jipproċedu bl-applikazzjonijiet bl-aktar mod effiċjenti possibbli. L-effiċjenza hija partikolarment importanti fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-istabbiliment, billi sakemm tiġi stabbilita deċiżjoni, l-applikant u t-tfal ma jkollhom ebda dritt għal manteniment. Id-dewmien bla bżonn sabiex jiġi stabbilit il-manteniment jista' ta' spiss jikkawża tbatija sinjifikanti għall-familji.

## B. *Formoli relatati*

*Il-Konvenzjoni tal-2007:*

Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni
Formola tat-Trażmissjoni
Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji

*Ir-Regolament tal-2009:*

L-Anness VII

## *Ċ. Artikoli Rilevanti*

*Il-Konvenzjoni tal-2007:*

L-Artikolu 10
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 14
L-Artikolu 15
L-Artikolu 20
L-Artikolu 22

---

[345] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 386.

*Ir-Regolament tal-2009:*

L-Artikolu 56
L-Artikolu 57
L-Artikolu 58
L-Artikolu 44
L-Artikolu 46

## D. Kapitoli relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3 – Materji ta' applikazzjoni ġenerali: Il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 4 – Ir-Regolament tal-2009: Regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni
Ara l-Kapitolu 5 – Il-Liġi Applikabbli skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 6 – It-Tiftix u l-Aċċertazzjoni tal-Liġi Barranija
Ara l-Kapitolu 12 – L-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

# IV. Lista ta' Kontroll – L-applikazzjonijiet li jidħlu għall-istabbiliment

| | **Proċedura** | **Referenza għall-Manwal** |
|---|---|---|
| 1 | Tirċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] | II(C)(1) |
| 2 | Tiżgura li d-dokumenti huma kompleti u li l-applikazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament | II(C)(1) |
| 3 | Tieħu kwalunkwe miżuri provviżorji xierqa | II(C)(2)(1) |
| 4 | Tistabbilixxi deċiżjoni dwar manteniment | II(C)(2) |
| (i) | Tirrevedi d-dokumenti u tinnotifika lid-debitur | II(C)(2)(4) |
| (ii) | Tiddetermina l-parentela, jekk ikun meħtieġ | II(C)(2)(6) |
| (iii) | Tiddetermina l-ammont ta' manteniment | II(C)(2)(9) |
| 5 | Tinnotifika lid-debitur u lill-kreditur u taġġorna lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti | II(C)(2)(10) |
| 6 | Tappella jew tirrevedi l-proċess, jekk dan ikun permess | II(C)(2)(10) |
| 7 | Tirreferi d-deċiżjoni għall-infurzar, fuq talba tal-applikant | II(C)(2)(11) |

# V. Mistoqsijiet Frekwenti

*Kif jista' l-applikant isir jaf x'ġara mill-applikazzjoni?*

691. Jekk l-applikant ikollu xi mistoqsijiet, huwa għandu jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti sabiex isir jaf fhiex waslet l-applikazzjoni. L-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] ma għandu jkollha ebda kuntatt dirett mal-applikant sakemm ma tkunx qablet li tinvestiga direttament. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tirrikonoxxi li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien sitt ġimgħat u tipprovdi aġġornament ulterjuri tal-istatus fi żmien tliet xhur minn meta tkun irrikonoxxiet li rċeviet id-dokument. Skont ir-Regolament, l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tirrikonoxxi li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien 30 jum u tipprovdi aġġornament ulterjuri tal-istatus fi żmien 60 jum minn meta tkun irrikonoxxiet li rċeviet id-dokument.

*Jista' d-debitur / il-konvenut jikkontesta l-paternità?*

692. Dan jista' jiddependi fuq il-liġi tal-Istat rikjest. F'xi Stati, talba għall-ittestjar tal-parentela tiġi rrifjutata, pereżempju, jekk il-partijiet ikunu miżżewġin.[346]

*X'inhu r-rwol tal-Awtorità Ċentrali jekk ikun meħtieġ l-ittestjar tal-parentela?*

693. L-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tassisti fil-proċess jekk jintalab l-ittestjar mill-applikant. L-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] għandha tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-applikant fil-proċess tal-ittestjar.

694. Jekk id-debitur jitħalla jagħmel talba sabiex isir l-ittestjar, ma għandu jkun hemm ebda obbligu fuq [Isem l-Istat], l-Istat rikjest, sabiex jipprovdi l-ittestjar. Madankollu, l-awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat] tista' turi x-xewqa li tipprovdi informazzjoni lid-debitur dwar kif jista' jitwettaq l-ittestjar tal-parentela.[347]

*L-applikant huwa obbligat li jmur il-qorti?*

695. Dan jiddependi fuq jekk l-Istat rikjest (fejn tkun qiegħda tinstema' t-talba għall-istabbiliment) jitlobx sabiex l-applikant ikun preżenti.[348] L-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] tista' tassisti fl-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni billi tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għal konferenzi bit-telefon jew bil-vidjo, jekk tali servizzi jkunu disponibbli.

*Min għandu jħallas l-ispejjeż tat-testijiet ġenetiċi f'applikazzjoni għal manteniment tat-tfal għal wild li jkollu inqas minn 21 sena?*

696. L-ispejjeż tal-ittestjar tal-parentela jaqgħu taħt is-servizzi mingħajr ħlas li għandhom jiġu pprovduti lil applikant f'materja li tikkonċerna l-manteniment għat-tfal. Għalhekk, l-applikant ma jistax jintalab iħallas għall-ittestjar tal-parentela, sakemm l-applikazzjoni ma tkunx evidentement infondata, kif previst fl-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament.[349] Madankollu, dan mhux bilfors ifisser li l-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż, minħabba li l-Istat rikjest jista' jitlob lid-debitur sabiex iħallas għall-ispejjeż tal-ittestjar bħala kundizzjoni tal-ittestjar.[350]

*Kemm għandu jingħata manteniment?*

697. Il-metodu li jintuża sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' manteniment pagabbli huwa differenti f'kull Stat, skont il-liġi applikabbli (ara l-Kapitolu 5).[351]

*X'jiġri jekk il-konvenut jiġi nnotifikat iżda ma jweġibx jew ma jikkontestax id-deċiżjoni?*

698. Dan jiddependi fuq ir-regoli partikolari li jintużaw fl-Istat rikjest. Jekk ikun permess mil-liġijiet ta' dak l-Istat, il-materja tista' tipproċedi u tkun tista' tittieħed deċiżjoni fin-nuqqas tad-debitur, jew, f'sistema amministrattiva, id-deċiżjoni dwar manteniment tista' titqies bħala effettiva ladarba jkun għadda l-perjodu ta' żmien għall-kontestazzjoni jew għat-tilwima u, għalhekk, imbagħad tkun tista' tiġi infurzata d-deċiżjoni.[352]

---

[346] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[347] Ara *supra*, in-nota 338, għal informazzjoni dwar il-proċeduri relatati mal-paternità skont il-liġi ta' [Isem l-Istat] u *supra*, in-nota 96, fir-rigward tal-ittestjar tal-paternità u l-kwistjonijiet evidenzjarji.

[348] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[349] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 393. Skont il-Konvenzjoni biss, Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni li juża test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal u, f'dak il-każ, jekk il-persuna minorenni ma tgħaddix mit-test, l-applikant jista' jintalab iħallas l-ispejjeż. L-Unjoni Ewropea ma tagħmilx din id-dikjarazzjoni u, b'hekk, f'dan il-kuntest ma japplika ebda test tal-mezzi li jiffoka fuq it-tfal fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara d-*Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 2011/432/UE* (*supra,* in-nota 59)).

[350] Ara *supra*, in-nota 96.

[351] Ara *supra*, in-nota 342.

[352] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

*X'jiġri wara li tittieħed id-deċiżjoni?*

699. L-applikant jindika fuq il-formola tal-applikazzjoni jekk jixtieqx li d-deċiżjoni tiġi infurzata. Jekk iva, din tintbagħat lill-awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat] sabiex tiġi infurzata u l-pagamenti miġbura jintbagħtu lill-kreditur tal-manteniment.[353]

*Jista' l-applikant jappella mill-ammont ta' manteniment mogħti?*

700. Dan jista' jsir biss jekk ikun permess proċess ta' appell jew reviżjoni mill-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest għandha tinnotifika lill-kreditur meta tittieħed id-deċiżjoni u dwar jekk l-ammont jistax jiġi appellat. L-applikant jista' wkoll jappella minn deċiżjoni sabiex ma jingħatax il-manteniment u l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' tassisti f'dak il-proċess ukoll.[354]

# VI. Talbiet diretti għall-istabbiliment tad-deċiżjonijiet

701. It-talbiet diretti lil awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] għall-istabbiliment ta' deċiżjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament għandhom jiġu rregolati mil-liġi fis-seħħ fuq livell domestiku, li normalment tfisser il-liġi domestika (inklużi r-regoli tal-liġi internazzjonali privata). Skont ir-Regolament, ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni stabbiliti fir-Regolament għandhom japplikaw fil-każ ta' talbiet diretti għall-istabbiliment u l-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet (ara l-Kapitolu 4), l-istess bħar-regoli dwar il-liġi applikabbli stabbilita fil-Protokoll (ara l-Kapitolu 5) għal dawk l-Istati fejn huwa applikabbli l-Protokoll. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni diskussi fil-Kapitolu 7 li jirrigwardjaw it-talbiet diretti għar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni ma japplikawx għat-talbiet diretti għall-istabbiliment jew għall-modifikazzjoni. Effettivament, dan ifisser li l-proċeduri, il-formoli u l-assistenza disponibbli għall-kredituri jew għad-debituri li jagħmlu dawn it-talbiet għandhom ikunu dawk li jinstabu fil-liġi domestika fis-seħħ jew fil-proċessi fis-seħħ fi [Isem l-Istat].

702. Minkejja li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament (pereżempju, meta d-deċiżjoni tkun tikkonċerna l-istabbiliment tal-manteniment tal-miżżewġin), huwa importanti li l-aktar dispożizzjonijiet favorevoli li jikkonċernaw l-assistenza legali ma japplikawx għal dawn it-talbiet diretti. F'xi każijiet, kreditur jew debitur jista' jintalab jagħmel użu mis-servizzi ta' avukat għas-spejjeż tiegħu fl-Istat rikjest, jiġifieri [Isem l-Istat], sabiex jagħmel it-talba (ara l-Kapitolu 2, il-Parti II, it-taqsima VII għal aktar informazzjoni dwar l-aċċess effettiv għall-proċeduri u l-assistenza legali / għajnuna legali skont iż-żewġ strumenti). Fi [Isem l-Istat] […].

---

[353] Fi [Isem l-Istat] […].

[354] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, il-para. 390. Jekk l-appell jitqies bħala li huwa evidentement infondat, l-assistenza legali bla ħlas tista' tiġi rrifjutata. Għal informazzjoni dwar il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat], ara *supra*, in-nota 343.

# Kapitolu 11 – Applikazzjonijiet għall-modifikazzjoni ta’ deċiżjoni: l-Artikolu 10(1) *e)* u *f)* u 10(2) *b)* u *ċ)* tal-Konvenzjoni tal-2007; u l-Artikolu 56(1) *e)* u *f)* u 56(2) *b)* u *ċ)* tar-Regolament tal-2009

## Parti I – Introduzzjoni

703. Dan il-Kapitolu l-ewwel jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-mod kif il-Konvenzjoni jew ir-Regolament jiġu applikati għall-applikazzjonijiet imressqa mill-kredituri jew mid-debituri sabiex jimmodifkaw id-deċiżjonijiet dwar manteniment eżistenti (il-Parti I). It-taqsimiet sussegwenti tal-Kapitolu (il-Parti II) imbagħad jipprovdu l-proċeduri li jintużaw għall-applikazzjonijiet li jidħlu għal modifikazzjoni.

704. Huwa importanti li jiġi nnotat li fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-regoli ta’ ġuriżdizzjoni tar-Regolament għall-applikazzjonijiet *kollha* għal modifikazzjoni u għat-talbiet diretti *kollha* skont il-Konvenzjoni jew skont ir-Regolament, sakemm dawn ikunu jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni temporali u sostantiv tar-Regolament (ara wkoll il-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima III għal aktar informazzjoni dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament u l-Kapitolu 4 dwar ir-regoli ta’ ġuriżdizzjoni tar-Regolament). Barra minn hekk, għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament u li huma marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, l-awtoritajiet kompetenti sejrin japplikaw il-Protokoll għall-applikazzjonijiet *kollha* għal modifikazzjoni u għat-talbiet diretti *kollha*, sakemm dawn ikunu jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni temporali u sostantiv tal-Protokoll (ara wkoll il-Kapitolu 5 dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007). Ir-regoli ta’ ġuriżdizzjoni tar-Regolament u r-regoli tal-liġi applikabbli tal-Protokoll huma applikabbli b’mod universali fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni ġeografiku.[355]

705. B’kuntrast ma’ dan, fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni barra mill-Unjoni Ewropea, l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni sejrin ikunu soġġetti primarjament għal-liġi domestika fir-rigward tal-kwistjonijiet ta’ ġuriżdizzjoni u l-kwistjonijiet tal-liġi applikabbli (sakemm l-Istat Kontraenti ma jkunx Parti mill-Protokoll tal-Aja tal-2007). Madankollu, jekk il-modifikazzjoni tkunx aċċettabbli fi ħdan ir-regoli ta’ limitazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni jiġi vverifikat meta tittieħed il-ġuriżdizzjoni u fil-mument tar-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjoni fi Stat Kontraenti ieħor.

706. L-interazzjonijiet bejn id-dispożizzjonijiet fi ħdan il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, iċ-ċirkostanzi tal-partijiet (fejn jirrisjedu, fejn tittieħed id-deċiżjoni, eċċ.) u jekk l-applikazzjoni hijiex qiegħda titressaq minn kreditur jew debitur jinfluwenzaw kif u fejn applikant jagħżel li jressaq applikazzjoni għal **modifikazzjoni**. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti għandhom ikunu konxji ta’ wħud mill-kwistjonijiet sottostanti fir-rigward tal-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet taħt iż-żewġ strumenti, sabiex ikollhom l-isfond neċessarju għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u t-talbiet għal modifikazzjoni.

> **Modifikazzjoni** hija l-proċess tat-tibdil ta’ deċiżjoni dwar manteniment wara li tkun ittieħdet. F’xi Stati, din hija magħrufa bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni għal tibdil. Il-modifikazzjoni tista’ tkun relatata mal-ammont ta’ manteniment, mal-frekwenza jew ma’ xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

[355] [Isem l-Istat] [huwa] [mhuwiex] [Stat] [Stat Membru tal-Unjoni Ewropea] fejn huma applikabbli r-Regolament u l-Protokoll tal-Aja tal-2007.

# I. Ħarsa ġenerali – il-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## A. Ġenerali

707. Minħabba li l-manteniment, b'mod partikolari l-manteniment għat-tfal, jista' jkun pagabbli għal ħafna snin, kif ukoll minħabba li l-ħtiġijiet tat-tfal u l-mezzi tal-ġenituri jinbidlu matul dak iż-żmien, l-abbiltà li deċiżjoni dwar manteniment tiġi mmodifikata hija importanti sabiex jiġi żgurat li t-tfal u l-familji jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu. Għalhekk, il-Konvenzjoni u r-Regolament jinkludu dispożizzjonijiet sabiex l-Awtoritajiet Ċentrali jkunu jistgħu jassistu fit-trażmissjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet, filwaqt li ż-żewġ strumenti jinkludu wkoll regoli għar-rikonoxximent u l-infurzar sussegwenti ta' dawk id-deċiżjonijiet immodifikati, fejn meħtieġ.[356]

708. Skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 56 tar-Regolament, applikazzjoni għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni eżistenti tista' ssir meta xi ħadd mill-partijiet, kreditur jew debitur, ifittex modifikazzjoni (magħrufa wkoll bħala bidla jew varjazzjoni f'xi Stati[357]) tad-deċiżjoni. Kreditur jista' jfittex żieda fil-manteniment, terminazzjoni ta' manteniment għal wieħed/waħda jew aktar mit-tfal tiegħu, jew modifikazzjoni fit-termini, bħall-frekwenza tal-ħlas. B'mod simili, debitur jista' jfittex ukoll modifikazzjoni – ta' spiss biex inaqqas l-ammont pagabbli, biex jittermina l-manteniment għal wieħed/waħda jew aktar mit-tfal tiegħu jew biex jimmodifika t-termini tal-ħlas. Il-modifikazzjoni tista' ssir ukoll sempliċiment sabiex tiżgura li l-ħlas tal-manteniment jirrifletti d-dħul attwali tad-debitur. L-Awtorità Ċentrali fi Stat rikjedenti, fejn jirrisjedi l-applikant, għandha tkun involuta fit-trażmissjoni tat-talba għal modifikazzjoni lill-Istat Kontraenti jew Stat Membru l-ieħor.

709. L-Istati Kontraenti jew l-Istati Membri kollha għandhom proċeduri li jippermettu l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal varjazzjoni jew modifikazzjoni tal-obbligi għal manteniment skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, permezz tal-modifikazzjoni tad-deċiżjoni eżistenti jew permezz tal-ħruġ ta' deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment.[358] Madankollu, huwa importanti li jiġi mfakkar li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-merti tal-applikazzjoni għal modifikazzjoni jiġu ddeterminati skont il-liġi applikabbli fl-Istat rikjest jew il-liġi domestika tal-Istat rikjest.[359] L-Istati Kontraenti u l-Istati Membri jista' jkollhom ukoll liġijiet differenti ħafna li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti qabel tkun permessa modifikazzjoni ta' deċiżjoni.[360]

710. Huwa importanti li tinnota li l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni li jitolbu għat-tnaqqis jew għall-kanċellazzjoni tal-arretrati jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti ħafna fi Stati differenti. Xi Stati jistgħu ma jippermettu ebda modifikazzjoni tal-arretrati u, anki meta tittieħed deċiżjoni li timmodifika l-arretrati, dik il-modifikazzjoni mhux bilfors tkun rikonoxxuta fi Stat ieħor.[361]

711. Id-disponibbiltà tal-assistenza legali fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni hija wkoll kunsiderazzjoni importanti fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni li jitressqu minn debitur. Ma jeżisti ebda dritt awtomatiku għal assistenza legali bla ħlas fir-rigward tal-applikazzjoni ta' debitur għal modifikazzjoni (ara l-Art. 17

[356] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 258.
[357] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[358] Għalkemm dan il-Kapitolu jiddiskuti s-sitwazzjoni fejn Stat jintalab jimmodifika deċiżjoni preċedenti, huwa japplika bl-istess mod f'sitwazzjonijiet fejn il-liġi domestika ma tippermettix l-għoti ta' deċiżjoni mmodifikata, iżda biss deċiżjoni ġdida. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 264. Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[359] F'dawn l-applikazzjonijiet, ċerti Stati japplikaw il-liġi barranija u mhux il-liġi domestika. Meta Stat ikun Parti minn jew marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, il-Protokoll japplika għall-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet. Fi [Isem l-Istat] […]. Ara wkoll il-Kapitolu 5 dwar il-liġi applikabbli.
[360] F'xi Stati, il-modifikazzjoni ta' deċiżjoni magħmula minn Stat ieħor ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jekk il-persuna minorenni jew waħda mill-partijiet tkompli tirrisjedi fl-Istat tal-oriġini. Dan jista' jaffettwa jekk ikunx effettiv li tintalab modifikazzjoni fi Stat ieħor għajr fl-Istat tal-oriġini.
[361] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

tal-Konvenzjoni u l-Art. 47 tar-Regolament). Madankollu, meta tkun qiegħda titressaq l-applikazzjoni għal modifikazzjoni minn kreditur u din tkun tikkonċerna l-manteniment għat-tfal fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, il-kreditur ikun intitolat għal assistenza legali bla ħlas.

712. Huwa daqstant importanti li l-Konvenzjoni u r-Regolament jipprovdu biss gwida bażika fir-rigward tat-tipi ta' applikazzjonijiet għal modifikazzjoni li jistgħu jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u hemm xi regoli limitati ħafna dwar kif l-Istati Kontraenti jew l-Istati Membri għandhom jittrattaw id-deċiżjonijiet barranin dwar il-modifikazzjoni, ladarba jittieħdu.

L-**Istat tal-oriġini** huwa l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

713. Għalhekk, matul il-kors tal-ġestjoni ta' kawżi internazzjonali ser ikun hemm sitwazzjonijiet fejn il-Konvenzjoni u r-Regolament ma jipprovdu ebda gwida speċifika. F'dawn il-kawżi, Stati individwali, f'dan il-każ [Isem l-Istat], ikollhom isolvu kwalunkwe kwistjonijiet b'referenza għal-liġi domestika tagħhom u għall-prinċipji ġenerali tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament li jitolbu lill-Istati sabiex jikkooperaw ma' xulxin bil-għan li jippromwovu soluzzjonijiet effiċjenti, kost-effettivi u ġusti, kif ukoll bil-għan li jinkoraġġixxu soluzzjonijiet li jappoġġjaw l-objettiv tal-irkupru tal-manteniment għat-tfal u tal-manteniment tal-familja.

## B. Fejn tista' titressaq talba diretta jew applikazzjoni għal modifikazzjoni u applikazzjoni li ssir skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament hija possibbli?

714. Kif issemma aktar 'il fuq, ir-Regolament jipprovdi regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni (ara l-Kapitolu 4) li jistabbilixxu meta Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament jista' jieħu ġuriżdizzjoni f'materja relatata ma' manteniment.

715. Il-Konvenzjoni ma tipprovdix "regoli diretti" dwar il-ġuriżdizzjoni li jistabbilixxu meta Stat Kontraenti jista' jimmodifika deċiżjoni dwar manteniment li tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti ieħor. Din għandha dejjem tkun materja għal-liġi domestika fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni barra mill-Ewropa. L-unika sitwazzjoni fejn il-Konvenzjoni tindirizza speċifikament l-abbiltà li tiġi mmodifikata deċiżjoni u li tiġi vverifikata fiż-żmien tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni fi Stat Kontraenti ieħor hija fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni mressqa minn debitur fi Stat differenti mill-Istat tal-oriġini, meta l-kreditur ikun jirrisjedi fl-Istat tal-oriġini (l-Art. 18 tal-Konvenzjoni).[362]

**Suġġeriment**: Matul dan il-Manwal ser tara li ssir distinzjoni bejn **talbiet diretti** u **applikazzjonijiet**. Applikazzjoni hija azzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament li tintbagħat u tiġi pproċessata minn Awtorità Ċentrali, bħal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Talba diretta hija azzjoni li tintbagħat direttament lil awtorità kompetenti, bħal talba diretta skont il-Konvenzjoni għall-istabbiliment ta' manteniment tal-miżżewġin biss, fejn ebda wieħed mill-Istati Kontraenti ma jkun estenda l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawk it-talbiet. Ara t-taqsima VI, *infra*, għal aktar informazzjoni dwar it-talbiet diretti.

716. Ir-Regolament jindirizza speċifikament ukoll l-abbiltà li tiġi mmodifikata deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni mressqa minn debitur fi Stat differenti mill-Istat tal-oriġini, meta l-kreditur ikun jirrisjedi fl-Istat tal-oriġini (l-Art. 8 tar-Regolament). Ara aktar informazzjoni hawn taħt (il-Parti II, "Ġuriżdizzjoni") dwar l-Artikolu 8 tar-Regolament u kif din id-dispożizzjoni tinteraġixxi mar-regoli ta' ġuriżdizzjoni l-oħrajn tar-Regolament.

717. Billi jipprevedu l-**applikazzjonijiet għal modifikazzjoni** li għandhom isiru skont il-Konvenzjoni u r-Regolament u billi jipprovdu regoli dwar meta jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati d-deċiżjonijiet (inklużi d-deċiżjonijiet immodifikati), il-Konvenzjoni u r-Regolament jipprovdu oqfsa li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-partijiet f'sitwazzjonijiet fejn

[362] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 415.

għandha tiġi mmodifikata d-deċiżjoni inizjali. Il-Konvenzjoni u r-Regolament jippermettu li jiskatta proċess issimplifikat u kost-effettiv għall-krendituri jew għad-debituri sabiex ikunu jistgħu jibdew l-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni, meta l-Parti l-oħra tkun tirrisjedi fi Stat Kontraenti jew Stat Membru differenti, sabiex b'hekk titneħħa l-ħtieġa fil-biċċa l-kbira tal-każijiet li Parti li tirrikjedi modifikazzjoni jkollha tivvjaġġa lejn l-Istat l-ieħor sabiex tressaq l-applikazzjoni.[363]

718. Fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet, applikant, jiġifieri kreditur jew debitur, jista' jkollu numru ta' għażliet f'termini ta' fejn tista' titressaq il-modifikazzjoni u jekk il-Konvenzjoni jew ir-Regolament għandhomx jintużaw jew le sabiox titressaq applikazzjoni. L-applikant jista' jiddeċiedi li:

- jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 56 tar-Regolament u jibgħat l-applikazzjoni sabiex tinstema' fl-Istat fejn tirrisjedi l-Parti l-oħra, jew
- jagħżel li jivvjaġġa lejn l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni jew fejn tirrisjedi l-Parti l-oħra u jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat l-ieħor, jew
- jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat tiegħu, b'mod partikolari meta huwa jkun jirrisjedi fl-Istat fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

719. Liema minn dawn l-għażliet jista' jagħżel applikant f'każ partikolari jiddependi fuq:

- ir-residenza tal-applikant u jekk tinsabx fl-Istat tal-oriġini (l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni),
- fejn jirrisjedi d-debitur,
- jekk il-liġi applikata fl-Istat fejn issir l-applikazzjoni jew it-talba diretta tippermettix li ssir il-modifikazzjoni mfittxija (pereżempju; ara l-kummenti aktar 'il fuq dwar il-modifikazzjoni tal-arretrati),
- jekk huwiex ser ikun hemm xi diffikultajiet sabiex id-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta fl-Istat fejn għandha tiġi infurzata,
- it-tul ta' żmien meħuda sabiex titlesta l-applikazzjoni. Dan jista' jkun partikolarment importanti meta kreditur jitlob għal żieda fil-manteniment sabiex ikopri l-ispejjeż dejjem jiżdiedu fir-rigward tat-trobbija tat-tfal,
- jekk Stat joffrix proċess imħaffef fir-rigward tal-modifikazzjoni – pereżempju l-proċeduri ta' valutazzjoni mill-ġdid li huma disponibbli fl-Awstralja – li jista' jippermetti li jsiru aġġustamenti frekwenti, meta mitluba mill-partijiet.

720. Għandu jiġi mfakkar li l-għażliet tad-debitur rigward il-modifikazzjoni sejrin ikunu aktar limitati minn dawk tal-kreditur minħabba l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 8 tar-Regolament.

721. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li minħabba li l-Konvenzjoni tista' tkun applikabbli biss f'sett limitat ta' ċirkostanzi, hemm il-possibbiltà li l-modifikazzjonijiet jew l-istabbiliment tad-deċiżjonijiet ġodda li jittieħdu jispiċċaw joħolqu diversi deċiżjonijiet fir-rigward tal-istess familja, jew applikant u konvenut. Kull fejn ikun possibbli, għandu jiġi evitat kwalunkwe kors ta' azzjoni li jirriżulta f'diversi deċiżjonijiet, minħabba li l-inċertezza kkawżata mid-deċiżjonijiet u r-riżorsi meħtieġa sabiex jiġu riżolti l-kwistjonijiet ifixklu l-infurzar effettiv ta' dawk id-deċiżjonijiet.

# Parti II – L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għal modifikazzjoni

722. Din it-taqsima tittratta l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Istat rikjest, jiġifieri [Isem l-Istat], meta tiġi rċevuta applikazzjoni għal modifikazzjoni.

723. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti li mhumiex familjari mal-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni ġeneralment jistgħu juru x-xewqa li jirrevedu l-

---

[363] Innota li f'xi każijiet, l-ivvjaġġar xorta waħda jista' jkun meħtieġ jekk il-materja ma tkunx tista' tipproċedi permezz tal-Awtorità Ċentrali. Madankollu, sabiex jiġi evitat l-ivvjaġġar, jistgħu jkunu disponibbli faċilitajiet ta' konferenzi bil-vidjo fost xi Stati u din l-għażla tista' tiġi investigata mill-awtoritajiet kompetenti, kif rilevanti.

Parti I ta' dan il-Kapitolu sabiex jiksbu għarfien aħjar tal-każijiet sottostanti għal u l-mudelli tal-fatti ewlenin involuti fl-applikazzjonijiet għal modifikazzjoni.

# I. Proċeduri — l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti

## 1. Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament ma ġewx issodisfati?

724. Skont il-Konvenzjoni u skont ir-Regolament, Awtorità Ċentrali tista' tirrifjuta li tipproċessa applikazzjoni biss f'sitwazzjonijiet fejn ikun "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni (l-Art. 12(8)) jew tar-Regolament (l-Art. 58(8)) ma ġewx issodisfati. Din l-eċċezzjoni hija limitata ħafna u tista' tapplika, pereżempju, meta l-applikazzjoni ma tkunx tinvolvi manteniment.[364]

725. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] tista' tesprimi x-xewqa li tagħmel verifika preliminari simili u tinforma lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] bi kwalunkwe determinazzjoni, kif xieraq.

## 2. Id-dokumenti u l-informazzjoni huma kompleti?

### Il-Konvenzjoni tal-2007

726. Il-Konvenzjoni titlob biss li jintużaw il-Formola tat-Trażmissjoni u applikazzjoni (tista' tintuża l-Applikazzjoni rrakkomandata għall-Modifikazzjoni ta' Deċiżjoni); madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikunu meħtieġa wkoll dokumenti oħrajn sabiex tiġi stabbilita l-bażi għall-modifikazzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-dokumenti li ġejjin ikunu inklużi fil-pakkett ta' materjal:

- il-formola rrakkomandata għall-Applikazzjoni għall-Modifikazzjoni ta' Deċiżjoni,
- kopja tad-deċiżjoni dwar manteniment – li tiġi ċċertifikata biss jekk tkun meħtieġa mill-Istat rikjest (ara l-Profil tal-Pajjiż)[365],
- il-Formola taċ-Ċirkostanzi finanzjarji għad-debitur,
- l-informazzjoni meħtieġa sabiex tinstab il-Parti li twieġeb fl-Istat rikjest,
- il-Formola taċ-Ċirkostanzi finanzjarji għall-kreditur,
- id-dokumentazzjoni addizzjonali neċessarja bħala sostenn għall-applikazzjoni għal modifikazzjoni,
- id-dokumentazzjoni addizzjonali mitluba mill-Istat rikjest (ara l-Profil tal-Pajjiż)[366].

### Ir-Regolament tal-2009

#### a) L-Anness VII

727. Ir-Regolament jesiġi li jintuża l-Anness VII, mehmuż mat-test tar-Regolament, għall-applikazzjonijiet għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni. Ir-Regolament jitlob li, bħala minimu, l-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għandha tinkludi (l-Art. 57(2)):

a) dikjarazzjoni dwar in-natura tal-applikazzjoni(jiet),
b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi l-indirizz u d-data tat-twelid tal-applikant[367],
ċ) l-isem u, jekk ikunu magħrufa, l-indirizz u d-data tat-twelid tal-konvenut,
d) l-isem u d-data tat-twelid ta' kwalunkwe persuna li għaliha jintalab il-manteniment,
e) ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni,
f) f'applikazzjoni minn kreditur, informazzjoni rigward fejn għandu jintbagħat jew jiġi trasmess b'mod elettroniku l-pagament tal-manteniment,

[364] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 344.
[365] [Isem l-Istat] jitlob li […].
[366] *Ibid*.
[367] L-indirizz personali tal-applikant jista' jiġi sostitwit b'indirizz ieħor f'każijiet ta' vjolenza fil-familja, jekk il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest ma titlobx lill-applikant jipprovdi l-indirizz personali tiegħu għall-finijiet tal-proċeduri li għandhom jitressqu (l-Art. 57(3)). Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

g) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna jew tal-unità mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjedenti responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.

**b) Dokumenti addizzjonali (l-Art. 57)**

728. L-Artikolu 57(4) u (5) tar-Regolament jitlob li applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dokumenti addizzjonali, skont kif xieraq jew neċessarju u safejn dawn ikunu magħrufa. Dawn jinkludu:

- iċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-kreditur (l-Art. 57(4) *a)*)
- iċ-ċirkostanzi finanzjarji tad-debitur, inklużi l-isem u l-indirizz ta' min iħaddem lid-debitur u n-natura u l-post fejn jinsabu l-assi tad-debitur (l-Art. 57(4) *b)*)
- kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tgħin sabiex jinstab il-konvenut (l-Art. 57(4) *ċ)*)
- kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa inkluża, fejn xieraq, dokumentazzjoni rigward id-dritt tal-applikant għal għajnuna legali (l-Art. 57(5))

## 3. Dokumenti inkompleti?

729. Jekk kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija fuq skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament ikunu meħtieġa, iżda ma jkunux inklużi fil-pakkett tal-applikazzjoni, l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi rrifjutata. Minflok, id-dokumenti meħtieġa għandhom jintalbu mill-Istat rikjedenti, permezz tal-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat]. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti li jkollhom id-dokumentazzjoni nieqsa għandhom jinformaw lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] mill-aktar fis possibbli, sabiex b'hekk hija tkun tista' tfittex id-dokumenti neqsin mingħand l-Istat rikjedenti mingħajr dewmien.

## 4. Hemm xi kunsiderazzjonijiet preliminari?

730. L-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] għandha tagħmel reviżjoni preliminari tad-dokumenti rċevuti u tiddetermina jekk jistax ikun hemm xi ostakoli għall-proċedura tal-materja fl-Istat rikjest u jekk hemmx tħassib li jista' jkun hemm impedimenti għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni mmodifikata. L-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti fi [Isem l-Istat] ikollha tagħmel verifika simili. Din il-valutazzjoni hija partikolarment importanti fir-rigward tal-applikazzjonijiet li jsiru mid-debituri. Kif ġie diskuss fil-Parti I (it-taqsima I.B.) ta' dan il-Kapitolu, f'xi każijiet, iċ-ċirkostanzi li fihom tista' titressaq applikazzjoni minn debitur skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament fi Stat ieħor għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni huma limitati.

731. F'xi Stati, il-liġi domestika ma tippermettix li jitnaqqsu jew jitħassru l-arretrati tal-manteniment għat-tfal. Jekk l-applikazzjoni titlob biss li jitħassru l-arretrati tal-manteniment għat-tfal u l-liġi domestika tiegħek[368] ma tippermettix li l-arretrati jitħassru, mela allura għandek tinnotifika lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat], li min-naħa tagħha għandha tinforma lill-Istat rikjedenti kif xieraq.[369]

## 5. Miżuri provviżorji jew protettivi xierqa

732. Jista' jkun xieraq li l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tieħu miżuri provviżorji jew protettivi waqt li applikazzjoni tkun għadha pendenti. It-teħid ta' dawn il-miżuri jista' jseħħ f'numru ta' punti fiż-żmien matul – jew saħansitra qabel – il-proċess tal-applikazzjoni. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima VIII, għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri provviżorji u protettivi.

---

[368] F'xi Stati, dan jinkludi l-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ara l-Kapitolu 5 għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007).
[369] Ara *supra*, in-nota 361.

## 6. L-ipproċessar tal-applikazzjoni għal modifikazzjoni

733. Ladarba tkun saret valutazzjoni preliminari li l-applikazzjoni tista' tipproċedi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti tkun tista' mbagħad tiddetermina l-każ fuq il-merti tiegħu. Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

### a) Ġuriżdizzjoni

#### i) Il-Ġuriżdizzjoni fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-2007 barra mill-Unjoni Ewropea

734. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni barra mill-Unjoni Ewropea (jiġifieri fi Stati fejn ir-Regolament mhuwiex applikabbli) ikollhom jiddeterminaw jekk huma għandhomx ġuriżdizzjoni fil-materja skont il-liġi domestika.[370]

735. Madankollu, ta' min jinnota li l-Konvenzjoni fiha dispożizzjoni speċifika dwar "ġuriżdizzjoni negattiva", jiġifieri l-Artikolu 18, "Limitu tal-proċeduri", li tindirizza l-abbiltà ta' debitur li jimmodifika deċiżjoni eżistenti. Sakemm kreditur jibqa' abitwalment residenti fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni fejn tkun ingħatat deċiżjoni, debitur ma jkunx jista' jressaq proċeduri sabiex jimmodifika d-deċiżjoni fi Stat Kontraenti ieħor għall-Konvenzjoni, soġġett għal numru ta' eċċezzjonijiet (għal aktar informazzjoni dwar l-Art. 18 tal-Konenzjoni, li huwa essenzjalment parallel għall-Art. 8 tar-Regolament, ara l-Kapitolu 4 dwar ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-regolament, it-taqsima G).[371]

#### ii) Il-Ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament tal-2009

736. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn huwa applikabbli r-Regolament għandhom japplikaw ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament għall-applikazzjonijiet u t-talbiet diretti li jidħlu għal modifikazzjoni, irrispettivament minn jekk l-applikazzjoni jew it-talba tkunx saret skont il-Konvenzjoni jew skont ir-Regolament. Dan huwa l-każ billi r-regoli ta' ġuriżdizzjoni tar-Regolament huma universali u għandhom effett ta' *erga omnes* (ara l-Kapitolu 4 għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli diretti dwar il-ġuriżdizzjoni tar-Regolament).

737. Ir-Regolament, bħall-Konvenzjoni, jinkludi regola speċjali dwar "ġuriżdizzjoni negattiva" li tindirizza l-abbiltà ta' debitur li jressaq proċeduri sabiex jimmodifika deċiżjoni eżistenti (l-Art. 8 tar-Regolament, "Limitu tal-proċeduri"). Skont ir-Regolament, sakemm kreditur jibqa' abitwalment residenti fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn tkun ingħatat deċiżjoni, debitur ma jkunx jista' jressaq proċeduri sabiex jimmodifika d-deċiżjoni fi Stat Membru ieħor, soġġett għal numru ta' eċċezzjonijiet (għal sommarju tal-Art. 8 tar-Regolament, ara l-Kapitolu 4, it-taqsima G).

738. L-Artikolu 8 tar-Regolament jinteraġixxi mad-dispożizzjonijiet ta' ġuriżdizzjoni l-oħrajn tar-Regolament b'mod partikolari. L-awtoritajiet kompetenti li japplikaw ir-Regolament għandhom l-ewwel jaraw jekk jistgħux jassumu l-ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament, li jiddeskrivi l-kriterji għall-għażla valida tal-ftehimiet tal-qorti skont ir-Regolament. Għażla ta' ftehimiet tal-qorti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4

---

[370] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

[371] Jekk id-deċiżjoni li qiegħda tiġi mmodifikata hija intiża biex tkun rikonoxxuta u / jew infurzata f'ġuriżdizzjoni oħra, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jżommu f'moħħhom il-bażijiet ġurisdizzjonali aċċettati għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment fil-ġuriżdizzjoni barranija u, b'mod partikolari, għar-raġunijiet stipulati fl-Art. 20 tal-Konvenzjoni. Pereżempju, fil-biċċa l-kbira taċ-ċirkostanzi, il-qrati fl-Istati Uniti tal-Amerika ma għandhomx jirrikonoxxu u jinfurzaw id-deċiżjonijiet barranin dwar il-manteniment għat-tfal magħmula fuq il-bażi ġurisdizzjonali tal-post tar-residenza abitwali ta' kreditur (l-Art. 20(2) tal-Konvenzjoni jippermetti lil Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni jagħmel riżerva għal din il-bażi u għal diversi bażijiet ġurisdizzjonali oħrajn għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin). Madankollu, f'dawn iċ-ċirkostanzi, Stat Kontraenti jkun obbligat, jekk id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu f'dak l-Istat, li jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jistabbilixxi deċiżjoni għall-benefiċċju tal-kreditur (ara l-Art. 20(4)).

tar-Regolament hija waħda mill-eċċezzjonijiet speċifikati għal-limiti tal-proċeduri mressqa minn debitur (l-Art. 8(2) *a)*).

739. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jassumu l-ġuriżdizzjoni fuq il-bażi ta' għażla valida ta' ftehimiet tal-qorti, huma mbagħad ikollhom jipproċedu għal investigazzjoni dwar jekk huma jistgħux jassumu l-ġuriżdizzjoni fuq bażi oħra, l-ewwel skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (Dispożizzjonijiet ġenerali) u sussegwentement skont l-Artikolu 5 (Ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut).

740. Ladarba l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li huma jistgħu jassumu l-kompetenza f'każ ta' modifikazzjoni skont ir-regoli ġurisdizzjonali "pożittivi" ewlenin tar-Regolament, huma mbagħad ikollhom jivvalutaw jekk huwiex ser ikun hemm limitu fuq il-proċeduri skont l-Artikolu 8. Innota li dan il-limitu fuq il-proċeduri jkun rilevanti biss jekk l-applikazzjoni jew it-talba għal modifikazzjoni titressaq minn debitur, meta l-kreditur jibqa' residenti fl-Istat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja jew fl-Istat Membru tad-deċiżjoni oriġinali u għandu jkun soġġett għall-erba' eċċezzjonijiet li jinstabu fl-Artikolu 8(2) *a)* sa *d)*.

741. Ara l-Kapitolu 4 ta' dan il-Manwal għal aktar informazzjoni ddettaljata dwar id-dispożizzjonijiet ġurisdizzjonali kollha tar-Regolament (ara t-taqsima G tal-Kapitolu 4 għal aktar informazzjoni dwar l-Art. 8).[372]

### b) Il-Liġi Applikabbli

#### i) Il-liġi applikabbli fi Stati mhux marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007

742. L-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fi Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni li mhumiex Parti mill-Protokoll tal-Aja tal-2007 u fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhumiex marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ir-Renju Unit u d-Danimarka) għandhom japplikaw ir-regoli domestiċi tagħhom sabiex jiddeterminaw liema liġi għandha tkun applikabbli għall-applikazzjoni jew għat-talba għal modifikazzjoni.

#### ii) Il-liġi applikabbli fi Stati marbuta bil-Protokoll tal-Aja

743. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u d-Danimarka, huma marbuta bil-Protokoll. L-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni barra mill-Ewropa jistgħu jkunu wkoll Stati Kontraenti għall-Protokoll tal-Aja tal-2007. Għalhekk, l-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti fi Stati li huma marbuta bil-Protokoll għandhom japplikaw ir-regoli tal-liġi applikabbli stabbiliti fil-Protokoll għall-applikazzjonijiet u t-talbiet għal modifikazzjoni[373] (għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll tal-Aja tal-2007, ara l-Kapitolu 5).

## 7. Wara li tittieħed id-deċiżjoni

744. Jekk id-deċiżjoni tiġi mmodifikata, l-awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti jkollha tibgħat id-deċiżjoni lill-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat], hekk kif din tibgħat kopja tad-deċiżjoni mmodifikata lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti.

745. F'xi każijiet, id-deċiżjoni mmodifikata jkollha bżonn tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjedenti qabel tkun tista' tiġi ddikjarata bħala infurzabbli jew tiġi infurzata f'dak l-Istat. F'dawn il-każijiet, jista' jkun neċessarju li l-Istat rikjest, bħall-Istat tal-oriġini tad-deċiżjoni mmodifikata, jassisti fl-għoti tad-dokumenti meħtieġa sabiex ikunu ta' sostenn għall-proċess ta' rikonoxximent (ara l-Kapitoli 7 u 8 għal informazzjoni dwar ir-rekwiżiti

[372] *Ibid*.
[373] Madankollu, ta' min jinnota li jista' jkun hemm xi differenza fl-opinjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Protokoll tal-Aja tal-2007 fir-rigward ta' jekk, skont il-liġi domestika, applikazzjoni għal modifikazzjoni titqiesx bħala deċiżjoni ġdida jew inkella bħala aġġustament ta' deċiżjoni eżistenti. Jekk il-modifikazzjoni titqies skont il-liġi domestika bħala deċiżjoni ġdida, ikun jidher ċar li għandhom japplikaw ir-regoli dwar il-liġi applikabbli tal-Protokoll. Madankollu, jekk il-modifikazzjoni titqies biss bħala aġġustament ta' deċiżjoni preċedenti, xi wħud jistgħu jkunu tal-opinjoni li d-deċiżjoni oriġinali għandha tkompli tapplika.

tad-dokumentazzjoni għall-proċeduri tar-rikonoxximent jew tar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà / infurzar skont il-Konvenzjoni u r-Regolament).

## II. Lista ta' Kontroll – L-applikazzjonijiet li jidħlu għal modifikazzjoni

| | **Proċedura** | **Referenza għall-Manwal** |
|---|---|---|
| 1 | Tirċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali fi [Isem l-Istat] | |
| 2 | Huwa "evidenti" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ma ġewx issodisfati? | II.I.(1) |
| 3 | Id-dokumenti huma kompleti? | II.I.(2) |
| 4 | Iddetermina jekk humiex għall-applikazzjoni għal modifikazzjoni (pereżempju, fir-rigward tal-applikazzjonijiet tad-debitur) | II.I.(4) |
| 5 | Tieħu kwalunkwe miżuri provviżorji jew protettivi xierqa | II.I.(5) |
| 6 | Tipproċessa l-applikazzjoni | II.I.(6) |
| 7 | Tikkomunika l-eżitu lill-Awtorità Ċentrali ta' [Isem l-Istat] | II.I.(7) |

## III. Materjal addizzjonali

### A. *Pariri prattiċi għall-applikazzjonijiet jew għat-talbiet kollha għal modifikazzjoni*

- Ma hemm ebda rekwiżit li għandhom jitbagħtu l-kopji oriġinali ta' kwalunkwe dokumenti.
- Minħabba li xi modifikazzjonijiet jipproċedu permezz ta' talbiet diretti lil awtorità [ġudizzjarja] [amministrattiva] kompetenti, huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe Awtorità Ċentrali li jkollha fajl miftuħ tiġi nnotifikata dwar il-modifikazzjoni magħmula mill-awtorità kompetenti. Dan għandu jiggarantixxi li l-fajls tal-Istati Kontraenti jinżammu aġġornati.
- Hemm xi restrizzjonijiet importanti fil-liġi domestika ta' xi Stati fir-rigward tal-kanċellazzjoni tal-arretrati.[374]
- Modifikazzjoni mhux dejjem tkun meħtieġa meta l-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment ikun għadu għaddej jew meta ċ-ċirkostanzi tal-partijiet ikunu nbidlu. Jista' jkun hemm rimedji disponibbli skont il-liġi domestika, bħal sospensjoni temporanja tal-infurzar, jew alternattivi għall-modifikazzjoni, inkluża rikalkolazzjoni jew rivalutazzjoni amministrattiva tad-deċiżjoni.[375]

### B. *Formoli relatati*

*Il-Konvenzjoni tal-2007:*

Formola tat-Trażmissjoni
Applikazzjoni għall-Modifikazzjoni ta' Deċiżjoni
Formola ta' Informazzjoni Ristretta
Formola taċ-Ċirkostanzi Finanzjarji
Silta minn Deċiżjoni

---

[374] Ara *supra*, in-nota 361.
[375] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].

*Ir-Regolament tal-2009:*

L-Anness VII

## Ċ. Artikoli rilevanti

*Il-Konvenzjoni tal-2007*

L-Artikolu 10(1) *e)* u *f)* u 10(2) *b)* u *ċ)*
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 15
L-Artikolu 17
L-Artikolu 18
L-Artikolu 20
L-Artikolu 22

*Ir-Regolament tal-2009*

L-Artikolu 56(1) *e)* u *f)* u 56(2) *b)* u *ċ)*
L-Artikolu 57
L-Artikolu 58
L-Artikolu 46
L-Artikolu 47
L-Artikoli 3-7 (Il-Ġuriżdizzjoni)
L-Artikolu 8
L-Artikolu 15 (Il-Liġi Applikabbli)

## D. Kapitoli relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3 – Materji ta' applikazzjoni ġenerali: Il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 4 – Ir-Regolament tal-2009: Regoli Diretti dwar il-Ġuriżdizzjoni
Ara l-Kapitolu 5 – Il-Liġi Applikabbli skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 6 – It-Tiftix u l-Aċċertazzjoni tal-Liġi Barranija
Ara l-Kapitolu 12 – L-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

# IV. Mistoqsijiet Frekwenti

*Id-debitur huwa mitlub li jħallas manteniment skont deċiżjoni minn Stat ieħor. Wieħed mit-tfal issa qiegħed jgħix mad-debitur. Tista' d-deċiżjoni tiġi mmodifikata mid-debitur?*

746. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet – iva. Id-debitur ser ikollu bżonn jimla applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *b)* jew *ċ)* tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 56(2) *b)* u *ċ)* tar-Regolament (skont liema strument huwa applikabbli) u jipprovdiha lill-Awtorità Ċentrali. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur tibgħatha lill-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, jekk il-kreditur għad għandu r-residenza abitwali tiegħu f'dak l-Istat, jew inkella lill-Istat fejn qiegħed jirrisjedi issa l-kreditur. F'xi ċirkostanzi, id-debitur jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat fejn jirrisjedi. Jekk id-deċiżjoni tistax tiġi mmodifikata jew le għandu jiġi ddeterminat mil-liġi applikabbli fl-Istat rikjest.[376]

*X'passi jeħtieġ li jittieħdu minn kreditur jew debitur wara li tiġi mmodifikata deċiżjoni dwar manteniment, bil-għan li d-deċiżjoni mmodifikata tiġi infurzata?*

747. Il-passi li jmiss huma primarjament materja tal-liġi domestika, skont fejn jirrisjedu l-partijiet u skont jekk id-deċiżjoni mmodifikata saritx fl-Istat fejn għandha tiġi infurzata.

[376] Ara *supra*, in-nota 358.

Jekk iva, ma jeħtieġ li jsir xejn aktar, billi l-Istat ser ikun qiegħed jinforza d-deċiżjoni tiegħu stess.

748. Jekk id-deċiżjoni mmodifikata saret fi Stat Kontraenti differenti għall-Konvenzjoni jew fi Stat Membru fejn huwa applikabbli r-Regolament li huwa differenti mill-Istat fejn għandha tiġi infurzata, jista' jkun meħtieġ li din tiġi rikonoxxuta jew iddikjarata bħala infurzabbli qabel tkun tista' tiġi infurzata. Jistgħu jkunu meħtieġa rikonoxximent / dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur jew inkella fl-Istat fejn huwa għandu l-assi tiegħu.

749. F'xi Stati, ma jkun hemm bżonn ta' ebda rikonoxximent jew dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà tad-deċiżjoni mmodifikata, minħabba li deċiżjoni mmodifikata titqies bħala estensjoni tad-deċiżjoni inizjali, diment li d-deċiżjoni inizjali kienet rikonoxxuta f'dak l-Istat. Fi Stati oħrajn, tkun trid issir applikazzjoni għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata bl-użu tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament.

*Meta tista' tiġi mmodifikata deċiżjoni dwar manteniment? X'għandu juri bil-provi l-applikant?*

750. Il-liġi applikabbli fil-post fejn tinstema' l-applikazzjoni (l-Istat rikjest) tiddetermina jekk deċiżjoni tistax tiġi mmodifikata jew varjata. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati, applikant għandu juri li kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi tal-kreditur, tad-debitur jew tat-tfal, minn mindu ttieħdet id-deċiżjoni.[377]

*Jistgħu l-arretrati pendenti ta' manteniment li ma tħallasx jitnaqqsu jew jitħassru f'applikazzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament?*

751. Din hija materja tal-liġi sostantiva applikabbli fuq livell domestiku u identifikata permezz tar-regoli tal-liġi applikabbli. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu għall-Profili tal-Pajjiżi għall-Istat rikjest skont il-Konvenzjoni sabiex isiru jafu jekk dak l-Istat huwiex ser jippermetti li l-arretrati jitħassru jew jitnaqqsu skont il-liġi domestika. Jekk l-applikazzjoni tkunx suċċess jew le jiddependi fuq jekk il-liġi applikabbli fl-Istat rikjest tippermettix it-tħassir jew it-tnaqqis tal-arretrati. Skont il-liġi domestika ta' xi Stati, l-arretrati tal-manteniment għat-tfal ma jistgħux jitħassru.[378]

*L-ammont ta' manteniment stabbilit fid-deċiżjoni dwar il-manteniment tal-kreditur ma għadux jissodisfa l-ħtiġijiet tat-tfal. Id-debitur issa qiegħed jirrisjedi f'pajjiż barrani. Kif jista' l-kreditur jikseb żieda fil-manteniment?*

752. Jekk id-deċiżjoni tkun ittieħdet fl-Istat fejn għadu jirrisjedi l-kreditur, jista' jkun possibbli li l-awtorità kompetenti li ħadet id-deċiżjoni oriġinali sempliċiment tintalab timmodifika d-deċiżjoni sabiex tiġi pprovduta żieda. Jekk dik l-awtorità ma tistax timmodifika d-deċiżjoni għal xi raġuni jew oħra, il-kreditur ikollu jressaq applikazzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament u jibgħat l-applikazzjoni għal modifikazzjoni lill-Istat fejn issa qiegħed jirrisjedi d-debitur.

753. Jekk il-kreditur ma jgħixx fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva f'dak l-Istat ma tkunx tista' timmodifika d-deċiżjoni.[379] F'dak il-każ, il-kreditur ikollu jressaq applikazzjoni għal modifikazzjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament u jibgħat dik l-applikazzjoni lill-Istat fejn jirrisjedi d-debitur.

*X'inhuma r-raġunijiet għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni? Jista' l-manteniment jiġi mmodifikat jew jistgħu l-arretrati tal-manteniment jitħassru mingħajr il-kunsens tal-kreditur?*

754. Jekk modifikazzjoni tiġix permessa jew le jiddependi fuq il-liġi applikabbli fl-Istat li jisma' l-applikazzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati, deċiżjoni għal manteniment tat-tfal ma

[377] Ara *supra*, il-para. 733.
[378] Ara *supra*, in-nota 361.
[379] Ara *supra*, in-nota 358.

tistax tiġi varjata sakemm ma jkunx hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi tad-debitur, tal-kreditur jew tal-persuna minorenni.[380] It-tħassir tal-arretrati tal-manteniment għat-tfal jista' jkun u jista' ma jkunx permess mil-liġi applikabbli fl-Istat rikjest. Ħafna Stati ma jippermettux li l-arretrati tal-manteniment għat-tfal jitħassru, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u ma jistgħux jirrikonoxxu jew jinfurzaw deċiżjoni li timmodifika l-arretrati.[381]

*Jista' l-applikant jintalab jattendi personalment fl-Istat rikjest sabiex japplika għal modifikazzjoni?*

755. La l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni u lanqas l-Artikolu 41 tar-Regolament ma jindirizzaw jekk tistax tintalab il-preżenza fiżika tal-applikant f'applikazzjoni għal modifikazzjoni. L-Awtoritajiet Ċentrali kemm tal-Istat rikjest kif ukoll tal-Istat rikjedenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin sabiex jiżguraw li x-xhieda tal-applikant tkun disponibbli fl-applikazzjoni u jassistu fl-arranġamenti meħtieġa sabiex l-applikant ikun jista' jagħmel kwalunkwe sottomissjonijiet jew jagħti x-xhieda tiegħu bl-użu ta' mezzi alternattivi bħal konferenzi bit-telefon jew b'vidjo, jekk dawn ikunu disponibbli.

## V. Talbiet diretti għall-modifikazzjoni tad-deċiżjonijiet

756. It-talbiet diretti lil awtorità kompetenti fi [Isem l-Istat], [bħala Membru tal-Unjoni Ewropea marbut / mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007], għall-modifikazzjoni ta' deċiżjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament jiġu rregolati [mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni (ara l-Kapitolu 4 ta' dan il-Manwal) u mil-liġi applikabbli (ara l-Kapitolu 5 ta' dan il-Manwal), kif ġie diskuss aktar 'il fuq] u mil-liġi interna.

757. Għandu jiġi nnotat li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni diskussi fil-Kapitolu 7 dwar it-talbiet diretti għar-rikonoxximent u l-infurzar ma japplikawx għat-talbiet diretti għall-istabbiliment jew għall-modifikazzjoni. Effettivament, dan ifisser li l-proċeduri, il-formoli u l-assistenza disponibbli għall-kredituri jew għad-debituri li jagħmlu dawn it-talbiet diretti skont il-Konvenzjoni sejrin ikunu dawk li jinstabu fil-liġi domestika jew fil-proċeduri ta' [Isem l-Istat]. Huwa importanti li, anki jekk id-deċiżjoni dwar il-manteniment tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament (pereżempju, fejn id-deċiżjoni tkun tikkonċerna l-modifikazzjoni ta' manteniment tal-miżżewġin), l-aktar dispożizzjonijiet favorevoli li jikkonċernaw l-assistenza legali ma japplikawx għal dawn it-talbiet diretti. F'xi każijiet, kreditur jew debitur jista' jintalab jagħmel użu mis-servizzi ta' avukat għas-spejjeż tiegħu fl-Istat rikjest, jiġifieri [Isem l-Istat], sabiex ikun jista' jagħmel it-talba diretta (ara l-Kapitolu 2, il-Parti II, it-taqsima VII, għal aktar informazzjoni dwar l-aċċess effettiv għall-proċeduri u l-assistenza legali / għajnuna legali skont iż-żewġ strumenti). Fi [Isem l-Istat] […].

[380] Ara *supra*, il-para. 733.
[381] Ara *supra*, in-nota 361.

# Kapitolu 12 – L-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

## I. Ħarsa ġenerali

758. Dan il-Kapitolu huwa differenti mill-kapitoli l-oħrajn fil-Manwal minħabba li ma jittrattax it-talbiet diretti jew l-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtorità Ċentrali nazzjonali u li jiġu rċevuti mill-awtoritajiet [ġudizzjarji] [amministrattivi] kompetenti skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Minflok, dan il-Kapitolu jkopri l-passi li jittieħdu skont il-liġi interna mill-Istat rikjest (f'dan il-każ, [Isem l-Istat]) wara li tkun ġiet irċevuta jew ipproċessata talba minn Stat ieħor – għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni eżistenti, għall-modifikazzjoni tad-deċiżjoni jew għall-istabbiliment ta' deċiżjoni ġdida – u jintalab l-infurzar tad-deċiżjoni mill-applikant.

759. L-awtoritajiet fi [Isem l-Istat] responsabbli għall-materji ta' infurzar skont il-Konvenzjoni u r-Regolament huma […].

### *A. Introduzzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament*

760. L-infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment iseħħ ladarba jkun hemm deċiżjoni valida u infurzabbli. Id-deċiżjoni għandha tkun ittieħdet, ġiet rikonoxxuta jew iddikjarata bħala infurzabbli fl-Istat rikjest. L-infurzar ġeneralment iseħħ fl-Istat fejn jirrisjedi d-debitur, jew fl-Istat fejn id-debitur għandu l-assi jew id-dħul tiegħu. Xi drabi, l-infurzar jista' jinbeda f'aktar minn Stat wieħed, skont fejn ikunu jinsabu l-assi, id-dħul u r-residenza tad-debitur.

> **Deċiżjoni dwar manteniment** tistabbilixxi l-obbligu tad-debitur li jħallas il-manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li d-debitur ikollu jħallas l-arretrati tal-manteniment, manteniment retroattiv jew l-imgħax, kif ukoll determinazzjoni tal-ispejjeż jew tal-infiq.

761. Mhux l-Istati kollha jużaw l-istess miżuri sabiex jinfurzaw **deċiżjoni dwar manteniment** u l-passi meħtieġa f'kull każ jiddependu fuq ir-rieda u l-abbiltà tad-debitur li jagħmel il-pagamenti. F'xi Stati, dejjem sejjer isir tentattiv sabiex jiġi inkoraġġit il-ħlas volontarju skont id-deċiżjoni dwar il-manteniment, jew qabel jinbeda l-infurzar jew inkella bħala Parti mill-proċess kontinwu tal-infurzar.[382] Il-mira tal-miżuri kollha meħuda fl-Istat rikjest għandha dejjem tkun li jiġu stabbiliti fil-pront u b'mod effettiv il-pagamenti tal-manteniment regolari u kontinwi u l-konformità mad-deċiżjoni.

762. Billi kawża tista' ddum quddiem aġenzija tal-infurzar għal ħafna snin sakemm tinġabar, il-kawża tkun soġġetta għal rimedji ta' infurzar differenti matul dak iż-żmien u matul il-kors tal-infurzar tagħha jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet differenti.

763. Skont il-Konvenzjoni u r-Regolament, l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment huwa kważi għal kollox materja li għandha tiġi ddeterminata mil-liġi domestika tal-Istat fejn iseħħ l-infurzar, minkejja ċerti dispożizzjonijiet ġenerali relatati mal-infurzar li jinstabu fiż-żewġ strumenti (madankollu, ara wkoll il-Kapitolu 8 ta' dan il-Manwal għal informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet aktar speċifiċi fir-rigward tal-infurzar tad-deċiżjonijiet skont il-proċeduri tar-Regolament).

764. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-infurzar tad-deċiżjonijiet skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament għandhom l-ewwel jaċċertaw taħt liema strument taqa' d-deċiżjoni sabiex ikunu jistgħu jinfurzaw id-deċiżjoni kif xieraq skont kwalunkwe wieħed mill-istrumenti (ara l-Parti I tal-Kapitolu 3 għal diskussjoni dwar il-kwistjonijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u tar-Regolament).

[382] Fi [Isem l-Istat] […].

765. Il-Konvenzjoni tinkludi ċerti dispożizzjonijiet ġenerali ewlenin rigward l-infurzar. L-infurzar għandu jsir "mingħajr dewmien" (l-Art. 32(2)) u għandu jipproċedi mingħajr il-ħtieġa ta' talba ulterjuri mill-applikant (l-Art. 32(3)). Il-Konvenzjoni tesiġi wkoll li Stat Kontraenti għandu jkollu "miżuri effettivi" fis-seħħ sabiex ikun jista' jinforza d-deċiżjonijiet. Fl-Artikolu 34 tiġi suġġerita lista ta' miżuri ta' infurzar li jistgħu jittieħdu, iżda fl-aħħar mill-aħħar huwa f'idejn kull Stat tal-infurzar li jimplimenta l-liġi domestika u li jagħżel jekk iridx jutilizza kwalunkwe mill-miżuri ta' infurzar jew saħansitra l-miżuri ta' infurzar kollha elenkati.[383] Mhux il-miżuri ta' infurzar kollha elenkati sejrin ikunu disponibbli skont il-liġi domestika ta' Stat Kontraenti.[384]

766. Ir-Regolament ma għandux dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-infurzar paralleli għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni deskritti fil-paragrafu preċedenti, iżda jispeċifika biss li l-infurzar għandu jiġi rregolat mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar, kif ukoll li l-infurzar tad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament għandu jsir taħt l-istess kundizzjonijiet bħad-deċiżjonijiet domestiċi (l-Art. 41(1)). Il-Kapitolu IV tar-Regolament jinkludi ċerti proċeduri, limiti ta' żmien u rekwiżiti tad-dokumentazzjoni li huma neċessarji għall-infurzar tad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament (deskritti fil-Kapitolu 8). B'mod partikolari, l-Artikolu 20 taħt it-Taqsima 1 u l-Artikolu 28 taħt it-Taqsima 2 jistabbilixxu r-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni għall-infurzar tad-deċiżjojnijiet skont il-Kapitolu IV. Ta' min jinnota li, skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament, ma hija meħtieġa ebda proċedura ta' infurzar u li kwerelant huwa obbligat li jipprovdi biss id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 20 lill-awtorità tal-infurzar kompetenti fl-Istat rikjest sabiex din tkun tista' tinforza deċiżjoni direttament.

767. Kemm l-Artikolu 6(2) *f)* tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 51(2) *f)* tar-Regolament jesiġu wkoll li l-Istati għandhom jiffaċilitaw it-trażmissjoni effiċjenti tal-pagamenti lill-kredituri. Skont l-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni, l-Istati Kontraenti għandhom jippromwovu metodi kost-effettivi u effiċjenti ta' kif jittrasferixxu l-fondi u sabiex inaqqsu l-ostakoli għat-trasferiment transkonfinali tal-fondi tal-manteniment.[385]

# II. Infurzar skont il-Konvenzjoni tal-2007

## A. Proċessi ta' infurzar ġenerali

768. Il-Konvenzjoni tinkludi biss dispożizzjonijiet ġenerali rigward l-infurzar tad-deċiżjonijiet. Dan minħabba li l-proċessi tal-infurzar attwali u l-mezzi tal-infurzar huma previsti taħt il-liġi interna tal-Istat li huwa responsabbli mill-infurzar. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni huma sostanzjalment l-istess għall-applikazzjonijiet għall-infurzar li jiġu rċevuti permezz ta' Awtorità Ċentrali jew għat-talbiet diretti li jsiru lil awtorità kompetenti.

[383] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 582.
[384] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[385] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 585.




**Figura 13: Ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-infurzar**

## B. Infurzar mingħajr dewmien

769. Billi l-infurzar b'suċċess tad-deċiżjoni dwar manteniment huwa l-mira ta' ħafna applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni, l-Artikolu 32(2) jitlob li l-infurzar għandu jsir "mingħajr dewmien". Minkejja li ma teżisti ebda definizzjoni ta' xi jfisser it-terminu "mingħajr dewmien", hemm aspettattiva ċara li l-passi tal-infurzar għandhom jittieħdu b'mod effiċjenti daqskemm permess skont il-liġi u r-regoli tal-Istat fejn iseħħ l-infurzar.[386]

770. Ir-rekwiżit għall-infurzar mingħajr dewmien għandu jiġi kkunsidrat ukoll flimkien mad-doveri tal-Awtoritajiet Ċentrali skont l-Artikolu 12 bil-għan li dawn iżommu lil xulxin informati rigward il-persuna/i jew l-unità(jiet) responsabbli għal kawża, il-progress tal-kawża u sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għall-inkjesti. L-awtoritajiet tal-infurzar kompetenti x'aktarx li jkollhom bżonn jikkollaboraw mal-Awtorità Ċentrali nazzjonali tagħhom sabiex din tkun tista' tissodisfa l-obbligi ta' rapportar tagħha skont il-Konvenzjoni fir-rigward tal-progress ta' kawża partikolari.

## Ċ. Miżuri ta' infurzar

771. L-Istati Kontraenti kollha għandu jkollhom fis-seħħ miżuri effettivi[387] sabiex jinforzaw id-deċiżjonijiet dwar manteniment skont il-Konvenzjoni u għandhom, mill-inqas, jipprovdu l-istess firxa ta' miżuri ta' infurzar li huma disponibbli għall-kawżi domestiċi. Madankollu, il-miżuri disponibbli jvarjaw minn Stat għal ieħor, billi l-infurzar jiġi rregolat mil-liġi tal-Istat li jwettaq l-infurzar.[388]

772. Din it-taqsima tispjega fid-dettall il-firxa ta' miżuri ta' infurzar possibbli deskritti mill-Konvenzjoni, b'indikazzjonijiet ta' fejn dawn il-miżuri ta' infurzar jistgħu jkunu disponibbli fi [Isem l-Istat]. Jekk jogħġbok ara t-taqsima IV, *infra*, għal aktar informazzjoni fir-rigward tal-infurzar fi [Isem l-Istat].

773. F'xi Stati, l-awtorità tal-infurzar l-ewwel tipprova taħdem mad-debitur bil-għan li twasslu sabiex jikkonforma mad-deċiżjoni volontarjament, billi jagħmel pagamenti

---

[386] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 572.
[387] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 582 għal diskussjoni dwar dan it-terminu.
[388] Il-Profil tal-Pajjiż ta' kull Stat Kontraenti jindika l-miżuri ta' infurzar disponibbli f'dak l-Istat.

regolari jew inkella billi jkollu tnaqqis awtomatiku mis-salarju tiegħu.[389] Dan iseħħ qabel tinbeda kwalunkwe azzjoni ta' infurzar. F'xi Stati, debitur jista' jkun intitolat ukoll għal notifika tal-infurzar u d-debitur jista' jkollu ċerti drittijiet li jħallas volontarjament qabel jittieħdu miżuri ta' infurzar.[390]

774. Meta l-pagamenti ma jsirux, l-għażla tar-rimedju ta' infurzar tiġi ddeterminata mill-politiki tal-awtorità tal-infurzar u mill-poteri li jkunu disponibbli. F'xi Stati, l-infurzar huwa kważi kompletament amministrattiv, bil-proċessi tal-qrati jintużaw biss f'okkażjonijiet rari għal nuqqas ta' konformità intenzjonali. Fi Stati oħrajn, kważi l-azzjonijiet ta' infurzar kollha, inklużi s-sekwestri, għandhom jinħarġu mill-qorti.[391]

775. Fil-Konvenzjoni ġew elenkati għadd ta' miżuri suġġeriti. Xi pajjiżi jkollhom rimedji addizzjonali għad-disponibbiltà tagħhom. Dawn il-mekkaniżmi ta' infurzar disponibbli jistgħu jinkludu:

**a) Iż-żamma tal-paga**

776. Din hija azzjoni ta' infurzar li titlob li min iħaddem lid-debitur sabiex iżomm porzjon mill-pagi jew mis-salarju tad-debitur u jibgħat dawk il-fondi lill-awtorità tal-infurzar. Din l-azzjoni tista' ssir referenza għaliha wkoll bħala s-sekwestru jew l-'attachment' tal-pagi. It-tnaqqis jista' jinbeda volontarjament fuq talba tad-debitur jew jista' jkun ir-riżultat ta' azzjoni meħuda mill-awtorità tal-infurzar.[392]

***Sekwestru, attachment u tnaqqis*** huma kollha termini li jintużaw fil-Konvenzjoni sabiex jiddeskrivu l-proċess tal-interċezzjoni tal-fondi li altrimenti jistgħu jkunu pagabbli lil debitur qabel jitħallsu u li jesiġu li dawk il-fondi jiġu ttrasferiti jew lill-awtorità kompetenti jew inkella lil qorti jew awtorità amministrattiva. Imbagħad, il-fondi jistgħu jitpoġġew disponibbli sabiex bihom jitħallas il-manteniment pendenti.

**b) Is-sekwestru**

777. Sekwestru huwa l-interċezzjoni mill-awtorità tal-infurzar tal-fondi li altrimenti jkunu pagabbli lil debitur. Avviż jew ordni ta' sekwestru jitolbu li l-persuna jew l-organizzazzjoni li kellha tħallas dawk il-fondi lid-debitur minflok tħallashom lill-awtorità tal-infurzar għall-benefiċċju tal-kreditur tal-manteniment. Skont il-liġijiet tal-infurzar tal-Istat responsabbli għall-infurzar, it-tipi ta' fondi li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru:

- rifużjonijiet mit-taxxa,
- pagamenti ta' somom f'daqqa,
- pagamenti tal-kera jew pagamenti għal servizzi,
- kontijiet bankarji,
- kummissjonijiet.[393]

**ċ) It-tnaqqis mill-pagamenti tas-sigurtà soċjali**

778. F'xi Stati, l-awtorità kompetenti tkun tista' tinforza d-deċiżjoni dwar manteniment billi tnaqqas il-manteniment minn kwalunkwe pagamenti tas-sigurtà soċjali jew ta' sostenn li d-debitur huwa intitolat li jirċievi mingħand il-gvern.[394]

**d) Ir-rahan jew il-bejgħ obbligatorju tal-proprjetà**

779. Rahan huwa notifika li tiġi ppreżentata kontra t-titolu jew ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà ta' debitur. Jekk il-proprjetà tinbiegħ, kwalunkwe arretrati tal-manteniment pendenti jitħallsu mir-rikavati tal-bejgħ. Rahan jista' wkoll jagħti lill-awtorità tal-infurzar id-dritt li tbigħ il-proprjetà (imsejjaħ bejgħ obbligatorju) u li tirkupra l-manteniment mir-rikavati tal-bejgħ.

---

[389] Ara *supra*, in-nota 382.
[390] *Ibid.*
[391] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] [...].
[392] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] [...].
[393] *Ibid.*
[394] *Ibid.*

780. Rahan jista' jiġi ppreżentat kontra proprjetà immobbli (pereżempju art, dar jew bini) jew proprjetà personali (pereżempju karozzi, dgħajjes, trejlers u possedimenti simili).[395]

**e) Iż-żamma ta' rifużjonijiet tat-taxxa**

781. F'xi Stati, hemm proċess sabiex il-gvern jirrifondi lill-kontribwenti kwalunkwe taxxa żejda mħallsa jew minn ras il-għajn. Il-kriterji għar-rifużjoni jvarjaw skont l-Istat. Ħafna Stati jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-manteniment jinterċettaw kwalunkwe rifużjonijiet pagabbli lil debitur.[396]

**f) Iż-żamma jew is-sekwestru ta' benefiċċji tal-pensjoni**

782. F'xi Stati, il-benefiċċji tal-pensjoni jew il-pagamenti li huwa intitolat għalihom debitur jistgħu jiġu ssekwestrati u jintużaw sabiex jitħallas il-manteniment pendenti.[397]

**g) Ir-rappurtar lill-uffiċċji ta' kreditu**

783. Ir-rappurtar tal-obbligi ta' manteniment pendenti lil aġenzija ta' rappurtar tal-kreditu huwa mekkaniżmu li jintuża mill-awtoritajiet tal-infurzar f'xi Stati sabiex jiżguraw li kwalunkwe konċedenti tal-kreditu, bħal istituzzjoni finanzjarja, tkun konxja tal-obbligu tad-debitur li jħallas il-manteniment u tal-fatt li jista' jkun hemm xi arretrati. Dan jista' jħalli impatt fuq l-abbiltà tad-debitur li jikseb kreditu jew finanzjament ulterjuri.[398]

**h) Iċ-ċaħda, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' liċenzja**

784. F'xi Stati, meta debitur ikollu manteniment b'lura xi jħallas, tista' ssir talba mill-awtorità tal-infurzar sabiex tiġi imposta restrizzjoni jew ċaħda fuq il-privileġġi tal-liċenzja lil debitur. Il-liċenzja tista' tkun liċenzja tas-sewqan, liċenzja ta' vettura bil-mutur jew kwalunkwe permess jew liċenzja speċjali ieħor/oħra, bħal liċenzja professjonali, li jkunu ġew identifikati skont il-liġi domestika. F'xi Stati, din il-miżura hija magħrufa wkoll bħala ż-żamma tal-liċenzja.[399]

**i) L-użu ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew proċessi simili sabiex tiġi inkoraġġita l-konformità volontarja**

785. Ħafna programmi ta' infurzar tal-manteniment sabu li l-isforzi sabiex tiġi mfittxija l-konformità volontarja mid-debitur huma estremament effettivi sabiex l-arretrati jitħallsu u b'hekk titnaqqas il-probabbiltà ta' inadempjenza fil-ġejjieni. Dawk li jaħdmu fuq il-każijiet f'dawn l-Istati għandhom jaħdmu mad-debitur sabiex jiżviluppaw pjan ta' ħlas li jiżgura li jsiru l-pagamenti lejn kwalunkwe arretrati pendenti ta' manteniment, minbarra l-pagamenti kontinwi tal-manteniment.[400]

**j) Miżuri oħrajn disponibbli skont il-liġi domestika**

786. Miżuri oħrajn li jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi domestika tal-Istat li qiegħed jinforza d-deċiżjoni jistgħu jinkludu:

- iċ-ċaħda jew is-sospensjoni tal-privileġġi tal-passaporti jew ir-restrizzjoni tad-dritt ta' debitur li jitlaq mill-pajjiż,
- ir-rappurtar tad-debituri li jkollhom arretrati xi jħallsu lil aġenziji ta' sorveljanza professjonali bħal assoċjazzjonijiet mediċi jew legali,
- l-inkarċerazzjoni tad-debituri li jkunu nstabu li għandhom l-abbiltà li jħallsu, iżda li jkunu intenzjonalment non-konformi jew li jkunu lesti li jmorru kontra d-deċiżjonijiet tal-qorti li jordnawlhom li jħallsu,
- l-interċezzjoni ta' fondi minn rikavati ta' lotterija, saldi tal-assigurazzjoni u kawżi,

[395] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[396] Ara *supra*, in-nota 392.
[397] *Ibid*.
[398] Fi [Isem l-Istat] […].
[399] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[400] Ara *supra*, in-nota 382.

- ir-rekwiżiti strutturati għat-tfittxija tal-impjiegi, li jitolbu lid-debitur sabiex ifittex impjieg.[401]

# III. Infurzar skont ir-Regolament tal-2009 (l-Art. 41)

787. Kif ġie rrimarkat aktar 'il fuq, ir-Regolament jinkludi biss dispożizzjoni ġenerali waħda li tirrigwardja l-infurzar: l-Artikolu 41. L-Artikolu 41(1) jistipula li l-proċedura għall-infurzar tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.[402] Huwa jistabbilixxi wkoll li għandu jkun hemm non-diskriminazzjoni fl-infurzar ta' tali deċiżjoni, b'tali mod li d-deċiżjoni barranija infurzabbli "għandha tiġi infurzata […] taħt l-istess kundizzjonijiet bħal deċiżjoni mogħtija f'dak l-Istat Membru tal-infurzar".

788. L-Artikolu 41(2) jistabbilixxi li Parti li tfittex l-infurzar ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor mhijiex mitluba li jkollha indirizz postali jew rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru tal-infurzar.

789. Billi l-infurzar skont ir-Regolament għandu jipproċedi skont il-liġi tal-Istat Membru tal-Infurzar, kwalunkwe mit-tekniki tal-infurzar jew it-tekniki tal-infurzar kollha msemmija hawn fuq, taħt it-taqsima II.C., *supra*, fir-rigward tal-Konvenzjoni, jistgħu jkunu xierqa wkoll skont ir-Regolament, jekk ikunu disponibbli skont il-liġi nazzjonali. Fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm ukoll għadd ta' strumenti Ewropej li jistgħu jkunu rilevanti għall-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar manteniment.[403]

790. Jekk jogħġbok ara wkoll il-Kapitolu 8 għal informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tar-Regolament fir-rigward tal-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin li għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati skont il-proċeduri tar-Regolament.

# IV. Informazzjoni ulterjuri dwar il-proċeduri ta' infurzar fi [Isem l-Istat]

[…]

# V. Pagamenti skont il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009

791. Ladarba l-awtorità tal-infurzar tirċievi l-pagamenti tal-manteniment fl-Istat rikjest, dawn jintbagħtu lill-kreditur fl-Istat rikjedenti. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-pagamenti jintbagħtu mid-debitur lill-awtorità tal-infurzar fl-Istat tad-debitur u mbagħad lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew lill-kreditur, madankollu, xi Stati għandhom jibagħtu l-pagamenti direttament lill-kreditur fl-Istat rikjedenti.[404]

**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat Kontraenti jew Stat Membru sabiex tirrilaxxa jew taqdi d-doveri tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament.

792. Il-pagamenti li jsiru mid-debitur ġeneralment jgħaddu minn taħt idejn l-awtorità tal-infurzar sabiex b'hekk l-awtorità tkun tista' żżomm rekord preċiż tal-ammonti mħallsa u tiddetermina l-ammont korrett tal-arretrati. Dan huwa partikolarment importanti meta l-leġiżlazzjoni tal-infurzar fi Stat tistabbilixxi limitu minimu għall-arretrati sabiex jiġi

[401] Skont il-liġi domestika ta' [Isem l-Istat] […].
[402] Ara *supra*, in-nota 262.
[403] Pereżempju, kif issemma fil-Kapitolu 8, ir-*Regolament (KE) Nru. 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea* jista' jkun rilevanti fil-kawżi Ewropej dwar manteniment. Barra minn hekk, fiż-żmien li kien qiegħed jiġi abbozzat dan il-Manwal, kien hemm Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru tad-dejn transkonfinali f'materji ċivili u kummerċjali (il-proposta għandha l-għan li tagħti ċ-ċans lill-kredituri jiksbu ordnijiet għall-preservazzjoni tal-kontijiet fuq il-bażi tal-istess kundizzjonijiet, irrispettivament mill-pajjiż fejn tinsab il-qorti kompetenti, kif ukoll tippermetti lill-kredituri jiksbu informazzjoni dwar fejn jinsabu l-kontijiet bankarji tad-debitur).
[404] Skont il-liġi domestika fi [Isem l-Istat] […].

utilizzat rimedju ta' infurzar speċifiku, jew meta l-Istat tal-infurzar jipprovdi lill-kreditur b'pagamenti bil-quddiem tal-manteniment.[405]

793. Il-mekkaniżmi li jintużaw għat-trasferiment tal-fondi jvarjaw b'mod sinjifikanti. Xi Stati jistgħu jittrasmettu l-fondi b'mod elettroniku; oħrajn jużaw ċekkijiet jew strumenti monetarji oħrajn biex jibagħtu l-fondi. Xi Stati jittrasferixxu l-fondi biss darba fix-xahar, billi jikkombinaw il-pagamenti kollha minn dak l-Istat fi trażmissjoni waħda. Fi Stati oħrajn, kull pagament individwali jintbagħat hekk kif jiġi rċevut mingħand debitur. Jeżistu wkoll differenzi bejn l-Istati f'termini ta' jekk il-pagamenti jintbagħtux fil-munita tal-Istat emittenti jew jekk jiġux konvertiti għall-munita tal-Istat tal-kreditur qabel jintbagħtu.[406]

**Awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li tingħata r-responsabbiltà jew tiġi permessa, skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm għall-infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kwalunkwe entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni jew mar-Regolament.

794. Il-Profil tal-Pajjiż jindika liema proċessi għandhom jintużaw mill-Istat responsabbli għall-infurzar sabiex jibgħat il-pagamenti lill-kreditur u l-munita li fiha jintbagħat il-pagament.

# VI. Kwistjonijiet ta' infurzar oħrajn

## 1. Sfidi għall-infurzar

795. Billi l-infurzar huwa materja kważi għal kollox lokali, il-kwistjonijiet ta' infurzar ġeneralment jiġu riżolti bl-użu tal-liġi interna tal-post tal-infurzar u kwalunkwe proċeduri li jkunu ġew stabbiliti f'dak l-Istat għall-infurzar.

796. Dan huwa appoġġjat mid-dispożizzjoni fil-Konvenzjoni (l-Art. 32) li l-liġi tal-Istat "indirizzat" tapplika f'materji ta' infurzar[407] u mid-dispożizzjoni fir-Regolament (l-Art. 41(1)) li l-proċedura għall-infurzar tad-deċiżjonijiet hija rregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.[408]

797. Skont il-Konvenzjoni, hemm eċċezzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipju li għandha tapplika l-liġi tal-Istat tal-infurzar. Dawn huma diskussi hawn taħt.

## 2. Il-Konvenzjoni (u r-Regolament): limitazzjoni fuq il-ġbir tal-arretrati

798. Xi Stati għandhom limitazzjonijiet fil-liġijiet tagħhom li jipprevjenu l-ġbir tal-arretrati f'każijiet fejn l-arretrati jkunu akkumulaw lil hinn minn numru speċifiku ta' snin (pereżempju, il-prevenzjoni ta' arretrati li jkollhom aktar minn 10 snin mill-ġbir tagħhom). Il-kunflitti potenzjali jinqalgħu meta perjodu ta' limitazzjoni fi Stat wieħed ikun kunfliġġenti ma' perjodu ta' limitazzjoni (jew in-nuqqas tiegħu) fi Stat ieħor.[409]

799. L-Artikolu 32(5) tal-Konvenzjoni jipprovdi gwida f'din is-sitwazzjoni. Huwa jgħid li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-arretrati għandu jiġi ddeterminat mil-liġi tal-Istat tal-oriġini (l-Istat li jkun ħa d-deċiżjoni) jew mil-liġi tal-Istat fejn ikun qiegħed iseħħ l-infurzar, skont liema waħda tipprevedi l-itwal perjodu.

800. Minn perspettiva prattika, dan jesiġi li l-Istat tal-oriġini jipprovdi xi forma ta' verifika fir-rigward tal-perjodu ta' limitazzjoni li huwa applikabbli għad-deċiżjonijiet

[405] Skont il-liġi domestika fi [Isem l-Istat] […].
[406] Skont il-liġi domestika fi [Isem l-Istat] […].
[407] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni, il-para. 571.
[408] Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet u r-referenza għal-liġi domestika huma ovvjament mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regoli kumplessivi misjuba fil-Konvenzjoni jew fir-Regolament li jirrigwardjaw ir-reviżjoni, is-sospensjoni, ir-rifjut, eċċ. tal-infurzar ta' deċiżjoni skont kwalunkwe wieħed mill-istrumenti. Ara l-Kapitoli 7 u 8 għal diskussjoni sħiħa dwar dawn ir-regoli.
[409] Skont il-liġi domestika fi [Isem l-Istat] […].

meħuda f'dak l-Istat. F'ħafna każijiet, l-Istat tal-oriġini jkun ukoll l-Istat rikjedenti, għalhekk, mhuwiex diffiċli li tinkiseb din l-informazzjoni. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat tal-oriġini sejjer jindika wkoll x'inhuwa l-perjodu ta' limitazzjoni għall-ġbir tal-arretrati f'dak l-Istat.

801. Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-ġbir tal-arretrati jaffettwa biss l-infurzar tal-arretrati dovuti skont id-deċiżjoni. L-obbligu li jitħallas kwalunkwe manteniment kontinwu jissokta minkejja r-restrizzjoni fuq il-ġbir tal-arretrati.

802. Skont ir-Regolament, billi ma hemm ebda referenza għal regola speċjali dwar il-liġi applikabbli għall-infurzar tal-arretrati, din il-materja għandha tiġi rregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.[410] Bl-istess mod, il-Protokoll tal-Aja tal-2007 ma jirregolax il-kwistjoni tal-infurzar tal-arretrati (ara l-Kapitolu 5 għal aktar informazzjoni dwar il-Protokoll).[411]

## 3. Il-Konvenzjoni tal-2007: id-durata tal-obbligu għal manteniment

803. It-tieni regola legali speċifika applikabbli għall-infurzar skont il-Konvenzjoni (ir-Regolament ma għandu ebda regola bħal din[412]) tirrigwardja d-durata ta' obbligu għal manteniment. L-Artikolu 32(4) tal-Konvenzjoni jistabbilixxi li d-durata tad-deċiżjoni – jiġifieri, il-perjodu ta' żmien li għalih ikun pagabbli l-manteniment – tiġi ddeterminata mil-liġi applikabbli fl-Istat tal-oriġini.

804. Id-durata tista' tiġi ddeterminata mill-età tal-persuna minorenni jew inkella jista' jkun hemm kundizzjonijiet li taħthom il-manteniment jieqaf jitħallas għal persuna minorenni (pereżempju meta l-persuna minorenni tlesti l-iskola). F'xi Stati, l-età li fiha l-manteniment jieqaf jitħallas hija magħrufa bħala l-età tal-emanċipazzjoni. Fi Stati oħrajn, l-età tat-tfal hija biss wieħed mill-fatturi li jiddeterminaw id-durata tal-obbligu ta' manteniment għal persuna minorenni.

**Riżerva** hija stqarrija formali minn Stat Kontraenti, permessa f'ċerti ċirkostanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat sejra tkun b'xi mod limitata.

805. Madankollu, id-durata tal-obbligu għal manteniment mhijiex l-istess bħall-eliġibbiltà għal manteniment. L-eliġibbiltà hija d-dritt ta' persuna minorenni jew ta' persuna adulta li tirċievi manteniment abbażi ta' ċerti kriterji legali, bħar-relazzjoni bejn ġenitur u persuna minorenni. Ladarba persuna tkun eliġibbli għal manteniment, id-durata tiġi stabbilita bħala terminu tad-deċiżjoni, jew inkella tiġi ddeterminata mil-liġi applikabbli fil-post fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

806. Effettivament, dan ifisser li meta d-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi infurzata tkun deċiżjoni barranija u ma tiġi ffissata ebda data ta' terminazzjoni fid-deċiżjoni, l-awtorità kompetenti responsabbli għall-infurzar ikollha tirreferi għal-liġi barranija (il-liġi applikabbli fl-Istat tal-oriġini) sabiex tiddetermina meta l-manteniment jieqaf jitħallas għall-persuna minorenni. Tabilħaqq, għandhom japplikaw dawk ir-regoli li jikkonċernaw id-durata, anki jekk il-liġi tar-residenza abitwali tal-persuna minorenni jew tal-kreditur setgħet tagħti lok għal durata itwal jew iqsar. Dan ifisser ukoll li huwa possibbli li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn id-durata ta' obbligu għal manteniment (u għalhekk l-infurzar tad-deċiżjoni) tkun itwal jew iqsar għad-deċiżjonijiet meħuda barra mill-Istat tal-infurzar milli għad-deċiżjonijiet meħuda f'dak l-Istat. Għall-Istati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni, il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat tal-oriġini għandu jinkludi informazzjoni dwar id-durata tal-manteniment għad-deċiżjonijiet meħuda f'dak l-Istat.

**Dikjarazzjoni** hija stqarrija formali magħmula minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni.

---

410 Ara *ibid*.
411 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Protokoll, il-para. 172.
412 Għall-Istati marbuta bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, ir-regoli tal-liġi applikabbli tal-Protokoll jiddeterminaw il-liġi applikata għall-kwistjonijiet relatati mat-tul ta' obbligu għal manteniment (ara l-Kapitolu 5 għal diskussjoni dwar il-Protokoll).

807. Huwa importanti li wieħed jiftakar li t-terminazzjoni tal-manteniment għal persuna minorenni abbażi tad-durata tal-obbligu għal manteniment ma tipprevjenix il-ġbir ta' kwalunkwe arretrati ta' manteniment mhux imħallsin li setgħu akkumulaw għal dik il-persuna minorenni. Dawk l-arretrati xorta waħda jistgħu jinġabru, minkejja t-terminazzjoni tal-manteniment kontinwu.

808. Stat Kontraenti jista' jagħmel dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li huwa sejjer jestendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal ulied li għandhom 21 sena jew aktar, jew inkella jagħmel riżerva li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal ulied li għandhom inqas minn 18-il sena.

**Eżempju:**
Tittieħed deċiżjoni fil-Pajjiż A, fejn il-manteniment għat-tfal jitħallas biss sakemm l-ulied jagħlqu l-20 sena. Id-deċiżjoni tintbagħat lejn il-Pajjiż B għar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni. Il-Pajjiż B jinforza l-manteniment għat-tfal skont il-liġi interna tiegħu għal ulied li għandhom inqas minn 19-il sena. Skont l-Artikolu 32(4), il-Pajjiż B għandu jinforza l-manteniment tat-tfal sakemm il-wild jagħlaq 20 sena, għaliex id-durata tiġi ddeterminata mil-liġi tal-Pajjiż A.

### a) Eċċezzjoni: ulied ta' 21 sena jew aktar

809. Madankollu, ir-referenza għal-liġi tal-Istat tal-oriġini għall-mistoqsijiet dwar id-durata ma titlob lil ebda Stat sabiex jinforza l-manteniment għal wild li jkollu 21 sena jew aktar, sakemm dak l-Istat ma jkunx estenda speċifikament l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni għal dawk il-każijiet (ara l-Kapitolu 3, il-Parti I, it-taqsima II). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni huwa indipendenti mit-termini tad-deċiżjoni jew tal-liġi tal-Istat tal-oriġini. Il-Konvenzjoni tieqaf tapplika għad-deċiżjonijiet dwar manteniment ladarba wild ikollu 21 sena u, għaldaqstant, ma hemm ebda obbligu ulterjuri skont il-Konvenzjoni sabiex ikompli jiġi infurzat il-manteniment għal dak il-wild.

810. F'każ bħal dan, l-applikant ikollu jagħmel talba diretta lill-awtorità tal-infurzar kompetenti għal kontinwazzjoni tal-infurzar tad-deċiżjoni. Jekk tali applikazzjoni tiġix aċċettata jew le jiddependi fuq il-politiki tal-awtorità tal-infurzar u fuq il-liġi tal-Istat fejn iseħħ l-infurzar.

## 4. Tilwimiet dwar l-arretrati skont il-Konvenzjoni u r-Regolament

811. It-tilwimiet dwar l-arretrati jinqalgħu meta debitur jallega li l-arretrati huma skorretti minħabba li jkun għamel pagamenti li ma jkunux ġew ikkunsidrati fil-kalkolazzjoni tal-arretrati mill-aġenzija tal-infurzar. Jista' jkun hemm ukoll tilwima dwar l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni (pereżempju rigward id-data tal-bidu jew tal-waqfien għall-pagamenti skont id-deċiżjoni) jew jekk id-debitur jallega li huwa intitolat għal tnaqqis fil-manteniment, pereżempju, minħabba li l-manteniment ma għadux dovut għal wieħed jew waħda mill-ulied.

812. Meta d-debitur jikkontesta arretrati li kienu Parti mill-applikazzjoni inizjali għar-rikonoxximent u l-infuzar, l-awtorità tal-infurzar għandha tivverifika jekk l-istess kwistjoni kinitx tqajmet diġà qabel mid-debitur. Skont l-Artikolu 23(8) tal-Konvenzjoni, il-konvenut jista' jikkontesta jew jappella mir-rikonoxximent jew mir-rikonoxximent u l-infurzar jekk huwa jemmen li d-dejn kien issodisfat jew tħallas. Jekk l-arretrati kienu kkontestati diġà qabel u nstabu li kienu korretti, għajr f'ċirkostanzi mhux tas-soltu, id-debitur ma jistax jerġa' jqajjem l-istess kwistjoni fil-proċeduri tal-infurzar fir-rigward ta' dawk l-arretrati, għalkemm debitur jista' jikkontesta l-kalkolazzjoni ta' arretrati oħrajn.

813. Xi kwistjonijiet dwar l-arretrati jkunu jeħtieġu kontribut mill-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew mill-kreditur. Jekk tkun trid tinkiseb informazzjoni, l-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti responsabbli mill-infurzar għandha tagħmel kuntatt mal-Awtorità

Ċentrali jew mal-awtorità kompetenti fl-Istat l-ieħor u titlob l-informazzjoni jew id-dokumenti meħtieġa.[413]

814. Jekk l-informazzjoni ma tasalx u allura l-infurzar ma jkunx jista' jipproċedi, tkun trid issir talba oħra. Għalkemm l-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha ***tliet xhur*** skont il-Konvenzjoni u ***90 jum*** skont ir-Regolament sabiex twieġeb u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa u l-infurzar jista' jitwaqqaf jekk il-materjal jibqa' ma jasalx, dan għandu jsir biss meta l-infurzar ulterjuri jkun impossibbli jew mhux prattiku. F'ħafna każijiet, xorta waħda jkun possibbli li l-manteniment li jifdal jiġi infurzat skont id-deċiżjoni, waqt li jkunu qegħdin jiġu ddeterminati l-arretrati.

**Prattika tajba:** Meta jkun hemm tilwima li tikkonċerna porzjon tal-arretrati, l-arretrati (mhux ikkontestati) li jifdal u l-manteniment kontinwu għandhom xorta waħda jiġu infurzati, waqt li t-tilwima tkun qiegħda tiġi riżolta.

## 5. Ir-rikonċiljazzjoni tal-kontijiet skont il-Konvenzjoni u r-Regolament – kwistjonijiet relatati mal-konverżjoni tal-valuta

815. Wieħed mill-aktar aspetti li joffru sfida fl-infurzar internazzjonali tal-obbligi għal manteniment huwa r-rikonċiljazzjoni tar-rekords tal-ħlas tal-Istat rikjedenti ma' dawk tal-Istat tal-infurzar, bil-għan li jiġu ddeterminati b'mod preċiż l-arretrati tal-manteniment. Din tista' tkun kwistjoni sinjifikanti meta d-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi infurzata tkun deċiżjoni barranija u l-ammonti tal-manteniment imsemmija fid-deċiżjoni jiġu ddikjarati f'munita differenti minn dik użata fl-Istat responsabbli għall-infurzar. F'ħafna Stati, bil-għan li tiġi infurzata d-deċiżjoni, l-ammonti tal-manteniment ikunu jridu jiġu kkonvertiti mill-munita użata fid-deċiżjoni għal ammont ekwivalenti fil-munita tal-Istat tal-infurzar. Id-debitur imbagħad jiġi rrakkomandat sabiex iħallas l-ammont li kien ikkonvertit għall-munita lokali.

816. Ir-regoli li jirregolaw din il-konverżjoni (id-data tal-konverżjoni, ir-rata tal-kambju użata, jekk ir-rata tal-kambju tistax tiġi aġġornata u l-bqija) għandhom ikunu dawk tal-Istat li huwa responsabbli għall-infurzar. F'ħafna Stati, ma jeżisti ebda mekkaniżmu (fil-liġi jew fil-prattika) li jbiddel din il-konverżjoni tal-munita ladarba tkun saret, għalhekk, ir-rekords tal-Istat rikjest (tal-infurzar) u tal-Istat rikjedenti sejrin ikunu differenti minħabba li r-rata tal-kambju tvarja matul iż-żmien.[414]

817. Minbarra l-konverżjoni tal-ammont ta' manteniment dovut mill-munita tad-deċiżjoni għall-munita tad-debitur, kwalunkwe pagamenti magħmula mid-debitur għandhom jiġu kkonvertiti wkoll għall-munita tal-kreditur. Meta r-rata tal-kambju tvarja, dan jista' jwassal għal differenzi bejn l-ammonti dovuti kif ikkalkolati fuq il-kotba ta' kull Stat.

**Rikonċiljazzjoni tal-kontijiet: Eżempju**
F'Diċembru 2010 ittieħdet deċiżjoni dwar il-manteniment fl-Awstralja li stabbilixxiet il-manteniment tat-tfal fix-xahar għal $400 AU. Id-deċiżjoni ntbagħtet lill-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tiġi infurzata. F'dak iż-żmien, din is-somma ġiet ikkonvertita għal €237.65 u d-debitur kien irrakkomandat li jħallas dak l-ammont kull xahar.

Madankollu, sa Diċembru 2012, $400 AU kienu konvertiti għal €202.56 biss. Ir-rekords tal-Awstralja sejrin ikomplu juru l-ammont ta' $400 AU fix-xahar, filwaqt li r-rekords tal-Pajjiżi l-Baxxi jkomplu juru l-ammont ta' €237.65 fix-xahar, jekk ir-rata tal-kambju ma ġietx aġġornata. Din is-sitwazzjoni tista' toħloq "ħlas eċċessiv" ta' €35 fix-xahar jekk id-debitur ikompli jħallas kif kien irrakkomandat oriġinarjament.

---

[413] Skont il-liġi domestika fi [Isem l-Istat] […].
[414] Ara, *supra*, in-nota 406 u *ibid*.

818. Ma teżisti ebda riżoluzzjoni sempliċi għal din il-kwistjoni. Tali kwistjoni la hija indirizzata mill-Konvenzjoni u lanqas mir-Regolament. Jekk ir-rekords tal-Istat li huwa responsabbli għall-infurzar jistgħux jiġu aġġornati perjodikament sabiex jaqblu ma' dawk tal-Istat rikjedenti ser ikun jiddependi fuq il-liġi u l-prattika tal-Istat tal-infurzar. Xi Stati jistgħu jbiddlu r-rekords tagħhom b'mod amministrattiv; fi Stati oħrajn, dan la huwa permess u lanqas prattiku.

819. Madankollu, huwa importanti li jiġi mfakkar li kwalunkwe konverżjoni tal-ammont ta' manteniment f'munita differenti la timmodifika u lanqas tvarja d-deċiżjoni sottostanti. Id-debitur ikompli jirrispetta l-ammont stipulat fid-deċiżjoni oriġinali dwar il-manteniment. Id-dejn tal-manteniment ma jitħallasx b'mod sħiħ sakemm jitħallas l-ammont sħiħ dovut fil-munita kif stipulat fid-deċiżjoni dwar il-manteniment. Li kieku d-debitur kellu jirritorna lejn l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, l-ammont dovut ikun irid jiġi kkalkolat bl-użu tal-munita tal-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni fl-Istat barrani jista' jkun limitat mill-konverżjoni tal-munita.

820. L-isfidi mqajma mill-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju jenfasizzaw il-ħtieġa għal komunikazzjonijiet kontinwi bejn l-Istati rikjesti u rikjedenti. Huwa importanti immens li l-Istati jżommu lil xulxin informati dwar kif ġew ikkalkolati l-arretrati u dwar kwalunkwe regoli domestiċi li jirregolaw dik il-kalkolazzjoni. L-Istat rikjedenti jista' jkollu bżonn ukoll jassisti lill-applikant sabiex jikseb kwalunkwe dokumenti jew deċiżjonijiet addizzjonali li jikkonfermaw l-arretrati pendenti, jekk dawn ikunu meħtieġa mill-Istat tal-infurzar sabiex jiġġustifika l-ġbir tal-arretrati li jkunu akkumulaw bħala riżultat tal-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju.

821. Għal informazzjoni dwar l-aġġustament transkonfinali tal-ammonti ta' manteniment abbażi ta' kunsiderazzjoni tal-Parità tal-Kapaċità tal-Akkwist, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, il-Parti II, it-taqsima X.

# VII. Materjal addizzjonali

## *A. Pariri prattiċi*

- F'xi każijiet, it-twettiq ta' kuntatt mad-debitur mal-ewwel opportunità possibbli sabiex jinkisbu pagamenti volontarji għandu jkun l-aktar mod effiċjenti kif jiġi żgurat li l-pagamenti jibdew jintbagħtu lill-kreditur u lit-tfal. Madankollu, huwa importanti li wieħed jiftakar li l-passi kollha għall-infurzar tad-deċiżjoni, kemm jekk permezz ta' konformità volontarja jew inkella permezz ta' miżuri ta' infurzar, għandhom jittieħdu mingħajr dewmien u bil-għan li jiġi żgurat li l-pagamenti jsiru fil-ħin u b'konformità mad-deċiżjoni.
- Huwa importanti li kwalunkwe informazzjoni ġdida li jista' jkollu l-kreditur dwar l-assi jew id-dħul tad-debitur tiġi kkomunikata mingħajr dewmien, permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati involuti, lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-infurzar. Dan għandu jgħin lil dik l-awtorità fl-infurzar tad-deċiżjoni.
- Il-Formola dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-Konvenzjoni tipprovdi mod sempliċi għall-awtorità kompetenti fl-Istat li jinforza deċiżjoni sabiex iżżomm lill-Istat rikjedenti nnotifikat bl-iżviluppi. Minbarra n-notifika tal-miżuri ġodda mibdija, jistgħu jiġu inklużi wkoll rekord jew lista ta' pagamenti rċevuti mill-aġenzija tal-infurzar. Dan għandu jgħin lill-Istat rikjedenti fir-rikonċiljazzjoni tar-rekords tiegħu u fl-aġġornament ta' kwalunkwe bilanċi tal-arretrati.
- Meta jiġu involuti l-aġenziji tal-infurzar fl-Istati rikjesti u rikjedenti, il-komunikazzjoni frekwenti bejn dawk l-aġenziji żżid il-probabbiltà li l-infurzar tad-deċiżjoni jkun suċċess. F'xi każijiet, jista' jkun prudenti li l-infurzar jinbeda fiż-żewġ Stati bil-għan li jiġi żgurat li d-dħul u l-assi kollha jiġu interkonnessi kif xieraq.[415]

[415] Fi [Isem l-Istat] [...].

## B. Artikoli Rilevanti

*Il-Konvenzjoni tal-2007:*

L-Artikolu 6(2) *e*) u *f)*
L-Artikolu 12(9)
L-Artikolu 32
L-Artikolu 33
L-Artikolu 34
L-Artikolu 35

*Ir-Regolament tal-2009:*

L-Artikoli 16-43
L-Artikolu 51(2) *e*) u *f)*
L-Artikolu 58(9)

## Ċ. Kapitoli relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3 – Materji ta' applikazzjoni ġenerali: Il-Konvenzjoni tal-2007 u r-Regolament tal-2009
Ara l-Kapitolu 7 – Il-Konvenzjoni tal-2007: L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u t-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u l-infurzar
Ara l-Kapitolu 8 – Ir-Regolament tal-2009: L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali u tat-talbiet diretti għar-rikonoxximent jew għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà
Ara l-Kapitolu 9 – L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jidħlu għall-infurzar tad-deċiżjonijiet meħuda jew rikonoxxuti fl-Istat rikjest skont il-Konvenzjoni tal-2007 jew ir-Regolament tal-2009

# VIII. Mistoqsijiet Frekwenti

*X'passi sejjer / għandu jieħu Stat skont il-Konvenzjoni jew ir-Regolament sabiex jinforza deċiżjoni?*

822. Dan jiddependi fuq l-Istat fejn tiġi infurzata d-deċiżjoni. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi lista ta' miżuri rrakkomandati, iżda dawn mhux kollha jkunu disponibbli f'kull Stat Kontraenti, tant li xi Stati jistgħu jużaw miżuri oħrajn. Ir-Regolament iħalli din il-kwistjoni kompletament għal-liġi domestika. Bħala minimu, l-Istat tal-infurzar għandu juża l-istess miżuri għall-infurzar tad-deċiżjonijiet barranin li juża għad-deċiżjonijiet domestiċi. X'passi jittieħdu jiddependi wkoll fuq jekk it-tentattivi li jsiru sabiex iħeġġu lid-debitur jikkonforma volontarjament mad-deċiżjoni jkunux ta' suċċess.

*Kif għandhom jintbagħtu l-pagamenti lill-applikant?*

823. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-pagamenti li jsiru mid-debitur jintbagħtu lill-awtorità tal-infurzar fl-Istat fejn ikun qiegħed iseħħ l-infurzar.[416] Dik l-awtorità tibgħathom direttament lill-kreditur jew inkella lill-Awtorità Ċentrali jew lill-awtorità tal-infurzar fl-Istat fejn jirrisjedi l-kreditur. Il-formola ta' applikazzjoni inizjali (pereżempju l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew għal Rikonoxximent u Infurzar) tinkludi dispożizzjonijiet għall-kreditur sabiex jindika fejn għandhom jintbagħtu l-pagamenti.

*Kemm irid jgħaddi żmien qabel ma kreditur jibda jirċievi l-pagamenti?*

824. Dan jiddependi fuq numru ta' fatturi. Jiddependi fuq jekk id-debitur iħallasx volontarjament jew jekk ikunx hemm bżonn li jinbdew azzjonijiet ta' infurzar. Dan il-proċess jieħu wkoll aktar żmien jekk ikunu jridu jsiru tfittxijiet sabiex jinstab id-debitur jew għal-lokalizzazzjoni tad-dħul jew tal-assi tad-debitur.

---

[416] Ara *supra*, in-nota 404.